**JEKK JOGĦĠBOK AQRA T-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET TAL-FTEHIM TAL-LIĊENZJA TAL-APPLE DEVELOPER PROGRAM LI ĠEJJIN QABEL MA TNIŻŻEL JEW TUŻA S-SOFTWARE JEW IS-SERVIZZI TA' APPLE. DAWN IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET JIKKOSTITWIXXU FTEHIM LEGALI BEJNEK U BEJN APPLE.**

# Ftehim tal-Liċenzja tal-Apple Developer Program

## Għan

Inti tixtieq tuża s-Software ta' Apple (kif definit hawn taħt) biex tiżviluppa Applikazzjoni jew aktar minn waħda (kif definiti hawn taħt) għal prodotti tad-ditta Apple. Apple hija lesta li tagħtik liċenzja limitata biex tuża s-Software u s-Servizzi ta' Apple pprovduti lilek taħt dan il-Programm biex tiżviluppa u tittestja l-Applikazzjonijiet tiegħek skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Ftehim.

L-Applikazzjonijiet żviluppati skont dan il-Ftehim għal iOS, iPadOS, macOS, tvOS, visionOS, u watchOS jistgħu jiġu ddistribwiti: (1) permezz tal-App Store, jekk jintgħażlu minn Apple, (2) fuq bażi limitata għall-użu fuq Apparati Reġistrati (kif definiti hawn taħt), u (3) għall-ittestjar beta permezz ta' TestFlight. L-Applikazzjonijiet żviluppati għal iOS, iPadOS, macOS, u tvOS jistgħu wkoll jiġu ddistribwiti permezz tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, jekk jintgħażlu minn Apple. L-Applikazzjonijiet żviluppati għal macOS jistgħu wkoll jiġu ddistribwiti b'mod separat kif deskritt f'dan il-Ftehim.

Applikazzjonijiet li jissodisfaw ir-Rekwiżiti tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm ta' Apple jistgħu jiġu sottomessi għall-konsiderazzjoni minn Apple għal distribuzzjoni permezz tal-App Store, tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, jew għal ittestjar beta permezz ta' TestFlight. Jekk sottomessi minnek u magħżula minn Apple, l-Applikazzjonijiet tiegħek se jiġu ffirmati b'mod diġitali minn Apple u ddistribwiti, kif applikabbli. Id-distribuzzjoni ta' Applikazzjonijiet b'xejn (bla ħlas) (inklużi dawk li jużaw l-In-App Purchase API għall-kunsinna ta' kontenut b'xejn) permezz tal-App Store jew tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati se tkun soġġetta għat-termini tad-distribuzzjoni li jinsabu fl-Iskeda 1 ta' dan il-Ftehim. Jekk tixtieq tiddistribwixxi Applikazzjonijiet li għalihom se titlob ħlas jew tixtieq tuża l-In-App Purchase API għall-kunsinna ta' kontenut ibbażat fuq ħlas, trid tidħol fi ftehim separat ma' Apple ("Skeda 2"). Jekk tixtieq tiddistribwixxi Applikazzjonijiet bi ħlas permezz tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, trid tidħol fi ftehim separat ma' Apple ("Skeda 3"). Taħt dan il-Ftehim tista' wkoll toħloq Passes (kif definiti hawn taħt) għall-użu fuq iOS jew watchOS u tqassam tali Passes għall-użu minn Wallet.

## 1. Aċċettazzjoni ta' dan il-Ftehim; Definizzjonijiet

### 1.1 Aċċettazzjoni

Sabiex tuża s-Software u s-Servizzi ta' Apple, Inti l-ewwel trid taċċetta dan il-Ftehim. Jekk ma taċċettax jew ma tistax taċċetta dan il-Ftehim, m'għandekx permess tuża s-Software jew is-Servizzi ta' Apple. F'dak il-każ, m'għandekx tniżżel jew tuża s-Software jew is-Servizzi ta' Apple. Int taċċetta u taqbel mat-termini ta' dan il-Ftehim f'ismek stess u/jew f'isem il-kumpanija tiegħek, l-organizzazzjoni tiegħek, l-istituzzjoni edukattiva, jew l-aġenzija, l-istrumentalità jew id-dipartiment tal-gvern federali tiegħek bħala r-rappreżentant legali awtorizzat tiegħu/tagħha, billi tagħmel waħda minn dawn li ġej:
(a) timmarka l-kaxxa murija fit-tmiem ta' dan il-Ftehim jekk qed taqra dan fuq is-sit elettroniku ta' Apple; jew
(b) tikklikkja fuq "Naqbel" jew buttuna simili, fejn din l-għażla hija pprovduta minn Apple.

## 1.2 Definizzjonijiet

Kull meta jkun/tkun kapitalizzat/a f'dan il-Ftehim:

"**Estensjoni tat-Trasport tad-Dejta tal-Aċċessorju**" tfisser estensjoni li tkun parti mill-Applikazzjoni Tiegħek, u li l-għan waħdani tagħha jkun li taqsam b'mod sigur l-informazzjoni direttament bejn apparat tad-ditta ta' Apple ta' utent aħħari u Aċċessorju tal-Wi-Fi fil-Mira Awtorizzat.

"**Ad Network APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li jipprovdu mod kif tiġi vvalidata l-konverżjoni b'suċċess ta' kampanji ta' reklamar fuq prodotti appoġġjati tad-ditta Apple bl-użu ta' kombinazzjoni ta' firem kriptografiċi u proċess ta' reġistrazzjoni ma' Apple.

"**Ad Support APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li jipprovdu l-Identifikatur tar-Reklamar u l-Preferenza tat-Traċċar.

"**Adapter**" tfisser adapter tal-mudell li jirfina l-mudell aċċessat mill-Qafas Foundation Models għal skop permess mir-Rekwiżiti tal-Użu Aċċettabbli tal-Qafas Foundation Models.

"**Identifikatur tar-Reklamar**" tfisser identifikatur uniku, mhux personali, mhux permanenti pprovdut permezz tal-Ad Support APIs li huma assoċjati ma' apparat partikolari tad-ditta Apple u li għandhom jiġu użati biss għal skopijiet ta' reklamar, sakemm ma jkunx espressament approvat bil-miktub b'mod ieħor minn Apple.

"**Ftehim**" tfisser dan il-Ftehim ta' Liċenzja tal-Apple Developer Program, inkluż kwalunkwe anness, Skeda 1 u kwalunkwe dokument ta' evidenza relatat miegħu li huwa inkorporat hawnhekk b'din ir-referenza. Għaċ-ċarezza, dan il-Ftehim jissostitwixxi l-Ftehim tal-Liċenzja tal-Programm għall-Iżviluppaturi tal-iOS (inkluż kwalunkwe anness, Skeda 1 u kwalunkwe dokument ta' evidenza relatat miegħu), il-Ftehim tal-Iffirmar Diġitali tal-Estensjonijiet ta' Safari, il-Ftehim ta' Sottomissjoni tal-Gallerija tal-Estensjonijiet ta' Safari, u l-Ftehim tal-Liċenzja tal-Programm għall-Iżviluppaturi tal-Mac.

"**App Intents**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu lill-Applikazzjoni tiegħek taċċessa dominji tal-intent tal-app u funzjonalitajiet oħrajn relatati, u biex jiżvelaw intents tal-app, shortcuts tal-app, entitajiet tal-app, donazzjonijiet, u implimentazzjonijiet oħrajn relatati.

"**App Store**" tfisser store elettroniku u l-istorefronts tiegħu bil-marka tad-ditta ta', taħt il-proprjetà ta', u/jew ikkontrollati minn Apple, jew Sussidjarja ta' Apple jew affiljat ieħor ta' Apple, li permezz tiegħu jistgħu jiġu akkwistati Applikazzjonijiet Liċenzjati. Jeżisti App Store għal kull wieħed minn dawn li ġejjin: iOS, iPadOS, macOS, tvOS, visionOS, u watchOS.

"**App Store Connect**" tfisser l-għodda proprjetarja ta' Apple għall-ġestjoni tal-kontenut online għall-Applikazzjonijiet.

"**Apple**" tfisser Apple Inc., korporazzjoni ta' California bil-post prinċipali tan-negozju tagħha f'One Apple Park Way, Cupertino, California 95014, l-Istati Uniti tal-Amerka.

"**Ċertifikati ta' Apple**" jew "**Ċertifikati**" tfisser iċ-ċertifikati diġitali maħruġa minn Apple pprovduti lilek minn Apple taħt il-Programm.

"**Apple Maps Server API**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettulek iżżid karatteristiċi jew funzjonalità ta' mmappjar minn server għal server mal-Applikazzjonijiet tiegħek, siti elettroniċi jew applikazzjonijiet tal-web.

"**Servizz tal-Mapep ta' Apple**" tfisser il-pjattaforma tal-immappjar u d-Dejta tal-Mapep ipprovduta minn Apple permezz tal-MapKit API u/jew l-Apple Maps Server API; id-Dejta tal-Mapep ipprovduta minn Apple li tintuża jew tinwera fil-pjattaforma tal-immappjar; u/jew il-pjattaforma tal-immappjar u d-Dejta tal-Mapep ipprovduti minn Apple permezz tal-MapKit JS, u għodod relatati biex tirreġistra l-kontenut tal-mapep (eż., MapSnapshotter). Is-Servizz tal-Mapep ta' Apple qiegħed biex jintuża minnek b'rabta mal-Applikazzjonijiet, is-siti elettroniċi, jew l-applikazzjonijiet tal-web tiegħek biss.

"**Apple Music Feed API**" tfisser il-feed tad-dejta li fiha l-metadata għall-albums, il-kanzunetti, u l-artisti minn Apple Music.

"**Kontenut tal-Feed ta' Apple Music**" tfisser il-previżjonijiet tal-arti tal-albums, tal-kanzunetti u tal-vidjows tal-mużika pprovduti minn Apple u mwassla permezz tal-Apple Music Feed API.

"**Apple Pay APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu lill-utenti aħħarin jibagħtu informazzjoni tal-pagament li jkunu ħażnu fuq prodott appoġġjat tad-ditta Apple lil Applikazzjoni jew Prodott Korrispondenti biex tintuża fi tranżazzjonijiet ta' pagamenti magħmula minn jew permezz tal-Applikazzjoni jew ta' Prodott Korrispondenti, u tinkludi funzjonalità oħra relatata mal-pagamenti kif deskritt fid-Dokumentazzjoni.

"**Apple Pay Payload**" tfisser pakkett tad-dejta tal-klijenti mgħoddi mis-Software ta' Apple u mill-Apple Pay APIs bħala parti minn tranżazzjoni ta' pagament (eż. isem, email, indirizz tal-kontijiet, indirizz fejn jintbagħat u numru tal-kont tal-apparat).

"**Servizz ta' Notifika Push ta' Apple**" jew "**APN**" tfisser is-servizz tan-Notifiki Push ta' Apple li Apple tista' tipprovdilek biex tkun tista' tittrażmetti Notifiki Push lill-Applikazzjoni tiegħek jew permezz tal-Protokoll tal-MDM jew għall-użu kif permess mod ieħor hawnhekk.

"**APN API**" tfisser l-API Dokumentata li tippermettilek tuża l-APN biex tibgħat Notifika Push lill-Applikazzjoni tiegħek jew għall-użu kif permess mod ieħor hawnhekk.

"**Servizzi ta' Apple**" jew "**Servizzi**" tfisser is-servizzi tal-iżviluppatur li Apple tista' tipprovdi jew tagħmel disponibbli permezz tas-Software ta' Apple jew bħala parti mill-Programm għall-użu mal-Prodotti Koperti tiegħek, il-Prodotti Korrispondenti, jew l-iżvilupp, inkluż kwalunkwe Aġġornament għalihom (jekk ikun hemm) li jista' jiġi pprovdut lilek minn Apple taħt il-Programm.

"**Software ta' Apple**" tfisser l-Apple SDKs, iOS, watchOS, tvOS, iPadOS, visionOS, u/jew macOS, il-Profili tal-Provvediment, FPS SDK, il-Pakkett ta' Implimentazzjoni FPS, u kwalunkwe software ieħor li Apple tipprovdilek taħt il-Programm, inkluż kwalunkwe Aġġornament tiegħu (jekk ikun hemm) li jista' jiġi pprovdut lilek minn Apple taħt il-Programm.

"**Apple SDKs**" tfisser il-Kits ta' Żvilupp tas-Software (SDKs, Software Development Kits) li jappartjenu lil Apple ipprovduti hawn taħt, inklużi iżda mhux limitati għal fajls ta' header, APIs, libreriji, simulaturi, u software (kodiċi tas-sors u kodiċi tal-oġġett) ittikkettati bħala parti minn iOS, watchOS, tvOS, iPadOS, visionOS, jew Mac SDK u inklużi fil-pakkett tal-Għodod tal-Iżviluppatur Xcode u Swift Playgrounds għall-finijiet li jkollhom fil-mira tagħhom prodotti tad-ditta Apple li jħaddmu iOS, watchOS, tvOS, iPadOS, visionOS, u/jew macOS, rispettivament.

"**Sussidjarja ta' Apple**" tfisser korporazzjoni li mill-inqas ħamsin fil-mija (50%) tal-ishma jew tat-titoli pendenti tagħha (li jirrappreżentaw id-dritt tal-vot għall-elezzjoni tad-diretturi jew awtorità maniġerjali oħra) jappartjenu lil jew huma kkontrollati, direttament jew indirettament, minn Apple, u li hija involuta fl-operat ta' jew affiljata b'xi mod ieħor mal-App Store, id-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, TestFlight, u kif imsemmi mod ieħor hawnhekk (eż., Anness 4).

"**Dejta tat-Temp ta' Apple**" tfisser kwalunkwe kontenut, dejta jew informazzjoni pprovduta permezz tal-WeatherKit APIs, inklużi, iżda mhux limitati għal, Twissijiet tat-Temp, tbassir ġenerali u dejta oħra dwar it-temp.

"**Liġijiet Ewropej Applikabbli**" tfisser, bil-mod kif jistgħu japplikaw għal kwalunkwe parti, kwalunkwe liġi tal-UE jew liġi ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE, f'kull każ, kif emendata, estiża jew ippromulgata mill-ġdid, inklużi l-atti ta' implimentazzjoni kollha li jsiru minn żmien għal żmien, skont kif jirrelataw, jew skont kif inhu ddikjarat li jirrelataw, mar-Relazzjoni Ewropea. Dan jinkludi, mingħajr limitazzjoni, regolamenti kif ukoll trattati.

"**Applikazzjoni**" tfisser programm wieħed jew aktar tas-software (inklużi estensjonijiet, media, u Libreriji li huma magħluqa f'pakkett ta' software wieħed) żviluppati minnek f'konformità mad-Dokumentazzjoni u r-Rekwiżiti tal-Programm, għad-distribuzzjoni taħt it-trademark jew il-marka tiegħek stess, u għal użu speċifiku ma' prodott tad-ditta Apple li jħaddem iOS, iPadOS, macOS, tvOS, visionOS, jew watchOS, kif applikabbli, inklużi bug fixes, aġġornamenti, upgrades, modifiki, titjib, supplimenti għal, reviżjonijiet, ħarġiet ġodda u verżjonijiet ġodda ta' tali programmi tas-software.

"**Żviluppaturi Awtorizzati**" tfisser l-impjegati u l-kuntratturi tiegħek, il-membri tal-organizzazzjoni tiegħek jew, jekk Inti istituzzjoni edukattiva, il-fakultà tiegħek, il-persunal, u Żviluppaturi Studenti Awtorizzati, li (a) kull wieħed u waħda minnhom għandhom kont tal-Iżviluppatur ta' Apple attiv u validu ma' Apple, (b) għandhom ħtieġa dimostrabbli li jkunu jafu jew jużaw is-Software ta' Apple sabiex jiżviluppaw u jittestjaw Prodotti Koperti jew Prodotti Korrispondenti, u (c) sal-punt li tali individwi se jkollhom aċċess għal Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple, kull wieħed u waħda minnhom ikollhom ftehim bil-miktub u vinkolanti miegħek biex jipproteġu l-użu mhux awtorizzat u l-iżvelar ta' tali Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple.

"**Żviluppaturi Studenti Awtorizzati**" tfisser l-istudenti tiegħek, jekk Inti università, li jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti biex ikunu Żviluppaturi Awtorizzati.

"**Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati**" tfisser unitajiet ta' hardware tad-ditta Apple li huma proprjetà tiegħek jew ikkontrollati minnek li ġew iddeżinjati minnek għall-finijiet tal-ittestjar u l-iżvilupp tiegħek skont dan il-Programm, u jekk tagħtihom permess, unitajiet ta' hardware tad-ditta Apple li huma proprjetà tal-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek jew ikkontrollati minnhom sakemm dawn l-unitajiet jintużaw għal finijiet ta' ttestjar u żvilupp f'ismek, jew, jekk Inti università, unitajiet ta' hardware tad-ditta Apple li huma proprjetà tiegħek jew ikkontrollati minnek u l-Iżviluppaturi Studenti Awtorizzati tiegħek li jiġu ddeżinjati minnek għal finijiet edukattivi, u biss kif permess skont dan t'hawn taħt.

"**Aċċessorju tal-Wi-Fi fil-Mira Awtorizzat**" ifisser aċċessorju li kapaċi jaqbad direttament mal-Wi-Fi, u li utent aħħari jkun awtorizza b'mod espliċitu l-Applikazzjoni Tiegħek fuq l-apparat tad-ditta ta' Apple tiegħu biex tagħmel akkoppjament miegħu b'mod sigur u taqsam l-Informazzjoni tal-Kondiviżjoni tan-Network tal-Wi-Fi miegħu.

"**Qafas Background Assets**" tfisser l-APIs Dokumentati li jipprovdu Applikazzjonijiet bl-abbiltà li jwettqu operazzjonijiet ta' tniżżil fl-isfond qabel l-ewwel tnedija tal-Applikazzjoni mill-utent u fi drabi oħra wara l-ewwel tnedija.

"**Beta Testers**" tfisser utenti aħħarin li Inti stedint biex jirreġistraw għal TestFlight sabiex jittestjaw verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tal-Applikazzjoni tiegħek u li aċċettaw it-termini u l-kundizzjonijiet tal-Applikazzjoni tat-TestFlight.

"**ClassKit APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettulek tibgħat dejta dwar il-progress tal-istudenti għal użu f'ambjent immexxi minn skola.

"**CloudKit APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu lill-Applikazzjonijiet tiegħek, is-Software tal-Web, u/jew lill-utenti aħħarin tiegħek (jekk Inti tippermettilhom) jaqraw, jiktbu, jagħmlu mistoqsijiet dwar u/jew jirkupraw dejta strutturata minn kontenituri pubbliċi u/jew privati f'iCloud.

"**Profil(i) ta'Konfigurazzjoni**" tfisser fajl XML li jippermettilek tqassam informazzjoni dwar il-konfigurazzjoni (eż. settings tal-VPN jew tal-Wi-Fi) u restrizzjonijiet fuq il-karatteristiċi ta' apparat (eż. id-diżattivazzjoni tal-kamera) għal prodotti kompatibbli tad-ditta Apple permezz ta' Apple Configurator jew għodod ta' software tad-ditta Apple oħra simili, email, paġna web, jew implimentazzjoni b'mod remot (over-the-air deployment), jew permezz tal-Ġestjoni tal-Apparat Mobbli (MDM, Mobile Device Management).

"**Prodott Korrispondenti**" tfisser is-sit elettroniku, l-applikazzjoni tal-web, jew verżjoni oħra tal-applikazzjoni tas-software tiegħek.

"**Prodotti Koperti**" tfisser l-Applikazzjonijiet tiegħek, Libreriji, Passes, Estensjonijiet ta' Safari, Notifiki Push ta' Safari, u/jew implimentazzjonijiet tal-FPS żviluppati taħt dan il-Ftehim.

"**Critical Messaging API**" tfisser l-API Dokumentat li jippermetti lill-Applikazzjoni tiegħek tibgħat il-messaġġi permezz ta' SMS għal sitwazzjonijiet kritiċi.

"**Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati**" tfisser il-funzjonalità tal-istore jew tal-istorefront li tippermetti lill-utenti jiksbu Applikazzjonijiet Liċenzjati permezz tal-użu ta' Apple Business Manager, Apple School Manager, jew kif permess mod ieħor minn Apple.

"**Declared Age Range API**" tfisser l-API Dokumentata li tippermetti lill-Applikazzjoni Tiegħek tirċievi informazzjoni dwar il-medda ta' età għal utent aħħari derivata mill-Kont ta' Apple tiegħu, jekk l-utent aħħari jew il-ġenitur jew il-kustodju tal-utent aħħari jippermettu lill-Applikazzjoni Tiegħek tirċievi d-dejta, jew fejn ikun meħtieġ bil-liġi.

"**Default Dialer APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu lil Applikazzjoni tagħmel telefonati bbażati fuq is-servizz tal-carrier meta tkun issettjata bħala l-app tad-dialing awtomatika, u taċċessa l-istorja tal-konverżazzjonijiet ta' telefonati bbażati fuq is-servizz tal-carrier magħmula f'dik l-Applikazzjoni.

"**DeviceCheck APIs**" tfisser is-sett ta' APIs, inklużi APIs min-naħa tas-server, li jippermettulek li tissettja u tfittex żewġ bits ta' dejta assoċjati ma' apparat u d-data li fiha tali bits ġew aġġornati l-aħħar.

"**Dejta tad-DeviceCheck**" tfisser id-dejta maħżuna u rritornata permezz tad-DeviceCheck APIs.

"**Dokumentazzjoni**" tfisser kwalunkwe speċifikazzjoni teknika jew oħra jew dokumentazzjoni li Apple tista' tipprovdilek għal użu b'konnessjoni mas-Software ta' Apple, mas-Servizzi ta' Apple, maċ-Ċertifikati ta' Apple, jew b'mod ieħor bħala parti mill-Programm.

"**API(s) dokumentati**" tfisser l-Interfaċċja(i) tal-Ipprogrammar tal-Applikazzjoni dokumentata minn Apple fid-Dokumentazzjoni ppubblikata ta' Apple u li jinsabu fis-Software ta' Apple.

"**EnergyKit**" tfisser l-APIs Dokumentati li jipprovdu lil Applikazzjoni l-kapaċità li tirċievi gwida u għarfien dwar l-elettriku.

"**Relazzjoni Ewropea**" tfisser ir-relazzjoni ta' Apple u/jew ta' Apple Distribution International Ltd. miegħek, kemm jekk tirriżulta minn dan il-Ftehim, mis-Software ta' Apple, mill-hardware ta' Apple jew minn xi mkien ieħor, b'rabta ma' (i) kwalunkwe Applikazzjoni, Applikazzjoni Liċenzjata u/jew Applikazzjoni Personalizzata sa fejn din tkun ikkonsenjata, jew maħsuba biex tiġi kkonsenjata, lill-utenti aħħarin permezz tal-App Store f'pajjiż jew reġjun tal-UE; u/jew (ii) kwalunkwe Applikazzjoni, Applikazzjoni Liċenzjata u/jew Applikazzjoni Personalizzata, software ieħor (inkluż iżda mhux limitat għal Prodotti Koperti u/jew Prodotti Korrispondenti) u/jew hardware mhux ta' Apple, sa fejn dawn jintużaw, jew ikunu maħsuba għall-użu, fuq apparati iOS jew ma' apparati iOS minn utenti aħħarin li jinsabu fl-UE.

"**Klejms tar-Relazzjoni Ewropea**" tfisser kwalunkwe klejm jew proċedura ta' kwalunkwe tip sal-punt (u sal-punt biss) fejn dawn ikollhom x'jaqsmu mar-Relazzjoni Ewropea, inklużi mingħajr limitazzjoni klejms kuntrattwali, klejms taħt il-Liġijiet Ewropej Applikabbli, klejms għal rimedju proviżorju, u kwalunkwe klejm mhux kuntrattwali.

"**Dejta tal-Wiċċ**" tfisser informazzjoni relatata ma' uċuħ ta' bnedmin (eż. dejta tal-forma tal-wiċċ, dejta tal-mappa tal-wiċċ, dejta tal-immudellar tal-wiċċ, koordinati tal-wiċċ jew dejta landmark tal-wiċċ, inkluża dejta minn ritratt imtella') li tinkiseb minn apparat ta' utent u/jew permezz tal-użu tas-Software ta' Apple (eż. permezz ta' ARKit, il-Camera APIs, jew il-Photo APIs), jew li hija pprovduta minn utent fi jew permezz ta' Applikazzjoni (eż. uploads għal servizz ta' analiżi tal-wiċċ).

"**FOSS**" (Free and Open Source Software - Software b'Xejn u b'Sors Miftuħ) tfisser kwalunkwe software li huwa suġġett għal termini li, bħala kundizzjoni ta' użu, ikkupjar, modifika jew distribuzzjoni mill-ġdid, jeħtieġu li tali software u/jew xogħlijiet derivattivi tiegħu jiġu żvelati jew iddistribwiti f'forma ta' kodiċi sors, li jkunu liċenzjati għall-iskop li jinħolqu xogħlijiet derivattivi, jew li jiġu ridistribwiti mingħajr ħlas, inkluż mingħajr limitazzjoni software ddistribwit taħt il-GNU General Public License jew GNU Lesser/Library GPL.

"**Rekwiżiti tal-Użu Aċċettabbli tal-Qafas Foundation Models**" tfisser ir-rekwiżiti li jinsabu fuq https://developer.apple.com/apple-intelligence/acceptable-use-requirements-for-the-foundation-models-framework, kif aġġornati minn żmien għal żmien**.**

"**Qafas Foundation Models**" tfisser l-APIs dokumentati li jippermettulek taċċessa, tipprromptja, jew b'xi mod ieħor tuża l-Qafas Foundation Models, inkluż il-mudell aċċessat mill-qafas, bi kwalunkwe mod, inkluż permezz ta' Adapter.

"**FPS**" jew "**FairPlay Streaming**" tfisser il-mekkaniżmu ta' twassil prinċipali tas-Server tal-Istrimjar ta' FairPlay ta' Apple kif deskritt fl-SDK tal-FPS.

"**Pakkett tal-Iskjerament tal-FPS**" tfisser l-ispeċifikazzjoni tal-Funzjoni D għal skjerament kummerċjali tal-FPS, l-implimentazzjoni ta' referenza tal-Funzjoni D, il-kodiċi tal-kampjun tal-FPS, u sett ta' keys uniċi tal-produzzjoni speċifikament għall-użu tiegħek b'implimentazzjoni tal-FPS, jekk ipprovduti lilek minn Apple.

"**FPS SDK**" tfisser l-ispeċifikazzjoni tal-FPS, l-implimentazzjoni ta' referenza tas-server tal-FPS, il-kodiċi tal-kampjun tal-FPS, u l-keys tal-iżvilupp tal-FPS, kif ipprovduti lilek minn Apple.

"**Game Center**" tfisser is-servizz tal-komunità tal-logħob u l-APIs relatati pprovduti minn Apple biex jintużaw minnek b'konnessjoni mal-Applikazzjonijiet tiegħek li huma assoċjati mal-kont tiegħek bħala żviluppatur.

“**HealthKit APIs**” tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu l-qari, il-kitba, il-mistoqsijiet u/jew l-irkupru ta’ informazzjoni dwar is-saħħa u/jew l-fitness ta’ utent aħħari fl-applikazzjoni tas-Saħħa ta’ Apple.

“**Protokoll tal-Aċċessorji tal-HomeKit**” tfisser il-protokoll proprjetarju liċenzjat minn Apple taħt il-Programm MFi li jippermetti aċċessorji tad-dar imfassla biex jaħdmu mal-HomeKit APIs (eż. dwal, serraturi) biex jikkomunikaw ma’ prodotti kompatibbli tad-ditta Apple.

“**HomeKit APIs**” tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu l-qari, il-kitba, il-mistoqsijiet u/jew l-irkupru tal-konfigurazzjoni tad-dar ta’ utent aħħari jew ta’ informazzjoni dwar l-awtomazzjoni tad-dar miż-żona magħżula ta’ dak l-utent aħħari tal-Bażi tad-Dejta tal-HomeKit ta’ Apple.

“**Bażi tad-Dejta tal-HomeKit**” tfisser ir-repożitorju ta’ Apple għall-ħażna u l-ġestjoni ta’ informazzjoni dwar Aċċessorji tal-HomeKit Liċenzjati ta’ utent aħħari u informazzjoni assoċjata.

“**iCloud**” jew “**Servizz ta’ iCloud**” tfisser is-servizz online tal-iCloud ipprovdut minn Apple li jinkludi ħażna online remota.

“**iCloud Extended Share Access APIs**” tfisser l-APIs Dokumentati li jipprovdu lil Applikazzjoni l-kapaċità li taċċessa l-informazzjoni tal-utent aħħari, taqsam it-talbiet għall-aċċess u l-links ta’ darba.

“**iCloud Storage APIs**” tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu l-ħażna u/jew l-irkupru ta’ dokumenti ġġenerati mill-utent u fajls oħra, u li jippermettu l-ħażna u/jew l-irkupru ta’ dejta ta’ valur ewlieni (eż. lista ta’ stokks f’App tal-finanzi, settings għal App) għal Applikazzjonijiet u Software tal-Web permezz tal-użu tal-iCloud.

“**ID Verifier APIs**” tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu lilek u/jew lin-Negozjanti tivverifikaw l-informazzjoni dwar l-età jew dwar l-ID tal-utenti aħħarin permezz tal-użu tal-Applikazzjoni tiegħek.

“**Dejta tal-Verifikatur tal-ID**” tfisser pakkett tad-dejta tal-utenti aħħarin mgħoddi mis-Software ta’ Apple u mill-ID Verifier APIs bħala parti mill-proċess ta’ verifika tal-età jew tal-ID.

“**In-App Purchase API**” tfisser l-API Dokumentata li tippermetti li jitwasslu jew isiru disponibbli għall-użu fi ħdan Applikazzjoni kontenut, funzjonalità jew servizzi addizzjonali bi jew mingħajr ħlas addizzjonali.

“**Parti Intermedjarja**” tfisser parti li: (a) tgħaddi Apple Pay Payload ta’ utent aħħari ta’ Apple Pay lil Negozjant biex jipproċessa tali tranżazzjoni ta’ pagament ta’ utent aħħari barra minn Applikazzjoni jew Prodott Korrispondenti, jew (b) tiżviluppa u tagħmel disponibbli Applikazzjoni biex tippermetti lin-Negozjanti jwettqu tranżazzjonijiet Agħfas biex Tħallas (Tap to Pay).

“**iOS**” tfisser is-software tas-sistema operattiva iOS ipprovdut minn Apple biex jintuża minnek biss b’rabta mal-iżvilupp u l-ittestjar tal-Applikazzjoni tiegħek, inkluż kwalunkwe verżjoni suċċessiva tagħha.

“**Drittijiet tal-IP**” tfisser kwalunkwe dritt tal-awtur, trademark, dritt ta’ privatezza u pubbliċità, sigriet kummerċjali, privattiva, jew dritt ta’ proprjetà intellettwali jew dritt legali ieħor (eż. drittijiet ta’ kompożizzjoni mużikali jew ta’ rappreżentazzjoni, drittijiet tal-vidjow, drittijiet ta’ fotografija jew ta’ immaġni, drittijiet ta’ logo, drittijiet ta’ dejta ta’ partijiet terzi, eċċ.) ta’ natura simili jew korrispondenti fi kwalunkwe parti tad-dinja, kemm jekk irreġistrat kif ukoll jekk le, jew li jista’ jiġi rreġistrat jew le, u li jinkludi l-applikazzjonijiet kollha u d-dritt li tapplika għal xi wieħed minn dawn ta’ hawn fuq.

"**iPadOS**" tfisser is-software tas-sistema operattiva iPadOS ipprovdut minn Apple biex jintuża minnek biss b'rabta mal-iżvilupp u l-ittestjar tal-Applikazzjoni tiegħek, inkluż kwalunkwe verżjoni suċċessiva tagħha.

"**Protokoll tal-Aċċessorji tal-iPod**" jew "**iAP**" tfisser il-protokoll proprjetarju ta' Apple għal komunikazzjoni ma' prodotti appoġġjati tad-ditta Apple u li huwa liċenzjat taħt il-Programm MFi.

"**iWork API**" tfisser l-API Dokumentata magħrufa bħala l-"iWork Document Exporting API" li tippermetti lill-utenti aħħarin jesportaw dokumenti ta' iWork fil-format PDF fuq l-Applikazzjoni tiegħek jew il-Prodott Korrispondenti.

"**Journaling Suggestions API**" tfisser l-API Dokumentata li tippermetti displej ta' suġġerimenti għall-ġurnalar.

"**Librerija**" tfisser modulu ta' kodiċi li ma jistax jiġi installat jew esegwit separatament minn Applikazzjoni u li huwa żviluppat minnek f'konformità mar-Rekwiżiti tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm għall-użu biss ma' prodotti tad-ditta Apple.

"**Applikazzjoni Liċenzjata**" tfisser Applikazzjoni li (a) tissodisfa u tikkonforma mar-Rekwiżiti kollha tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm, u (b) ġiet magħżula u ffirmata b'mod diġitali minn Apple għad-distribuzzjoni, u tinkludi kwalunkwe funzjonalità, kontenut jew servizz permessi addizzjonali pprovduti minnek minn ġewwa Applikazzjoni bl-użu tal-In-App Purchase API.

"**Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata**" tfisser screenshots, stampi, xogħol artistiku, previżjonijiet, ikoni u/jew kwalunkwe test, deskrizzjoni, rappreżentazzjoni jew informazzjoni oħra relatata ma' Applikazzjoni Liċenzjata li Inti tipprovdi lil Apple għall-użu skont Skeda 1, jew, jekk applikabbli, Skeda 2 jew Skeda 3.

"**Aċċessorji tal-HomeKit Liċenzjati**" tfisser aċċessorji tal-hardware liċenzjati taħt il-Programm MFi li jappoġġjaw il-Protokoll tal-Aċċessorji tal-HomeKit.

"**Notifika Lokali**" tfisser messaġġ, inkluż kwalunkwe kontenut jew dejta fih, li l-Applikazzjoni tiegħek twassal lill-utenti aħħarin f'ħin determinat minn qabel jew meta l-Applikazzjoni tiegħek tkun qed taħdem fl-isfond u applikazzjoni oħra tkun qed taħdem b'mod attiv.

"**Estensjoni tas-Servizz tal-Push tal-Post**" tfisser l-estensjoni tas-software li tipprovdi lill-Applikazzjonijiet b'mod kif jiksbu aġġornamenti tal-post fuq talba permezz tan-notifiki push għall-użu mal-Core Location API f'konformità ma' dan il-Ftehim.

"**macOS**" tfisser is-software tas-sistema operattiva macOS ipprovdut minn Apple biex jintuża minnek, inkluż kwalunkwe verżjoni suċċessiva tiegħu.

"**Kont ta' Apple Ġestit**" tfisser il-Kont ta' Apple maħluq minn organizzazzjoni għal impjegat jew student biex jużah u li jkun ġestit mill-amministratur tal-IT tal-organizzazzjoni.

"**Dejta tal-Mapep**" tfisser kwalunkwe kontenut, dejta jew informazzjoni pprovduta permezz tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple inklużi, iżda mhux limitati għal, immaġni, dejta tat-terren, koordinati tal-latitudni u l-lonġitudni, dejta tat-tranżitu, punti ta' interess u dejta tat-traffiku.

"**MapKit API**" tfisser l-API Dokumentata min-naħa tal-klijent li tippermettilek iżżid karatteristiċi jew funzjonalità tal-immappjar mal-Applikazzjonijiet.

"**MapKit JS**" tfisser il-librerija tal-JavaScript li tippermettilek iżżid karatteristiċi jew funzjonalità tal-immappjar mal-Applikazzjonijiet, is-siti elettroniċi jew l-applikazzjonijiet tal-web tiegħek.

"**Prodotti Kompatibbli tal-MDM**" tfisser prodotti tas-software tas-server tal-intrapriża li jippermettu l-ġestjoni tal-prodotti tad-ditta Apple appoġġjati bl-użu tal-Protokoll tal-MDM (li Apple tista' tipprovdilek skont kif jidhrilha hi), u li l-għan primarju tagħhom huwa l-ġestjoni tal-apparat tal-intrapriża. Għal finijiet ta' ċarezza, il-prodotti li huma għall-użu tal-konsumatur jew personali huma esklużi mill-Prodotti Kompatibbli tal-MDM, ħlief kif espressament permess mod ieħor bil-miktub minn Apple.

"**Konsumatur tal-MDM**" tfisser intrapriża kummerċjali, bħal organizzazzjoni tan-negozju, istituzzjoni edukattiva, jew aġenzija tal-gvern, li hija konsumatur tal-Prodotti Kompatibbli tal-MDM tiegħek. Għal finijiet ta' ċarezza, il-Konsumaturi tal-MDM speċifikament jeskludu l-konsumaturi jew l-utenti personali, ħlief kif espressament permess mod ieħor bil-miktub minn Apple.

"**Protokoll tal-MDM**" tfisser id-dokumentazzjoni tal-protokoll proprjetarju li Apple, fuq l-għażla tagħha, tista' tipprovdilek skont dan il-Ftehim biex tippermettilek tinteraġixxi ma', timmaniġġja, tikkonfigura u tagħmel talbiet fuq prodotti tad-ditta Apple appoġġati kif espressament permess hawnhekk.

"**Negozjant**" tfisser parti li: (a) tipproċessa tranżazzjonijiet tal-ħlas ta' Apple Pay, (b) tuża t-TTP APIs biex taċċetta ħlasijiet, twettaq tranżazzjonijiet u taċċessa servizzi relatati permezz tal-Applikazzjoni tiegħek, taħt isimha, it-trademark, jew id-ditta tagħha stess (eż., isimha jidher fuq ir-rendikont tal-karta tal-kreditu tal-utent aħħari), jew (c) tuża l-ID Verifier APIs biex twettaq verifika tal-età jew tal-ID permezz tal-Applikazzjoni tiegħek.

"**Aċċessorju MFi**" tfisser apparat tal-hardware mhux tad-ditta ta' Apple li jinterfaċċja, jikkomunika, jew b'xi mod ieħor jinteropera ma' jew jikkontrolla prodott tad-ditta Apple bl-użu ta' teknoloġija liċenzjata taħt il-Programm MFi (eż. il-kapaċità li tikkontrolla prodott appoġġjat tad-ditta Apple permezz tal-Protokoll tal-Aċċessorji tal-iPod).

"**Detentur tal-Liċenzja MFi**" tfisser parti li tkun ingħatat liċenzja minn Apple taħt il-Programm MFi.

"**Programm MFi**" tfisser programm ta' Apple separat li joffri lill-iżviluppaturi, fost affarijiet oħra, liċenzja biex jinkorporaw jew jużaw ċerta teknoloġija ta' Apple fi jew ma' aċċessorji jew apparati tal-hardware għal skopijiet ta' interfaċċjar, komunikazzjoni jew inkella interoperabilità ma' prodotti magħżula tad-ditta Apple jew għall-kontroll tagħhom.

"**Ġestjoni tal-Apparat Mobbli**" (MDM, Mobile Device Management) tfisser il-funzjonalità tal-ġestjoni tal-apparat u l-APIs relatati pprovduti minn Apple li jippermettu l-ġestjoni mill-bogħod u l-konfigurazzjoni tal-prodotti tad-ditta Apple appoġġjati permezz tal-użu tal-Protokoll tal-MDM u taċ-ċertifikati diġitali maħruġa minn Apple.

"**Motion & Fitness APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li huma kkontrollati mill-issettjar tal-privatezza tal-Motion & Fitness fi prodott kompatibbli tad-ditta Apple u li jippermettu aċċess għad-dejta sensorjali tal-moviment u tal-fitness (eż. moviment tal-ġisem, għadd ta' passi, taraġ li tlajt), sakemm l-utent aħħari ma jkunx iddiżattiva l-aċċess għal tali dejta.

"**Multitasking**" tfisser il-kapaċità tal-Applikazzjonijiet li jaħdmu fl-isfond filwaqt li Applikazzjonijiet oħra jkunu qed jaħdmu wkoll.

"**MusicKit APIs**" tfisser is-sett ta' APIs li jippermettu lill-utenti ta' Apple Music jaċċessaw l-abbonament tagħhom permezz tal-Applikazzjoni tiegħek jew kif ikun permess mod ieħor minn Apple fid-Dokumentazzjoni.

"**Kontenut tal-MusicKit**" tfisser mużika, vidjow, u/jew kontenut grafiku mwassal permezz tal-MusicKit APIs.

"**MusicKit JS**" tfisser il-librerija tal-JavaScript li tippermetti lill-utenti ta' Apple Music jaċċessaw l-abbonament tagħhom permezz tal-Applikazzjonijiet, is-siti elettroniċi, jew l-applikazzjonijiet tal-web tiegħek.

"**Qafas Network Extension**" tfisser l-APIs Dokumentati li jipprovdu l-Applikazzjonijiet bl-abbiltà li jippersonalizzaw ċerti karatteristiċi tan-networking ta' prodotti kompatibbli tad-ditta Apple (eż. jippersonalizzaw il-proċess ta' awtentikazzjoni għal Wi-Fi Hotspots, għal karatteristiċi tal-VPN, u għal mekkaniżmi ta' filtrazzjoni ta'l-kontenut).

"**Now Playing APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu li jintwerew informazzjoni u metadata dwar il-media li tkun qed tissemma' f'dak il-mument fl-Applikazzjonijiet fuq il-prodotti tad-ditta Apple.

"**Pass(es)**" tfisser pass diġitali wieħed jew aktar (eż. biljetti tal-films, kupuni, vawċers ta' rigal għal-lealtà, biljetti tal-imbark, karti tas-sħubija, eċċ.) żviluppati minnek taħt dan il-Ftehim, taħt it-trademark jew taħt id-ditta tiegħek stess, u li huma ffirmati bl-ID tat-Tip tal-Pass tiegħek, jew b'xi mod ieħor żviluppati minnek skont id-Dokumentazzjoni.

"**Informazzjoni tal-Pass**" tfisser it-test, id-deskrizzjonijiet, ir-rappreżentazzjonijiet jew l-informazzjoni relatati ma' Pass li Inti tipprovdi lil jew tirċievi mingħand l-utenti aħħarin tiegħek fuq jew b'rabta ma' Pass.

"**ID tat-Tip tal-Pass**" tfisser il-kombinazzjoni ta' Ċertifikat ta' Apple u ID ta' Applikazzjoni Push li tintuża minnek biex tiffirma l-Passes tiegħek u/jew tikkomunika mal-APN.

"**Service Provider tal-Pagamenti**" tfisser fornitur li: (a) jipprovdi servizzi ta' pproċessar ta' pagamenti li jinvolvu l-ipproċessar ta' Dejta TTP għan-Negozjanti, kemm direttament kif ukoll indirettament, u (b) huwa stabbilit fid-Dokumentazzjoni.

"**Programm**" tfisser il-programm ġenerali tal-iżvilupp, l-ittestjar, l-iffirmar diġitali u d-distribuzzjoni ta' Apple kkontemplat f'dan il-Ftehim.

"**Rekwiżiti tal-Programm**" tfisser il-kriterji u rekwiżiti tekniċi, tal-interfaċċja umana, tad-disinn, il-kategorija tal-prodott, is-sigurtà, il-prestazzjoni, u kriterji u rekwiżiti oħra speċifikati minn Apple, inklużi iżda mhux limitati għas-sett attwali ta' rekwiżiti stipulati f'**Taqsima 3.3**, peress li jistgħu jiġu modifikati minn żmien għal żmien minn Apple skont dan il-Ftehim.

"**Profili ta' Provvediment**" tfisser il-fajls (inklużi drittijiet applikabbli jew identifikaturi oħra) li huma pprovduti minn Apple biex jintużaw minnek b'rabta mal-iżvilupp u l-ittestjar tal-Applikazzjoni tiegħek, u b'distribuzzjoni limitata tal-Applikazzjonijiet tiegħek għall-użu fuq Apparati Reġistrati u/jew fuq Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati.

"**ID tal-Applikazzjoni Push**" tfisser in-numru ta' identifikazzjoni uniku jew identifikatur ieħor li Apple tassenja lil Applikazzjoni, Pass jew Sit sabiex tippermettilha taċċessa u tuża l-APN, jew għall-użu mal-MDM.

"**Notifika Push**" jew "**Notifika Push ta' Safari**" tfisser notifika, inkluż kwalunkwe kontenut jew dejta fiha, li Inti tittrażmetti lill-utenti aħħarin għall-kunsinna fl-Applikazzjoni tiegħek, fil-Pass tiegħek, u/jew fil-każ ta'macOS, fuq id-desktop macOS lill-utenti tas-Sit tiegħek li għażlu li jirċievu messaġġi bħal dawn permezz ta' Safari fuq macOS, u/jew ipprovduta permezz tal-użu tal-MDM.

"**Apparati Reġistrati**" tfisser unitajiet ta' hardware tad-ditta Apple li jappartjenu lilek jew li huma kkontrollati minnek, jew li jappartjenu lil individwi li huma affiljati miegħek, fejn tali Prodotti ġew speċifikament irreġistrati ma' Apple taħt dan il-Programm.

"**Roster API**" tfisser l-API Dokumentata li tippermetti l-kondiviżjoni tad-Dejta tar-Roster tal-istudenti, l-għalliema u l-persunal minn skola, jekk l-amministratur tal-IT tal-iskola jippermetti lill-Applikazzjoni tiegħek jew lill-Prodott Korrispondenti jirċievu dik id-dejta.

"**Dejta tar-Roster**" tfisser kwalunkwe dejta tal-utent jew tokens miksuba, miġbura permezz ta', relatata ma', jew mill-użu tar-Roster API, inkluża kwalunkwe dejta li tirrelata ma' individwu identifikat jew identifikabbli, jew li hija konnessa jew tista' tiġi konnessa magħhom.

"**Estensjonijiet ta' Safari**" tfisser estensjoni waħda jew iktar tas-software żviluppati minnek taħt dan il-Ftehim għall-użu biss ma' Safari f'konformità ma' dan il-Ftehim.

"**Soluzzjoni tas-Sigurtà**" tfisser is-sistema proprjetarja ta' protezzjoni tal-kontenut ta' Apple li tiġi kummerċjalizzata bħala FairPlay u li għandha tiġi applikata għal Applikazzjonijiet Liċenzjati ddistribwiti fuq l-App Store biex jiġu amministrati r-regoli ta' użu standard ta' Apple għal Applikazzjonijiet Liċenzjati, peress li tali sistema u regoli jistgħu jiġu modifikati minn Apple minn żmien għal żmien.

"**Qafas Sensitive Content Analysis**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu lill-Applikazzjonijiet jintegraw mat-Twissija dwar is-Sikurezza tal-Komunikazzjoni u/jew mat-Twissija dwar Kontenut Sensittiv, u jiddeterminaw fuq l-apparat jekk l-istampi u l-vidjows li l-utenti jibagħtu u jirċievu fl-Applikazzjoni tiegħek fihomx nudità.

"**ShazamKit APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettulek iżżid mal-Applikazzjoni tiegħek u mal-Prodotti Korrispondenti karatteristiċi jew funzjonalità ta' rikonoxximent ibbażati fuq l-awdjo.

"**Kontenut ta' ShazamKit**" tfisser metadata, mużika, u/jew kontenut grafiku pprovduti minn Apple u mwassla permezz tax-ShazamKit APIs, inkluż iżda mhux limitat għal Kontenut tal-MusicKit.

"**Illoggja b'Apple**" tfisser l-APIs Dokumentati u l-libreriji tal-JavaScript li jippermettulek tilloggja l-utenti fl-Applikazzjoni tiegħek (u fil-Prodotti Korrispondenti) bil-Kont ta' Apple tagħhom jew bi kredenzjali anonimizzati.

"**Illoggja b'Apple at Work & School**" tfisser l-APIs Dokumentati u l-libreriji tal-JavaScript li jippermettulek tilloggja l-utenti fl-Applikazzjoni tiegħek (u fil-Prodotti Korrispondenti) bil-Kont ta' Apple Ġestit tagħhom li jkun soġġett għall-ġestjoni tal-aċċess mill-amministratur tal-IT tal-organizzazzjoni tal-utenti.

"**Significant App Update Topic API**" tfisser l-API Dokumentata li tippermetti lill-Applikazzjoni Tiegħek distribwita fuq l-App Store titlob kunsens mingħand ġenitur jew kustodju ta' utent aħħari biex tkompli tuża l-Applikazzjoni Tiegħek meta jkun hemm aġġornament sinifikanti.

"**SiriKit**" tfisser is-sett ta' APIs li jippermettu lill-Applikazzjoni tiegħek taċċessa jew tipprovdi dominji, intenti, shortcuts, donazzjonijiet tas-SiriKit, u funzjonalità oħra relatata, kif stipulat fid-Dokumentazzjoni.

"**Sit**" tfisser sit elettroniku pprovdut minnek taħt ismek, taħt it-trademark jew taħt id-ditta tiegħek stess.

"**Speċifikazzjoni ta' Single Sign-on**" tfisser id-Dokumentazzjoni pprovduta minn Apple hawn taħt għas-Single Sign-On API, kif aġġornata minn żmien għal żmien.

"**Dejta ta' Agħfas biex Tħallas (Tap to Pay)**" jew "**Dejta ta' TTP**" tfisser pakkett ta' dejta ta' klijent ta' Negozjant li jkun għadda mis-Software ta' Apple u mit-Tap to Pay APIs bħala parti minn tranżazzjoni (eż. in-numru tal-kont primarju, l-ammont tat-tranżazzjoni, eċċ.).

"**Tap to Pay APIs**" jew "**TTP APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu lin-Negozjanti jwettqu tranżazzjonijiet permezz tal-użu tal-Applikazzjoni tiegħek.

"**TelephonyMessagingKit APIs**" tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettu lil Applikazzjoni tibgħat u tirċievi messaġġi bbażati fuq is-servizz tal-carrier permezz ta' SMS, MMS, u RCS meta tkun issettjata bħala l-app awtomatika tal-messaġġi bbażati fuq is-servizz tal-carrier, u taċċessa l-istorja ta' tali messaġġi mibgħuta u rċevuti f'dik l-Applikazzjoni.

"**Terminu**" tfisser il-perjodu deskritt fit-**Taqsima 11**.

"**TestFlight**" tfisser is-servizz ta' ttestjar beta ta' Apple għal Applikazzjonijiet li għadhom ma ħarġux magħmula disponibbli permezz tal-Applikazzjoni TestFlight ta' Apple.

"**Applikazzjoni TestFlight**" tfisser l-applikazzjoni ta' Apple li tippermetti d-distribuzzjoni ta' verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tal-Applikazzjonijiet tiegħek lil numru limitat ta' Żviluppaturi Awtorizzati tiegħek u lil numru limitat ta' Beta Testers (kif speċifikat fuq is-sit elettroniku tal-iżviluppatur tat-TestFlight) permezz ta' TestFlight.

"**Preferenza tat-Traċċar**" tfisser is-setting ta' Apple li jippermetti lil utent aħħari biex jistabbilixxi preferenza ta' traċċar tar-reklami.

"**TV App API**" tfisser l-API dokumentata fl-Ispeċifikazzjoni tal-App tat-TV li tippermettilek tipprovdi Dejta tal-App tat-TV lil Apple.

"**Dejta tal-App tat-TV**" tfisser id-dejta deskritta fl-Ispeċifikazzjoni tal-App tat-TV li għandha tiġi pprovduta lil Apple permezz tat-TV App API.

"**Karatteristiċi tal-App tat-TV**" tfisser funzjonalità aċċessibbli permezz tal-App tat-TV u/jew tvOS, iOS, iPadOS, u/jew apparat macOS, liema funzjonalità tipprovdi lill-utent l-abbiltà li jara informazzjoni u rakkomandazzjonijiet personalizzati dwar il-kontenut u li jaċċessa tali kontenut permezz tal-apps tal-utent, u/jew tipprovdi lill-utent l-abbiltà li jkompli jara kontenut li jkun beda jara qabel.

"**Speċifikazzjoni tal-App tat-TV**" tfisser id-Dokumentazzjoni pprovduta minn Apple hawn taħt għat-TV App API, kif aġġornata minn żmien għal żmien.

"**tvOS**" tfisser is-software tas-sistema operattiva tvOS, inkluż kwalunkwe verżjoni suċċessiva tiegħu.

"**Aġġornamenti**" tfisser bug fixes, aġġornamenti, upgrades, modifiki, titjib, supplimenti, u ħarġiet jew verżjonijiet ġodda tas-Software jew tas-Servizzi ta' Apple, jew għal kwalunkwe parti tas-Software jew tas-Servizzi ta' Apple.

"**visionOS**" tfisser is-software tas-sistema operattiva visionOS, inkluż kwalunkwe verżjoni suċċessiva tiegħu.

"**Wallet**" tfisser l-applikazzjoni ta' Apple li għandha l-abbiltà li taħżen u turi Passes għall-użu fuq l-iOS, l-iPadOS, il-watchOS, jew fuq Safari fuq macOS.

“**Estensjoni tal-WatchKit**” tfisser estensjoni miġbura bħala parti mill-Applikazzjoni tiegħek li taċċessa l-qafas tal-WatchKit fuq iOS biex tħaddem u turi app tal-WatchKit fuq il-watchOS.

“**watchOS**” tfisser is-software tas-sistema operattiva watchOS, inkluż kwalunkwe verżjoni suċċessiva tiegħu.

“**Twissijiet tat-Temp**” tfisser kwalunkwe twissija tat-temp, jew twissijiet oħra pprovduti minn żmien għal żmien minn aġenziji meteoroloġiċi li jiddeskrivu kundizzjonijiet speċifiċi tat-temp f'post ġeografiku permezz tal-WeatherKit APIs.

“**WeatherKit APIs**” tfisser l-APIs Dokumentati li jippermettulek iżżid karatteristiċi jew funzjonalità tat-temp mal-Applikazzjonijiet tiegħek jew ma' Prodotti Korrispondenti.

“**Software tal-Web**” tfisser verżjonijiet ibbażati fuq il-web tal-applikazzjonijiet tas-software tiegħek li għandhom l-istess titlu kif ukoll karatteristiċi u funzjonalità sostanzjalment ekwivalenti bħall-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek (eż. parità tal-karatteristiċi).

“**ID Push tas-Sit Elettroniku**” tfisser il-kombinazzjoni ta' Ċertifikat ta' Apple u ID tal-Applikazzjoni Push li tintuża minnek biex tiffirma l-pakkett tar-reġistrazzjoni tas-Sit tiegħek u/jew tikkomunika mal-APN.

“**Qafas Wi-Fi Aware**” tfisser l-APIs Dokumentati li jipprovdu lil Applikazzjoni l-kapaċità li tagħmel konnessjonijiet ta' Wi-Fi Aware bejn apparati li għandhom il-kapaċità Wi-Fi Aware.

“**Informazzjoni ta' Wi-Fi Aware**” tfisser kwalunkwe kontenut, dejta, jew informazzjoni pprovduta jew trażmessa permezz tal-Qafas Wi-Fi Aware jew il-protokoll ta' Wi-Fi Aware, inkluż, iżda mhux biss, l-informazzjoni ta' identifikazzjoni bħall-identifikaturi skambjati bejn l-apparati, informazzjoni dwar is-sigurtà użata għall-akkoppjar, l-awtentikazzjoni, jew il-kriptaġġ, u keys u informazzjoni tal-apparat oħra.

“**Qafas Wi-Fi Infrastructure**” tfisser l-APIs Dokumentati li jipprovdu lil Applikazzjoni l-kapaċità li taqsam l-Informazzjoni tal-Kondiviżjoni tan-Network tal-Wi-Fi minn apparat tad-ditta ta' Apple għal aċċessorju li kapaċi jaqbad direttament mal-Wi-Fi.

“**Informazzjoni tal-Kondiviżjoni tan-Network tal-Wi-Fi**” tfisser kwalunkwe kontenut, dejta, jew informazzjoni pprovduta jew trażmessa permezz tal-Qafas Wi-Fi Infrastructure, inklużi l-informazzjoni u l-identifikaturi tan-network u tal-apparat (bħal SSIDs, indirizzi tal-MAC, u identifikaturi oħrajn skambjati bejn l-apparati), u informazzjoni dwar is-sigurtà użata għall-awtentikazzjoni, il-passwords, il-keys tal-kriptaġġ, l-informazzjoni dwar l-apparat, jew kwalunkwe informazzjoni oħra derivata minnu (eż., dekriptata, hashed, ikkriptata mill-ġdid).

“**Xcode Cloud**” jew “**Servizz ta' Xcode Cloud**” tfisser l-integrazzjoni u t-twassil kontinwi ospitati fuq il-cloud ta' Apple u teknoloġiji relatati.

“**Kontenut ta' Xcode Cloud**” tfisser is-software, it-testijiet, l-iskripts, id-dejta, l-informazzjoni, it-test, il-grafika, il-vidjows, jew kontenut ieħor li Inti tpoġġi jew li tagħmel disponibbli meta taċċessa jew tuża s-Servizz ta' Xcode Cloud (inkluż kwalunkwe software li jinsab f'repożitorji tal-kodiċi tas-sors li għalih tipprovdi kredenzjali għal-login), u li jeskludi kwalunkwe materjal ta' Apple liċenzjat lilek.

"**Inti**" u "**Tiegħek**" tfisser u tirreferi għall-persuna/i jew l-entità legali (kemm jekk kumpanija, organizzazzjoni, istituzzjoni edukattiva, jew aġenzija governattiva, istrumentalità, jew dipartiment) li aċċettaw dan il-Ftehim taħt il-kont ta' żviluppatur tagħhom stess u li qed jużaw is-Software ta' Apple jew inkella qed jeżerċitaw drittijiet taħt dan il-Ftehim.

**Nota:** Għal raġunijiet ta' ċarezza, Inti tista' tawtorizza lill-kuntratturi biex jiżviluppaw l-Applikazzjonijiet f'ismek, iżda kwalunkwe Applikazzjoni bħal din għandha tkun proprjetà tiegħek, sottomessa taħt il-kont tal-iżviluppatur tiegħek stess, u ddistribwita bħala Applikazzjoni kif espressament permess hawnhekk biss. Inti responsabbli lejn Apple għall-attivitajiet tal-kuntratturi tiegħek taħt il-kont tiegħek (eż. li żżidhom mat-tim tiegħek biex jagħmlulek xogħol ta' żvilupp) u għall-konformità tagħhom ma' dan il-Ftehim. Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-kuntratturi tiegħek li tirriżulta minn dan il-Ftehim għandha titqies li ttieħdet minnek, u Inti (flimkien mal-kuntratturi tiegħek) tkun responsabbli lejn Apple għal dawn l-azzjonijiet kollha.

## 2. Liċenzja għall-Użu Intern u Restrizzjonijiet

### 2.1 Użi Permessi u Restrizzjonijiet; Servizzi tal-Programm

Soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, hawnhekk Apple qed tagħtik liċenzja limitata, mhux esklussiva, personali, revokabbli, mhux subliċenzjabbli u mhux trasferibbli matul it-Terminu, sabiex:

(a) Tinstalla numru raġonevoli ta' kopji tas-Software ta' Apple ipprovdut lilek taħt il-Programm fuq prodotti tad-ditta Apple li jappartjenu lilek jew li huma kkontrollati minnek, biex jintużaw internament minnek jew mill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek għall-iskop uniku li jiġu żviluppati jew ittestjati Prodotti Koperti li huma mfassla biex jaħdmu fuq il-prodotti applikabbli tad-ditta Apple, ħlief kif permess espressament mod ieħor f'dan il-Ftehim;
(b) Tagħmel u tiddistribwixxi numru raġonevoli ta' kopji tad-Dokumentazzjoni lill-Iżviluppaturi Awtorizzati għall-użu intern tagħhom biss u għall-iskop uniku li jiżviluppaw jew jittestjaw Prodotti Koperti, ħlief kif permess espressament mod ieħor f'dan il-Ftehim;
(c) Tinstalla Profil ta' Provvediment fuq kull waħda mill-Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati tiegħek, san-numru ta' Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati li Inti irreġistrajt u akkwistajt liċenzji għalihom, biex jintuża internament minnek jew mill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek għall-iskop uniku li jiġu żviluppati u ttestjati l-Applikazzjonijiet tiegħek, ħlief kif permess espressament mod ieħor f'dan il-Ftehim;
(d) Tinstalla Profil ta' Provvediment fuq kull wieħed mill-Apparati Reġistrati tiegħek, san-numru limitat ta' Apparati Reġistrati li Inti irreġistrajt u akkwistajt liċenzji għalihom, għall-iskop uniku li tippermetti d-distribuzzjoni u l-użu tal-Applikazzjonijiet tiegħek fuq tali Apparati Reġistrati; u
(e) Tinkorpora ċ-Ċertifikati ta' Apple maħruġin lilek skont dan il-Ftehim għall-finijiet tal-iffirmar diġitali tal-Applikazzjonijiet tiegħek, il-Passes, l-Estensjonijiet ta' Safari, in-Notifiki Push ta' Safari, u kif permess espressament mod ieħor minn dan il-Ftehim.

Apple tirriżerva d-dritt li tistabbilixxi n-numru limitat ta' prodotti tad-ditta Apple li kull Detentur tal-Liċenzja jista' jirreġistra ma' Apple u jikseb liċenzji għalihom taħt dan il-Programm ("**Blokk ta' Liċenzji għal Apparati Reġistrat**i"). Għall-finijiet ta' distribuzzjoni limitata fuq Apparati Reġistrati taħt it-**Taqsima 7.3 (Distribuzzjoni Ad Hoc)**, kull kumpanija, organizzazzjoni, istituzzjoni edukattiva jew grupp affiljat jista' jakkwista biss Blokk wieħed (1) ta' Liċenzji għal Apparati Reġistrati għal kull kumpanija, organizzazzjoni, istituzzjoni edukattiva jew grupp, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bil-miktub minn Apple. Inti taqbel li b'mod konxju ma takkwistax, jew tikkawża lil ħaddieħor li jakkwista aktar minn Blokk wieħed ta' Liċenzji għal Apparati Reġistrati għall-istess kumpanija, organizzazzjoni, istituzzjoni edukattiva jew grupp.

Apple tista' tipprovdi aċċess għal servizzi minn jew permezz tal-Programm biex Inti tużahom mal-kont tal-iżviluppatur tiegħek (eż. forniment ta' apparat jew app, ġestjoni ta' timijiet jew riżorsi oħra tal-kont). Inti taqbel li taċċessa tali servizzi biss permezz tal-portal tal-web tal-Programm

(li jiġi aċċessat permezz tas-sit elettroniku tal-iżviluppaturi ta' Apple) jew permezz ta' prodotti tad-ditta Apple li huma mfassla biex jaħdmu flimkien mal-Programm (eż., Xcode, App Store Connect, Swift Playgrounds) u kif awtorizzat biss minn Apple. Jekk Inti (jew l-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek) taċċessa l-kont tal-iżviluppatur tiegħek permezz ta' dawn il-prodotti l-oħra tad-ditta Apple, Inti tagħraf u taqbel li dan il-Ftehim għandu jkompli japplika b'dan il-mod għal kwalunkwe użu tal-kont tal-iżviluppatur tiegħek u għal kwalunkwe karatteristika jew funzjonalità tal-Programm li ssirlek disponibbli (jew li ssir disponibbli lill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek), (eż., iċ-Ċertifikati ta' Apple u l-Profili ta' Provvediment jistgħu jintużaw biss bil-mod limitat li huwa permess hawnhekk, eċċ.). Inti taqbel li ma toħloqx jew li ma tipprovax toħloq servizz sostitut jew simili permezz tal-użu jew aċċess għas-servizzi pprovduti minn jew permezz tal-Programm. Jekk Apple tipprovdi metriċi tal-qawwa u tal-prestazzjoni għall-Applikazzjoni tiegħek, Inti taqbel li tali metriċi jistgħu jintużaw biss għall-użu intern tiegħek stess u ma jistgħux jiġu pprovduti lil xi parti terza (ħlief kif stipulat fit-**Taqsima 2.9**). Barra minn hekk, Inti tista' taċċessa dawn is-servizzi biss billi tuża l-Kont ta' Apple assoċjat mal-kont tal-iżviluppatur tiegħek jew il-kredenzjali tal-awtentikazzjoni (eż. keys, tokens, password) assoċjati mal-kont tal-iżviluppatur tiegħek, u inti responsabbli bis-sħiħ biex tissalvagwardja l-Kont ta' Apple tiegħek kif ukoll il-kredenzjali tal-awtentikazzjoni milli jiġu kompromessi u biex tużahom biss kif awtorizzat minn Apple u skont it-termini ta ' dan il-Ftehim, inklużi iżda mhux limitati għat-**Taqsima 2.8** u **5**. Ħlief kif espressament permess hawnhekk, Inti taqbel li m'intix se tikkondividi, tbigħ, tbigħ mill-ġdid, tikri, tislef, jew b'xi mod ieħor tipprovdi aċċess għall-kont tal-iżviluppatur tiegħek jew kwalunkwe servizz ipprovdut miegħu, kollu jew parzjalment, lil xi ħadd li mhuwiex Żviluppatur Awtorizzat fit-tim tiegħek, u inti taqbel li ma tfittixx jew titlob lill-membri tal-Apple Developer Program biex jipprovdulek il-Kontijiet ta' Apple, il-kredenzjali tal-awtentikazzjoni, u/jew l-informazzjoni u l-materjali relatati tal-kont tagħhom (eż. iċ-Ċertifikati ta' Apple użati għad-distribuzzjoni jew għas-sottomissjoni lill-App Store jew lil TestFlight). Inti tifhem li kull membru tat-tim għandu jkollu l-Kont ta' Apple jew il-kredenzjali ta' awtentikazzjoni tiegħu stess biex jaċċessa l-kont tiegħek, u inti tkun responsabbli bis-sħiħ għall-attività kollha mwettqa permezz tal-kont tiegħek jew b'rabta miegħu. Sal-punt li inti tkun is-sid jew tikkontrolla kompjuter tad-ditta Apple li jħaddem il-macOS Server jew l-Xcode Server ta' Apple ("**Server**") u tixtieq tużah għall-iskopijiet ta' żvilupp tiegħek stess b'rabta mal-Programm, inti taqbel li tuża l-Kont ta' Apple tiegħek jew kredenzjali oħra ta' awtentikazzjoni għal tali Server, u inti tkun responsabbli għall-azzjonijiet kollha mwettqa minn tali Server.

### 2.2 Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati u s-Software ta' Apple li Għadu Ma Ħariġx

Sakemm Unità tal-Ittestjar Awtorizzata jkun fiha xi verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tas-Software ta' Apple jew sakemm tuża verżjonijiet ta' qabel ir-rilaxx tas-Servizzi, Inti taqbel li tillimita l-aċċess għal tali Unità tal-Ittestjar Awtorizzata lill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek u li ma tiżvelax, ma turix, ma tikrix, ma ssellifx, ma tbigħx jew ma tittrasferixxix b'xi mod ieħor tali Unità tal-Ittestjar Awtorizzata lil kwalunkwe parti terza. Inti taqbel ukoll li tieħu prekawzjonijiet raġonevoli biex tissalvagwardja, u tagħti struzzjonijiet lill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek biex jissalvagwardjaw lill-Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati kollha minn telf jew serq. Barra minn hekk, soġġett għat-termini ta' dan il-Ftehim, tista' tiskjera l-Applikazzjonijiet tiegħek għall-użu lill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek fuq numru limitat ta' Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati għal finijiet ta' ttestjar u żvilupp intern għalik stess.

**Inti tirrikonoxxi li billi tinstalla kwalunkwe Software ta' Apple li għadu ma ħariġx jew billi tuża kwalunkwe Servizz ta' qabel ir-rilaxx fuq l-Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati tiegħek, dawn l-Unitajiet jistgħu jiġu "llokkjati" fil-modalità tal-ittestjar u jistgħu ma jkunux jistgħu jitreġġgħu lura għall-kundizzjoni oriġinali tagħhom.** Kwalunkwe użu ta' kwalunkwe Software jew Servizz ta' Apple li għadu ma ħariġx isir għal skopijiet ta' evalwazzjoni u ta' żvilupp biss, u m'għandekx tuża xi Software jew Servizz ta' Apple li għadu ma ħariġx f'ambjent operattiv kummerċjali jew b'dejta importanti. Għandek tagħmel backup ta' kwalunkwe dejta qabel ma tuża s-Software jew is-Servizzi ta' Apple li għadhom ma ħarġux. Apple mhix se tinżamm responsabbli għal kwalunkwe spiża, infiq jew obbligu ieħor li Inti tista' ġġarrab bħala riżultat tal-forniment tal-

Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati tiegħek u tal-Apparati Reġistrati tiegħek, tal-iżvilupp tal-Prodott Kopert tiegħek jew tal-installazzjoni jew tal-użu ta' dan is-Software ta' Apple jew ta' kwalunkwe Servizz ta' Apple li għadu ma ħariġx, inkluż iżda mhux limitat għal kwalunkwe ħsara lil kwalunkwe tagħmir, jew kwalunkwe ħsara, telf, jew korruzzjoni ta' kwalunkwe software, informazzjoni jew dejta.

**2.3 Natura Kunfidenzjali tas-Software u tas-Servizzi ta' Apple li Għadhom Ma Ħarġux**
Minn żmien għal żmien matul it-Terminu, Apple tista' tipprovdilek verżjonijiet tas-Software jew tas-Servizzi ta' Apple li għadhom ma ħarġux, li jikkostitwixxu Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple u huma soġġetti għall-obbligi ta' kunfidenzjalità ta' dan il-Ftehim, ħlief jekk stipulat mod ieħor hawnhekk. Wieħed m'għandux jistenna li tali Software u Servizzi ta' Apple li għadhom ma ħarġux jaħdmu bl-istess mod bħal prodott ta' grad kummerċjali u tal-verżjoni finali tal-ħruġ, u lanqas m'għandhom jiġu użati ma' dejta li ma tkunx ġiet backed up biżżejjed u regolarment, u li tista' tinkludi karatteristiċi, funzjonalità jew APIs għal software jew servizzi li għadhom mhumiex disponibbli. Inti tirrikonoxxi li Apple tista' ma tkunx ħabbret pubblikament id-disponibbiltà ta' tali Software jew Servizzi ta' Apple li għadhom ma ħarġux, li Apple ma wegħditekx u ma ggarantitlekx li tali software jew servizzi li għadhom ma ħarġux se jitħabbru jew se jsiru disponibbli għal xi ħadd fil-futur, u li Apple m'għandha l-ebda obbligu espress jew impliċitu lejk li tħabbar jew tintroduċi tali software jew servizzi, jew kwalunkwe teknoloġija simili jew kompatibbli b'mod kummerċjali. Inti espressament tirrikonoxxi u taqbel li kwalunkwe riċerka jew żvilupp li Inti twettaq fir-rigward tal-verżjonijiet tas-Software jew tas-Servizzi ta' Apple li għadhom ma ħarġux isiru kompletament għar-riskju tiegħek.

**2.4 Kopji**
Inti taqbel li żżomm u tirriproduċi bis-sħiħ id-drittijiet tal-awtur ta' Apple, iċ-ċaħdiet u avviżi oħra proprjetarji (kif jidhru fis-Software u fid-Dokumentazzjoni ta' Apple pprovduti) fil-kopji kollha tas-Software u tad-Dokumentazzjoni ta' Apple li Inti permess li tagħmel taħt dan il-Ftehim.

**2.5 Sjieda**
Apple żżomm id-drittijiet, it-titolu, u l-interessi kollha fi u għas-Software ta' Apple, għas-Servizzi ta' Apple, u kwalunkwe Aġġornament li tista' tagħmillek disponibbli taħt dan il-Ftehim. Inti taqbel li tikkoopera ma' Apple biex iżżomm is-sjieda ta' Apple tas-Software u tas-Servizzi ta' Apple, u, sal-punt li Inti issir taf bi kwalunkwe klejm relatata mas-Software jew mas-Servizzi ta' Apple, Inti taqbel li tuża sforzi raġonevoli biex tipprovdi minnufih avviż dwar kwalunkwe tali klejm lil Apple. Il-partijiet jirrikonoxxu li dan il-Ftehim ma jagħti lil Apple ebda interess ta' sjieda fil-Prodotti Koperti jew fil-Prodotti Korrispondenti tiegħek.

**2.6 Ebda Użi Oħra Permessi**
Ħlief kif stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim, Inti taqbel li ma tikrix, ma ssellifx, ma ttellax jew ma tospitax is-Software ta' Apple, iċ-Ċertifikati ta' Apple, jew kwalunkwe Servizz, b'mod sħiħ jew parzjalment, u li ma tbigħhomx, u ma tagħmilx distribuzzjoni mill-ġdid jew sottoliċenzjar tagħhom, b'mod sħiħ jew parzjalment, fuq kwalunkwe sit elettroniku jew server, u li ma tippermettix lil ħaddieħor jagħmel dan. Inti ma tistax tuża s-Software ta' Apple, iċ-Ċertifikati ta' Apple, jew kwalunkwe Servizz ipprovdut hawn taħt għal kwalunkwe skop mhux espressament permess minn dan il-Ftehim, inkluż kwalunkwe Anness u Skeda applikabbli. Inti taqbel li ma tinstallax, ma tużax jew ma tħaddimx l-SDKs ta' Apple fuq xi kompjuter mhux tad-ditta Apple, u li ma tinstallax, ma tużax jew ma tħaddimx iOS, iPadOS, macOS, tvOS, visionOS, watchOS, u Profili tal-Provvediment fuq jew b'konnessjoni ma' apparat ieħor għajr dawk il-prodotti tad-ditta Apple, u li ma tippermettix lil ħaddieħor jagħmel dan. Inti ma tistax u taqbel li ma tikkopjax (ħlief kif espressament permess taħt dan il-Ftehim), ma tiddekompilax, ma tagħmilx inġinerija inversa, ma żżarmax, ma tipprovax tikseb il-kodiċi tas-sors ta', ma timmodifikax, ma tiddikriptjax, jew ma toħloqx xogħlijiet derivattivi tas-Software ta' Apple, taċ-Ċertifikati ta' Apple jew ta' kwalunkwe Servizz ipprovdut mis-Software ta' Apple jew ipprovdut mod ieħor hawn taħt, jew ta' kwalunkwe parti minnu (ħlief kif u biss sal-punt li kwalunkwe restrizzjoni preċedenti hija pprojbita mil-liġi

applikabbli jew sal-limitu li jista' jkun permess mit-termini tal-liċenzjar li jirregolaw l-użu ta' komponenti ta' sors miftuħ jew kampjun ta' kodiċi inkluż mas-Software ta' Apple) u li ma tippermettix lil ħaddieħor jagħmel dan. Inti taqbel li ma tisfrutta l-ebda Software ta' Apple, Ċertifikati ta' Apple, jew Servizzi pprovduti hawn taħt b'xi mod mhux awtorizzat, inkluż iżda mhux limitat għal, billi tikkalpesta jew tagħmel piż żejjed fuq il-kapaċità tan-network, jew billi tiġbor jew tuża ħażin dejta pprovduta minn tali Software ta' Apple, Ċertifikati ta' Apple, jew Servizzi. Kwalunkwe tentattiv biex isir dan huwa ksur tad-drittijiet ta' Apple u l-liċenzjaturi tagħha tas-Software jew tas-Servizzi ta' Apple. Jekk tikser xi waħda mir-restrizzjonijiet ta' hawn fuq, Inti tista' tkun soġġett għal prosekuzzjoni u danni. Il-liċenzji kollha li ma jingħatawx espressament f'dan il-Ftehim huma riżervati u l-ebda liċenzji, immunità jew drittijiet oħra, espressi jew impliċiti, ma jingħataw minn Apple, b'implikazzjoni, bi preklużjoni (estoppel), jew b'mod ieħor. Dan il-Ftehim ma jagħtik l-ebda dritt li tuża kwalunkwe trademark, logo jew marka tas-servizz li jappartjenu lil Apple, inklużi iżda mhux limitati għall-marki miktuba ta' iPhone jew iPod. Jekk tagħmel referenza għal xi prodotti jew teknoloġija ta' Apple jew tuża t-trademarks ta' Apple, Inti taqbel li tikkonforma mal-linji gwida ppubblikati fuq https://www.apple.com/legal/intellectual-property/guidelinesfor3rdparties.html, peress li jistgħu jiġu modifikati minn Apple minn żmien għal żmien.

### 2.7 FPS SDK u l-Pakkett ta' Skjerament tal-FPS

Tista' tuża l-FPS SDK biex tiżviluppa u tittestja implimentazzjoni ta' FPS min-naħa tas-server, għall-użu biss ma' vidjow strimjat minnek (jew f'ismek) permezz tal-Applikazzjonijiet tiegħek, jew vidjow imniżżel biex tarah permezz tal-Applikazzjonijiet tiegħek, fuq iOS, iPadOS, u/jew tvOS, permezz ta' Safari fuq macOS, jew kif approvat mod ieħor minn Apple bil-miktub (kollettivament, "**Applikazzjonijiet FPS Awtorizzati**"). Inti tifhem li se jkollok bżonn titlob il-Pakkett ta' Skjerament tal-FPS fuq il-portal tal-web tal-Programm qabel kwalunkwe produzzjoni jew użu kummerċjali tal-FPS. Bħala parti minn din it-talba, ikollok bżonn tissottometti informazzjoni dwar l-użu tal-FPS mitlub minnek. Apple se tirrevedi t-talba tiegħek u tirriżerva d-dritt li ma tagħtikx il-Pakkett ta' Skjerament tal-FPS kif jidhrilha xieraq hi biss, f'liema każ Inti ma tkunx tista' tuża l-FPS. Kwalunkwe żvilupp u ttestjar li Inti twettaq bl-FPS SDK huwa għar-riskju u l-ispejjeż tiegħek, u Apple mhux se tkun responsabbli lejk għal dan l-użu jew għax tirrifjuta t-talba tiegħek biex tuża l-FPS f'ambjent ta' produzzjoni jew kummerċjali.

Jekk Apple tipprovdilek il-Pakkett ta' Skjerament tal-FPS, Inti taqbel li tużah biss kif approvat minn Apple u f'konnessjoni biss ma' kontenut tal-vidjow strimjat minnek (jew f'ismek) għal Applikazzjonijiet Awtorizzati tal-FPS jew imniżżel biex tarah permezz tal-Applikazzjonijiet tal-FPS Awtorizzati tiegħek. Ħlief kif permess fit-**Taqsima 2.9 (Service Providers Terzi)**, m'intix se tipprovdi l-Pakkett ta' Skjerament tal-FPS lil xi parti terza jew tissottoliċenzja, tbigħ, terġa' tbigħ, tikri, tiżvela, jew tiddistribwixxi mill-ġdid il-Pakkett ta' Skjerament tal-FPS jew l-FPS SDK lil xi parti terza (jew kwalunkwe implimentazzjoni tagħha) mingħajr il-kunsens minn qabel bil-miktub ta' Apple.

Inti tirrikonoxxi u taqbel li l-Pakkett ta' Skjerament tal-FPS (inkluż is-sett ta' keys tal-produzzjoni tal-FPS) huwa Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple kif stipulat fit-**Taqsima 9 (Kunfidenzjalità)**. Barra minn hekk, tali keys tal-FPS huma uniċi għall-kumpanija jew għall-organizzazzjoni tiegħek, u Inti biss responsabbli għall-ħażna u għall-protezzjoni tagħhom. Tista' tuża tali keys tal-FPS biss għall-iskop li twassal u tipproteġi l-key tal-kontenut tiegħek li tintuża biex tiddikriptja l-kontenut tal-vidjow strimjat minnek għal Applikazzjonijiet Awtorizzati tal-FPS jew imniżżel biex tarah permezz tal-Applikazzjonijiet tal-FPS Awtorizzati tiegħek. B'rabta mal-FPS, Apple mhu se jkollha l-ebda obbligu jew responsabbiltà għal aċċess mhux awtorizzat għal jew għall-użu ta' kwalunkwe key tal-FPS jew ta' kwalunkwe kontenut strimjat jew inkella mwassal taħt dan il-Ftehim. Fil-każ li l-key tal-FPS tiegħek tiġi żvelata, skoperta, miżapproprijata jew mitlufa, tista' titlob li Apple tirrevokaha billi tibgħat email lil product-security@apple.com, u Inti tifhem li Apple ma jkollha l-ebda obbligu li tipprovdi key ta' sostituzzjoni. Apple tirriżerva d-dritt li tirrevoka l-key tal-FPS tiegħek fi kwalunkwe mument jekk dan jintalab minnek, fil-każ ta' ksur ta' dan il-Ftehim minnek,

jekk xort'oħra titqies prudenti jew raġonevoli minn Apple, jew mal-iskadenza jew it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim għal kwalunkwe raġuni.

Inti tirrikonoxxi u taqbel li Apple tirriżerva d-dritt li tirrevoka jew inkella tneħħi l-aċċess tiegħek għal u l-użu tal-FPS (jew kwalunkwe parti minnu) fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss. Barra minn hekk, Apple ma jkollha l-ebda obbligu li tipprovdilek verżjoni modifikata, aġġornata jew suċċessiva tal-Pakkett ta' Skjerament tal-FPS jew tal-FPS SDK u ma jkollha l-ebda obbligu li żżomm kompatibilità ma' kwalunkwe verżjoni preċedenti. Jekk Apple tagħmillek verżjonijiet ġodda tal-Pakkett ta' Skjerament tal-FPS, jew tal-FPS SDK disponibbli, allura Inti taqbel li taġġornahom f'perjodu ta' żmien raġonevoli jekk tintalab tagħmel dan minn Apple.

### 2.8 Użu tas-Servizzi ta' Apple

Apple tista' tipprovdi aċċess għas-Servizzi ta' Apple li l-Prodotti Koperti tiegħek jew il-Prodotti Korrispondenti tiegħek jistgħu jikkomunikaw permezz ta' APIs fis-Software ta' Apple u/jew li Apple tagħmillek disponibbli permezz ta' mekkaniżmi oħra, eż. permezz tal-użu ta' keys li Apple tista' tagħmillek aċċessibbli taħt il-Programm. Inti taqbel li taċċessa tali Servizzi ta' Apple biss permezz tal-mekkaniżmi pprovduti minn Apple għal tali aċċess u għall-użu fuq prodotti tad-ditta Apple biss. Ħlief kif permess fit-**Taqsima 2.9 (Service Providers Terzi)** jew kif stipulat mod ieħor hawnhekk, Inti taqbel li ma taqsamx l-aċċess għall-mekkaniżmi pprovduti lilek minn Apple għall-użu tas-Servizzi ma' kwalunkwe parti terza. Barra minn hekk, taqbel li ma toħloqx jew tipprova toħloq sostitut jew servizz simili permezz tal-użu ta' jew tal-aċċess għas-Servizzi ta' Apple.

Inti taqbel li taċċessa u tuża tali Servizzi biss kif meħtieġ biex tipprovdi servizzi u funzjonalità għall-Prodotti Koperti tiegħek jew il-Prodotti Korrispondenti tiegħek li huma eliġibbli biex jużaw tali Servizzi u kif permess biss minn Apple bil-miktub, inkluż fid-Dokumentazzjoni. Inti ma tistax tuża s-Servizzi ta' Apple b'xi mod li huwa inkonsistenti mat-termini ta' dan il-Ftehim jew li jikser xi Drittijiet ta' PI ta' parti terza jew ta' Apple, jew li jikser kwalunkwe liġi jew regolament applikabbli. Inti taqbel li s-Servizzi ta' Apple fihom kontenut informazzjoni u materjal proprjetarji li jappartjenu lil Apple u l-liċenzjaturi tagħha, u li huma protetti minn proprjetà intellettwali applikabbli u liġijiet oħra. Inti ma tista' bl-ebda mod tuża tali kontenut, informazzjoni jew materjali proprjetarji fi kwalunkwe mod ħlief għall-użi permessi tas-Servizzi ta' Apple taħt dan il-Ftehim, jew kif miftiehem mod ieħor minn Apple bil-miktub.

Inti tifhem li jista' jkun hemm kapaċità ta' ħażna, limiti ta' trażmissjoni, u/jew ta' limiti tranżazzjonali għas-Servizzi ta' Apple, kemm għalik bħala żviluppatur kif ukoll għall-utenti aħħarin tiegħek. Jekk Inti jew l-utent aħħari tiegħek tilħaq/jilħaq dawn il-limiti, allura Inti jew l-utent aħħari tiegħek tistgħu ma tkunux kapaċi tużaw is-Servizzi ta' Apple jew tistgħu ma tkunux tistgħu taċċessaw jew tirkupraw dejta minn tali Servizzi permezz tal-Prodotti Koperti tiegħek, il-Prodotti Korrispondenti Tiegħek jew permezz tal-kontijiet tal-utent aħħari applikabbli. Inti taqbel li ma titlobx ħlas lill-utenti aħħarin sempliċiment biex jaċċessaw jew jużaw is-Servizzi ta' Apple permezz tal-Prodotti Koperti tiegħek jew tal-Prodotti Korrispondenti Tiegħek, jew biex jaċċessaw jew jużaw kwalunkwe kontenut, dejta jew informazzjoni pprovduta fihom, u taqbel li ma tbigħx l-aċċess għas-Servizzi ta' Apple bl-ebda mod. Inti taqbel li ma toħloq l-ebda kont ta' utent aħħari b'mod qarrieqi jew li tħeġġeġ lil xi utent aħħari biex jikser it-termini tal-utent aħħari applikabbli jew il-ftehim tas-servizz tiegħu/tagħha ma' Apple, jew li jikser/tikser kwalunkwe politika tal-użu ta' Apple għal tali servizzi tal-utent aħħari. Ħlief kif stipulat espressament hawnhekk, Inti taqbel li ma tinterferixxix mal-abbiltà ta' utent aħħari li jaċċessa jew juża tali servizzi.

Apple tirriżerva d-dritt li tibdel, tissospendi, tirrevoka, tiċħad, tillimita, jew tiddiżattiva l-aċċess għas-Servizzi ta' Apple, jew kwalunkwe parti minnhom, fi kwalunkwe mument mingħajr avviż (inkluż iżda mhux limitat għal revoka ta' drittijiet jew tibdil ta' kwalunkwe API fis-Software ta' Apple li tippermetti aċċess għas-Servizzi jew li ma tipprovdilekx intitolament). Fl-ebda każ Apple mhi se tkun responsabbli għat-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal xi wieħed minn

dawn ta' hawn fuq. Apple tista' wkoll timponi limiti u restrizzjonijiet fuq l-użu jew l-aċċess għas-Servizzi ta' Apple, tista' tneħħi s-Servizzi ta' Apple għal perjodi ta' żmien indefiniti, tista' tirrevoka l-aċċess tiegħek għas-Servizzi ta' Apple, jew tista' tikkanċella s-Servizzi ta' Apple (jew kwalunkwe parti minnhom) fi kwalunkwe mument mingħajr avviż minn qabel jew responsabbiltà lejk u kif jidhrilha xieraq hi biss.

Apple ma tiggarantixxix id-disponibbiltà, l-eżattezza, il-kompletezza, l-affidabbiltà, jew il-puntwalità ta' kwalunkwe dejta jew informazzjoni murija minn kwalunkwe Servizz ta' Apple. Sa fejn Inti tagħżel li tuża s-Servizzi ta' Apple bil-Prodotti Koperti jew bil-Prodotti Korrispondenti tiegħek, Inti responsabbli għad-dipendenza tiegħek fuq kwalunkwe dejta jew informazzjoni bħal din. Int responsabbli għall-użu tiegħek tas-Software u tas-Servizzi ta' Apple, u jekk tuża tali Servizzi, allura hija r-responsabbiltà tiegħek li żżomm backup alternattiv xieraq tal-kontenut, tal-informazzjoni u tad-dejta kollha tiegħek, inkluż iżda mhux limitat għal kwalunkwe kontenut li tista' tipprovdi lil Apple għall-hosting bħala parti mill-użu tiegħek tas-Servizzi. Inti tifhem u taqbel li Inti tista' ma tkunx tista' taċċessa ċerti Servizzi ta' Apple mal-iskadenza jew mat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim u li Apple tirriżerva d-dritt li tissospendi l-aċċess għal jew tħassar il-kontenut, id-dejta jew l-informazzjoni li Inti jew il-Prodott Kopert jew il-Prodott Korrispondenti tiegħek ħżintu permezz tal-użu tiegħek ta' tali Servizzi pprovduti hawn taħt. Għandek tirrevedi d-Dokumentazzjoni u l-avviżi tal-politika mibgħuta minn Apple qabel ma tuża kwalunkwe Servizz ta' Apple.

Is-Servizzi ta' Apple jistgħu ma jkunux disponibbli fil-lingwi kollha jew fil-pajjiżi jew fir-reġjuni kollha, u Apple ma tagħmel l-ebda rappreżentazzjoni li kwalunkwe tali Servizz se jkun xieraq, preċiż jew disponibbli għall-użu f'xi post jew prodott partikolari. Sa fejn Inti tagħżel li tuża s-Servizzi ta' Apple bl-Applikazzjonijiet tiegħek, Inti tagħmel dan fuq inizjattiva tiegħek stess u tkun responsabbli għall-konformità ma' kwalunkwe liġi applikabbli. Apple tirriżerva d-dritt li titolbok tħallas it-tariffi għall-użu tiegħek tas-Servizzi ta' Apple. Apple tinfurmak bl-email bi kwalunkwe tariffa tas-Servizz ta' Apple jew b'xi tibdil ta' tali tariffi u l-informazzjoni dwar tali tariffi se titpoġġa fil-portal tal-web tal-Programm, fl-App Store Connect, jew fil-console tal-CloudKit. Id-disponibbiltà u l-prezzijiet tas-Servizz ta' Apple huma soġġetti għal tibdil. Barra minn hekk, is-Servizzi ta' Apple jistgħu ma jkunux disponibbli għall-Prodotti Koperti jew għall-Prodotti Korrispondenti kollha u jistgħu ma jkunux disponibbli għall-iżviluppaturi kollha. Apple tirriżerva d-dritt li ma tipprovdix (jew li tieqaf tipprovdi) is-Servizzi ta' Apple lil xi żviluppaturi jew lill-iżviluppaturi kollha fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss.

## 2.9 Service Providers Terzi

Sakemm ma jkunx ipprojbit mod ieħor minn Apple fid-Dokumentazzjoni jew f'dan il-Ftehim, Inti permess li timpjega jew iżżomm parti terza ("**Service Provider**") biex jgħinek tuża s-Software u s-Servizzi ta' Apple pprovduti skont dan il-Ftehim, inkluż, iżda mhux limitat għal, l-ingaġġ ta' kwalunkwe Service Provider bħal dan biex iżomm u jamministra s-servers tal-Applikazzjonijiet tiegħek f'ismek, sakemm kwalunkwe użu ta' tali Service Provider tas-Software u tas-Servizzi ta' Apple jew kwalunkwe materjal assoċjat miegħu jsir f'ismek biss u skont dawn it-termini biss. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, Inti ma tistax tuża Service Provder biex jissottometti Applikazzjoni lill-App Store jew biex juża TestFlight f'ismek. Inti taqbel li jkollok ftehim bil-miktub vinkolanti mas-Service Provider tiegħek b'termini li jkunu mill-inqas restrittivi u protettivi fir-rigward ta' Apple daqs dawk stabbiliti hawnhekk. Kwalunkwe azzjoni meħuda minn kwalunkwe Service Provider bħal dan fir-rigward tal-Applikazzjonijiet tiegħek jew tal-użu tas-Software ta' Apple jew tas-Servizzi ta' Apple u/jew li tirriżulta minn dan il-Ftehim, għandha titqies li ttieħdet minnek, u Inti (flimkien mas-Service Provider) se tkun responsabbli lejn Apple għal dawn l-azzjonijiet kollha (jew għal kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni). Fil-każ ta' xi azzjonijiet jew nuqqas ta' azzjonijiet mis-Service Provider li jikkostitwixxu ksur ta' dan il-Ftehim, jew li inkella jikkawżaw xi ħsara, Apple tirriżerva d-dritt li titolbok tieqaf tuża tali Service Provider.

### 2.10 Aġġornamenti; Ebda Appoġġ jew Manutenzjoni

Apple tista' testendi, ittejjeb, jew b'xi mod ieħor timmodifika s-Software jew is-Servizzi ta' Apple (jew kwalunkwe parti minnhom) ipprovduti hawn taħt fi kwalunkwe mument mingħajr avviż minn qabel, iżda Apple m'għandhiex tkun obbligata tipprovdilek Aġġornamenti għas-Software jew għas-Servizzi ta' Apple. Jekk l-Aġġornamenti jsiru disponibbli minn Apple, it-termini ta' dan il-Ftehim se jirregolaw dawn l-Aġġornamenti, sakemm l-Aġġornament ma jkunx akkumpanjat minn liċenzja separata, f'liema każ it-termini ta' dik il-liċenzja se jirregolaw. Inti tifhem li modifiki bħal dawn jistgħu jeħtieġu li tibdel jew taġġorna l-Prodotti Koperti tiegħek jew il-Prodotti Korrispondenti tiegħek. Barra minn hekk, Inti tirrikonoxxi u taqbel li tali modifiki jistgħu jaffettwaw il-ħila tiegħek li tuża, taċċessa, jew tinteraġixxi mas-Software u mas-Servizzi ta' Apple. Apple mhix obbligata li tipprovdi xi manutenzjoni, appoġġ tekniku jew appoġġ ieħor għas-Software jew għas-Servizzi ta' Apple. Inti tirrikonoxxi li Apple m'għandha l-ebda obbligu espress jew impliċitu li tħabbar jew tagħmel disponibbli kwalunkwe Aġġornament għas-Software ta' Apple jew għal kwalunkwe Servizz għal xi ħadd fil-futur. Jekk Aġġornament isir disponibbli, jista' jkollu APIs, karatteristiċi, servizzi jew funzjonalità li huma differenti minn dawk misjuba fis-Software ta' Apple li huwa liċenzjat hawn taħt jew fis-Servizzi pprovduti hawn taħt.

## 3. L-Obbligi Tiegħek

### 3.1 Ġenerali

Inti tiċċertifika lil Apple u taqbel li:

(a) Għandek l-età maġġuri legali fil-ġuriżdizzjoni li toqgħod fiha (mill-inqas 18-il sena f'ħafna pajjiżi jew reġjuni) u għandek id-dritt u l-awtorità li tidħol f'dan il-Ftehim f'ismek stess, jew jekk Inti qed tidħol f'dan il-Ftehim f'isem il-kumpanija tiegħek, organizzazzjoni, istituzzjoni edukattiva, jew aġenzija, istrumentalità, jew dipartiment tal-gvern federali, li Inti għandek id-dritt u l-awtorità li torbot legalment tali entità jew organizzazzjoni mat-termini u l-obbligi ta' dan il-Ftehim. Jekk Inti università, l-Iżviluppaturi Studenti Awtorizzati tiegħek għandhom l-età maġġuri legali fil-ġuriżdizzjoni li toqgħod fiha (mill-inqas 18-il sena f'ħafna pajjiżi jew reġjuni), u bħalissa huma rreġistrati fl-università tiegħek;

(b) L-informazzjoni kollha pprovduta minnek lil Apple jew lill-utenti aħħarin tiegħek b'rabta ma' dan il-Ftehim jew mal-Prodotti Koperti jew mal-Prodotti Korrispondenti tiegħek, inkluż mingħajr limitazzjoni Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata jew Informazzjoni dwar il-Pass, se tkun attwali, vera, preċiża, tista' tiġi appoġġjata u kompluta u, fir-rigward tal-informazzjoni li Inti tipprovdi lil Apple, Inti se tinnotifika lil Apple fil-pront bi kwalunkwe tibdil f'tali informazzjoni. Barra minn hekk, Inti taqbel li Apple tista' taqsam tali informazzjoni (inkluż indirizz elettroniku u indirizz postali) ma' partijiet terzi li għandhom bżonn ikunu jafu għal skopijiet relatati ma' dan (eż., mistoqsijiet dwar proprjetà intellettwali, mistoqsijiet dwar is-servizz tal-konsumatur, eċċ.);

(c) Inti se tikkonforma mat-termini ta' u tissodisfa l-obbligi tiegħek taħt dan il-Ftehim, inkluż il-kisba ta' kwalunkwe kunsens meħtieġ għall-użu mill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek tas-Software u tas-Servizzi ta' Apple, u Inti taqbel li tissorvelja u tkun kompletament responsabbli għal dan l-użu kollu mill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek u l-konformità tagħhom mat-termini ta' dan il-Ftehim;

(d) Int tkun unikament responsabbli għall-ispejjeż, l-infiq, it-telf u l-obbligi mġarrba kollha, u għall-attivitajiet imwettqa minnek u mill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek b'rabta mas-Software ta' Apple u mas-Servizzi ta' Apple, mal-Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati, mal-Apparat Reġistrat, mal-Prodotti Koperti tiegħek, mal-Prodotti Korrispondenti tiegħek, u mal-isforzi relatati tiegħek għall-iżvilupp u d-distribuzzjoni, inklużi, iżda mhux limitati għal, kwalunkwe sforz ta' żvilupp relatat, tagħmir tan-network u tas-server, servizz(i) tal-Internet, jew kwalunkwe hardware, software jew servizz ieħor użat minnek b'rabta mal-użu tiegħek ta' kwalunkwe servizz. L-Iżviluppaturi Studenti Awtorizzati ma jistgħu jaċċessaw l-ebda profil ta' intitolament ipprovdut lilek minn Apple, ħlief b'approvazzjoni mod ieħor bil-miktub minn Apple;

(e) Għall-finijiet tal-Iskeda 1 (jekk applikabbli), Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li Inti tippossjedi jew tikkontrolla d-drittijiet meħtieġa sabiex taħtar lil Apple u lis-Sussidjarji ta' Apple bħala l-aġent

tiegħek madwar id-dinja għall-kunsinna tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati tiegħek, u li t-twettiq ta' tali ħatra minn Apple u s-Sussidjarji ta' Apple m'għandhiex tikser id-drittijiet ta' xi parti terza; u
(f) M'intix se taġixxi bl-ebda mod li jkun f'kunflitt jew li jinterferixxi ma' kwalunkwe impenn jew obbligu eżistenti li jista' jkollok u l-ebda ftehim li Inti tkun dħalt fih qabel ma jinterferixxi fit-twettiq tiegħek tal-obbligi tiegħek taħt dan il-Ftehim.

### 3.2 Użu tas-Software ta' Apple u tas-Servizzi ta' Apple

Bħala kundizzjoni biex tuża s-Software ta' Apple u kwalunkwe Servizz ta' Apple, Inti taqbel li:
(a) Se tuża s-Software ta' Apple u kwalunkwe servizz għall-finijiet u bil-mod espressament permessi minn dan il-Ftehim u skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha biss;
(b) M'intix se tuża s-Software ta' Apple jew kwalunkwe Servizz ta' Apple: (1) għal kwalunkwe attività kontra l-liġi jew illegali, lanqas biex tiżviluppa xi Prodott Kopert jew Prodott Korrispondenti, li twettaq jew tiffaċilita t-twettiq ta' reat, jew att li jikkostitwixxi dannu (tort), att kontra l-liġi jew illegali ieħor; (2) biex thedded, tinċita, jew tippromwovi vjolenza, terroriżmu, jew ħsara serja oħra; jew (3) biex toħloq jew tqassam kwalunkwe kontenut jew attività li tippromwovi l-isfruttament jew l-abbuż sesswali tat-tfal;
(c) L-Applikazzjoni, il-Librerija u/jew il-Pass tiegħek se jiġu żviluppati f'konformità mad-Dokumentazzjoni u r-Rekwiżiti tal-Programm, li s-sett attwali tagħhom huwa stabbilit fit-**Taqsima 3.3** hawn taħt;
(d) Sa fejn taf u temmen, il-Prodotti Koperti jew il-Prodotti Korrispondenti tiegħek, l-Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata, il-Kontenut tal-Xcode Cloud u l-Informazzjoni tal-Pass ma jiksrux u mhux se jmorru kontra, jagħmlu miżappropprijazzjoni ta', jew jiksru xi drittijiet tal-awtur, trademarks, drittijiet ta' privatezza u pubbliċità, sigrieti kummerċjali, privattivi, jew drittijiet ta' proprjetà jew drittijiet legali oħra ta' Apple jew ta' parti terza (eż. drittijiet ta' kompożizzjoni mużikali jew rappreżentazzjoni, drittijiet tal-vidjow, drittijiet ta' fotografija jew ta' immaġni, drittijiet ta' logo, drittijiet ta' dejta ta' partijiet terzi, eċċ. għal kontenut u materjali li jistgħu jiġu inklużi fl-Applikazzjoni tiegħek);
(e) Permezz tal-użu tas-Software ta' Apple, taċ-Ċertifikati ta' Apple, tas-Servizzi ta' Apple jew b'xi mod ieħor, Inti m'intix se toħloq xi Prodott Kopert, Prodott Korrispondenti, jew kodiċi jew programm ieħor li: (1) jiskonnettja, jiħħekkja jew jinterferixxi b'xi mod ieħor mas-Soluzzjoni tas-Sigurtà, jew kwalunkwe sigurtà, iffirmar diġitali, ġestjoni tad-drittijiet diġitali, verifika jew mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni implimentati fi jew minn iOS, iPadOS, macOS, tvOS, visionOS, watchOS, is-Software ta' Apple, jew kwalunkwe Servizz jew software ieħor jew teknoloġija oħra ta' Apple, jew jippermettu li oħrajn jagħmlu dan (ħlief sal-limitu espressament permess minn Apple bil-miktub); jew (2) jiksru s-sigurtà, l-integrità, jew id-disponibbiltà ta' kwalunkwe utent, network, kompjuter jew sistema ta' komunikazzjoni;
(f) M'Inti se tikkommetti l-ebda att intenzjonat, direttament jew indirettament, li jinterferixxi ma' xi wieħed mis-Software jew mas-Servizzi ta' Apple, mal-intenzjoni ta' dan il-Ftehim, jew mal-prattiki kummerċjali ta' Apple, inkluż iżda mhux limitat għat-teħid ta' azzjonijiet li jistgħu jfixklu l-prestazzjoni jew l-użu maħsub tal-App Store, tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, tat-TestFlight, tal-Xcode Cloud, tad-distribuzzjoni Ad Hoc, jew tal-Programm (eż. tissottometti reċensjonijiet qarrieqa tal-Applikazzjoni tiegħek jew ta' kwalunkwe applikazzjoni ta' parti terza, tagħżel isem għall-Applikazzjoni tiegħek li jkun sostanzjalment simili għal isem ta' applikazzjoni ta' parti terza sabiex tinħoloq konfużjoni fost il-konsumaturi, jew tagħmel użu qarrieqi (squatting) minn ismijiet ta' applikazzjonijiet biex jiġi evitat l-użu leġittimu minn parti terza). Barra minn hekk, m'intix se tinvolvi ruħek, jew tħeġġeġ lil ħaddieħor biex jinvolvi ruħu, fi kwalunkwe att jew prattika kummerċjali illegali, inġusta, qarrieqa, frodulenti, mhux xierqa jew diżonesta relatata mal-Prodotti Koperti jew il-Prodotti Korripsondenti tiegħek (eż. involviment f'reklamar ta' prodotti bi prezzijiet qarrieqa, rappreżentazzjoni ħażina tal-konsumatur, prattiki kummerċjali qarrieqa, jew kompetizzjoni inġusta kontra żviluppaturi oħra);
(g) Applikazzjonijiet għal iOS, iPadOS, tvOS, visionOS, u watchOS żviluppati bl-użu tas-Software ta' Apple jistgħu jitqassmu biss jekk jintgħażlu minn Apple (kif jidhrilha xieraq hi biss) għad-distribuzzjoni permezz tal-App Store, għal distribuzzjoni beta permezz ta' TestFlight, jew permezz ta' distribuzzjoni Ad Hoc kif ikkontemplat f'dan il-Ftehim. L-Applikazzjonijiet għal iOS, iPadOS,

macOS, u tvOS jistgħu jiġu ddistribwiti wkoll permezz tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati. Passes żviluppati bl-użu tas-Software ta' Apple jistgħu jitqassmu lill-utenti aħħarin tiegħek permezz ta' email, sit elettroniku jew Applikazzjoni skont it-termini ta' dan il-Ftehim, inkluż l-Anness 5. Estensjonijiet ta' Safari ffirmati b'Ċertifikat ta' Apple jistgħu jiġu distribwiti lill-utenti aħħarin tiegħek skont it-termini ta' dan il-Ftehim, inkluż l-Anness 7. Applikazzjonijiet għal macOS jistgħu jiġu distribwiti barra mill-App Store bl-użu ta' Ċertifikati ta' Apple u/jew biljetti kif stipulat f'**Taqsima 5.3** u **5.4**; u

(h) Inti mhux se tuża jew tistiga s-Software jew is-Servizzi ta' Apple b'tali mod li Inti taf jew raġonevolment għandek tkun taf li jiġġenera, jew huwa maħsub li jiġġenera, kontenut li huwa illegali, jikkawża ħsara jew jikser, juża ħażin jew jikkawża vjolazzjoni tad-drittijiet ta' Apple jew ta' oħrajn. Barra minn hekk, Inti tiggarantixxi li għandek id-drittijiet u l-liċenzja kollha meħtieġa biex tuża l-informazzjoni li ddaħħal fis-Software jew is-Servizzi ta' Apple b'tali Software u Servizzi.

### 3.3 Rekwiżiti tal-Programm

Kwalunkwe Applikazzjoni li se tiġi sottomessa lill-App Store, lid-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, jew lil TestFlight, jew li se titqassam permezz ta' distribuzzjoni Ad Hoc, trid tiġi żviluppata f'konformità mad-Dokumentazzjoni u ma' dan il-Ftehim, inklużi r-Rekwiżiti tal-Programm stabbiliti hawn taħt f'din it-**Taqsima 3.3**. Prodotti korrispondenti, Libreriji, u Passes huma soġġetti għall-istess rekwiżiti.

#### 3.3.1 APIs, Funzjonalità, u Interfaċċja tal-Utent

#### A. APIs Dokumentati

L-applikazzjonijiet jistgħu jużaw biss APIs Dokumentati bil-mod preskritt minn Apple u m'għandhomx jużaw jew jikkomunikaw ma' kwalunkwe API privata. Barra minn hekk, l-Applikazzjonijiet macOS sottomessi lil Apple għad-distribuzzjoni fuq l-App Store jistgħu jużaw biss APIs Dokumentati inklużi fl-installazzjoni awtomatika ta' macOS, kif miġbura ma' Xcode u l-Mac SDK, jew kif miġbura ma' Swift Playgrounds; teknoloġiji li m'għadhomx appoġġjati (bħal Java) ma jistgħux jintużaw.

#### B. Kodiċi Eżekuttibbli

Ħlief kif stipulat fil-paragrafu li jmiss, Applikazzjoni ma tistax tniżżel jew tinstalla kodiċi eżekuttibbli. Kodiċi interpretat jista' jitniżżel f'Applikazzjoni iżda biss sakemm tali kodiċi: (a) ma jibdilx l-għan primarju tal-Applikazzjoni billi jipprovdi karatteristiċi jew funzjonalità li huma inkonsistenti mal-għan maħsub u rreklamat tal-Applikazzjoni; (b) ma jevitax l-iffirmar, is-sandbox, jew karatteristiċi oħra tas-sigurtà tal-OS; u (c) għal Applikazzjonijiet distribwiti fuq l-App Store, ma joħloqx store jew storefront għal Applikazzjonijiet oħra.

Applikazzjoni li hija ambjent ta' pprogrammar maħsuba biex tintuża fit-tagħlim dwar kif tipprogramma tista' tniżżel u tħaddem kodiċi eżekuttibbli sakemm jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin: (i) kodiċi eżegwibbli ma jistax jieħu aktar minn 80 fil-mija taż-żona tal-viżwalizzazzjoni tal-Applikazzjoni jew tal-iskrin ħlief kif permess mod ieħor fid-Dokumentazzjoni, (ii) l-Applikazzjoni għandha tippreżenta indikatur li jispikka b'mod raġonevoli għall-utent fl-Applikazzjoni biex jindika li l-utent ikun f'ambjent ta' pprogrammar, (iii) l-Applikazzjoni m'għandhiex toħloq store jew storefront għal kodiċi jew għal applikazzjonijiet oħra, u (iv) il-kodiċi tas-sors ipprovdut mill-Applikazzjoni għandu jkun kompletament viżibbli u jkun jista' jiġi editjat mill-utent (eż. l-ebda librerija jew oqfsa kkumpilati minn qabel ma jistgħu jiġu inklużi mal-kodiċi mniżżel).

#### C. Karatteristiċi jew Funzjonalità Addizzjonali

Mingħajr l-approvazzjoni minn qabel bil-miktub ta' Apple jew kif permess taħt it-**Taqsima 3.3.9(A)** (**In-App Purchase API**), Applikazzjoni ma tistax tipprovdi, tiftaħ jew tippermetti karatteristiċi jew funzjonalità addizzjonali permezz ta' mekkaniżmi ta' distribuzzjoni għajr l-App Store, id-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati jew it-TestFlight.

**D. Żoni tal-Kontenitur Magħżula, Applikazzjonijiet macOS**

Applikazzjoni għal iOS, watchOS, iPadOS, tvOS, jew visionOS tista' biss taqra dejta minn jew tikteb dejta fiż-żona tal-kontenitur magħżula ta' Applikazzjoni fuq l-apparat, ħlief kif speċifikat mod ieħor minn Apple. Għall-Applikazzjonijiet macOS sottomessi lil Apple għad-distribuzzjoni fuq l-App Store: (a) il-fajls kollha meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-Applikazzjoni fuq macOS għandhom ikunu fil-pakkett tal-Applikazzjoni mibgħut lil Apple u għandhom jiġu installati mill-App Store; (b) il-lokalizzazzjonijiet kollha jridu jkunu fl-istess pakkett ta' Applikazzjoni u ma jistgħux jinkludu grupp jew ġabra ta' applikazzjonijiet indipendenti fi ħdan pakkett wieħed ta' Applikazzjoni; (c) elementi nattivi tal-interfaċċja tal-utent jew imġiba ta' macOS (eż. il-menù tas-sistema, id-daqsijiet tal-window, il-kuluri, eċċ.) ma jistgħux jiġu mibdula, modifikati jew mibdula b'xi mod ieħor; (d) ma tistax tuża l-ebda ġestjoni tad-drittijiet diġitali jew mekkaniżmi oħra ta' kontroll ta' kopja jew ta' aċċess f'dawn l-Applikazzjonijiet, mingħajr il-permess bil-miktub ta' Apple jew kif speċifikat fid-Dokumentazzjoni; u (e) ħlief kif permess mod ieħor minn **Taqsima 3.3.9(A)** (**In-App Purchase API**), tali Applikazzjonijiet ma jistgħux jiffunzjonaw bħala mekkaniżmu ta' distribuzzjoni għal software u ma jistgħux jinkludu karatteristiċi jew funzjonalità li joħolqu jew jippermettu ħanut tas-software, kanal ta' distribuzzjoni jew mekkaniżmu ieħor għal twassil tas-software fi ħdan dawn l-Applikazzjonijiet (eż. applikazzjoni awdjo ma tistax tinkludi ħanut tal-plugins tal-filtri tal-awdjo fi ħdan l-Applikazzjoni).

**E. Modalità tal-Kompatibilità fuq iPadOS**

Applikazzjoni għal iOS għandu jkollha mill-inqas l-istess karatteristiċi u funzjonalità meta titħaddem minn utent fuq iPadOS fil-modalità tal-kompatibilità (eż. app tal-iPhone li taħdem f'window ta' daqs tal-iPhone ekwivalenti fuq iPad trid taħdem sostanzjalment bl-istess mod bħal meta titħaddem fuq l-iPhone; sakemm dan l-obbligu ma japplikax għal xi karatteristika jew funzjonalità li ma tkunx sostnuta minn apparat ta' hardware partikolari, bħal karatteristika ta' reġistrazzjoni tal-vidjow fuq apparat li ma jkollux kamera). Barra minn hekk, Inti taqbel li ma tinterferixxix jew tipprova tinterferixxi mal-operat tal-Applikazzjoni tiegħek fil-modalità tal-kompatibilità.

**F. Multitasking**

Tista' tuża s-servizzi tal-Multitasking biss għall-iskopijiet maħsuba tagħhom kif deskritt fid-Dokumentazzjoni.

**G. Dokumentazzjoni**

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-Linji Gwida tal-Interfaċċja għall-Bniedem (HIG, Human Interface Guidelines) u ma' Dokumentazzjoni oħra pprovduta minn Apple. Inti taqbel li ssegwi l-HIG biex tiżviluppa interfaċċja tal-utent u funzjonalità xierqa għall-Applikazzjoni tiegħek li tkun kompatibbli mad-disinn ta' prodotti tad-ditta Apple (eż. App ta' watchOS għandu jkollha interfaċċja tal-utent imfassla għal interazzjonijiet ta' malajr skont it-temi tad-disinn ta' watchOS tal-HIG).

**3.3.2 Konformità Regolatorja**

Inti se tissodisfa kwalunkwe rekwiżit regolatorju applikabbli, inkluża konformità sħiħa mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-politiki applikabbli kollha relatati mal-manifattura, mal-marketing, mal-bejgħ u mad-distribuzzjoni tal-Applikazzjoni tiegħek fl-Istati Uniti, u b'mod partikolari mar-rekwiżiti tal-Amministrazzjoni għall-Ikel u għall-Mediċini tal-Istati Uniti (FDA, Food and Drug Administration), kif ukoll ma' korpi regolatorji oħra tal-Istati Uniti bħall-FAA, HHS, FTC, u FCC, u l-liġijiet, ir-regolamenti u l-politiki ta' kwalunkwe korp regolatorju applikabbli ieħor fi kwalunkwe pajjiż, territorju jew reġjun fejn Inti tuża jew tagħmel l-Applikazzjoni tiegħek disponibbli, eż. MHRA, CFDA. Madankollu, Inti taqbel li m'Inti se tfittex l-ebda permess regolatorju ta' kummerċjalizzazzjoni jew tagħmel xi determinazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw biex kwalunkwe prodott ta' Apple jiġi meqjus bħala regolat jew li jistgħu jimponu kwalunkwe obbligu jew limitazzjoni fuq Apple. Billi tissottometti l-Applikazzjoni tiegħek lil Apple għall-għażla għad-distribuzzjoni, Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li Inti f'konformità sħiħa ma' kwalunkwe liġi,

regolament u politika applikabbli, inklużi iżda mhux limitati għal-liġijiet, regolamenti u politiki kollha tal-FDA, relatati mal-manifattura, mal-marketing, mal-bejgħ u mad-distribuzzjoni tal-Applikazzjoni tiegħek fl-Istati Uniti, kif ukoll f'pajjiżi, territorji, jew reġjuni oħra fejn qed tippjana li tagħmel l-Applikazzjoni tiegħek disponibbli. Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi wkoll li Inti se tikkummerċjalizza l-Applikazzjoni tiegħek biss għall-użu maħsub iċċarat jew approvat/għall-indikazzjoni maħsuba ċċarata u approvata tagħha u f'konformità stretta biss mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli. Fuq talba ta' Apple, Inti taqbel li tipprovdi minnufih kwalunkwe tali dokumentazzjoni ta' approvazzjoni biex tappoġġja l-kummerċjalizzazzjoni tal-Applikazzjoni tiegħek. Jekk tintalab mill-FDA jew minn korp governattiv ieħor li għandu bżonn jirrevedi jew jittestja l-Applikazzjoni tiegħek bħala parti mill-proċess ta' stħarriġ regolatorja tagħha, Inti tista' tipprovdi l-Applikazzjoni tiegħek lil tali entità għal skopijiet ta' reviżjoni. Inti taqbel li tinnotifika lil Apple fil-pront skont il-proċeduri stabbiliti fit-**Taqsima 14.5** dwar kwalunkwe lment jew theddid ta' lmenti rigward l-Applikazzjoni tiegħek b'rabta ma' kwalunkwe rekwiżit regolatorju bħal dan, f'liema każ Apple tista' tneħħi l-Applikazzjoni tiegħek mid-distribuzzjoni.

### 3.3.3 Dejta u Privatezza

### A. Reġistrazzjonijiet

Jekk l-Applikazzjoni tiegħek tiġbed jew tagħmel xi vidjow, mikrofonu, reġistrazzjonijiet tal-iskrin, jew reġistrazzjonijiet tal-kameras, kemm jekk issejvjati fuq l-apparat jew mibgħuta lil server (eż. immaġni, ritratt, reġistrazzjoni tal-vuċi jew tad-diskors, jew reġistrazzjoni oħra) (kollettivament "**Reġistrazzjonijiet**"), għandu jintwera indikatur tal-awdjo, viżiv jew ta' tip ieħor li jispikka raġonevolment għall-utent bħala parti mill-Applikazzjoni sabiex jindika li qed isseħħ Reġistrazzjoni. L-Applikazzjoni Tiegħek jista' jkun li mhijiex iddisinjata biex tiffaċilita Reġistrazzjonijiet tal-oħrajn mingħajr il-konoxxenza tagħhom.

- Barra minn hekk, kwalunkwe forma ta' ġbir, ipproċessar, manutenzjoni, tlugħ, sinkronizzazzjoni, ħażna, trażmissjoni, kondiviżjoni, żvelar jew użu ta' dejta, kontenut jew informazzjoni li ssir minn, permezz ta' jew b'rabta mal-Applikazzjoni Tiegħek għandha tikkonforma mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha dwar il-privatezza kif ukoll ma' kwalunkwe Rekwiżit tal-Programm relatat, inkluż iżda mhux limitat għal kwalunkwe rekwiżit ta' avviż jew kunsens.

### B. Ġbir u Użu tad-Dejta

Inti u l-Applikazzjonijiet tiegħek (u kwalunkwe parti terza li magħha Inti għamilt kuntratt biex tipprovdi r-reklami) ma tistgħux tiġbru dejta tal-utent jew tal-apparat mingħajr il-kunsens minn qabel tal-utent, kemm jekk tali dejta tinkiseb direttament mill-utent jew permezz tal-użu tas-Software ta' Apple, tas-Servizzi ta' Apple, jew tal-SDKs ta' Apple, u mbagħad biss biex tipprovdu servizz jew funzjoni li huma direttament rilevanti għall-użu tal-Applikazzjoni, jew biex tipprovdu r-reklami skont **Taqsimiet 3.3.3(E)**. Inti ma tistax twessa' jew b'xi mod ieħor tibdel l-ambitu tal-użu tad-dejta tal-utent jew tal-apparat miġbura qabel, mingħajr ma preċedentement tikseb il-kunsens tal-utent għal tali ġbir ta' dejta estiż jew mibdul mod ieħor. La Inti u lanqas l-Applikazzjoni tiegħek m'intom se tużaw xi identifikatur permanenti, ibbażat fuq apparat, jew kwalunkwe dejta derivata minnu, għal skopijiet ta' identifikazzjoni unika ta' apparat. U la Inti u lanqas l-Applikazzjoni tiegħek m'intom se tidderivaw xi dejta minn apparat għal skopijiet ta' identifikazzjoni unika ta' apparat jew utent.

Inti responsabbli biex tiżgura li l-Applikazzjoni tiegħek, inkluż kwalunkwe SDK ta' parti terza (jiġifieri, SDK mhux ipprovduta minn Apple), tikkonforma ma' dan il-Ftehim u mad-Dokumentazzjoni. Jekk l-Applikazzjoni tiegħek tuża ċerti APIs identifikati fid-Dokumentazzjoni, il-metadata fl-Applikazzjoni tiegħek trid tidentifika raġuni waħda jew aktar permessa li tirrifletti b'mod preċiż l-użu tiegħek ta' kull waħda minn dawk l-APIs u d-dejta derivata għall-użu tagħhom. Inti tista' tuża dawn l-APIs, u d-dejta derivata mill-użu tagħhom, għar-raġunijiet identifikati biss. Barra minn hekk, jekk l-Applikazzjoni tiegħek tinkludi SDK ta' parti terza li hija identifikata fid-Dokumentazzjoni bħala li tintuża b'mod komuni, Inti trid tiżgura li tali SDK ta' parti terza tiġi ffirmata mill-fornitur tal-SDK u tinkludi l-metadata meħtieġa kif deskritt fid-Dokumentazzjoni.

## C. Żvelar lill-Utenti

Inti trid tipprovdi informazzjoni ċara u kompleta lill-utenti rigward il-ġbir, l-użu u l-iżvelar tiegħek tad-dejta tal-utent jew tal-apparat, eż. deskrizzjoni tal-użu tiegħek tad-dejta tal-utent u tal-apparat fid-Deskrizzjoni tal-App fuq l-App Store. Barra minn hekk, Inti trid tieħu passi xierqa biex tipproteġi tali dejta minn użu, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat minn partijiet terzi. Jekk utent jieqaf jagħti l-kunsens jew jirrevoka b'mod affermattiv il-kunsens għall-ġbir, l-użu jew l-iżvelar min-naħa tiegħek ta' tali dejta tal-utent jew tal-apparat tal-utent, Inti (u kwalunkwe parti terza li magħha Inti għandek kuntratt biex tagħmel ir-reklami) trid twaqqaf dan l-użu kollu minnufih. Inti trid tipprovdi politika ta' privatezza fl-Applikazzjoni tiegħek, fl-App Store, u/jew fuq is-sit elettroniku tiegħek li tispjega l-ġbir, l-użu, l-iżvelar, il-qsim, iż-żamma u t-tħassir min-naħa tiegħek tad-dejta tal-utent jew tal-apparat. Inti taqbel li tinnotifika lill-utenti tiegħek, skont il-liġi applikabbli, fil-każ ta' vjolazzjoni tad-dejta li fih id-dejta tal-utent miġbura mill-Applikazzjoni tiegħek tkun kompromessa (eż. Inti tibgħat email li tinnotifika lill-utenti tiegħek jekk ikun hemm żvelar mhux intenzjonat jew użu ħażin tad-dejta tal-utent tagħhom).

## D. Rekwiżiti Legali u Oħrajn

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti kriminali, ċivili u statutorji applikabbli kollha, inklużi dawk fi kwalunkwe ġuriżdizzjoni li fiha l-Applikazzjonijiet tiegħek jistgħu jiġu offruti jew ikunu disponibbli. Barra minn hekk:

- Inti u l-Applikazzjoni trid tikkonforma mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha dwar il-privatezza u l-ġbir tad-dejta fir-rigward ta' kwalunkwe ġbir, użu jew żvelar ta' dejta tal-utent jew tal-apparat (eż., indirizz IP tal-utent, l-isem tal-apparat tal-utent, u kwalunkwe app installata assoċjata ma' utent);

- L-applikazzjonijiet ma jistgħux jiġu mfassla jew kummerċjalizzati għall-iskop ta' fastidju, abbuż, spamming, stalking, theddid jew li jiksru d-drittijiet legali b'xi mod ieħor (bħad-drittijiet tal-privatezza u l-pubbliċità) ta' ħaddieħor;

- La Inti u lanqas l-Applikazzjoni tiegħek ma tista' twettaq xi funzjoni jew rabta ma' xi kontenut, servizzi, informazzjoni jew dejta jew tuża xi robot, spider, tfittxija fuq sit jew applikazzjoni biex tieħu informazzjoni jew apparat ieħor ta' rkupru biex testratta, tagħmel mining ta', tirkupra, tagħmel cache ta', tanalizza jew tikkataloga software, dejta jew servizzi pprovduti minn Apple jew mil-liċenzjaturi tagħha, jew biex tikseb (jew tipprova tikseb) kwalunkwe dejta bħal din, ħlief id-dejta li Apple espressament tipprovdi jew tagħmel disponibbli lilek b'rabta ma' dawn is-servizzi. Inti taqbel li mhux se tiġbor, ixxerred jew tuża tali dejta għal xi skop mhux awtorizzat; u

- Jekk l-Applikazzjoni tiegħek hija maħsuba għar-riċerka li s-suġġett tagħha huwa l-bniedem jew inkella tuża l-HealthKit APIs għal użi kliniċi relatati mas-saħħa li jistgħu jinvolvu dejta personali (eż. ħażna ta' rekords tas-saħħa), allura taqbel li tinforma lill-parteċipanti dwar l-użi u l-iżvelar intenzjonati tad-dejta personali identifikabbli tagħhom bħala parti minn tali riċerka jew użi tas-saħħa klinika u biex tikseb il-kunsens minn dawn il-parteċipanti (jew il-kustodji tagħhom) li se jkunu qed jużaw l-Applikazzjoni tiegħek għal tali għanijiet ta' riċerka jew saħħa klinika. Barra minn hekk, Inti għandek tipprojbixxi lil partijiet terzi li tipprovdilhom kwalunkwe dejta li ma tistax twassal għal identifikazzjoni jew dejta kodifikata milli jerġgħu jidentifikaw (jew jippruvaw jerġgħu jidentifikaw) kwalunkwe parteċipant li juża din id-dejta mingħajr il-kunsens tal-parteċipant, u Inti taqbel li teħtieġ li tali partijiet terzi jgħaddu r-restrizzjoni preċedenti lil kwalunkwe parti oħra li tirċievi tali dejta li ma tistax twassal għal identifikazzjoni jew dejta kodifikata.

- Sakemm ma jkunx espressament permess minn Apple bil-miktub, Inti mhux se tuża s-Software jew Servizzi ta' Apple (inkluż iCloud, l-iCloud Storage APIs, il-CloudKit APIs, jew kwalunkwe komponent jew funzjoni tagħhom) biex toħloq, tirċievi, iżżomm jew tittrażmetti kwalunkwe informazzjoni sensittiva, informazzjoni dwar is-saħħa li tista' tiġi identifikata individwalment,

inkluż "informazzjoni protetta dwar is-saħħa" (kif tali terminu huwa definit f'45 C.F.R. § 160.103), jew tuża s-Software jew Servizzi ta' Apple b'xi mod li jagħmel lil Apple (jew kwalunkwe Sussidjarja ta' Apple) "assoċjat fin-negozju" tiegħek jew ta' kwalunkwe parti terza (kif huwa definit tali terminu f'45 C.F.R. § 160.103). Inti taqbel li tkun unikament responsabbli biex tikkonforma ma' kwalunkwe obbligu ta' rappurtar taħt il-liġi jew kuntratt li jirriżulta mill-ksur tiegħek ta' din it-Taqsima.

**E. Identifikatur tar-Reklami u Preferenza ta' Traċċar; Ad Network APIs**
Int u l-Applikazzjonijiet tiegħek (u kwalunkwe parti terza ma' min tagħmel kuntratt biex tipprovdi r-reklami) tistgħu tużaw l-Identifikatur tar-Reklamar, u kwalunkwe informazzjoni miksuba permezz tal-użu tal-Identifikatur tar-Reklamar, għall-iskop biss li jiġu pprovduti r-reklami. Jekk utent jirrisettja l-Identifikatur tar-Reklamar, mela Inti taqbel li ma tgħaqqadx, ma tikkorrelatax, ma' tillinkjax jew inkella ma tassoċjax b'xi mod ieħor, direttament jew indirettament, l-Identifikatur tar-Reklamar preċedenti u kwalunkwe informazzjoni derivata mal-Identifikatur tar-Reklamar irrisettjat. Għal Applikazzjonijiet miġbura għal kwalunkwe prodott tad-ditta Apple li jipprovdi aċċess għall-Ad Support APIs, Inti taqbel li tiċċekkja l-Preferenza ta' Traċċar ta' utent qabel ma tipprovdi kwalunkwe reklamar bl-użu tal-Identifikatur tar-Reklamar, u taqbel li tosserva s-setting ta' utent fil-Preferenza ta' Traċċar fil-Preferenza fl-użu tiegħek tal-Identifikatur tar-Reklamar kif ukoll fl-użu tiegħek ta' kwalunkwe dejta oħra tal-utent jew tal-apparat għat-traċċar.

Barra minn hekk, tista' titlob li tuża l-Ad Network APIs biex tintraċċa avvenimenti ta' konverżjoni tar-reklamar tal-applikazzjoni. Jekk Inti tingħata permess biex tuża l-Ad Network APIs, Inti taqbel li ma tużax tali APIs, jew kwalunkwe informazzjoni miksuba permezz tal-użu tal-Ad Network APIs, għal kwalunkwe skop minbarra l-verifika tal-informazzjoni dwar il-validazzjoni tar-reklami bħala parti minn avveniment ta' konverżjoni tar-reklamar. Inti taqbel li ma tgħaqqadx, ma tikkorrelatax, ma tillinkjax, jew ma tassoċjax b'xi mod ieħor, direttament jew indirettament, informazzjoni li hija pprovduta bħala parti mill-validazzjoni tar-reklami permezz tal-użu tal-Ad Network APIs ma' informazzjoni oħra li jista' jkollok dwar utent. Apple tirriżerva d-dritt li tirrifjuta kwalunkwe talba biex tuża l-Ad Network APIs, kif jidhrilha xieraq hi biss.

**F. Post u Mapep; Kunsensi tal-Utent**
(i) Applikazzjonijiet li jużaw APIs ibbażati fuq il-post (eż., Core Location, MapKit API, Apple Maps Server API) jew inkella jipprovdu servizzi bbażati fuq il-post ma jistgħux jiġu mfassla jew ikkummerċjalizzati għal kontroll awtomatiku jew awtonomu tal-imġiba tal-vettura, jew għal skopijiet ta' emerġenza jew ta' salvataġġ tal-ħajja.

(ii) Applikazzjonijiet li joffru servizzi jew funzjonalità bbażati fuq il-post, jew li b'xi mod ieħor jiksbu l-post ta' utent permezz tal-użu tas-Software ta' Apple jew tas-Servizzi ta' Apple, għandhom jinnotifikaw u jiksbu kunsens mingħand l-utent qabel ma tinġabar, tiġi trażmessa jew inkella tintuża b'xi mod ieħor id-dejta dwar il-post tal-utent permezz tal-Applikazzjoni u mbagħad tali dejta għandha tintuża biss kif l-utent ikun ta l-kunsens tiegħu u kif permess hawnhekk. Pereżempju, jekk tuża l-għażla tal-post "Dejjem" fl-Applikazzjoni Tiegħek għall-iskop ta' ġbir u użu kontinwu tad-dejta tal-post ta'utent, għandek tipprovdi ġustifikazzjoni definita b'mod ċar u benefiċċju għall-utent li jiġu ppreżentati lilu fil-ħin tal-permess.

(iii) Jekk tagħżel li tipprovdi s-servizz, id-dejta u/jew l-informazzjoni tiegħek ibbażati fuq il-post tiegħek flimkien mal-mapep ta' Apple ipprovduti permezz tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple (eż., is-superimpożizzjoni ta' mappa jew ta' rotta li Inti ħloqt fuq mappa ta' Apple), Inti tkun unikament responsabbli biex tiżgura li s-servizz, id-dejta u/jew l-informazzjoni tiegħek jallinjaw b'mod korrett ma' kwalunkwe mappa ta' Apple li tintuża. Għal Applikazzjonijiet li jużaw APIs ibbażati fuq il-post għan-navigazzjoni f'ħin reali (inklużi, iżda mhux limitati għal, gwida tar-rotta dawra b'dawra u rotta oħra li tiġi attivata permezz tal-użu ta' sensor), irid ikollok ftehim b'liċenzja ma' utent aħħari li jinkludi l-avviż li ġej: L-UŻU TIEGĦEK TA' DIN L-APPLIKAZZJONI TA' GWIDA

TAR-ROTTA F'ĦIN REALI HUWA UNIKAMENT GĦAR-RISKJU TIEGĦEK. ID-DEJTA TAL-POST TISTA' MA TKUNX EŻATTA.

(iv) L-Applikazzjonijiet m'għandhomx jiddiżattivaw, jegħlbu jew jinterferixxu b'xi mod ieħor ma' kwalunkwe notifika ta' allert tas-sistema, twissija, pannell tad-displej, pannell tal-kunsens u affarijiet simili implimentati minn Apple, inklużi, iżda mhux limitati għal, dawk li huma maħsuba biex jinnotifikaw lill-utent li d-dejta dwar il-post tal-utent, id-dejta dwar il-ktieb tal-indirizzi, il-kalendarju, ir-ritratti, id-dejta dwar l-awdjo, u/jew it-tfakkiriet qed jinġabru, jiġu trażmessi, jiġu miżmuma, jiġu pproċessati jew użati, jew ikunu maħsuba biex jiksbu kunsens għal tali użu. Barra minn hekk, jekk għandek l-abbiltà li żżid deskrizzjoni f'dawn in-notifiki ta' allerti, twissijiet, u pannelli tad-displej (eż. informazzjoni fl-istrings tal-iskop għall-Camera APIs), kwalunkwe deskrizzjoni bħal din għandha tkun preċiża u ma tirrappreżentax ħażin l-ambitu tal-użu. Jekk il-kunsens jiġi miċħud jew irtirat, l-Applikazzjonijiet ma jistgħux jiġbru, jittrażmettu, iżommu, jipproċessaw jew jutilizzaw tali dejta jew iwettqu xi azzjonijiet oħra li għalihom il-kunsens tal-utent ikun ġie miċħud jew irtirat.

(v) Jekk l-Applikazzjoni tiegħek (jew is-sit elettroniku jew l-applikazzjoni tal-web tiegħek, kif applikabbli) tuża jew taċċessa l-MapKit API, l-Apple Maps Server API jew il-MapKit JS minn apparat li jħaddem verżjoni 6 tal-iOS jew verżjonijiet ta' warajha, l-Applikazzjoni tiegħek (jew is-sit elettroniku jew l-applikazzjoni tal-web tiegħek, kif applikabbli) se taċċessa u tuża s-Servizz tal-Mapep ta' Apple. L-użu kollu tal-MapKit API, l-Apple Maps Server API, il-MapKit JS, u s-Servizz tal-Mapep ta' Apple għandu jkun skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi r-Rekwiżiti tal-Programm) u l-Anness 6 (Termini Addizzjonali għall-użu tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple).

(vi) L-Applikazzjoni Tiegħek tista' tuża l-Estensjoni tas-Servizz tal-Push tal-Post biex: (a) tippermetti lill-utenti finali jaqsmu l-post fejn jinsabu ma' min japprovaw b'mod espliċitu, jew (b) javżaw lill-eqreb persuni tal-ewwel rispons dwar emerġenza medika sensittiva għall-ħin, u l-Estensjoni tas-Servizz tal-Push tal-Post tista' tintuża biss għal dawk il-finijiet fl-Applikazzjoni Tiegħek. Billi żżid il-kapaċità mal-Applikazzjoni Tiegħek, Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li l-Applikazzjoni Tiegħek tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima u fid-Dokumentazzjoni.

Inti tifhem li hemm limiti tar-rata operazzjonali għall-użu tal-Estensjoni tas-Servizz tal-Push tal-Post, kemm għalik bħala żviluppatur kif ukoll għall-utenti finali Tiegħek, kif stipulat fid-Dokumentazzjoni. Jekk Inti jew l-utent finali Tiegħek tilħqu dawn il-limiti, Inti jew l-utent finali Tiegħek jista' jkun li ma tkunux tistgħu tużaw l-Estensjoni tas-Servizz tal-Push tal-Post sakemm ir-rata ta' użu Tiegħek jew tal-utent finali Tiegħek terġa' lura għal-livelli appoġġjati.

### G. Qafas Network Extension

L-Applikazzjoni tiegħek m'għandhiex taċċessa l-Qafas Network Extension sakemm l-Applikazzjoni tiegħek ma tkunx primarjament imfassla biex tipprovdi kapaċitajiet ta' networking, u Inti tkun irċevejt intitolament mingħand Apple għal tali aċċess. Inti taqbel ma' dan li ġej jekk tirċievi tali intitolament:

- Inti taqbel li tiżvela b'mod ċar lill-utenti aħħarin kif Inti u l-Applikazzjoni tiegħek se tkunu qed tużaw l-informazzjoni tagħhom tan-network u, jekk applikabbli, tiffiltraw id-dejta tan-network tagħhom, u Inti taqbel li tuża tali dejta u informazzjoni biss kif espressament ingħata l-kunsens mill-utent aħħari u kif espressament permess hawnhekk;

- Inti taqbel li taħżen u tittrażmetti informazzjoni jew dejta tan-network minn utent aħħari b'mod sigur u xieraq;

- Inti taqbel li ma tiddevjax id-dejta jew l-informazzjoni tan-network ta' utent aħħari permezz ta' xi proċessi mhux żvelati, mhux xierqa jew qarrieqa, eż. biex tiffiltraha permezz ta' sit elettroniku biex tikseb dħul mir-reklamar jew tagħmel spoofing sit elettroniku;

- Inti taqbel li ma tuża l-ebda dejta jew informazzjoni tan-network mill-utenti aħħarin biex tevita jew tegħleb xi settings tal-utent aħħari, eż. Inti ma tistax tintraċċa l-użu tan-network tal-Wi-Fi tal-utent aħħari biex tiddetermina l-lokalità tagħhom jekk huma ddiżattivaw is-servizzi tal-post tal-Applikazzjoni tiegħek; u

- Minkejja kull ħaġa kuntrarja f'**Taqsima 3.3.3(B)**, Inti u l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux tużaw il-Qafas Network Extension, jew kwalunkwe dejta jew informazzjoni miksuba permezz tal-Qafas tal-Estensjoni tan-Network, għal kwalunkwe skop għajr li jipprovdu kapaċitajiet ta' networking b'rabta mal-Applikazzjoni tiegħek (eż., mhux għall-użu tat-traffiku tal-Internet tal-utent aħħari biex tagħmel ir-reklamar jew biex b'xi mod ieħor tibni profili tal-utenti għar-reklamar).

Apple tirriżerva d-dritt li ma tagħtikx intitolament biex tuża l-Qafas Network Extension kif jidhrilha xieraq hi biss, u li tirrevoka tali intitolament fi kwalunkwe mument. Barra minn hekk, jekk tixtieq tuża l-APIs tal-Informazzjoni dwar il-Wi-Fi tal-Aċċess (li jipprovdu n-network tal-Wi-Fi li miegħu jkun imqabbad l-apparat), allura trid titlob intitolament mingħand Apple għal tali użu, u, minkejja kull ħaġa kuntrarja f'**Taqsima 3.3.3(B)**, tista' tuża tali APIs biss biex tipprovdi servizz jew funzjoni li huma direttament rilevanti għall-Applikazzjoni (eż., mhux biex tagħmel reklamar).

**H. HealthKit APIs; Motion & Fitness APIs; Journaling Suggestions APIs**

L-Applikazzjoni tiegħek m'għandhiex taċċessa l-HealthKit APIs jew l-Motion & Fitness APIs sakemm l-użu tat-tali APIs ma jkunx għal skopijiet ta' saħħa, moviment, u/jew fitness; lanqas ma tista' l-Applikazzjoni tiegħek taċċessa l-Journaling Suggestions API sakemm l-użu tat-tali API ma jkunx għal skopijiet tal-ġurnalar. Kwalunkwe użu bħal dan għandu jkun evidenti b'mod ċar fit-test tal-marketing u l-interfaċċja tal-utent tiegħek. Barra minn hekk:

- Minkejja kull ħaġa kuntrarja f'**Taqsima 3.3.3(B)**, Inti u l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux tużaw l-HealthKit APIs jew l-Motion & Fitness APIs, jew kwalunkwe informazzjoni miksuba permezz tal-HealthKit APIs jew l-Motion & Fitness APIs, għal kwalunkwe skop għajr li tipprovdi servizzi ta' saħħa, moviment, u/jew fitness b'rabta mal-Applikazzjoni tiegħek (eż., mhux biex tagħmel reklamar). Barra minn hekk, Inti u l-Applikazzjoni tiegħek m'għandkomx tużaw l-Journaling Suggestions API, jew tiġbru kwalunkwe informazzjoni permezz tal-Journaling Suggestions API, għal kwalunkwe skop, għajr li tipprovdi servizzi ta' ġurnalar b'rabta mal-Applikazzjoni tiegħek;

- M'għandekx tuża dawn l-APIs, jew kwalunkwe informazzjoni miksuba permezz ta' dawn l-APIs, biex tiżvela jew tipprovdi informazzjoni dwar is-saħħa, il-moviment, il-fitness, u/jew is-suġġerimenti għall-ġurnalar ta' utent aħħari lil parti terza mingħajr il-kunsens espress minn qabel tal-utent aħħari, u mbagħad għal skopijiet biss biex il-parti terza tkun tista' tipprovdi servizzi ta' saħħa, moviment, fitness, u/jew tal-ġurnalar kif permess hawnhekk. Pereżempju, Inti m'għandekx taqsam jew tbigħ informazzjoni miġbura permezz ta' dawn l-APIs lil pjattaformi ta' reklamar, sensara tad-dejta, jew bejjiegħa li jerġgħu jbigħu l-informazzjoni. Għaċ-ċarezza, Inti tista' tippermetti lill-utenti aħħarin jagħtu l-kunsens tagħhom biex jaqsmu d-dejta miġbura permezz tal-HealthKit APIs jew il-Motion & Fitness APIs ma' partijiet terzi għal skopijiet ta' riċerka medika; u

- Inti taqbel li tiżvela b'mod ċar lil utenti aħħarin kif Inti u l-Applikazzjoni tiegħek se tużaw l-informazzjoni dwar is-saħħa, il-moviment, il-fitness, u/jew is-suġġerimenti għall-ġurnalar tagħhom, u li tużaha biss kif espressament ingħata l-kunsens għaliha mill-utent aħħari u kif huwa espressament permess hawnhekk.

**I. HomeKit APIs**

L-Applikazzjoni tiegħek m'għandhiex taċċessa l-HomeKit APIs sakemm ma tkunx primarjament iddisinjata biex tipprovdi servizzi ta' konfigurazzjoni tad-dar jew ta' awtomazzjoni tad-dar (eż., tixgħel id-dawl, tgħolli bieb ta' garaxx) għal Aċċessorji Liċenzjati tal-HomeKit u dan l-użu jkun evidenti b'mod ċar fit-test tal-marketing u fl-interfaċċja tal-utent tiegħek. Inti taqbel li ma tużax

l-HomeKit APIs għal kwalunkwe skop għajr l-interfaċċjar, il-komunikazzjoni, l-interoperabilità ma' jew il-kontroll b'xi mod ieħor ta' Aċċessorju Liċenzjat tal-HomeKit jew għall-użu tal-Bażi tad-Dejta tal-HomeKit, u mbagħad biss għal skopijiet ta' konfigurazzjoni tad-dar jew ta' awtomazzjoni tad-dar b'rabta mal-Applikazzjoni tiegħek. Barra minn hekk:

- L-Applikazzjoni tiegħek tista' tuża informazzjoni miksuba mill-HomeKit APIs u/jew mill-Bażi tad-Dejta tal-HomeKit fuq prodott kompatibbli tad-ditta Apple biss u ma tistax tesporta, taċċessa b'mod remot jew tittrasferixxi informazzjoni bħal din barra mill-prodott applikabbli (eż., password tal-illokkjar ma tistax tintbagħat minn apparat ta' utent aħħari biex tinħażen f'bażi ta' dejta esterna li ma tkunx ta' Apple), sakemm ma jkunx espressament permess minn Apple fid-Dokumentazzjoni; u

- Minkejja kull ħaġa kuntrarja f'**Taqsima 3.3.3(B)**, Inti u l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux tużaw l-HomeKit APIs, jew kwalunkwe informazzjoni miksuba permezz tal-HomeKit APIs jew permezz tal-Bażi tad-Dejta tal-HomeKit, għal kwalunkwe skop għajr li tipprovdi jew ittejjeb servizzi ta' konfigurazzjoni tad-dar jew ta' awtomatizzazzjoni tad-dar b'rabta mal-Applikazzjoni tiegħek (eż., mhux biex tagħmel reklamar).

**J. App Intents u SiriKit**

(i) L-Applikazzjoni tiegħek tista' tirreġistra bħala destinazzjoni biex tuża d-dominji tal-intenzjonijiet tal-app u/jew SiriKit definiti minn Apple, iżda biss jekk l-Applikazzjoni tiegħek tkun iddisinjata biex tipprovdi risposti rilevanti lill-utent, jew inkella biex twettaq it-talba jew l-intenzjoni tal-utent, b'rabta mad-dominju applikabbli tal-intenzjonijiet tal-app (eż., posta, ritratti) jew id-dominju ta' SiriKit (eż., ride sharing) li huwa appoġġjat rispettivament mill-Applikazzjoni tiegħek u dan l-użu jkun evidenti b'mod ċar fit-test tal-marketing tiegħek u l-interfaċċja tal-utent. Barra minn hekk, l-Applikazzjoni tiegħek tista' tikkontribwixxi azzjonijiet għal App Intents u/jew għal SiriKit, iżda biss jekk tali azzjonijiet huma marbuta mal-imġiba jew mal-attività tal-utent fl-Applikazzjoni tiegħek u li għalihom tista' tipprovdi tweġiba rilevanti lill-utent jew tlesti t-tweġiba tal-utent. Inti taqbel li ma tissottomettix informazzjoni falza bl-użu tal-App Intents jew ta' SiriKit dwar kwalunkwe attività jew imġiba tal-utent bħal din jew inkella tinterferixxi mas-Software jew is-Servizzi ta' Apple.

(ii) L-Applikazzjoni tiegħek tista' tuża informazzjoni miksuba permezz tal-App Intents u/jew ta' SiriKit fuq prodotti ta' Apple appoġġjati biss u ma tistax tesporta, taċċessa jew tittrasferixxi mill-bogħod informazzjoni bħal din minn apparat ħlief sal-punt meħtieġ biex tipprovdi jew ittejjeb tweġibiet rilevanti lil utent jew biex twettaq talba ta' utent jew b'rabta mal-Applikazzjoni tiegħek. Minkejja kull ħaġa kuntrarja f'**Taqsima 3.3.3(B)**, int u l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux tużaw App Intents u/jew SiriKit, jew kwalunkwe informazzjoni miksuba permezz ta' App Intents u/jew SiriKit, għal kwalunkwe skop għajr li tipprovdu tweġibiet rilevanti lil utent jew li b'xi mod ieħor twettqu talba jew intenzjoni ta' utent b'rabta ma' dominju ta' SiriKit, dominju ta' intent tal-App, intent jew azzjoni appoġġjati mill-Applikazzjoni tiegħek u/jew biex ittejjeb ir-rispons tal-Applikazzjoni tiegħek għat-talbiet tal-utenti (eż., mhux biex tagħmel reklamar).

(iii) Jekk l-Applikazzjoni tiegħek tuża App Intents u/jew SiriKit biex tippermetti li d-dejta tal-awdjo tiġi pproċessata minn Apple, Inti taqbel li tiżvela b'mod ċar lill-utenti aħħarin li Inti u l-Applikazzjoni tiegħek se tibagħtu d-dejta tal-awdjo rrekordjata tagħhom lil Apple għal skopijiet ta' rikonoxximent tad-diskors, proċessar u/jew traskrizzjoni, u li tali dejta tal-awdjo tista' tintuża biex ittejjeb u tipprovdi l-prodotti u s-servizzi ta' Apple. Inti taqbel ukoll li tuża tali dejta tal-awdjo, u test rikonoxxut li jista' jintbagħat lura minn App Intents u/jew minn SiriKit, kif espressament ingħata l-kunsens għalih biss mill-utent aħħari u kif espressament permess hawnhekk.

(iv) Biex tuża App Intents sabiex tiġi mnedija permezz tal-buttuna tal-ġenb ta' iPhone, meta tkun ikkonfigurata minn utent aħħari, l-applikazzjoni konversazzjonali bbażata fuq il-vuċi tiegħek trid (1) tiġi mnedija f'esperjenza tal-vuċi bħala l-modalità primarja meta l-buttuna tkun magħfusa; u (2) wara t-tnedija, twieġeb b'mod xieraq għal mistoqsijiet jew talbiet u twettaq l-azzjonijiet.

**K. Ktieb tal-Indirizzi**

Jekk l-Applikazzjoni tiegħek taċċessa dejta mill-Ktieb tal-Indirizzi tal-utent aħħari permezz tal-Address Book API, Inti trid tinnotifika u tikseb il-kunsens mill-utent qabel ma d-dejta tiegħu tal-Ktieb tal-Indirizzi tiġi aċċessata jew użata mill-Applikazzjoni tiegħek. Barra minn hekk, l-Applikazzjoni tiegħek ma tistax tipprovdi mekkaniżmu awtomatizzat li jittrasferixxi biss il-porzjonijiet tad-Dejta ta' Facebook tal-Ktieb tal-Indirizzi tal-utent aħħari għalkollox f'post barra mill-apparat tal-utent aħħari. Għal raġunijiet ta' ċarezza, dan ma jipprojbixxix trasferiment awtomatizzat tal-Ktieb sħiħ tal-Indirizzi tal-utent, sakemm ir-rekwiżiti tan-notifiki u l-kunsens tal-utent ikunu ġew sodisfatti; u ma jipprojbixxix li l-utenti jkunu jistgħu jittrasferixxu xi porzjon tad-dejta tal-Ktieb tal-Indirizzi tagħhom manwalment (eż. Billi jaqtgħu u jippejstjaw) jew li jkunu jistgħu jagħżlu individwalment oġġetti ta' dejta partikolari li għandhom jiġu trasferiti.

**L. Dejta tal-Wiċċ**

Jekk l-Applikazzjoni tiegħek taċċessa d-Dejta tal-Wiċċ, mela Inti trid tagħmel dan biss sabiex tipprovdi servizz jew funzjoni li jkunu direttament rilevanti għall-użu tal-Applikazzjoni, u taqbel li tinforma lill-utenti dwar l-użi u l-iżvelar maħsuba tiegħek tad-Dejta tal-Wiċċ mill-Applikazzjoni tiegħek u biex tikseb kunsens ċar u evidenti minn dawn l-utenti qabel kwalunkwe ġbir jew użu tad-Dejta tal-Wiċċ. Minkejja kull ħaġa kuntrarja f'**Taqsima 3.3.3(B)**, la Inti u lanqas l-Applikazzjoni tiegħek (u lanqas kwalunkwe parti terza li magħha Inti għandek kuntratt biex tagħmel ir-reklami) ma tistgħu tużaw id-Dejta tal-Wiċċ biex tagħmlu r-reklami jew għal kwalunkwe skop ieħor mhux relatat. Barra minn hekk:

- Inti ma tistax tuża Dejta tal-Wiċċ b'mod li jikser id-drittijiet legali tal-utenti tiegħek (jew kwalunkwe parti terza) jew biex tipprovdi esperjenza illegali, inġusta, qarrieqa, frodulenti, mhux xierqa, ta' sfruttament jew oġġezzjonabbli lill-utent u mbagħad tista' tagħmel dan biss skont id-Dokumentazzjoni;

- Ma tistax tuża Dejta tal-Wiċċ għal skopijiet ta' awtentikazzjoni, reklamar jew marketing, jew biex inkella timmira utent aħħari b'mod simili;

- Ma tistax tuża Dejta tal-Wiċċ biex tibni profil ta' utent, jew inkella biex tipprova, tiffaċilita, jew tħeġġeġ lil partijiet terzi biex jidentifikaw utenti anonimi jew biex jibnu mill-ġdid profili tal-utent ibbażati fuq Dejta tal-Wiċċ;

- Inti taqbel li ma tittrasferixxix, ma taqsamx, ma tbigħx, jew ma tipprovdix b'xi mod ieħor Dejta tal-Wiċċ lil pjattaformi ta' reklamar, fornituri analitiċi, sensara tad-dejta, bejjiegħa li jerġgħu jbigħu l-informazzjoni jew partijiet oħra bħal dawn; u

- Id-Dejta tal-Wiċċ ma tistax tiġi kondiviża jew trasferita minn fuq l-apparat tal-utent sakemm Inti ma tkunx ksibt kunsens ċar u evidenti għat-trasferiment, u d-Dejta tal-Wiċċ tintuża biss fit-twettiq ta' servizz jew funzjoni speċifiċi għall-Applikazzjoni tiegħek (eż. ix-xbieha tal-wiċċ (face mesh) tintuża biex turi immaġni tal-utent fl-Applikazzjoni) u skont dawn it-termini u d-Dokumentazzjoni biss. Inti taqbel li tirrikjedi li s-Service Providers tiegħek jużaw id-Dejta tal-Wiċċ biss sal-punt limitat li jingħata l-kunsens għalih mill-utent u skont dawn it-termini biss.

**M. Qafas Background Assets**

Tista' tuża l-Qafas Background Assets biss biex tniżżel assi addizzjonali għall-Applikazzjoni tiegħek, li jiġu ddistribwiti permezz tal-App Store jew għall-ittestjar beta permezz ta' TestFlight; ebda użu ieħor ma huwa permess. Inti ma tistax tuża l-Qafas Background Assets biex tiġbor jew

tittrażmetti dejta sabiex tidentifika utent jew apparat, jew biex tagħmel reklamar jew kejl ta' reklami. L-użu tiegħek tal-Qafas Background Assets u l-assi mniżżla jeħtieġ li jikkonforma mat-termini ta' dan il-Ftehim, inkluż il-Linji Gwida ta' Rieżami tal-Apps mingħajr limitazzjoni.

**N. ID Verifier APIs**

L-Applikazzjoni tiegħek tista' tuża ID Verifier APIs biss għall-iskop li tippermetti l-verifika tal-età jew tal-ID tal-utenti aħħarin permezz tal-Applikazzjoni tiegħek. Barra minn hekk, Inti tirrikonoxxi u taqbel li:

- Apple mhijiex parti għall-ebda verifika tal-età jew tal-ID iffaċilitata permezz tal-użu tal-ID Verifier APIs u mhijiex responsabbli għall-ebda verifika ta' dan it-tip, inklużi iżda mhux limitati għall-frodi tal-identità;

- Inti se taħżen b'mod sikur kwalunkwe key privata u Dejta tal-Verifikatur tal-ID ipprovduti lilek bħala parti mill-użu tiegħek tal-ID Verifier APIs (eż., dawk ikkriptati fuq server) u skont kwalunkwe liġi applikabbli u d-Dokumentazzjoni;

- Inti mhux se tikkomunika mal-ID Verifier APIs jew inkella tipprova tikseb informazzjoni permezz tal-ID Verifier APIs għal skopijiet mhux relatati mal-verifika tal-età jew tal-ID tal-utenti aħħarin permezz tal-Applikazzjoni tiegħek;

- Apple m'għandha l-ebda responsabbiltà li tiżgura li l-verifiki tal-età jew tal-ID iffaċilitati mill-ID Verifier APIs ikunu ġew innotati b'mod xieraq u mogħtija l-kunsens mill-utenti aħħarin. Apple m'għandha tkun responsabbli fl-ebda każ għall-ebda verifika tal-età jew tal-ID mhux awtorizzata jew frodulenti; u

- Jekk Inti tissottometti talba għal ċertifikat lil Apple f'isem Negozjant għall-użu tal-ID Verifier APIs, Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li għandek awtorità espressa biex tagħmel dan bħala aġent tan-Negozjant, u Inti għandek tiżgura li n-Negozjant ikun qabel mat-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Verifikatur tal-ID ta' Apple għall-Partijiet li Tiddependi Fuqhom Kwalifikati. Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li Inti jew in-Negozjant biss tistgħu tużaw l-App tal-Verifikatur tal-ID Tiegħek biex issir verifika tal-identità.

**O. Qafas Sensitive Content Analysis**

Inti ma tistax tittrażmetti mill-apparat tal-utent l-ebda informazzjoni dwar jekk stampa jew vidjow ġewx identifikati mill-Qafas Sensitive Content Analysis bħala li fihom in-nudità.

**P. Declared Age Range API u Significant App Update Topic API**

L-Applikazzjoni tiegħek tista' taċċessa d-Declared Age Range API biex titlob il-medda tal-età ta' utent biss għall-iskop li tipprovdi kontenut u/jew karatteristiċi adattati għall-età għall-utenti aħħarin fl-Applikazzjoni Tiegħek, jew biex tikkonforma mal-liġijiet li jkollhom bżonn l-Applikazzjoni Tiegħek biex jirċievu informazzjoni dwar il-medda tal-età. Inti tifhem li d-dejta mid-Declared Age Range API hija bbażata fuq informazzjoni pprovduta lil Apple li hija ddikjarata minn utent aħħari, jew il-ġenitur jew il-kustodju tagħhom, u tista' tiġi kkonfermata bl-użu ta' metodu ta' ħlas (bħal kard tal-kreditu), ID tal-gvern, jew metodu ieħor. Inti ma tistax taqsam jew tbigħ dejta tal-utent miksuba minn din l-API lil sensara tad-dejta jew bejjiegħa li jerġgħu jbigħu l-informazzjoni. Inti unikament responsabbli biex tiżgura l-konformità mal-liġijiet jew ir-regolamenti assoċjati li jistgħu japplikaw Għalik, u tifhem li l-użu Tiegħek tad-Declared Age Range API u tas-Significant App Update Topic API huwa soġġett għat-**Taqsima 10 (Indennifikazzjoni)**.

**3.3.4 Drittijiet tal-Kontenut u Liċenzjar**

**A. Kontenut u Materjali**

(i) Kwalunkwe reġistrazzjoni oriġinali u kompożizzjoni mużikali inkorporati fl-Applikazzjoni tiegħek għandhom jappartjenu kompletament lilek jew ikunu liċenzjati lilek abbażi ta' ħlas

komplet u b'tali mod li ma jkunux jeħtieġu l-ħlas ta' xi tariffi, royalties u/jew somom minn Apple lilek jew lil xi parti terza. Barra minn hekk, jekk l-Applikazzjoni tiegħek se tiġi ddistribwita barra mill-Istati Uniti, kwalunkwe reġistrazzjoni originali u kompożizzjoni mużikali inkorporata fl-Applikazzjoni tiegħek (a) m'għandhiex taqa' taħt ir-repertorju ta' xi organizzazzjoni ta' ġbir jew ta' liċenzjar ta' drittijiet mekkaniċi jew ta' prestazzjoni/komunikazzjoni issa jew fil-futur u (b) jekk liċenzjata, għandha tkun ġiet liċenzjata esklussivament lilek għall-Applikazzjoni tiegħek minn kull sid tad-drittijiet tal-awtur applikabbli.

(ii) Jekk l-Applikazzjoni tiegħek tinkludi jew se tinkludi kwalunkwe kontenut ieħor, Inti trid jew ikollok is-sjieda ta' tali kontenut kollu jew ikollok permess mis-sid tal-kontenut biex tużah fl-Applikazzjoni tiegħek.

(iii) L-Applikazzjonijiet jistgħu jiġu rrifjutati jekk ikun fihom kontenut jew materjali ta' kwalunkwe tip (test, grafika, stampi, ritratti, ħsejjes, eċċ.) li fil-ġudizzju raġonevoli ta' Apple jistgħu jinstabu oġġezzjonabbli jew mhux xierqa, pereżempju, materjali li jistgħu jitqiesu oxxeni, pornografiċi, jew malafamanti.

(iv) L-Applikazzjonijiet m'għandux ikun fihom xi malware, kodiċi malizzjuż jew li jagħmel il-ħsara, programm, jew komponent intern ieħor (eż., viruses tal-kompjuter, trojan horses, "backdoors") li jistgħu jagħmlu ħsara, jeqirdu, jew jaffettwaw ħażin is-Software ta' Apple, is-servizzi, il-prodotti tad-ditta Apple jew software, firmware, hardware, dejta, sistemi, servizzi, jew networks oħrajn.

(v) Jekk l-Applikazzjoni tiegħek jew il-Prodott Korrispondenti tiegħek jinkludu xi FOSS, Inti taqbel li tikkonforma mat-termini kollha applikabbli tal-liċenzjar tal-FOSS. Inti taqbel ukoll li ma tuża l-ebda FOSS fl-iżvilupp tal-Applikazzjoni tiegħek jew tal-Prodott Korrispondenti tiegħek b'tali mod li jikkawża li l-partijiet mhux FOSS tas-Software ta' Apple jkunu soġġetti għal kwalunkwe terminu jew obbligu ta' liċenzjar ta' FOSS.

(vi) L-Applikazzjoni tiegħek tista' tinkludi sweepstake promozzjonali jew funzjonalità ta' konkors sakemm int tkun l-uniku sponsor tal-promozzjoni u sakemm Inti u l-Applikazzjoni tiegħek tikkonformaw ma' kwalunkwe liġi applikabbli u tissodisfaw kwalunkwe rekwiżit ta' reġistrazzjoni applikabbli fil-pajjiż, fit-territorju, jew fir-reġjun fejn Inti tagħmel l-Applikazzjoni tiegħek disponibbli u fejn il-promozzjoni tkun miftuħa. Inti taqbel li int unikament responsabbli għal kwalunkwe promozzjoni u kwalunkwe premju, u taqbel ukoll li tiddikjara b'mod ċar f'regoli uffiċjali vinkolanti għal kull promozzjoni li Apple ma tisponsorjax jew mhijiex responsabbli għat-twettiq tal-promozzjoni.

(vii) L-Applikazzjoni tiegħek tista' tinkludi link diretta għal paġna fuq is-sit elettroniku tiegħek fejn Inti tinkludi l-abbiltà għal utent aħħari li jagħmel kontribuzzjoni ta' karità, sakemm Inti tikkonforma ma' kwalunkwe liġi applikabbli (li tista' tinkludi l-għoti ta' rċevuta), u tissodisfa kwalunkwe rekwiżit applikabbli ta' regolament jew ta' reġistrazzjoni, fil-pajjiż, fit-territorju, jew fir-reġjun fejn Inti tippermetti li ssir il-kontribuzzjoni tal-karità. Inti taqbel ukoll li tiddikjara b'mod ċar li Apple mhix qed tiġbor fondi.

**B. Servizz Spotlight-Image-Search**

Sal-punt li Inti tipprovdi s-servizz spotlight-image-search ta' Apple b'aċċess għal kwalunkwe mid-dominji tiegħek li huma assoċjati mal-Applikazzjonijiet Liċenzjati tiegħek (id-"Dominju/i Assoċjat/i"), Inti b'dan qed tagħti permess lil Apple biex tagħmel crawling ta', testratta, tikkopja, tittrażmetti u/jew tagħmel cache tal-kontenut misjub fid-Dominju/i Assoċjat/i (il-"Kontenut Liċenzjat") għall-finijiet stabbiliti f'din it-taqsima. Il-Kontenut Liċenzjat għandu jitqies bħala Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata taħt dan il-Ftehim. B'dan qed tkompli tagħti liċenzja lil Apple biex tuża, tagħmel, tkun għamlet, tirriproduċi, tikkroppja u/jew timmodifika l-format tal-fajl, ir-riżoluzzjoni u d-dehra tal-Kontenut Liċenzjat (għall-finijiet li tnaqqas id-daqs tal-fajl, tikkonverti għal

tip ta' fajl appoġġjat u/jew għall-wiri ta' thumbnails), u biex turi pubblikament, twettaq pubblikament, tintegra, tinkorpora u tiddistribwixxi l-Kontenut Liċenzjat biex ittejjeb it-tfittxija, l-iskoperta, u d-distribuzzjoni għall-utent aħħari tal-Kontenut Liċenzjat fil-karatteristika tal-Messaġġi ta' Apple. Mat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim għal kwalunkwe raġuni, l-utenti aħħarin ta' prodotti tad-ditta Apple se jitħallew ikomplu jużaw u jiddistribwixxu l-Kontenut Liċenzjat kollu li jkunu kisbu permezz tal-użu ta' prodotti tad-ditta Apple qabel tali terminazzjoni.

### 3.3.5 Teknoloġiji għall-Intrapriża u l-Edukazzjoni

### A. Profili tal-Konfigurazzjoni

Il-Profili tal-Konfigurazzjoni ma jistgħux jingħataw lill-konsumaturi ħlief għal finijiet ta' konfigurazzjoni tas-settings tal-Wi-Fi, APN, VPN, jew MDM, jew kif espressament permess mod ieħor minn Apple fid-Dokumentazzjoni ta' Referenza tal-Profil tal-Konfigurazzjoni attwali dak iż-żmien. Qabel kwalunkwe azzjoni tal-utent biex juża Profil tal-Konfigurazzjoni, Inti trid tagħmel dikjarazzjoni ċara dwar liema dejta tal-utent se tinġabar u kif se tintuża fuq skrin tal-app jew fuq mekkaniżmu ieħor ta' notifika. Inti ma tistax taqsam jew tbigħ dejta tal-utent miksuba permezz ta' Profil tal-Konfigurazzjoni lil pjattaformi ta' reklamar, sensara tad-dejta, jew bejjiegħa li jerġgħu jbigħu l-informazzjoni. Barra minn hekk, Inti ma tistax taqbeż il-pannell ta' kunses għal Profil ta' Konfigurazzjoni jew kwalunkwe mekkaniżmu ieħor ta' Profil ta' Konfigurazzjoni.

### B. ClassKit APIs, Roster API

L-Applikazzjoni tiegħek m'għandhiex tinkludi l-ClassKit APIs sakemm ma tkunx imfassla primarjament biex tipprovdi servizzi edukattivi, u dan l-użu jkun evidenti b'mod ċar fit-test tal-marketing u fl-interfaċċja tal-utent tiegħek. Inti taqbel li ma tissottomettix dejta falza jew mhux preċiża permezz tal-ClassKit APIs jew li tipprova tiddefinixxi mill-ġdid il-kategoriji tad-dejta assenjati għad-dejta sottomessa permezz tal-ClassKit APIs (eż., id-dejta tal-post tal-istudenti mhijiex tip ta' dejta appoġġjata u m'għandhiex tiġi sottomessa).

Inti ma tistax taqsam, tbigħ, tittrasferixxi jew tiżvela Dejta tar-Roster lil xi partijiet terzi (eż., affiljati, pjattaformi ta' reklamar, sensara ta' dejta, bejjiegħa li jerġgħu jbigħu l-informazzjoni). Inti trid tipproċessa d-Dejta tar-Roster għal skopijiet edukattivi biss skont l-istruzzjonijiet tal-amministratur tal-IT tal-iskola. Inti trid tikkonforma mal-għażla tal-amministratur tal-IT tal-iskola li ma jġeddidx jew li jirrevoka l-kunsens tal-iskola biex tuża d-Dejta tar-Roster. Jekk l-amministratur tal-IT tal-iskola ma jġeddidx jew jirrevoka l-aċċess tiegħek għad-Dejta tar-Roster tal-iskola, Inti teħtieġ li teqred id-Dejta tar-Roster tal-iskola kollha fil-pussess tiegħek fi żmien tletin (30) jum. Inti responsabbli biex tikkonforma mar-rekwiżiti legali applikabbli kollha assoċjati mal-użu tiegħek tar-Roster API.

### C. Idħol b'Apple; Idħol b'Apple at Work & School

Tista' tuża Idħol b'Apple jew Idħol b'Apple at Work & School fil-Prodotti Korrispondenti tiegħek biss, sakemm l-użu tiegħek ikun komparabbli mal-inklużjoni ta' Idħol b'Apple jew Idħol b'Apple at Work & School, rispettivament, fl-Applikazzjoni tiegħek. Inti ma tistax taqsam jew tbigħ id-dejta tal-utent miksuba permezz ta' Idħol b'Apple jew permezz ta' Idħol b'Apple at Work & School lil pjattaformi ta' reklamar, sensara tad-dejta, jew bejjiegħa li jerġgħu jbigħu l-informazzjoni.

Jekk utent li juża Idħol b'Apple għażel li jagħmel id-dejta tal-utent tiegħu anonima bħala parti minn Idħol b'Apple, inti taqbel li ma tipprovax tillinkja tali dejta anonimizzata ma' informazzjoni li tidentifika direttament lill-individwu u li tinkiseb barra minn Idħol b'Apple mingħajr ma l-ewwel tikseb il-kunsens tal-utent.

Inti trid tipproċessa d-dejta li tirċievi minn Idħol b'Apple at Work & School biss skont l-istruzzjonijiet tal-amministratur tal-IT tal-organizzazzjoni.

Għall-finijiet ta' din it-**Taqsima 3.3.5(C)** biss, il-Prodotti Korrispondenti tiegħek għandu jkollhom l-istess titlu u karatteristiċi u funzjonalità sostanzjalment ekwivalenti bħall-Applikazzjoni

Liċenzjata tiegħek. Inti taqbel li ssegwi l-Linji Gwida dwar l-Użu għal Siti Elettroniċi u Pjattaformi Oħrajn meta tuża Idħol b'Apple (li jinsabu fuq https://developer.apple.com/sign-in-with-apple/usage-guidelines-for-websites-and-other-platforms/) fil-Prodotti Korrispondenti tiegħek. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-tifsira ta' "sit elettroniku jew app" fil-Linji Gwida dwar l-Użu għal Siti Elettroniċi u Pjattaformi Oħrajn tinkludi l-Prodotti Korrispondenti tiegħek li jagħmlu użu mis-Sign in with Apple APIs.

**D. Ġestjoni tal-Apparat Mobbli**

L-użu kollu tal-MDM għandu jkun skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi r-Rekwiżiti tal-Programm) u l-Anness 10 (Termini Addizzjonali għall-użu tal-MDM).

### 3.3.6 Teknoloġiji tad-Divertiment

**A. Game Center**

L-użu kollu tal-Game Center għandu jkun skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi r-Rekwiżiti tal-Programm) u l-Anness 3 (Termini Addizzjonali għall-Game Center).

**B. Single Sign-On API**

M'għandekx taċċessa jew tuża s-Single Sign-On API sakemm Inti ma tkunx Distributur tal-Ipprogrammar tal-Vidjow Multikanali (MVPD, Multi-channel Video Programming Distributor) jew sakemm l-Applikazzjoni tiegħek ma tkunx primarjament imfassla biex tipprovdi programmar tal-vidjow awtentikat permezz ta' servizz MVPD ibbażat fuq abbonament, u Inti tkun irċevejt intitolament minn Apple biex tuża s-Single Sign-On API. Jekk irċevejt tali intitolament, Inti permess li tuża s-Single Sign-On API biss għall-iskop li tawtentika l-intitolament ta' utent li jaċċessa l-kontenut MVPD tiegħek biex jarah fuq Prodott ta' Apple, skont l-Ispeċifikazzjoni tas-Single Sign-on. Kwalunkwe użu bħal dan għandu jkun konformi mad-Dokumentazzjoni għall-Ispeċifikazzjoni ta' Single Sign-On. Inti tirrikonoxxi li Apple tirriżerva d-dritt li ma tipprovdilekx tali intitolament, u li tirrevoka tali intitolament fi kwalunkwe mument, kif jidhrilha xieraq hi biss.

Jekk Inti tuża s-Single Sign-On API, Inti tkun responsabbli biex tipprovdi l-paġna ta' dħul aċċessata mill-utenti permezz tas-Single Sign-On API fejn l-utenti jidħlu biex jawtentikaw id-dritt tagħhom li jaċċessaw il-kontenut MVPD tiegħek. Inti taqbel li din il-paġna ta' dħul mhux se turi reklami, u li l-kontenut u d-dehra ta' tali paġna se jkunu soġġetti għar-rieżami u l-approvazzjoni minn qabel ta' Apple. Jekk tuża s-Single Sign-On API u Apple tipprovdi verżjoni aġġornata ta' tali API u/jew l-Ispeċifikazzjoni tas-Single Sign-on, Inti taqbel li taġġorna l-implimentazzjoni tiegħek biex tikkonforma mal-verżjoni u mal-ispeċifikazzjoni l-aktar ġodda fi żmien 3 xhur wara li tirċievi l-aġġornament minn Apple.

Inti tawtorizza lil Apple biex tuża, tirriproduċi u turi it-trademarks ipprovduti minnek għall-użu, b'konnessjoni mal-karatteristika tas-Single-Sign-On, inkluż l-użu fl-iskrins tal-interfaċċja tal-utent fi prodotti ta' Apple fejn l-utent jagħżel il-fornitur u jawtentika permezz ta' Single Sign-on, u/jew biex jipprovdi lista ta' apps lill-utent li huma aċċessibbli għalih permezz ta' Single Sign-On. Int tagħti wkoll id-dritt lil Apple li tuża screenshots u stampi ta' tali interfaċċja tal-utent, inkluż iżda mhux limitat għall-użu f'materjali struzzjonali, materjali ta' taħriġ, materjali ta' marketing, u reklamar fi kwalunkwe mezz. Id-dejta pprovduta permezz tas-Single Sign-On API se titqies Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata hawn taħt, iżda tkun soġġetta għal-limitazzjonijiet tal-użu stipulati f'din it-Taqsima.

M'għandekx tiġbor, taħżen jew tuża dejta pprovduta permezz tas-Single Sign-On API għal kwalunkwe skop għajr biex tawtentika d-dritt ta' utent li jaċċessa l-kontenut MVPD tiegħek fuq prodott Apple, biex tipprovdi lill-utent aċċess għall-kontenut MVPD tiegħek, u/jew biex tindirizza problemi ta' prestazzjoni u tekniċi bis-servizz MVPD tiegħek. M'intix se tipprovdi jew tiżvela dejta, kontenut jew informazzjoni miksuba mill-użu tas-Single Sign-On API lil xi parti oħra ħlief għal informazzjoni ta' awtentikazzjoni pprovduta lil fornitur ta' programmar tal-vidjow li l-ipprogrammar tiegħu jiġi offrut bħala parti minn abbonament ta' MVPD offrut minnek,

u biss għall-iskop li jiġi awtentikat id-dritt tal-utent li jaċċessa tali programmar tal-vidjow fuq prodott ta' Apple taħt l-abbonament ta' MVPD tal-utent.

**C. TV App API**

Inti ma tistax tuża t-TV App API sakemm (a) l-Applikazzjoni tiegħek ma tkunx primarjament imfassla biex tipprovdi programmar tal-vidjow, (b) Ma tkunx irċevejt intitolament mingħand Apple, u (c) L-użu tiegħek ikun skont l-Ispeċifikazzjoni tal-App tat-TV. Sal-punt li Inti tipprovdi Dejta tal-App tat-TV lil Apple, Apple tista' taħżen, tuża, tirriproduċi u turi tali dejta biss biex: (a) tipprovdi informazzjoni u rakkomandazzjonijiet lill-utenti tal-Karatteristiċi tal-App tat-TV, (b) tippermetti lill-utenti jużaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet u/jew informazzjoni biex jikkollegaw ma' kontenut għall-wiri permezz tal-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek, u/jew (c) tagħmel servisjar, manutenzjoni u ottimizzazzjoni ta' Karatteristiċi tal-App tat-TV. Fir-rigward ta' kwalunkwe Dejta tal-App tat-TV li tkun ġiet sottomessa minnek qabel it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim, Apple tista' tkompli tuża tali dejta skont din it-**Taqsima 3.3.6(C)** wara t-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim. Id-Dejta tal-App tat-TV se titqies bħala Informazzjoni Liċenzjata tal-Applikazzjoni taħt dan il-Ftehim, iżda tkun soġġetta għal-limitazzjonijiet tal-użu stipulati f'din it-Taqsima. Inti tirrikonoxxi li Apple tirriżerva d-dritt li ma tinkludix l-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek fil-Karatteristiċi tal-App tat-TV, kif jidhrilha xieraq hi biss.

Apple se tikseb il-kunsens tal-utent ibbażat fuq il-Kont ta' Apple tal-utent qabel ma tinkludi l-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek fil-Karatteristiċi tal-App tat-TV murija taħt dak il-Kont ta' Apple. Apple se tipprovdi wkoll lill-utenti l-kapaċità li jirtiraw tali kunsens fi kwalunkwe mument wara dan u li jħassru d-Dejta tal-App tat-TV tagħhom mis-sistemi ta' Apple. Barra minn hekk, Inti tista' titlob il-kunsens tal-utent ibbażat fuq is-sistema tal-ID tal-abbonaturi tiegħek stess. Inti responsabbli għall-konformità tiegħek mal-liġijiet applikabbli kollha, inkluża kwalunkwe liġi lokali applikabbli għall-kisba tal-kunsens tal-utent fir-rigward tal-forniment tiegħek tad-Dejta tal-App tat-TV lil Apple.

**D. MusicKit**

Inti taqbel li ma tikkomunikax mal-MusicKit APIs u ma tużax MusicKit JS (jew inkella tipprova tikseb informazzjoni permezz tal-MusicKit APIs jew MusicKit JS) għal skopijiet mhux relatati mal-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-abbonamenti ta' Apple Music tal-utenti aħħarin tiegħek. Jekk taċċessa l-MusicKit APIs jew il-MusicKit JS, allura trid issegwi l-Linji Gwida dwar l-Identità ta' Apple Music. Inti taqbel li ma titlobx ħlas għal jew li indirettament titlob flus għall-aċċess tas-servizz ta' Apple Music (eż. xiri fi ħdan l-app, reklamar, talba għal informazzjoni dwar l-utent) permezz tal-użu tiegħek tal-MusicKit APIs, tal-MusicKit JS, jew b'xi mod ieħor. Barra minn hekk:

- Jekk tagħżel li toffri playback tal-mużika permezz tal-MusicKit APIs jew tal-MusicKit JS, il-kanzunetti sħaħ għandhom ikunu attivati għall-playback, u l-utenti għandhom jibdew il-playback u jkunu jistgħu jinnavigawh billi jużaw kontrolli standard tal-media bħal "play," "pause," u "skip", u Inti taqbel li ma tirrappreżentax b'mod ħażin il-funzjonalità ta'dawn il-kontrolli;

- Inti ma tistax, u Inti ma tistax tippermetti lill-utenti aħħarin tiegħek li jniżżlu, itellgħu, jew jimmodifikaw kwalunkwe Kontenut tal-MusicKit, u l-Kontenut tal-MusicKit ma jistax jiġi sinkronizzat ma' kwalunkwe kontenut ieħor, sakemm ma jkunx permess mod ieħor minn Apple fid-Dokumentazzjoni;

- Tista' ddoqq biss il-Kontenut tal-MusicKit kif ipprovdut mill-MusicKit APIs jew il-MusicKit JS u kif permess biss fid-Dokumentazzjoni (eż. l-arti tal-album u t-test relatat mal-mużika mill-MusicKit API ma jistgħux jintużaw separatament mill-playback tal-mużika jew mill-ġestjoni tal-playlists);

- Il-metadata mill-utenti (bħal playlists u favoriti) tista' tintuża biss biex tipprovdi servizz jew funzjoni li jkunu żvelati b'mod ċar lill-utenti aħħarin u li jkunu direttament rilevanti għall-użu tal-Applikazzjoni, tas-sit elettroniku, jew ta' applikazzjoni tal-web tiegħek, kif determinat minn Apple kif jidhrilha xieraq hi biss; u

- Tista' tuża MusicKit JS biss bħala librerija waħedha fl-Applikazzjoni, fis-sit elettroniku jew fl-applikazzjoni tal-web tiegħek u kif permess biss fid-Dokumentazzjoni (eż., Inti taqbel li ma tikkombinax mill-ġdid il-MusicKit JS ma' xi kodiċi JavaScript ieħor jew li tniżżel separatament u terġa' tagħmel hosting għaliha).

**E. ShazamKit**

L-użu kollu tax-ShazamKit APIs għandu jkun skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi l-Linji Gwida tal-Identità ta' Apple Music u r-Rekwiżiti tal-Programm) u tad-Dokumentazzjoni. Jekk tagħżel li turi l-Kontenut ta' ShazamKit li jikkorrispondi għal kanzunetti disponibbli fuq Apple Music, allura trid tipprovdi link għall-kontenut rispettiv fi ħdan Apple Music skont il-Linji Gwida tal-Identità ta' Apple Music. Ħlief sal-limitu espressament permess hawnhekk, Inti taqbel li bl-ebda mod m'Inti se tikkopja, timmodifika, tittraduċi, toħloq xogħol derivattiv ta', tippubblika jew turi pubblikament il-Kontenut ta' ShazamKit. Barra minn hekk, Inti ma tistax tuża jew tqabbel id-dejta pprovduta mix-ShazamKit APIs għall-iskop li ttejjeb jew toħloq servizz ieħor ta' rikonoxximent tal-awdjo. Applikazzjonijiet li jużaw ix-ShazamKit APIs ma jistgħux jiġu ddisinjati jew ikkummerċjalizzati għal skopijiet ta' konformità (eż., liċenzjar tal-mużika u verifika tar-royalties).

**F. Apple Music Feed API**

L-użu kollu tal-Apple Music Feed API għandu jkun skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi l-Linji Gwida tal-Identità ta' Apple Music u r-Rekwiżiti tal-Programm) u tad-Dokumentazzjoni. Tista' turi l-Kontenut tal-Feed ta' Apple Music għall-finijiet tal-promozzjoni tas-suġġett tal-Kontenut tal-Feed ta' Apple Music fl-Applikazzjoni Tiegħek, sakemm tali kontenut (i) jitqiegħed biss fuq skrins li jippromwovu l-kontenut li fuqu huwa bbażat il-Kontenut tal-Feed ta' Apple Music; (ii) ikun qrib badge għal Apple Music li taġixxi bħala link direttament għal paġni fi ħdan Apple Music jew iTunes fejn il-konsumaturi jistgħu jaċċessaw il-mużika promossa; (iii) jinkludi attribuzzjoni li tindika li l-Kontenut tal-Feed ta' Apple Music kien "ipprovdut permezz ta' Apple Music" jekk tali Kontenut tal-Feed ta' Apple Music jinkludi previżjonijiet ta' kanzunetti jew vidjows mużikali; (iv) jiġi strimjat biss, u mhux jitniżżel, jiġi ssejvjat, ikkupjat fil-cache, jew sinkronizzat ma' vidjow, jekk tali Kontenut tal-Feed ta' Apple Music jinkludi previżjonijiet ta' kanzunetti jew vidjos mużikali; (v) ma jintużax għal valur ta' divertiment indipendenti għajr l-iskop promozzjonali tiegħu; u (vi) ma jintużax biex jippromwovi xi oġġetti jew servizzi oħra.

**3.3.7 Teknoloġiji tal-Infrastruttura**

**A. Aċċessorji MFi**

L-Applikazzjoni tiegħek tista' tinterfaċċja, tikkomunika, jew b'xi mod ieħor topera ma' jew tikkontrolla Aċċessorju MFi (kif definit hawn fuq) permezz ta' trasport mingħajr wajers jew permezz ta' konnetturi lightning jew ta' 30 pinn ta' Apple biss jekk (i) tali Aċċessorju MFi jkun liċenzjat taħt il-Programm MFi dak iż-żmien li Inti inizjalment tissottometti l-Applikazzjoni tiegħek, (ii) id-Detentur tal-Liċenzja MFi ikun żied l-Applikazzjoni tiegħek ma' lista ta' dawk approvati għall-interoperabbiltà mal-Aċċessorju MFi tagħhom, u (iii) id-Detentur tal-Liċenzja Mfi jkun irċieva approvazzjoni mill-Programm MFi għal tali żieda.

**B. Network Ċellulari**

(i) Jekk Applikazzjoni teħtieġ jew se jkollha aċċess għan-network ċellulari, tali Applikazzjoni teħtieġ ukoll:

- Li tikkonforma mal-aħjar prattiċi ta' Apple u linji gwida oħra dwar kif l-Applikazzjonijiet għandhom jaċċessaw u jużaw in-network ċellulari; u

- Li fil-ġudizzju raġonevoli ta' Apple ma tużax u ma tgħabbix b'mod eċċessiv jew bla bżonn il-kapaċità jew il-bandwith tan-network.

(ii) Minħabba li xi operaturi tan-network mobbli jistgħu jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-użu tal-funzjonalità tal-Voice over Internet Protocol (VoIP) fuq in-network tagħhom, bħall-użu tat-telefonija VoIP fuq network ċellulari, u jistgħu wkoll jimponu tariffi addizzjonali, jew ħlasijiet oħra b'rabta mal-VoIP. Inti taqbel li tinforma lill-utenti aħħarin, qabel ix-xiri, biex jiċċekkjaw it-termini tal-ftehim mal-operatur tagħhom, pereżempju billi tipprovdi tali avviż fit-test tal-marketing li Inti tipprovdi mal-Applikazzjoni tiegħek fuq l-App Store. Barra minn hekk, jekk l-Applikazzjoni tiegħek tippermetti lill-utenti aħħarin jibagħtu messaġġi bl-SMS jew jagħmlu telefonati bil-vuċi ċellulari, Inti trid tinforma lill-utent aħħari, qabel l-użu ta' tali funzjonalità, li jistgħu japplikaw rati standard ta' messaġġi jew ħlasijiet oħra tal-carriers għal tali użu.

**C. Servizz tan-Notifiki Push ta' Apple u Notifiki Lokali**

Kull użu tan-Notifiki Push permezz tas-Servizz tan-Notifiki Push ta' Apple jew ta' Notifiki Lokali għandu jkun skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi r-Rekwiżiti tal-Programm) u l-Anness 1 (Termini Addizzjonali għas-Servizz tan-Notifiki Push ta' Apple u Notifiki Lokali).

**D. iCloud**

Kull użu tal-iCloud Storage APIs u tal-CloudKit APIs, kif ukoll l-użu tiegħek tas-servizz tal-iCloud taħt dan il-Ftehim irid ikun skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi r-Rekwiżiti tal-Programm) u l-Anness 4 (Termini Addizzjonali għall-użu ta' iCloud).

**E. Estensjonijiet**

Applikazzjonijiet li jinkludu estensjonijiet fil-pakkett tal-Applikazzjoni għandhom jipprovdu xi funzjonalità lil hinn mill-estensjonijiet biss (eż. skrins ta' għajnuna, settings addizzjonali), sakemm Applikazzjoni ma tkunx tinkludi Estensjoni tal-WatchKit. Barra minn hekk:

- L-estensjonijiet (esklużi l-Estensjonijiet tal-WatchKit) jistgħu ma jinkludux reklamar, promozzjoni tal-prodott, marketing dirett, jew offerti ta' Xiri fi ħdan l-App fid-dehra tal-estensjoni tagħhom;

- L-estensjonijiet ma jistgħux jimblukkaw l-iskrin sħiħ ta' prodott tad-ditta Apple, jew jidderieġu mill-ġdid, jostakolaw jew jinterferixxu l-użu minn utent ta' applikazzjoni ta' żviluppatur ieħor jew ta' kwalunkwe funzjonalità jew servizz ipprovdut minn Apple b'mod mhux żvelat jew mhux mistenni;

- L-estensjonijiet jistgħu joperaw biss f'żoni magħżula minn Apple tal-iOS, watchOS, iPadOS, tvOS, jew visionOS kif stipulat fid-Dokumentazzjoni;

- L-estensjonijiet li jipprovdu funzjonalità tat-tastiera għandhom ikunu kapaċi joperaw indipendentement minn kwalunkwe aċċess għan-network u għandhom jinkludu karattri Unicode (vs immaġini bl-istampi biss);

- Kwalunkwe keystroke logging li jsir minn kwalunkwe estensjoni bħal din jeħtieġ li jiġi żvelat b'mod ċar lill-utent aħħari qabel ma tintbagħat tali dejta minn iOS jew iPadOS, u minkejja kull ħaġa oħra f'**Taqsima 3.3.3(B)**, tali dejta tista' tintuża biss għal skopijiet ta' forniment jew ta' titjib tal-funzjonalità tat-tastiera tal-Applikazzjoni tiegħek (eż., mhux biex tagħmel reklamar);

- Kwalunkwe ffiltrar ta' messaġġi li jsir minn estensjoni għandu jiġi żvelat b'mod ċar lill-utent aħħari, u minkejja kull ħaġa oħra f'**Taqsima 3.3.3(B)**, kwalunkwe dejta ta' SMS jew MMS (kemm jekk aċċessata permezz ta' estensjoni ta' ffiltrar tal-messaġġi jew mibgħuta minn iOS lil server korrispondenti ta' estensjoni tal-messaġġi) tista' tintuża biss għal skopijiet ta' forniment jew titjib

tal-esperjenza tal-messaġġi għall-utent billi jitnaqqas l-ispam jew jitnaqqsu messaġġi minn sorsi mhux magħrufa, u m'għandhiex tintuża biex tipprovdi r-reklamar jew għal xi skop ieħor. Barra minn hekk, dejta tal-SMS jew tal-MMS minn utent li tiġi aċċessata fl-estensjoni ma tista' tiġi esportata bl-ebda mod miż-żona tal-kontenitur magħżul tal-estensjoni; u

- L-Applikazzjoni tiegħek m'għandhiex tawtomatizza l-installazzjoni tal-estensjonijiet jew inkella tikkawża li l-estensjonijiet jiġu installati mingħajr l-għarfien tal-utent, u Inti trid tispeċifika b'mod preċiż lill-utent l-iskop u l-funzjonalità tal-estensjoni.

**F. DeviceCheck APIs**

Jekk tuża DeviceCheck APIs biex taħżen id-Dejta tad-DeviceCheck, trid tipprovdi mekkaniżmu biex il-klijenti jikkuntattjawk biex jerġgħu jissettjaw dawk il-valuri, jekk applikabbli (eż. tirresettja abbonament ta' prova jew tawtorizza mill-ġdid ċertu użu meta utent ġdid jakkwista l-apparat). Inti ma tistax tistrieħ fuq id-Dejta tad-DeviceCheck bħala identifikatur uniku ta' mġiba frodulenti u trid tuża d-Dejta tad-DeviceCheck biss b'rabta ma' dejta jew informazzjoni oħra, eż. id-Dejta tad-DeviceCheck ma tistax tkun l-uniku punt tad-dejta peress li apparat seta' ġie trasferit jew mibjugħ mill-ġdid. Apple tirriżerva d-dritt li tħassar kwalunkwe Dejta tad-DeviceCheck fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss, u Inti taqbel li ma toqgħodx fuq tali Dejta. Barra minn hekk, Inti taqbel li ma taqsamx it-tokens tad-DeviceCheck li tirċievi minn Apple ma' xi parti terza, ħlief ma' Service Provider li jaġixxi f'ismek.

**G. Qafas Wi-Fi Aware**

Inti u l-Applikazzjoni tiegħek tistgħu tużaw il-Qafas Wi-Fi Aware jew l-Informazzjoni ta' Wi-Fi Aware biss biex tipprovdi konnettività bejn il-pari u kapaċitajiet ta' trasferiment tad-dejta b'rabta mal-Applikazzjoni tiegħek. Inti u l-Applikazzjoni tiegħek tridu taħżnu l-Informazzjoni ta' Wi-Fi Aware u tittrażmettuha fost l-apparati li jistgħu jużaw il-Wi-Fi Aware tal-utenti aħħarin b' mod sigur u kriptat minn tarf sa tarf u ma tużawhiex għal skopijiet mhux relatati (eż., għar-reklamar). Inti u l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux taħżnu b'mod remot Informazzjoni ta' Wi-Fi Aware (eż. fuq servizz tal-cloud jew apparat remot ieħor) jew tużaw l-Informazzjoni ta' Wi-Fi Aware għall-monitoraġġ tal-post tal-utent aħħari. Inti tirrikonoxxi li l-użu tiegħek tal-Qafas Wi-Fi Aware huwa soġġett għat-**Taqsima 3.3.3**. L-Applikazzjoni tiegħek tista' ma żżommx il-konnessjoni attiva meta l-apparati akkoppjati jkunu inattivi. Apple tirriżerva d-dritt li timponi limiti fuq l-użu tal-Qafas Wi-Fi Aware jekk inkella l-użu tiegħu mill-Applikazzjoni Tiegħek ibaxxi l-prestazzjoni tal-apparat.

**H. TelephonyMessagingKit APIs**

Biex tuża t-TelephonyMessagingKit APIs, l-Applikazzjoni Tiegħek trid toffri l-kapaċità li tibgħat messaġġi mibdija mill-utent aħħari, u li tara l-messaġġi rċevuti preċedentement bl-użu ta' tali APIs. Inti u l-Applikazzjoni tiegħek tridu taħżnu u tittrażmettu l-messaġġi tal-utenti u l-metadejta assoċjata mill-użu tat-TelephonyMessagingKit APIs b'mod sigur (eż., il-messaġġi sinkronizzati ma' server għandhom jiġu kriptati waqt it-tranżitu u le). L-Applikazzjoni tiegħek ma tistax tuża t-TelephonyMessagingKit APIs biex tibgħat messaġġi mhux mitluba jew għal phishing jew spamming, inkluż iżda mhux limitat għal involviment fi kwalunkwe attività li tikser il-liġijiet u regolamenti kontra l-ispamming, jew li hija illegali b'xi mod ieħor.

**I. Default Dialer APIs**

Inti u l-Applikazzjoni tiegħek tridu taħżnu u tittrażmettu l-istorja tal-konverżazzjonijiet tal-utenti u l-metadejta assoċjata għat-telefonati bbażati fuq is-servizz tal-carrier mill-użu tad-Default Dialer APIs b'mod sigur (eż., l-istorja tal-konverżazzjonijiet sinkronizzata ma' server għandha tiġi kriptata waqt it-tranżitu u le). Inti u l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux tużaw d-Default Dialer APIs biex tibagħtu messaġġi mhux mitluba jew għal phishing jew spamming, inkluż iżda mhux limitat għal involviment fi kwalunkwe tip ta' attività li tikser il-liġijiet u regolamenti kontra l-ispamming, jew li hija illegali b'xi mod ieħor.

### 3.3.8 Teknoloġiji Oħrajn

### A. Xcode Cloud

(i) Sal-punt li Inti tuża s-Servizz ta' Xcode Cloud biex timmaniġġja l-Kontenut ta' Xcode Cloud tiegħek u biex tibni l-Applikazzjonijiet tiegħek, Inti b'dan tagħti lil Apple, lill-affiljati u lill-aġenti tagħha, liċenzja mhux esklussiva, globali, imħallsa għalkollox u mingħajr royalties biex jirriproduċu, jospitaw, jipproċessaw, juru, jittrażmettu, jimmodifikaw, joħolqu xogħlijiet derivattivi ta', u b'xi mod ieħor jużaw il-Kontenut tiegħek ta' Xcode Cloud għall-iskop biss li Apple tipprovdi s-Servizz ta' Xcode Cloud. Apple se tuża l-Kontenut tiegħek ta' Xcode Cloud li huwa unikament kodiċi tas-sors sabiex tipprovdilek is-Servizz ta' Xcode Cloud. Inti tagħraf u taqbel li: (a) Inti biss responsabbli għal tali Kontenut ta' Xcode Cloud, li fih Apple m'għandha l-ebda dritt ta' sjieda, (b) jekk tagħżel li tuża servizz ta' parti terza (eż., ospitar ta' kodiċi tas-sors, ħażna ta' artifatt, messaġġi, jew servizzi ta' ttestjar) mas-Servizz ta' Xcode Cloud, Inti responsabbli għall-konformità tiegħek mat-termini u mal-kundizzjonijiet li jirregolaw tali servizz ta' parti terza, (c) il-forniment ta' kontenut iġġenerat mill-utent (eż., binjiet) mis-Servizz ta' Xcode Cloud m'għandux jitqies bħala distribuzzjoni għal obbligi kuntrattwali jew ta' liċenzjar, (d) kwalunkwe eżekuzzjoni tal-Kontenut ta' Xcode Cloud tiegħek fi ħdan Xcode Cloud għandha tkun limitata għall-ittestjar tal-Kontenut ta' Xcode Cloud tiegħek, (e) m'għandekx tagħmel mining tal-muniti kripto billi tuża Xcode Cloud, u (f) il-Kontenut ta' Xcode Cloud tiegħek jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti għall-Applikazzjonijiet f'**Taqsimiet 3.3.4(A)(iv)** u **3.3.4(A)(v)**.

(ii) Filwaqt li bl-ebda mod ma tillimita d-drittijiet l-oħra ta' Apple taħt dan il-Ftehim, Apple tirriżerva d-dritt li tieħu azzjoni jekk kif jidhrilha xieraq hi biss, Apple tiddetermina jew ikollha raġuni biex temmen li Inti ksirt terminu ta' dan il-Ftehim. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu l-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-aċċess tiegħek għas-Servizz tal-Xcode Cloud, jew it-terminazzjoni tal-binja tiegħek.

(iii) Jekk inti rreġistrat fl-Apple Developer Program bħala organizzazzjoni bbażata fl-Unjoni Ewropea, it-termini addizzjonali għal Xcode Cloud relatati mar-Regolament (UE) 2023/2854 huma stipulati fuq https://developer.apple.com/download/files/EU-Data-Act-Terms-XcodeCloud.pdf.

### B. WeatherKit APIs

L-użu kollu tal-WeatherKit APIs għandu jkun skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi r-Rekwiżiti tal-Programm) u l-Anness 8 (Termini Addizzjonali għall-użu tal-WeatherKit APIs).

### C. Esperjenza Parzjalment Immersiva

Jekk Inti tagħżel li tipprovdi lill-utenti aħħarin b'esperjenza parzjalment immersiva (jiġifieri, bl-użu tal-istil .mixedReality), agħmel dan skont id-Dokumentazzjoni. Għall-esperjenzi li jostakolaw l-kamp tal-viżjoni tal-utent aħħari sal-punt deskritt fid-Dokumentazzjoni, ipprovdi esperjenza kompletament immersiva (jiġifieri, bl-użu tal-istil .virtualReality) minflok biex tippermetti l-limitu tas-sistema pprovdut minn visionOS.

### D. iWork API

Inti tista' tuża l-iWork API biss għall-iskop li jinħolqu previżjonijiet tad-dokumenti tal-utent aħħari maħżuna fuq l-Applikazzjoni tiegħek jew il-Prodott Korrispondenti tiegħek fil-formati tal-fajls ta' Pages, Keynote u Numbers ta' Apple, bil-konverżjoni ta' dawn id-dokumenti fil-format PDF. Meta tuża l-iWork API, id-dokument assoċjat ta' iWork jintbagħat lis-servers ta' Apple bil-għan li tiġi ġġenerata previżjoni. Għandek tavża lill-utent aħħari u/jew tikseb il-kunsens mill-utent aħħari f'konformità mad-Dokumentazzjoni u mal-liġijiet applikabbli.

### E. Fond Baxx u Pressjoni

L-Applikazzjoni tiegħek tista' tuża l-karatteristika tal-Fond Baxx u Pressjoni biex tipprovdi dejta tal-fond lill-utenti għall-użu biss f'attivitajiet f'ilma baxx (eż., l-għawm f'pixxina, l-għadis bil-maskra u l-pajp biss) u ma tistax tintuża f'app tal-għadis bl-akkwalang jew għal attivitajiet tal-ilma li jinvolvu

għadis taħt il-limitu tal-fond baxx stabbilit fid-Dokumentazzjoni. L-Applikazzjoni tiegħek tista' tuża biss id-dejta dwar il-fond sal-limiitu ta' utenti sal-limitu stabbilit fid-Dokumentazzjoni.

### F. Now Playing APIs

Billi tuża n-Now Playing APIs, Inti tifhem li l-Informazzjoni tal-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek, il-metadata assoċjata, it-trademarks u l-logos assoċjati mal-Applikazzjoni tiegħek, u l-kontenut jew l-informazzjoni li Inti tagħmel disponibbli permezz tan-Now Playing APIs ("Informazzjoni dwar X'Qed Jissemma' Bħalissa") jistgħu jkunu aċċessibbli permezz tal-Journaling Suggestions API. Inti taqbel li, sakemm ma tindikahiex biex tiġi eskluża, l-Informazzjoni dwar X'Qed Jissemma' Bħalissa tista' tintuża u tintwera b'konnessjoni mal-għoti ta' suġġerimenti għall-ġurnalar lill-utenti aħħarin permezz tal-Journaling Suggestions API, inkluż minn żviluppaturi oħra u l-applikazzjonijiet tagħhom.

### G. Critical Messaging API

L-Applikazzjoni tiegħek tista' tuża l-Critical Messaging API biss biex taċċessa l-kapaċitajiet tal-messaġġi permezz ta' SMS għal sitwazzjonijiet kritiċi. Ma tistax tuża l-Critical Messaging API biex tibgħat messaġġi mhux mitluba jew għal phishing jew spamming, inkluż iżda mhux limitat għal, involviment fi kwalunkwe tip ta' attivitajiet li jiksru liġijiet u regolamenti kontra l-ispamming, jew li huma ħżiena, mhux xierqa jew illegali b'xi mod ieħor. Apple ma tiggarantixxix id-disponibbiltà, l-eżattezza, l-affidabbiltà, jew il-puntwalità ta' messaġġi trażmessi permezz tal-Critical Messaging API.

### H. EnergyKit

L-użu kollu tal-EnergyKit għandu jkun skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi r-Rekwiżiti tal-Programm) u l-Anness 11 (Termini Addizzjonali għall-użu tal-EnergyKit).

### I. Qafas Foundation Models

Billi taċċessa, tippromptja, jew b'xi mod ieħor tuża l-Qafas Foundation Models, jew il-mudell aċċessat mill-Qafas Foundation Models, Inti taqbel li ssegwi, u li żżomm salvagwardji raġonevoli li jappoġġjaw, ir-Rekwiżiti tal-Użu Aċċettabbli tal-Qafas Foundation Models. Barra minn hekk, Inti taqbel li żżomm l-Adapters użati mill-Prodotti Koperti Tiegħek kompatibbli mal-ħarġa tal-mudell attwali bħalissa aċċessata mill-Qafas Foundation Models. Jekk tonqos milli tagħmel dan, l-Applikazzjoni tiegħek tista' tirriżulta inkompatibbli mal-ħarġa tal-OS attwali bħalissa u li tkun soġġetta għat-**Taqsima 6.8**.

### J. Qafas Wi-Fi Infrastructure

Inti u l-Applikazzjoni Tiegħek tistgħu tużaw il-Qafas Wi-Fi Infrastructure biss biex tittrażmettu l-Informazzjoni tal-Kondiviżjoni tan-Network tal-Wi-Fi miegħu, permezz tal-Estensjoni tat-Trasport tad-Dejta tal-Aċċessorju, minn apparat tad-ditta ta' Apple għal Aċċessorju tal-Wi-Fi fil-Mira Awtorizzat. Inti u l-Applikazzjoni Tiegħek tistgħu tittrażmettu l-Informazzjoni tal-Kondiviżjoni tan-Network tal-Wi-Fi biss sabiex l-Aċċessorju tal-Wi-Fi fil-Mira Awtorizzat ikun jista' jaqbad ma' network tal-Wi-Fi li l-apparat tad-ditta ta' Apple tal-utent aħħari jkun kapaċi jaqbad miegħu. Inti u l-Applikazzjoni Tiegħek tridu tittrażmettu l-Informazzjoni tal-Kondiviżjoni tan-Network tal-Wi-Fi direttament lill-Aċċessorju tal-Wi-Fi fil-Mira Awtorizzat, u dan għandu jsir biss b'mod sigur, awtentikat, u kriptat minn tarf sa tarf.

Inti jew l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux ixxerrdu l-Informazzjoni tal-Kondiviżjoni tan-Network tal-Wi-Fi ma' kwalunkwe Applikazzjoni oħra, jew ma' kwalunkwe apparat ieħor, ħlief l-Aċċessorju tal-Wi-Fi fil-Mira Awtorizzat. U Aċċessorju tal-Wi-Fi fil-Mira Awtorizzat ma jista' taħt l-ebda ċirkostanza jaqsam l-Informazzjoni dwar l-Infrastruttura tal-Wi-Fi ma' kwalunkwe apparat ieħor, inkluż l-apparat tad-ditta ta' Apple tal-utent aħħari jew kwalunkwe Aċċessorju tal-Wi-Fi fil-Mira Awtorizzat ieħor. Inti, l-Applikazzjoni Tiegħek, u l-Aċċessorju tal-Wi-Fi fil-Mira Awtorizzat ma tistgħux tużaw l-Informazzjoni tal-Kondiviżjoni tan-Network tal-Wi-Fi għal kwalunkwe skop ieħor

mhux relatat (eż., għar-reklamar, għall-bini tal-profili, għall-mudelli tat-taħriġ, għall-monitoraġġ tal-lokazzjoni). Inti tirrikonoxxi li l-użu tiegħek tal-Qafas Wi-Fi Infrastructure u tal-Informazzjoni tal-Kondiviżjoni tan-Network tal-Wi-Fi huwa soġġett għat-**Taqsima 3.3.3**. Barra minn hekk, inti tirrikonoxxi u taqbel li Inti u l-Applikazzjoni Tiegħek intom responsabbli lejn Apple għall-konformità tal-Aċċessorju tal-Wi-Fi fil-Mira Awtorizzat ma' din it-**Taqsima 3.3.8(J)**.

### 3.3.9 Tranżazzjonijiet u Passes

### A. In-App Purchase API

L-użu kollu tal-In-App Purchase API u s-servizzi relatati għandu jkun skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi r-Rekwiżiti tal-Programm) u l-Anness 2 (Termini Addizzjonali għall-Użu tal-In-App Purchase API).

### B. Wallet

L-iżvilupp tiegħek tal-Passes, u l-użu tal-ID tat-Tip tal-Pass u tal-Wallet taħt dan il-Ftehim, iridu jkunu skont it-termini ta' dan il-Ftehim (inklużi r-Rekwiżiti tal-Programm) u l-Anness 5 (Termini Addizzjonali għall-Passes).

### C. Apple Pay APIs

(i) L-Applikazzjoni tiegħek tista' tuża l-Apple Pay APIs biss għall-iskop li tiffaċilita tranżazzjonijiet ta' pagamenti li jsiru minn jew permezz tal-Applikazzjoni tiegħek, u biss għax-xiri ta' oġġetti u servizzi li għandhom jintużaw barra minn kwalunkwe iPhone, iPad, jew Apple Watch, sakemm ma jkunx permess mod ieħor bil-miktub minn Apple. Għaċ-ċarezza, xejn f'din it-**Taqsima 3.3.9(C)(i)** ma jissostitwixxi xi regoli jew rekwiżiti għall-użu tal-In-App Purchase API, inkluż iżda mhux limitat għal **Taqsima 3.3.1(C)** u l-linji gwida. Barra minn hekk:

- Inti tirrikonoxxi u taqbel li Apple ma tagħmilx parti minn xi tranżazzjonijiet ta' pagamenti iffaċilitati permezz tal-użu ta' Apple Pay APIs u mhix responsabbli għal xi tali tranżazzjoni, inkluż iżda mhux limitata għan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' xi kards għall-pagamenti tal-utent aħħari jew ta' frodi ta' pagamenti. Tranżazzjonijiet ta' pagamenti bħal dawn huma bejnek u bejn il-bank tiegħek, l-akkwirent, in-networks tal-kards, jew partijiet oħra li Inti tutilizza għall-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet, u Inti responsabbli biex tikkonforma ma' kwalunkwe ftehim li għandek ma' tali partijiet terzi. F'xi każijiet, ftehimiet bħal dawn jista' jkun fihom termini li jispeċifikaw drittijiet, obbligi jew limitazzjonijiet speċifiċi li Inti taċċetta u tassumi b'rabta mad-deċiżjoni tiegħek li tuża l-funzjonalità tal-Apple Pay APIs;

- Inti taqbel li taħżen b'mod sikur kwalunkwe key privata pprovduta lilek bħala parti mill-użu tiegħek tal-Apple Pay APIs (eż., kriptata fuq server) u skont id-Dokumentazzjoni. Inti taqbel li ma taħżen ebda informazzjoni dwar pagamenti tal-utent aħħari b'mod mhux kriptat fuq iPhone jew iPad. Għaċ-ċarezza, Inti ma tistax tiddikriptja tali informazzjoni ta' pagamenti tal-utent aħħari fuq iPhone jew iPad;

- Taqbel li ma tikkomunikax mal-Apple Pay APIs jew inkella li tipprova tikseb informazzjoni permezz tal-Apple Pay APIs għal skopijiet mhux relatati mal-faċilitazzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-pagamenti tal-utent aħħari;

- Jekk l-Applikazzjoni tiegħek taħżen il-bilanċi tal-utent aħħari, tista' tuża l-Apple Pay APIs biex tittrasferixxi l-fondi għall-kards tal-emittenti tagħhom ipprovduti fl-Apple Pay; u

- Jekk tuża l-Apple Pay APIs fl-Applikazzjoni tiegħek, allura taqbel li tuża sforzi kummerċjalment raġonevoli biex tinkludi Apple Cash bħala għażla ta' pagamenti mal-użu tiegħek tal-Apple Pay APIs skont id-Dokumentazzjoni u sakemm Apple Cash ikun disponibbli fil-ġuriżdizzjoni fejn l-Applikazzjoni hija ddistribwita.

(ii) Bħala parti mill-iffaċilitar ta' tranżazzjoni ta' pagament ta' utent aħħari permezz tal-Apple Pay APIs, Apple tista' tipprovdilek Apple Pay Payload (kemm jekk qed taġixxi bħala Negozjant, bħala Parti Intermedjarja, jew jekk qed turi l-paġna web tan-Negozjant li tiffaċilita tranżazzjoni ta' pagament ta' utent aħħari ta' Apple Pay). Jekk tirċievi Apple Pay Payload, allura taqbel ma' dan li ġej:

- Jekk Inti qed taġixxi bħala n-Negozjant, allura tista' tuża l-Apple Pay Payload biex tipproċessa t-tranżazzjoni ta' pagament tal-utent aħħari u għal użi oħra li Inti tiżvela lill-utent aħħari, u skont il-liġi applikabbli biss;

- Jekk qed taġixxi bħala Parti Intermedjarja, allura:

(a) Tista' tuża l-Apple Pay Payload biss għal skopijiet ta' faċilitazzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament bejn in-Negozjant u l-utent aħħari u għal skopijiet ta' ġestjoni tal-ordnijiet tiegħek stess bħala parti minn tali tranżazzjoni (eż., servizz tal-konsumatur);
(b) Taqbel li int mhux se żżomm id-dejta ta' Apple Pay Payload għal aktar żmien milli meħtieġ biex tissodisfa t-tranżazzjoni ta' pagament u l-għanijiet tal-ġestjoni tal-ordnijiet li għalihom tkun inġabret;
(c) Taqbel li ma tikkombinax dejta miksuba permezz tal-Apple Pay APIs, inkluż iżda mhux limitat għal, l-Apple Pay Payload ma' kwalunkwe dejta oħra li jista' jkollok dwar tali utent aħħari (ħlief sal-punt limitat meħtieġ għal skopijiet ta' ġestjoni tal-ordnijiet). Għaċ-ċarezza, Parti Intermedjarja ma tistax tuża dejta miksuba permezz tal-Apple Pay APIs għal skopijiet ta' reklamar jew ta' marketing, għall-iżvilupp jew għat-titjib ta' profil tal-utent, jew biex b'xi mod ieħor timmira lill-utenti aħħarin;
(d) Inti taqbel li tiżvela lill-utenti aħħarin li Inti Parti Intermedjarja għat-tranżazzjoni u li tipprovdi l-identità tan-Negozjant għal tranżazzjoni partikolari fuq il-Folja tal-Pagament ta' Apple Pay (minbarra li tinkludi ismek bħala Parti Intermedjarja); u
(e) Jekk tuża Negozjant, allura int tkun responsabbli biex tiżgura li n-Negozjant li tagħżel juża l-Apple Pay Payload ipprovdut mingħandek għall-finijiet biss tal-ipproċessar tat-tranżazzjoni ta' pagament tal-utent aħħari kif ukoll għal użi oħra li jkunu ġew żvelati lill-utent aħħari, u skont il-liġi applikabbli biss. Inti taqbel li jkollok ftehim bil-miktub vinkolanti ma' tali Negozjant b'termini li jkunu mill-inqas restrittivi u protettivi għal Apple bħal dawk stabbiliti hawnhekk. Kwalunkwe azzjoni meħuda minn kwalunkwe Negozjant bħal dan fir-rigward ta' tali Apple Pay Payload jew tat-tranżazzjoni tal-pagament għandha titqies li tkun ittieħdet minnek, u Inti (minbarra tali Negozjant) tkun responsabbli lejn Apple għal dawn l-azzjonijiet kollha (jew għal kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni). Fil-każ ta' kwalunkwe azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni minn tali Negozjant li tikkostitwixxi ksur ta' dan il-Ftehim jew inkella tikkawża xi ħsara, Apple tirriżerva d-dritt li titolbok tieqaf tuża tali Negozjant, u

- Jekk qed turi l-paġna web tan-Negozjant li qed jiffaċilita tranżazzjoni ta' pagament tal-utent aħħari ta' Apple Pay iżda li la qed jaġixxi bħala Parti Intermedjarja u lanqas bħala Negozjant (jiġifieri Inti qed tospita checkout ta' Negozjant permezz ta' WKWebView), allura:

(a) Taqbel li ma taċċessax Apple Pay Payload għal kwalunkwe raġuni, tkun xi tkun; u
(b) Taqbel li ma tużax informazzjoni li hija meħuda minn jew relatata mat-tranżazzjoni ta' pagament ta' Apple Pay għal skopijiet oħra minbarra l-wiri tal-paġna web tan-Negozjant.

- Jekk tuża l-Apple Pay APIs fil-Prodotti Korrispondenti tiegħek, Inti taqbel li ssegwi l-Linji Gwida dwar l-Użu Aċċettabbli għal Apple Pay fuq il-Web (li jinsabu fuq https://developer.apple.com/apple-pay/acceptable-use-guidelines-for-websites/), it-Termini u l-Kundizzjonijiet applikabbli tal-Web għall-Pjattaforma ta' Apple Pay, u ftehimiet relatati. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, meta Inti tuża l-Apple Pay APIs fil-Prodotti Korrispondenti tiegħek, it-tifsira ta' "sit elettroniku" fil-Linji Gwida Aċċettabbli dwar l-Użu għal Apple Pay fuq il-Web u "Sit Elettroniku" fit-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Web għall-Pjattaforma ta' Apple Pay u ftehimiet

relatati, tinkludi l-Prodotti Korrispondenti tiegħek li jagħmlu użu mill-Apple Pay APIs biex jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet.

- Għal din it-**Taqsima 3.3.9(C)** biss, "Apple" tfisser Apple Payments Services LLC, li tinsab f'6900 W. Parmer Lane, Office No. AC1-2225, Austin, Texas 78729, jekk Inti tinsab fl-Istati Uniti.

**D. Tap to Pay APIs**

(i) L-Applikazzjoni tiegħek tista' tuża t-Tap to Pay APIs biss għall-iskop li tippermetti lin-Negozjanti jwettqu t-tranżazzjonijiet permezz tal-Applikazzjoni tiegħek, u l-Applikazzjoni tiegħek m'għandhiex taċċessa t-Tap to Pay APIs sakemm Inti ma tkunx irċevejt intitolament mingħand Apple għal tali aċċess. Barra minn hekk, Inti tirrikonoxxi u taqbel ma' dan li ġej:

- Apple mhijiex parti għal xi tranżazzjonijiet iffaċilitati permezz tal-użu tat-Tap to Pay APIs u mhix responsabbli għal xi tranżazzjoni bħal din, inkluż iżda mhux limitat għan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' xi kards tal-pagamenti jew frodi ta' pagamenti. Tranżazzjonijiet bħal dawn huma bejnek, bejn in-Negozjant, u bejn is-Service Provider tal-Pagamenti tiegħek, l-akkwirent, in-networks tal-kards, jew partijiet oħra li Inti tuża għall-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet, u Inti responsabbli biex tikkonforma ma' kwalunkwe ftehim li għandek ma' tali partijiet terzi. F'xi każijiet, ftehimiet bħal dawn jista' jkun fihom termini li jispeċifikaw drittijiet, obbligi jew limitazzjonijiet speċifiċi li Inti taċċetta u tassumi b'rabta mad-deċiżjoni tiegħek li tutilizza l-funzjonalità tat-Tap to Pay APIs;

- Inti se taħżen b'mod sikur kwalunkwe key privata u Dejta tat-TTP (Tap to Pay) ipprovduta lilek bħala parti mill-użu tiegħek tat-Tap to Pay APIs (eż., dawk ikkriptati fuq server) u skont id-Dokumentazzjoni. Għaċ-ċarezza, Inti ma tistax tiddekriptja xi Dejta tat-TTP ikkriptjata sakemm ma tkunx qed tipproċessa d-Dejta tat-TTP bħala Service Provider tal-Pagamenti;

- Inti m'għandekx tikkomunika mat-TTP APIs jew inkella tipprova tikseb informazzjoni permezz tat-TTP APIs għal skopijiet mhux relatati sabiex tiffaċilita li n-Negozjanti jwettqu tranżazzjonijiet permezz tal-użu tal-Applikazzjoni tiegħek;

- Apple m'għandha l-ebda responsabbiltà li tivverifika li t-tranżazzjonijiet iffaċilitati mit-Tap to Pay APIs ġew awtorizzati kif suppost. Apple m'għandha tkun responsabbli fl-ebda każ għal xi tranżazzjonijiet mhux awtorizzati jew frodulenti;

- Inti taqbel li tuża sforzi kummerċjalment raġonevoli biex tinkludi Apple Pay bħala għażla ta' ħlas mal-użu tiegħek tat-Tap to Pay APIs skont id-Dokumentazzjoni u sakemm Apple Pay tkun disponibbli fil-ġuriżdizzjoni li fiha tiġi distribwita l-Applikazzjoni Tiegħek.

(ii) Apple tista' tipprovdilek Dejta tat-TTP (kemm jekk qed taġixxi bħala Negozjant jew bħala Parti Intermedjarja). Jekk tirċievi Dejta tat-TTP, Inti taqbel ma dan li ġej:

- Jekk Inti qed taġixxi bħala n-Negozjant, allura tista' tuża d-Dejta tat-TTP biss biex tipproċessa t-tranżazzjoni u għal skopijiet ta' ġestjoni tal-ordnijiet, f'kull każ skont il-liġi applikabbli;

- Jekk qed taġixxi bħala Parti Intermedjarja, allura: (a) Tista' tuża d-Dejta tat-TTP biss għall-iskop li tiġi ffaċilitata t-tranżazzjoni bejn in-Negozjant u l-klijent tan-Negozjant kif ukoll għal skopijiet ta' ġestjoni tal-ordnijiet; (b) Inti trid tillimita t-trasferiment jew l-iżvelar tad-Dejta tat-TTP lil dawk il-partijiet meħtieġa biss biex jiffaċilitaw it-tranżazzjoni; (c) Inti ma tistax iżżomm id-Dejta tat-TTP għal aktar żmien milli meħtieġ biex twettaq it-tranżazzjoni jew għal skopijiet ta' ġestjoni tal-ordnijiet; u (d) Inti ma tistax tgħaqqad dejta miksuba permezz tat-Tap to Pay APIs, inkluża iżda mhux limitata għal, id-Dejta tat-TTP ma' kwalunkwe dejta oħra li jista' jkollok dwar in-Negozjant jew dwar il-klijent tan-Negozjant involut fit-tranżazzjoni (ħlief sal-limitu ristrett meħtieġ biex tiġi ffaċilitata t-tranżazzjoni u għal skopijiet ta' ġestjoni tal-ordnijiet). Għaċ-ċarezza, Parti Intermedjarja ma tistax tuża dejta miksuba permezz tat-Tap to Pay APIs għal skopijiet ta'

reklamar jew marketing, għall-iżvilupp jew għat-titjib ta' profil ta' klijent ta' Negozjant, jew biex b'xi mod ieħor timmira lejn klijenti tan-Negozjant;

- Jekk m'intix qed taġixxi bħala Service Provider tal-Pagamenti, mela Inti jeħtieġ li: (i) jkollok ftehim ma' Service Provider tal-Pagamenti u (ii) tiżgura li tali Service Provider tal-Pagamenti juża d-Dejta tat-TTP miksuba minnek għal skopijiet biss ta' pproċessar tat-tranżazzjoni, li tista' tinkludi l-applikazzjoni ta' servizzi ta' skoperta ta' frodi, u minħabba għanijiet ta' ġestjoni tal-ordnijiet, f'kull każ, skont il-liġi applikabbli. Għaċ-ċarezza, tali Service Provider tal-Pagamenti huwa s-Service Provider tiegħek ta' Parti Terza. Kemm jekk Inti Negozjant jew Parti Intermedjarja, kwalunkwe azzjoni meħuda mis-Service Provider tal-Pagamenti tiegħek relatata mad-Dejta tat-TTP trasferita minnek lis-Service Provider tal-Pagamenti tiegħek għandha titqies li ttieħdet minnek, u Inti (flimkien mas-Service Provider tal-Pagamenti tiegħek) tkun responsabbli lejn Apple u lejn il-klijent tan-Negozjant għal dawn l-azzjonijiet kollha (jew kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni);

- Jekk Inti Parti Intermedjarja, allura l-Applikazzjoni tiegħek teħtieġ tikkonferma li kull Negozjant li juża l-Applikazzjoni tiegħek aċċetta u qabel mat-Termini u mal-Kundizzjonijiet tal-Pjattaforma Agħfas biex Tħallas qabel ma tippermetti lil tali Negozjant iwettaq kwalunkwe tranżazzjoni billi juża l-Applikazzjoni Tiegħek skont id-Dokumentazzjoni. Jekk Inti Negozjant, jeħtieġ li taċċetta u taqbel mat-Termini u mal-Kundizzjonijiet tal-Pjattaforma Agħfas biex Tħallas qabel ma twettaq xi tranżazzjoni fl-Applikazzjoni tiegħek.

Apple tirriżerva d-dritt kif jidhrilha xieraq hi biss li ma tagħtikx intitolament biex tuża t-Tap to Pay APIs u li tirrevoka tali intitolament fi kwalunkwe mument.

Għal din it-Taqsima 3.3.9(D) biss, "Apple" tfisser Apple Payments Services LLC, li tinsab f'6900 W. Parmer Lane, Office No. AC1-2225, Austin, Texas 78729, jekk Inti tinsab fl-Istati Uniti.

### 3.3.10 Servizzi Oħrajn jew Software

**A. Servizzi Addizzjonali jew Software li Għadu Ma Ħariġx**

Minn żmien għal żmien, Apple tista' tipprovdi aċċess għal Servizzi addizzjonali jew għal Software ta' Apple li għadu ma ħariġx biex Inti tużahom b'rabta mal-Applikazzjonijiet tiegħek, jew bħala utent aħħari għal skopijiet ta' evalwazzjoni. Xi wħud minn dawn jistgħu jkunu soġġetti għal termini u kundizzjonijiet separati minbarra dan il-Ftehim, f'liema każ l-użu tiegħek ikun soġġett ukoll għal dawk it-termini u l-kundizzjonijiet. Tali servizzi jew software jistgħu ma jkunux disponibbli fil-lingwi kollha jew fil-pajjiżi jew fir-reġjuni kollha, u Apple ma tagħmel l-ebda rappreżentazzjoni li se jkunu xierqa jew disponibbli għall-użu fi kwalunkwe post partikolari. Sa fejn Inti tagħżel li taċċessa tali servizzi jew software, Inti tagħmel dan fuq inizjattiva tiegħek stess u tkun responsabbli għall-konformità ma' kwalunkwe liġi applikabbli, inklużi iżda mhux limitati għal-liġijiet lokali applikabbli. Sa fejn kwalunkwe software bħal dan jinkludi l-karatteristika FaceTime jew Messaġġi ta' Apple, inti tagħraf u taqbel li meta tuża tali karatteristiċi, in-numri tat-telefon u l-identifikaturi tal-apparat assoċjati mal-Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati tiegħek, kif ukoll l-indirizzi tal-email u/jew l-informazzjoni tal-Kont ta' Apple li inti tipprovdi, jistgħu jintużaw u jinżammu minn Apple biex jipprovdu u jtejbu tali software u karatteristiċi. Ċerti servizzi li jsirulek aċċessibbli permezz tas-Software ta' Apple jistgħu jiġu pprovduti minn partijiet terzi. Inti tirrikonoxxi li Apple mhu se jkollha l-ebda obbligu jew responsabbiltà lejk jew lejn kwalunkwe persuna oħra (inkluż lejn kwalunkwe utent aħħari) għal kwalunkwe servizz ta' parti terza jew għal kwalunkwe servizz ta' Apple. Apple u l-liċenzjaturi tagħha jirriżervaw id-dritt li jibdlu, jissospendu, ineħħu, jew jiddiżattivaw l-aċċess għal kwalunkwe servizz fi kwalunkwe mument. Apple fl-ebda każ mhi se tkun responsabbli għat-tneħħija jew għad-diżattivazzjoni tal-aċċess għal tali servizzi. Barra minn hekk, ma' kwalunkwe rilaxx kummerċjali ta' tali software jew servizzi, jew aktar kmieni jekk mitlub minn Apple, Inti taqbel li twaqqaf kull użu tas-Software jew tas-Servizzi ta' Apple li għadhom ma ħarġux li jkunu ġew ipprovduti lilek bħala utent aħħari għal skopijiet ta' evalwazzjoni taħt dan il-Ftehim.

### B. Servizz tal-Ibbrawżjar Sigur fuq Google

Jekk l-Applikazzjoni Tiegħek taċċessa s-servizz tal-Ibbrawżjar Sigur fuq Google permezz tas-Software ta' Apple, tali aċċess ikun soġġett għat-termini tas-servizz ta' Google kif stipulati fuq https://developers.google.com/safe-browsing/terms. Jekk ma taċċettax dawn it-termini ta' servizz, allura Inti ma tistax tuża s-Servizz tal-Ibbrawżjar Sigur fuq Google fl-Applikazzjoni tiegħek, u Inti tagħraf u taqbel li tali użu jkun jikkostitwixxi l-aċċettazzjoni tiegħek ta' tali termini tas-servizz.

## 4. Bidliet għar-Rekwiżiti jew għat-Termini tal-Programm

Apple tista' tbiddel ir-Rekwiżiti tal-Programm jew it-termini ta' dan il-Ftehim fi kwalunkwe mument. Rekwiżiti ġodda jew modifikati tal-Programm mhux se japplikaw b'mod retroattiv għall-Applikazzjonijiet li diġà qed jiġu ddistribwiti permezz tal-App Store jew permezz tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati; dment li Inti taqbel li Apple tirriżerva d-dritt li tneħħi Applikazzjonijiet mill-App Store jew mid-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati li ma jkunux konformi mar-Rekwiżiti l-ġodda jew modifikati tal-Programm fi kwalunkwe mument. Sabiex tkompli tuża s-Software ta' Apple, iċ-Ċertifikati ta' Apple jew kwalunkwe Servizz, Inti teħtieġ li taċċetta u taqbel mar-Rekwiżiti l-ġodda tal-Programm u/jew mat-termini l-ġodda ta' dan il-Ftehim. Jekk ma taqbilx mar-Rekwiżiti l-ġodda tal-Programm jew mat-termini l-ġodda, l-użu tiegħek tas-Software ta' Apple, taċ-Ċertifikati ta' Apple u kwalunkwe Servizz se jiġi sospiż jew terminat minn Apple. Inti taqbel li l-aċċettazzjoni tiegħek ta' tali termini ġodda tal-Ftehim jew tar-Rekwiżiti tal-Programm tista' tiġi indikata elettronikament, inkluż mingħajr limitazzjoni, billi timmarka kaxxa jew tikklikkja fuq buttuna "naqbel" jew simili. Xejn f'din it-Taqsima m'għandu jaffettwa d-drittijiet ta' Apple taħt it-**Taqsima 5 (Ċertifikati ta' Apple; Revoka)**.

## 5. Ċertifikati ta' Apple; Revoka

### 5.1 Rekwiżiti taċ-Ċertifikat

L-Applikazzjonijiet kollha jridu jiġu ffirmati b'Ċertifikat ta' Apple sabiex jiġu installati fuq Unitajiet ttal-Ittestjar Awtorizzati, Apparati Reġistrati, jew sottomessi lil Apple għad-distribuzzjoni permezz tal-App Store, tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, jew tat-TestFlight. Bl-istess mod, il-Passes kollha jridu jkunu ffirmati b'Ċertifikat ta' Apple biex jiġu rikonoxxuti u aċċettati minn Wallet. L-Estensjonijiet ta' Safari jridu jkunu ffirmati b'Ċertifikat ta' Apple biex jaħdmu f'Safari fuq macOS. Jeħtieġ li tuża ID tas-Sit Elettroniku biex tibgħat Notifiki Push ta' Safari fuq id-desktop tal-macOS ta' utenti li għażlu li jirċievu tali Notifiki għas-Sit tiegħek permezz ta' Safari fuq macOS. Tista'wkoll tikseb Ċertifikati u keys ta' Apple oħra għal skopijiet oħra kif stipulat hawnhekk u fid-Dokumentazzjoni.

B'rabta ma'dan, Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi lil Apple li:
(a) M'inti se tieħu l-ebda azzjoni biex tinterferixxi mat-tħaddim normali ta' kwalunkwe Ċertifikat, key jew Profil ta' Provvediment ta' Apple;
(b) Inti unikament responsabbli biex tipprevjeni lil kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni mhux awtorizzata milli jkollha aċċess għaċ-Ċertifikati u għall-keys tiegħek ta' Apple, u se tagħmel l-almu tiegħek biex tissalvagwardja ċ-Ċertifikati u l-keys tiegħek ta' Apple milli jiġu kompromessi (eż., Mhux se ttella' ċ-Ċertifikat ta' Apple tiegħek għad-distribuzzjoni fuq l-App Store fuq repożitorju tal-cloud għal użu minn parti terza);
(c) Inti taqbel li tinnotifika immedjatament lil Apple bil-miktub jekk għandek xi raġuni biex temmen li kien hemm tbagħbis ta' xi Ċertifikati jew keys tiegħek ta' Apple;
(d) M'intix se tipprovdi jew tittrasferixxi Ċertifikati jew keys ta' Apple pprovduti taħt dan il-Programm lil xi parti terza (ħlief għal Service Provider li qed jużahom f'ismek f'konformità ma' dan il-Ftehim u biss sal-punt limitat espressament permess minn Apple fid-Dokumentazzjoni jew f'dan il-Ftehim (eż., Inti projbit milli tipprovdi jew tittrasferixxi ċ-Ċertifikati ta' Apple tiegħek li jintużaw għad-distribuzzjoni jew għas-sottomissjoni lill-App Store lil Service Provider), u Inti mhux se tuża ċ-Ċertifikati ta' Apple tiegħek biex tiffirma l-applikazzjoni, il-pass, l-estensjoni, in-notifika, l-implimentazzjoni jew is-sit ta' xi parti terza;

(e) Inti se tuża kwalunkwe Ċertifikat jew key ta' Apple pprovduta taħt dan il-Ftehim kif permess biss minn Apple u skont id-Dokumentazzjoni; u
(f) Inti se tuża Ċertifikati ta' Apple pprovduti taħt dan il-Programm esklussivament għall-iskop li tiffirma l-Passes tiegħek, tiffirma l-Estensjonijiet ta' Safari tiegħek, tiffirma l-pakkett tar-reġistrazzjoni tas-Sit tiegħek, taċċessa s-servizz tal-APN, u/jew tiffirma l-Applikazzjonijiet tiegħek għall-ittestjar, għas-sottomissjoni lil Apple, għall-MDM, u/jew għal distribuzzjoni limitata għall-użu fuq Apparati Reġistrati jew fuq Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati kif ikkontemplat taħt dan il-Programm, jew kif permess mod ieħor minn Apple, u biss skont dan il-Ftehim. Bħala eċċezzjoni limitata għal dak li ntqal hawn fuq, Inti tista' tipprovdi verżjonijiet tal-Applikazzjonijiet tiegħek lis-Server Providers tiegħek biex jiffirmaw biċ-ċertifikati tagħhom tal-iżvilupp maħruġa minn Apple, iżda biss għall-finijiet li jwettqu l-ittestjar tal-Applikazzjonijiet tiegħek f'ismek fuq prodotti tal-marka Apple li jkunu qed jaħdmu bl-iOS, bil-watchOS, bl-iPadOS, bit-tvOS, u/jew bil-visionOS u sakemm tali ttestjar jitwettaq kollu internament mis-Service Providers tiegħek (eż., l-ebda distribuzzjoni esterna tal-Applikazzjonijiet tiegħek) u li l-Applikazzjonijiet tiegħek jitħassru f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li jsir tali ttestjar. Barra minn hekk, Inti taqbel li s-Service Provider tiegħek jista' juża d-dejta miksuba mit-twettiq ta' dawn is-servizzi ta' ttestjar għal skopijiet biss li jipprovdilek informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-Applikazzjonijiet tiegħek (eż., is-Service Provider tiegħek huwa pprojbit milli jiġbor ir-riżultati tat-test tal-Applikazzjonijiet tiegħek mar-riżultati tat-test ta' żviluppaturi oħra).

Barra minn hekk, Inti tkompli tirrappreżenta u tiggarantixxi lil Apple li t-termini tal-liċenzjar li jirregolaw l-Applikazzjoni tiegħek, l-Estensjoni ta' Safari Tiegħek, il-pakkett tar-reġistrazzjoni tas-Sit tiegħek, u/jew il-Pass tiegħek, jew li jirregolaw kwalunkwe kodiċi ta' parti terza jew FOSS inklużi fil-Prodotti Koperti jew il-Prodotti Korrispondenti tiegħek, se jkunu konsistenti u mhux f'kunflitt mal-iffirmar diġitali jew mal-aspetti ta' protezzjoni tal-kontenut tal-Programm jew kwalunkwe mit-termini, mill-kundizzjonijiet jew mir-rekwiżiti tal-Programm jew ta' dan il-Ftehim. B'mod partikolari, dawn it-termini ta' liċenzjar ma jfissrux li jeħtieġu li Apple (jew l-aġenti tagħha) tiżvela jew tagħmel disponibbli kwalunkwe key, kodiċi ta' awtorizzazzjoni, metodu, proċedura, dejta jew informazzjoni oħra relatata mas-Soluzzjoni tas-Sigurtà, mal-iffirmar diġitali jew mal-mekkaniżmi tal-ġestjoni tad-drittijiet diġitali jew tas-sigurtà li jkunu utilizzati bħala parti minn kwalunkwe software ta' Apple, inkluż l-App Store. Jekk tiskopri tali inkonsistenza jew kunflitt, taqbel li tinnotifika minnufih lil Apple dwarhom u tikkoopera ma' Apple biex issolvi din il-kwistjoni. Inti tirrikonoxxi u taqbel li Apple tista' twaqqaf immedjatament id-distribuzzjoni ta' kwalunkwe Applikazzjoni jew Pass Liċenzjati affettwati, u tista' tirrifjuta li taċċetta kwalunkwe sottomissjoni sussegwenti ta' Applikazzjoni jew Pass mingħandek sakemm tali kwistjoni tiġi solvuta għas-sodisfazzjon raġonevoli ta' Apple.

### 5.2 Ċertifikati tal-Partijiet li Tiddependi Fuqhom

Is-Software u s-Servizzi ta' Apple jista' jkun fihom ukoll funzjonalità li tippermetti li ċertifikati diġitali, jew Ċertifikati ta' Apple jew ċertifikati ta' partijiet terzi oħra, jiġu aċċettati mis-Software jew mis-Servizzi ta' Apple (eż. Apple Pay) u/jew jintużaw biex jipprovdulek informazzjoni. (eż. irċevuti tat-tranżazzjonijiet, irċevuti tal-App Attest). Hija r-responsabbiltà tiegħek li tivverifika l-validità ta' kwalunkwe ċertifikazzjoni jew irċevuta li tista' tirċievi mingħand Apple qabel ma tistrieħ fuqhom (eż., Għandek tivverifika li l-irċevuta ġiet minn Apple qabel kwalunkwe kunsinna ta' kontenut lil utent aħħari permezz tal-użu tal-In-App Purchase API). Inti unikament responsabbli għad-deċiżjoni tiegħek li tistrieħ fuq tali ċertifikati u rċevuti, u Apple mhux se tkun responsabbli għan-nuqqas tiegħek li tivverifika li xi ċertifikati jew irċevuti bħal dawn ġew minn Apple (jew minn partijiet terzi) jew għad-dipendenza tiegħek fuq Ċertifikati ta' Apple jew fuq ċertifikati diġitali oħrajn.

### 5.3 Applikazzjonijiet Ivvalidati minn Nutar għal macOS

Biex l-Applikazzjoni macOS tiegħek tiġi vvalidata minn nutar, tista' titlob fajl diġitali għall-awtentikazzjoni tal-Applikazzjoni tiegħek mis-servizz tan-nutar diġitali ta' Apple ("**Biljett**"). Tista' tuża dan il-Biljett maċ-Ċertifikat ta' Apple tiegħek biex tirċievi ffirmar ta' żviluppatur

u esperjenza mtejba tal-utent għall-Applikazzjoni tiegħek fuq macOS. Biex titlob dan il-Biljett mis-servizz tan-nutar diġitali ta' Apple, Inti trid ittella' l-Applikazzjoni tiegħek lil Apple permezz tal-għodod tal-iżviluppaturi ta' Apple (jew mekkaniżmi oħra mitluba) għal skopijiet ta' verifika kontinwa tas-sigurtà. Dan l-iċċekkjar kontinwu tas-sigurtà se jinvolvi skennjar, ittestjar, u analiżi awtomatizzati tal-Applikazzjoni tiegħek minn Apple għal malware jew kodiċi jew komponenti oħra ta' ħsara jew suspettużi jew difetti oħra tas-sigurtà, u, f'każijiet limitati, investigazzjoni manwali, teknika tal-Applikazzjoni tiegħek minn Apple għal tali skopijiet. Billi ttella' l-Applikazzjoni tiegħek fuq Apple għal dan is-servizz ta' nutar diġitali, Inti taqbel li Apple tista' twettaq tali kontrolli ta' sigurtà fuq l-Applikazzjoni tiegħek għal skopijiet ta' skoperta ta' malware jew kodiċi jew komponenti oħra ta' ħsara jew suspettużi, u Inti taqbel li Apple tista' żżomm u tuża l-Applikazzjoni tiegħek għal kontrolli ta' sigurtà sussegwenti għall-istess skopijiet.

Jekk Apple tawtentika l-firma tal-iżviluppatur tiegħek u l-Applikazzjoni tiegħek tgħaddi mill-kontrolli tas-sigurtà inizjali, Apple tista' tipprovdilek Biljett biex tużah maċ-Ċertifikat ta' Apple Tiegħek. Apple tirriżerva d-dritt li toħroġ il-Biljetti biss kif jidhrilha xieraq, u Apple tista' tirrevoka Biljetti fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss fil-każ li Apple jkollha raġuni biex temmen, jew ikollha suspetti raġonevoli, li l-Applikazzjoni tiegħek fiha malware jew kodiċi jew komponenti malizzjużi, suspettużi jew ta' ħsara, jew li l-firma tal-identità tal-iżviluppatur tiegħek ġiet kompromessa. Tista' titlob li Apple tirrevoka l-Biljett tiegħek fi kwalunkwe mument billi tibgħat email fuq: product-security@apple.com. Jekk Apple tirrevoka l-Biljett jew iċ-Ċertifikat ta' Apple tiegħek, l-Applikazzjoni tiegħek jista' jkun li ma tibqax taħdem fuq macOS.

Inti taqbel li tikkoopera ma' Apple fir-rigward tat-talbiet għall-Biljett tiegħek u li ma taħbix, tipprova tevita, jew tirrappreżenta ħażin kwalunkwe parti tal-Applikazzjoni tiegħek mill-kontrolli tas-sigurtà ta' Apple jew inkella li tfixkel lil Apple milli tkun tista' twettaq tali kontrolli tas-sigurtà. Inti taqbel li ma tirrappreżentax li Apple wettqet kontroll tas-sigurtà jew fittxet għal malware fuq l-Applikazzjoni tiegħek jew li Apple rrieżaminat jew approvat l-Applikazzjoni tiegħek għall-finijiet li toħroġ Biljett għalik mis-servizz tan-nutar diġitali ta' Apple. Inti tirrikonoxxi u taqbel li Apple qed twettaq kontrolli tas-sigurtà biss b'konnessjoni mas-servizz tan-nutar diġitali ta' Apple u li tali kontrolli tas-sigurtà m'għandhomx iservu bħala bażi fuqhiex wieħed jistrieħ għal skoperta ta' malware jew verifika tas-sigurtà ta' kwalunkwe tip. Inti responsabbli bis-sħiħ għall-Applikazzjoni tiegħek stess u biex tiżgura li l-Applikazzjoni tiegħek tkun sikura, ma tippreżentax riskji ta' sigurtà u hija operattiva għall-utenti aħħarin tiegħek (eż., tinforma lill-utenti aħħarin tiegħek li l-Applikazzjoni tiegħek tista' tieqaf taħdem jekk ikun hemm kwistjoni bil-malware). Inti taqbel li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-esportazzjoni fil-ġuriżdizzjoni tiegħek meta ttella' l-Applikazzjoni tiegħek fuq Apple, u taqbel li ma ttella' ebda Applikazzjoni li hija: (a) soġġetta għar-Regolamenti tal-Amministrazzjoni tal-Esportazzjoni tal-Istati Uniti, 15 C.F.R. Partijiet 730-774 jew mar-Regolamenti dwar it-Traffiku Internazzjonali tal-Armi, 22 C.F.R. Partijiet 120-130; jew (b) li ma tistax tiġi esportata mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel bil-miktub tal-gvern, inklużi, iżda mhux limitati għal, ċerti tipi ta'software ta' kriptaġġ u kodiċi tas-sors, mingħajr ma l-ewwel tinkiseb dik l-awtorizzazzjoni. Apple mhux se tkun responsabbli lejk jew lejn kwalunkwe parti terza għal kwalunkwe inkapaċità jew nuqqas li tiskopri xi malware jew kodiċi jew komponenti suspettużi u ta' ħsara oħra fl-Applikazzjoni tiegħek jew fil-Prodotti Korrispondenti tiegħek jew kwistjonijiet oħra ta' sigurtà, jew għal kwalunkwe ħruġ jew revoka ta' biljett. Apple m'għandhiex tkun responsabbli għal xi spejjeż, infiq, danni, telf jew obbligi oħra li Inti tista' ġġarrab bħala riżultat tal-iżvilupp tal-Applikazzjoni tiegħek, l-iżvilupp tal-Prodott Korrispondenti tiegħek, l-użu tas-Software ta' Apple, is-Servizzi ta' Apple (inkluż dan is-servizz tan-nutar diġitali), jew Ċertifikati ta' Apple, biljetti, jew parteċipazzjoni fil-Programm, inkluż mingħajr limitazzjoni l-fatt li Apple twettaq kontrolli tas-sigurtà fuq l-Applikazzjoni tiegħek.

### 5.4 Revoka ta' Ċertifikat

Ħlief kif stipulat mod ieħor hawnhekk, tista' tirrevoka Ċertifikati ta' Apple maħruġa lilek fi kwalunkwe mument. Jekk trid tirrevoka ċ-Ċertifikati ta' Apple użati biex tiffirma l-Passes tiegħek u/jew li jkunu nħarġulek għall-użu mal-Applikazzjonijiet macOS tiegħek li jiġu ddistribwiti barra

mill-App Store, Inti tista' titlob li Apple tirrevoka dawn iċ-Ċertifikati ta' Apple fi kwalunkwe mument billi tibgħat email lil: product-security@apple.com. Apple tirriżerva wkoll id-dritt li tirrevoka kwalunkwe Ċertifikat ta' Apple fi kwalunkwe mument, kif jidhrilha xieraq hi biss. Bħala eżempju biss, Apple tista' tagħżel li tagħmel dan jekk: (a) xi Ċertifikati tiegħek ta' Apple jew keys privati korrispondenti ġew kompromessi jew Apple għandha raġuni biex temmen li t-tnejn li huma ġew kompromessi; (b) Apple għandha raġuni biex temmen jew għandha suspetti raġonevoli li l-Prodotti Koperti jew il-Prodotti Korrispondenti tiegħek fihom malware jew kodiċi jew komponenti malizzjużi, suspettużi jew ta' ħsara (eż., virus tas-software); (c) Apple għandha raġuni biex temmen li l-Prodotti Koperti tiegħek jaffettwaw ħażin is-sigurtà tal-prodotti tad-ditta Apple, jew kwalunkwe software, firmware, hardware, dejta, sistemi, jew networks oħra aċċessati jew użati minn tali prodotti; (d) Il-proċess tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' Apple huwa kompromess jew Apple għandha raġuni biex temmen li tali proċess ġie kompromess; (e) Inti tikser kwalunkwe terminu jew kundizzjoni ta' dan il-Ftehim; (f) Apple ma tibqax toħroġ iċ-Ċertifikati ta' Apple għall-Prodott Kopert jew għall-Prodott Korrispondenti taħt il-Programm; (g) Il-Prodott Kopert jew il-Prodott Korrispondenti tiegħek juża ħażin jew jitfa' piż eċċessiv fuq kwalunkwe Servizz provdut hawn taħt; jew (h) Apple għandha raġuni biex temmen li tali azzjoni hija prudenti jew meħtieġa. Barra minn hekk, Inti tifhem u taqbel li Apple tista' tinnotifika lill-utenti aħħarin tal-Prodotti Koperti jew tal-Prodotti Korrispondenti li huma ffirmati biċ-Ċertifikati ta' Apple meta Apple temmen li azzjoni bħal din hija meħtieġa biex tipproteġi l-privatezza, is-sikurezza jew is-sigurtà tal-utenti aħħarin, jew li inkella tali azzjoni tkun prudenti jew meħtieġa kif determinat skont il-ġudizzju raġonevoli ta' Apple. Il-Politika taċ-Ċertifikati ta' Apple u d-Dikjarazzjonijiet ta' Prattika taċ-Ċertifikati jistgħu jinstabu fuq https://www.apple.com/certificateauthority.

## 6. Sottomissjoni u Għażla ta' Applikazzjoni

### 6.1 Sottomissjoni lil Apple għall-App Store jew għad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati

Tista' tissottometti l-Applikazzjoni tiegħek għal konsiderazzjoni minn Apple għad-distribuzzjoni permezz tal-App Store jew permezz tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati ladarba Inti tiddeċiedi li l-Applikazzjoni tiegħek ġiet ittestjata b'mod adegwat u hija kompluta. Meta tissottometti l-Applikazzjoni tiegħek, Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li l-Applikazzjoni tiegħek tikkonforma mar-Rekwiżiti tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm fis-seħħ kif ukoll ma' kwalunkwe linji gwida addizzjonali li Apple tista' tpoġġi fuq il-portal tal-web tal-Programm jew fl-App Store Connect. Inti taqbel ukoll li mhux se tipprova taħbi, tirrappreżenta ħażin jew tostor mir-reviżjoni ta' Apple xi karatteristiċi, kontenut, servizzi jew funzjonalità fl-Applikazzjonijiet sottomessi Tiegħek jew li inkella tfixkel lil Apple milli tkun tista' tirrieżamina b'mod sħiħ tali Applikazzjonijiet. Barra minn hekk, taqbel li tinforma lil Apple bil-miktub permezz tal-App Store Connect jekk l-Applikazzjoni tiegħek tikkonnettja ma' apparat fiżiku, inkluż iżda mhux limitat għal Aċċessorju MFi, u, jekk iva, li tiżvela l-mezzi ta' tali konnessjoni (kemm jekk iAP, Bluetooth Low Energy (BLE), il-ġakk tal-heaphones, jew kwalunkwe protokoll jew standard ta' komunikazzjoni ieħor) u li tidentifika mill-inqas apparat fiżiku wieħed li miegħu l-Applikazzjoni tiegħek hija mfassla biex tikkomunika. Jekk tintalab minn Apple, Inti taqbel li tipprovdi aċċess għal jew kampjuni ta' kwalunkwe apparat bħal dan bi spejjeż tiegħek (il-kampjuni ma jintbagħtux lura). Inti taqbel li tikkoopera ma' Apple f'dan il-proċess ta' sottomissjoni u li twieġeb mistoqsijiet u tipprovdi informazzjoni u materjali raġonevolment mitluba minn Apple dwar l-Applikazzjoni sottomessa tiegħek, inkluża informazzjoni dwar l-assigurazzjoni li jista' jkollok relatata mal-Applikazzjoni tiegħek, l-operat tan-negozju tiegħek, jew l-obbligi tiegħek taħt dan il-Ftehim. Apple tista' teħtieġ li Inti jkollok ċerti livelli ta' assigurazzjoni għal ċerti tipi ta' Applikazzjonijiet u ssemmi lil Apple bħala parti assigurata addizzjonali. Jekk Inti tagħmel xi tibdil f'Applikazzjoni (inkluż għal kwalunkwe funzjonalità li ssir disponibbli permezz tal-użu tal-In-App Purchase API) wara s-sottomissjoni lil Apple, Inti trid terġa' tissottometti l-Applikazzjoni lil Apple. Bl-istess mod, il-bug fixes, l-aġġornamenti, l-upgrades, il-modifiki, it-titjib, is-supplimenti għal, ir-reviżjonijiet, ir-rilaxxi ġodda u l-verżjonijiet ġodda tal-Applikazzjoni tiegħek għandhom jiġu sottomessi lil Apple għal rieżami sabiex jiġu kkunsidrati għad-distribuzzjoni permezz tal-App Store jew tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, ħlief jekk permess mod ieħor minn Apple.

### 6.2 App Thinning u Riżorsi f'Daqqa

Bħala parti mis-sottomissjoni tal-Applikazzjoni tiegħek lill-App Store jew lid-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, Apple tista' tottimizza l-Applikazzjoni tiegħek biex timmira lejn apparati speċifiċi billi terġa' tippakkja ċerta funzjonalità u riżorsi pprovduti (kif deskritt fid-Dokumentazzjoni) fl-Applikazzjoni tiegħek sabiex din taħdem b'mod aktar effiċjenti u tuża inqas spazju fuq apparat fil-mira ("**App Thinning**"). Pereżempju, Apple tista' twassal biss il-verżjoni ta' 32-bit jew 64-bit tal-Applikazzjoni tiegħek lil apparat fil-mira, u Apple tista' ma twassalx ikoni jew skrins ta' tnedija li ma jaħdmux fuq id-displej ta' apparat fil-mira. Inti taqbel li Apple tista' tuża App Thinning biex terġa' tippakkja l-Applikazzjoni tiegħek sabiex twassal verżjoni aktar ottimizzata tal-Applikazzjoni Tiegħek lill-apparati fil-mira.

Bħala parti mill-App Thinning, tista' wkoll titlob li Apple tipprovdi riżorsi speċifiċi għall-Applikazzjoni tiegħek (eż., riżorsi tal-GPU) biex timmira apparati billi tidentifika tali riżorsi miġbura bħala parti mis-sottomissjoni tal-kodiċi tiegħek ("**Riżorsi f'Daqqa**"). Tista' tiddefinixxi tali Riżorsi f'Daqqa biex tvarja l-ħin jew it-twassil tal-assi lil apparat fil-mira (eż., meta utent jilħaq ċertu livell ta' logħba, allura l-kontenut jitwassal fuq talba lill-apparat fil-mira). App Thinning u Riżorsi f'Daqqa mhumiex disponibbli għas-sistemi operattivi kollha ta' Apple, u Apple tista' tkompli twassal binarji ta' Applikazzjoni sħiħa għal xi apparati fil-mira.

### 6.3 Applikazzjonijiet ta' iOS u iPadOS fuq macOS u visionOS

Jekk tikkompila l-Applikazzjoni tiegħek għal iOS u/jew iPadOS u tissottometti tali Applikazzjoni għad-distribuzzjoni fuq l-App Store, Inti taqbel li Apple tagħmel l-Applikazzjoni tiegħek disponibbli wkoll fuq macOS u visionOS permezz tal-App Store, sakemm ma tagħżilx li ma tagħmilx l-Applikazzjoni tiegħek disponibbli fuq macOS u/jew visionOS billi ssegwi l-proċess ta' opt out fl-App Store Connect. Inti taqbel li dan ta' hawn fuq japplika għal Applikazzjoni għall-iOS u/jew għall-iPadOS sottomessa minnek u disponibbli bħalissa fuq l-App Store, u għal kwalunkwe Applikazzjoni futura kkompilata għall-iOS u/jew għall-iPadOS u sottomessa minnek lill-App Store. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, din id-disponibbiltà fuq l-App Store tapplika biss jekk tali Applikazzjoni tkun intgħażlet minn Apple għad-distribuzzjoni fl-App Store skont it-**Taqsima 7** u biss jekk tali Applikazzjoni tkun tista' taħdem b'mod xieraq fuq u tkun kompatibbli ma' macOS u/jew visionOS (kif applikabbli), kif determinat minn Apple kif jidhrilha xieraq hi biss. Inti responsabbli biex tikseb u tiddetermina jekk għandekx drittijiet xierqa għall-Applikazzjoni tiegħek biex topera fuq macOS u/jew visionOS. Jekk ma jkollokx dawn id-drittijiet, Inti taqbel li ma tagħmilx tali Applikazzjoni disponibbli fuq macOS u/jew visionOS. Inti responsabbli biex tittestja tali Applikazzjoni fuq macOS u visionOS.

### 6.4 Widgets ta' Applikazzjonijiet ta' iOS fuq CarPlay

Inti taqbel li l-widget tal-Applikazzjoni ta' iOS tiegħek tista' tkun disponibbli fuq CarPlay. Barra minn hekk, Inti responsabbli biex tiddetermina jekk il-widget tal-Applikazzjoni ta' iOS tiegħek taħdimx u hijiex adattata biex tintuża għal CarPlay, u biex tuża l-funzjoni disfavoredLocations biex tisfavorixxi l-widget tal-Applikazzjoni ta' iOS tiegħek jekk le. Pereżempju, il-widgets ta' Applikazzjonijiet ta' iOS li ma jaħdmux jew li mhumiex adattati jinkludu dawk li jeħtieġu interazzjoni estensiva tal-utent waqt is-sewqan, jew li jeħtieġu li l-iPhone ma jkunx imsakkar biex jintużaw. Apple tirriżerva d-dritt li tisfavorixxi l-widget tal-Applikazzjoni ta' iOS tiegħek jekk Apple tiddetermina li din ma taħdimx jew mhijiex adattata għal CarPlay.

### 6.5 Sottomissjoni tat-TestFlight

Jekk tixtieq tqassam l-Applikazzjoni tiegħek lil Beta Testers barra mill-kumpanija jew l-organizzazzjoni tiegħek permezz ta' TestFlight, l-ewwel trid tissottometti l-Applikazzjoni tiegħek lil Apple għal rieżami. Meta tissottometti tali Applikazzjoni, Inti qed tirrappreżenta u tiggarantixxi li l-Applikazzjoni tiegħek tikkonforma mar-Rekwiżiti tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm fis-seħħ, kif ukoll ma' kwalunkwe linji gwida addizzjonali li Apple tista' tpoġġi fuq il-portal tal-web tal-Programm jew fl-App Store Connect. Apple tista' tuża Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni

Liċenzjata li Inti ssottomettejt ma' verżjonijiet oħra tal-Applikazzjoni tiegħek approvati għad-distribuzzjoni biex turi, tikkummerċjalizza, jew tipprovdi verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tal-Applikazzjoni tiegħek lil Beta Testers permezz ta' TestFlight. Tista' teskludi ruħek minn tali użu tal-Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata mal-verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tal-Applikazzjonijiet tiegħek f'App Store Connect, u Inti taqbel li se teskludi ruħek jekk fi kwalunkwe mument l-Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata ma tkunx rappreżentattiva tal-verżjoni li għadha ma ħarġitx tal-Applikazzjoni tiegħek.

Minn dak il-punt 'il quddiem, Apple tista' tippermettilek tiddistribwixxi aġġornamenti għal tali Applikazzjoni direttament lill-Beta Testers tiegħek mingħajr rieżami minn Apple, sakemm tali aġġornament ma jkunx jinkludi bidliet sinifikanti, f'liema każ inti taqbel li tinforma lil Apple f'App Store Connect u li din l-Applikazzjoni terġa' tiġi rieżaminata. Apple tirriżerva d-dritt li titolbok twaqqaf id-distribuzzjoni tal-Applikazzjoni tiegħek permezz ta' TestFlight, u/jew lil kwalunkwe Beta Tester partikolari, fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss.

### 6.6 Titjib tal-Applikazzjoni Tiegħek

Barra minn hekk, jekk l-Applikazzjoni tiegħek tiġi sottomessa għad-distribuzzjoni permezz tal-App Store, id-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati jew it-TestFlight, Inti taqbel li Apple tista' tuża l-Applikazzjoni tiegħek għall-iskop limitat tal-ittestjar tal-kompatibilità tal-Applikazzjoni tiegħek mal-prodotti u s-servizzi ta' Apple, biex issib u tirranġa bugs u problemi fil-prodotti u s-servizzi ta' Apple u/jew l-Applikazzjonijiet tiegħek, għall-użu intern fl-evalwazzjoni ta' kwistjonijiet ta' prestazzjoni ta' iOS, watchOS, tvOS, iPadOS, visionOS, u/jew macOS fl-Applikazzjoni tiegħek jew magħha, għall-ittestjar tas-sigurtà, u għal skopijiet li tiġi pprovduta informazzjoni oħra lilek (eż., crash logs). Ħlief kif stipulat mod ieħor hawnhekk, Inti tista' tagħżel li tibgħat informazzjoni dwar is-simboli tal-app għall-Applikazzjoni tiegħek lil Apple, u jekk tagħmel hekk, allura tkun qed taqbel li Apple tista' tuża tali simboli biex tissimbolizza l-Applikazzjoni tiegħek għal skopijiet li tipprovdilek reġistru tal-crash logs bis-simboli u informazzjoni dijanjostika oħra, ittestjar tal-kompatibbiltà tal-Applikazzjoni tiegħek mal-prodotti u mas-servizzi ta' Apple, u biex jinstabu u jiġu rranġati bugs u kwistjonijiet fi prodotti u servizzi ta' Apple u/jew tal-Applikazzjoni tiegħek. Fil-każ li Apple tipprovdilek reġistru tal-crash logs jew informazzjoni dijanjostika oħra għall-Applikazzjoni tiegħek, Inti taqbel li tuża tali reġistru tal-crash logs u informazzjoni biss għal skopijiet li tirranġa bugs u ttejjeb il-prestazzjoni tal-Applikazzjoni tiegħek u prodotti relatati. Tista' wkoll tiġbor strings numeriċi u varjabbli mill-Applikazzjoni tiegħek meta tikkrexxja, dment li tiġbor tali informazzjoni b'mod anonimu biss u mhux personali u ma tikkombinax mill-ġdid, tikkorrelata, jew tuża tali informazzjoni biex tipprova tidentifika jew tikseb informazzjoni dwar kwalunkwe utent aħħari jew apparat partikolari.

### 6.7 Analitika

Inti taqbel li tuża kwalunkwe dejta li tipprovdi Apple permezz tas-servizzi tal-analitika għall-Applikazzjonijiet għall-iskop biss li ttejjeb l-Applikazzjonijiet tiegħek u prodotti relatati. Barra minn hekk, Inti taqbel li ma tipprovdix tali dejta lil xi parti terza, għajr għal Service Provider. Is-Service Provider irid ikun qed jassisti fl-ipproċessar u fl-analiżi ta' tali dejta f'ismek, u m'għandux ikollu l-permess li jużaha għal xi skop ieħor jew li jiżvelaha lil xi parti oħra. Pereżempju, m'għandekx taggrega (jew tippermetti lil kwalunkwe parti terza taggrega) dejta pprovduta lilek minn Apple bħala parti minn dawn is-servizzi mal-informazzjoni tal-analitika ta' żviluppaturi oħra. Lanqas ma tista' tikkontribwixxi tali informazzjoni lil repożitorju għall-analitika bejn żviluppaturi differenti. U Inti m'għandekx tuża s-servizzi tal-analitika jew kwalunkwe dejta tal-analitika biex tipprova tidentifika jew tikseb informazzjoni dwar xi utent aħħari jew apparat partikolari. Għaċ-ċarezza, dan il-paragrafu ma jipprojbixxix il-kondiviżjoni jew l-użi permessi espressament mil-liġi.

Apple tista' tipprovdilek dejta fl-Analitika tal-App dwar il-prestazzjoni tal-Applikazzjonijiet tiegħek meta mqabbla ma' Applikazzjonijiet simili fuq l-App Store. Din id-dejta hija kkalkulata bl-użu tal-privatezza differenzjali biex jiġu protetti l-Applikazzjonijiet u l-utenti aħħarin. F'kull

mument, id-dejta personali tiegħek se tiġi mmaniġġjata skont il-Politika ta' Privatezza ta' Apple li tista' tara fuq https://www.apple.com/legal/privacy.

### 6.8 Rekwiżit ta' Kompatibilità mal-Verżjoni tal-OS Attwali Bħalissa

L-applikazzjonijiet li jintgħażlu għad-distribuzzjoni permezz tal-App Store għandhom ikunu kompatibbli mal-verżjoni tas-sistema operattiva (OS) attwali bħalissa tas-software applikabbli ta' Apple fil-ħin tas-sottomissjoni lil Apple, u tali Applikazzjonijiet għandhom jibqgħu attwali u jżommu kompatibilità ma' kull ħarġa ġdida tal-verżjoni tal-OS applikabbli sakemm tali Applikazzjonijiet jiġu distribwiti permezz tal-App Store. Inti tifhem u taqbel li fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss, Apple tista' tneħħi Applikazzjonijiet mill-App Store meta ma jkunux kompatibbli mal-ħarġa tal-OS attwali bħalissa.

### 6.9 Għażla minn Apple għad-Distribuzzjoni

Inti tifhem u taqbel li jekk tissottometti l-Applikazzjoni tiegħek lil Apple għad-distribuzzjoni permezz tal-App Store, id-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati jew it-TestFlight, Apple tista', kif jidhrilha xieraq hi biss:

(a) tiddetermina li l-Applikazzjoni tiegħek ma tissodisfax ir-Rekwiżiti tad-Dokumentazzjoni jew tal-Programm kollha jew parti minnhom li jkunu fis-seħħ dak iż-żmien;
(b) tirrifjuta l-Applikazzjoni tiegħek għad-distribuzzjoni għal kwalunkwe raġuni, anke jekk l-Applikazzjoni tiegħek tissodisfa r-Rekwiżiti tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm; jew
(c) tagħżel u tiffirma b'mod diġitali l-Applikazzjoni tiegħek għad-distribuzzjoni permezz tal-App Store, tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, jew tat-TestFlight.

Apple m'għandhiex tkun responsabbli għal xi spejjeż, infiq, danni, telf (inklużi mingħajr limitazzjoni opportunitajiet ta' negozju mitlufa jew profitti mitlufa) jew obbligi oħra li jista' jkollok bħala riżultat tal-iżvilupp tal-Applikazzjoni tiegħek, l-użu tas-Software ta' Apple, tas-Servizzi ta' Apple, jew taċ-Ċertifikati ta' Apple jew tal-parteċipazzjoni fil-Programm, inkluż mingħajr limitazzjoni l-fatt li l-Applikazzjoni tiegħek tista' ma tintgħażilx għad-distribuzzjoni permezz tal-App Store jew tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati. Inti tkun responsabbli biss għall-iżvilupp ta' Applikazzjonijiet li huma sikuri, ħielsa minn difetti fid-disinn u fl-operat, u li jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Inti tkun ukoll responsabbli biss għal kwalunkwe dokumentazzjoni u appoġġ għall-konsumatur aħħari u għall-garanzija għal tali Applikazzjonijiet. Il-fatt li Apple setgħet irrieżaminat, ittestjat, approvat jew għażlet Applikazzjoni ma jeħilsekx minn xi waħda minn dawn ir-responsabbiltajiet.

## 7. Distribuzzjoni ta' Applikazzjonijiet u Libreriji

**Applikazzjonijiet:**

L-Applikazzjonijiet żviluppati skont dan il-Ftehim għal iOS, iPadOS, macOS, tvOS, visionOS, jew watchOS jistgħu jiġu ddistribwiti: (1) permezz tal-App Store, jekk jintgħażlu minn Apple, (2) permezz ta' distribuzzjoni Ad Hoc skont it-**Taqsima 7.3**, u (3) għall-ittestjar beta permezz ta' TestFlight skont it-**Taqsima 7.4**. L-Applikazzjonijiet żviluppati għal iOS, iPadOS, macOS, u tvOS jistgħu wkoll jiġu ddistribwiti permezz tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, jekk jintgħażlu minn Apple. L-Applikazzjonijiet għal macOS jistgħu wkoll jiġu ddistribwiti b'mod separat kif deskritt f'dan il-Ftehim.

### 7.1 Twassil ta' Applikazzjonijiet Liċenzjati Bla Ħlas permezz tal-App Store jew tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati

Jekk l-Applikazzjoni tiegħek tikkwalifika bħala Applikazzjoni Liċenzjata, hija eliġibbli għat-twassil lill-utenti aħħarin permezz tal-App Store jew tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati minn Apple u/jew minn Sussidjarja ta' Apple. Jekk tixtieq li Apple u/jew Sussidjarja ta' Apple jwasslu l-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek jew jawtorizzaw kontenut, funzjonalità jew servizzi addizzjonali li Inti tagħmel

disponibbli b'xejn lill-utenti aħħarin fl-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek permezz tal-użu tal-In-App Purchase API, permezz tal-App Store jew tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, allura Inti tkun qed taħtar lil Apple u s-Sussidjarji ta' Apple bħala l-aġent legali u/jew il-commissionaire tiegħek skont it-termini tal-Iskeda 1 għall-Applikazzjonijiet Liċenzjati ddeżinjati minnek bħala applikazzjonijiet mingħajr ħlas.

### 7.2 Skeda 2 u Skeda 3 għal Applikazzjonijiet Liċenzjati Bbażati fuq Ħlas; Irċevuti

Jekk l-Applikazzjoni tiegħek tikkwalifika bħala Applikazzjoni Liċenzjata u għandek il-ħsieb li titlob ħlas ta' kwalunkwe tip lill-utenti aħħarin għall-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek jew fl-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek permezz tal-użu tal-In-App Purchase API, Inti trid tidħol fi ftehim separat (Skeda 2) ma' Apple u/jew ma' Sussidjarja ta' Apple, qabel ma kwalunkwe distribuzzjoni kummerċjali bħal din tal-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek tista' sseħħ permezz tal-App Store jew qabel ma kwalunkwe twassil kummerċjali bħal dan ta' kontenut, funzjonalità jew servizzi addizzjonali li għalihom Inti titlob miżata lill-utenti aħħarin tista' tiġi awtorizzata permezz tal-użu tal-In-App Purchase API fl-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek. Jekk tixtieq li Apple tiffirma u tiddistribwixxi l-Applikazzjoni tiegħek bi ħlas permezz tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, Inti trid tidħol fi ftehim separat (Skeda 3) ma' Apple u/jew Sussidjarja ta' Apple qabel ma tkun tista' sseħħ kwalunkwe distribuzzjoni bħal din. Sal-punt li Inti tidħol (jew tkun dħalt qabel) fi Skeda 2 jew Skeda 3 ma' Apple u/jew Sussidjarja ta' Apple, it-termini ta' Skeda 2 jew 3 jitqiesu inkorporati f'dan il-Ftehim b'din ir-referenza.

Meta utent aħħari jinstalla l-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek, Apple tipprovdilek irċevuta tat-tranżazzjoni ffirmata b'Ċertifikat ta' Apple. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tivverifika li tali ċertifikat u rċevuta nħarġu minn Apple, kif stipulat fid-Dokumentazzjoni. Inti responsabbli biss għad-deċiżjoni tiegħek li tistrieħ fuq kwalunkwe ċertifikat u rċevuta bħal dawn. L-UŻU TIEGĦEK TA' JEW ID-DIPENDENZA TIEGĦEK FUQ TALI ĊERTIFIKATI U RĊEVUTI B'KONNESSJONI MA' XIRI TA' APPLIKAZZJONI LIĊENZJATA HUMA GĦAR-RISKJU UNIKU TIEGĦEK. APPLE MA TAGĦMEL L-EBDA GARANZIJA JEW RAPPREŻENTAZZJONIJIET, ESPRESSI JEW IMPLIĊITI, GĦAL KUMMERĊJABILITÀ JEW GĦAL IDONEITÀ GĦAL KWALUNKWE GĦAN, EŻATTEZZA, AFFIDABILITÀ, SIGURTÀ, JEW NUQQAS TA' KSUR PARTIKOLARI TA' DRITTIJIET TA' PARTIJIET TERZI RIGWARD TALI ĊERTIFIKATI U RĊEVUTI. Inti taqbel li se tuża biss tali rċevuti u ċertifikati skont id-Dokumentazzjoni, u li Inti mhux se tinterferixxi jew tbagħbas fl-operat normali ta' tali ċertifikati jew irċevuti diġitali, inkluż iżda mhux limitat għal kwalunkwe falsifikazzjoni jew użu ħażin ieħor.

### 7.3 Distribuzzjoni fuq Apparati Reġistrati (Distribuzzjoni Ad Hoc)

Soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, tista' wkoll tiddistribwixxi l-Applikazzjonijiet tiegħek għal iOS, watchOS, iPadOS, tvOS u visionOS lil individwi fi ħdan il-kumpanija, l-organizzazzjoni, l-istituzzjoni edukattiva, il-grupp tiegħek jew li huma affiljati miegħek b'xi mod ieħor għall-użu fuq numru limitat ta' Apparati Reġistrati (kif speċifikat fil-portal tal-web tal-Programm), jekk l-Applikazzjoni tiegħek tkun ġiet iffirmata b'mod diġitali bl-użu taċ-Ċertifikat ta' Apple Tiegħek kif deskritt f'dan il-Ftehim. Meta tiddistribwixxi l-Applikazzjoni tiegħek b'dan il-mod fuq Apparati Reġistrati, Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi lil Apple li l-Applikazzjoni tiegħek tikkonforma mar-Rekwiżiti tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm li jkunu fis-seħħ u Inti taqbel li tikkoopera ma' Apple u li twieġeb mistoqsijiet u tipprovdi informazzjoni dwar l-Applikazzjoni tiegħek, kif raġonevolment mitluba minn Apple. Inti taqbel ukoll li tkun unikament responsabbli biex tiddetermina liema individwi fi ħdan il-kumpanija, l-organizzazzjoni, l-istituzzjoni edukattiva jew il-grupp affiljat tiegħek għandu jkollhom aċċess għal u jistgħu jużaw l-Applikazzjonijiet tiegħek u l-Apparati Reġistrati, u għall-ġestjoni ta' tali Apparati Reġistrati. Apple m'għandhiex tkun responsabbli għal xi spejjeż, infiq, danni, telf (inklużi opportunitajiet ta' negozju mitlufa jew profitti mitlufa mingħajr limitazzjoni) jew obbligi oħra li jista' jkollok bħala riżultat tad-distribuzzjoni tal-Applikazzjonijiet tiegħek b'dan il-mod, jew għan-nuqqas tiegħek li timmaniġġja b'mod adegwat, tillimita jew tikkontrolla b'xi mod ieħor l-aċċess għal u l-użu tal-Applikazzjonijiet tiegħek u l-Apparati Reġistrati. Inti tkun responsabbli biex tehmeż jew tinkludi

b'xi mod ieħor, fid-diskrezzjoni tiegħek, kwalunkwe terminu ta' użu rilevanti mal-Applikazzjonijiet tiegħek. Apple mhux se tkun responsabbli għal xi ksur tat-termini tal-użu tiegħek. Inti tkun responsabbli biss għall-assistenza, għall-garanzija u għall-appoġġ tal-utenti kollha tal-Applikazzjonijiet tiegħek.

### 7.4 Distribuzzjoni tat-TestFlight

### A. Distribuzzjoni Interna lill-Iżviluppaturi Awtorizzati u lill-Utenti tal-App Store Connect

Tista' tuża TestFlight għad-distribuzzjoni interna ta' verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tal-Applikazzjonijiet tiegħek għal numru limitat tal-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek (kif speċifikat fuq is-sit elettroniku tal-iżviluppatur ta' TestFlight) jew tal-utenti tal-App Store Connect tiegħek li huma membri tal-kumpanija jew tal-organizzazzjoni tiegħek, iżda dan tagħmlu biss għall-użu intern tagħhom fl-ittestjar, fl-evalwazzjoni u/jew fl-iżvilupp tal-Applikazzjonijiet tiegħek. Apple tirriżerva d-dritt fi kwalunkwe mument u kif jidhrilha xieraq hi biss li titolbok tieqaf mid-distribuzzjoni ta' tali Applikazzjonijiet lill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek jew lill-utenti ta' App Store Connect tiegħek permezz ta' TestFlight, jew lil kwalunkwe Żviluppatur Awtorizzat jew utent tal-App Store Connect partikolari.

### B. Distribuzzjoni Esterna lil Beta Testers

Tista' wkoll tuża TestFlight għad-distribuzzjoni esterna ta' verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tal-Applikazzjonijiet tiegħek lil numru limitat ta' Beta Testers (kif speċifikat fuq is-sit elettroniku tal-iżviluppatur ta' TestFlight), iżda dan jista' jsir biss għall-ittestjar u l-evalwazzjoni minnhom ta' tali verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tal-Applikazzjonijiet tiegħek u biss jekk l-Applikazzjoni tiegħek tkun ġiet approvata għal tali distribuzzjoni minn Apple kif stipulat fit-**Taqsima 6.5 (Sottomissjoni tat-TestFlight)**. Inti ma tistax titlob ħlasijiet ta' kwalunkwe tip lill-Beta Testers tiegħek biex jipparteċipaw fit-TestFlight ta' Apple jew għall-użu ta' kwalunkwe verżjoni li għadha ma ħarġitx bħal din. Kwalunkwe xiri diġitali offrut fl-Applikazzjoni tiegħek distribwit permezz ta' TestFlight (kemm jekk permezz tal-In-App Purchase API jew b'xi mod ieħor), jew li jirriżulta immedjatament minn link li tieħdok barra minn tali Applikazzjoni għandu jkun mingħajr ħlas għall-utent aħħari u għandu jkun għal skopijiet ta' ttestjar beta biss. Inti ma tistax tuża TestFlight għal skopijiet li mhumiex relatati mat-titjib tal-kwalità, mal-prestazzjoni, jew mal-użabilità tal-verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tal-Applikazzjoni tiegħek (eż., distribuzzjoni kontinwa ta' verżjonijiet demo tal-Applikazzjoni tiegħek biex tipprova tevita l-App Store jew biex tipprovdi verżjonijiet ta' prova tal-Applikazzjonijiet tiegħek għal skopijiet ta' solleċitazzjoni ta' klassifikazzjonijiet favorevoli tal-App Store huma użi pprojbiti). Barra minn hekk, jekk l-Applikazzjoni tiegħek hija primarjament maħsuba għat-tfal, Inti trid tivverifika li l-Beta Testers tiegħek huma maġġorenni fil-ġuriżdizzjoni tagħhom. Jekk tagħżel li żżid Beta Testers ma' TestFlight, allura qed tassumi r-responsabbiltà għal kwalunkwe stedina mibgħuta lil dawn l-utenti aħħarin (eż., permezz ta' email, links pubbliċi) u biex tikseb il-kunsens tagħhom biex tikkuntattjahom. Apple se tuża l-indirizzi tal-email li Inti tipprovdi permezz ta' TestFlight biss għall-finijiet li tibgħat stediniet lil dawn l-utenti aħħarin permezz ta' TestFlight. Meta ttella' indirizzi tal-email għall-finijiet li jintbagħtu stediniet lil Beta Testers, Inti tiggarantixxi li għandek bażi legali xierqa biex tuża indirizzi tal-emails bħal dawn għall-finijiet li tibgħat stediniet. Jekk Beta Tester jitlob li tieqaf tikkuntattjah (jew permezz ta' TestFlight jew mod ieħor), allura taqbel li tagħmel dan minnufih.

### C. Użu ta' Informazzjoni tat-TestFlight

Sal-punt li TestFlight jipprovdilek informazzjoni analitika beta dwar l-użu ta' verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tal-Applikazzjoni tiegħek mill-utent aħħari tiegħek (eż., il-ħin tal-installazzjoni, il-frekwenza tal-użu ta' App minn individwu, eċċ.) u/jew informazzjoni oħra relatata (eż. suġġerimenti tat-tester, feedback, screenshots), Inti taqbel li tuża tali dejta biss bl-iskop li ttejjeb l-Applikazzjonijiet tiegħek u prodotti relatati. Inti taqbel li ma tipprovdix informazzjoni bħal din lil xi partijiet terzi, ħlief għal Service Provider li qed jgħinek fl-ipproċessar u fl-analiżi ta' tali dejta f'ismek u li mhux permess li jużaha għal xi skop ieħor jew jiżvelaha lil xi parti oħra (u mbagħad biss sal-punt limitat mhux ipprojbit minn Apple). Għaċ-ċarezza, m'għandekx tiġbor (jew tippermetti lil xi parti terza

li tiġbor) informazzjoni analitika beta pprovduta lilek minn Apple għall-Applikazzjonijiet tiegħek bħala parti minn TestFlight ma' informazzjoni analitika beta ta' żviluppaturi oħra, jew tikkontribwixxi tali informazzjoni għal repożitorju għal informazzjoni analitika beta bejn l-iżviluppaturi. Barra minn hekk, m'għandek tuża l-ebda informazzjoni analitika beta pprovduta permezz ta' TestFlight għal skopijiet ta' tneħħija tal-anonimizzazzjoni ta' informazzjoni miksuba minn jew dwar apparat partikolari jew ta' utent aħħari barra minn TestFlight (eż., Inti ma tistax tipprova tikkollega dejta miġbura permezz ta' TestFlight għal xi utent aħħari partikolari b'informazzjoni li hija pprovduta f'forma anonima permezz tas-servizz analitiku ta' Apple).

**Libreriji:**

## 7.5 Distribuzzjoni tal-Libreriji

Tista' tiżviluppa Libreriji billi tuża s-Software ta' Apple. Minkejja xi ħaġa kuntrarja fil-Ftehim ta' Xcode u ta' Apple SDKs jew il-Ftehim ta' Swift Playgrounds, taħt dan il-Ftehim tista' tiżviluppa Libreriji għal iOS, watchOS, iPadOS, tvOS u/jew visionOS billi tuża l-Apple SDKs applikabbli pprovduti bħala parti mil-liċenzji ta' Xcode u ta' Apple SDKs jew liċenzja ta' Swift Playgrounds, sakemm kwalunkwe Librerija bħal din tkun żviluppata u mqassma biss għall-użu ma' prodott tad-ditta Apple u li Inti tillimita l-użu ta' tali Libreriji biex tużahom biss ma' prodotti bħal dawn. Jekk Apple tiddetermina li l-Librerija tiegħek mhix imfassla għall-użu ma' prodott tad-ditta Apple, allura Apple tista' titolbok fi kwalunkwe mument li twaqqaf id-distribuzzjoni tal-Librerija tiegħek, u Inti taqbel li twaqqaf minnufih kull distribuzzjoni ta' tali Librerija malli tirċievi avviż minn Apple u tikkoopera ma' Apple biex tneħħi kwalunkwe kopja li fadal ta' tali Librerija. Għaċ-ċarezza, il-limitazzjoni ta' hawn fuq mhijiex maħsuba biex tipprojbixxi l-iżvilupp ta' libreriji għal macOS.

## 7.6 L-Ebda Distribuzzjoni Oħra Mhi Awtorizzata Taħt dan il-Ftehim

Ħlief għad-distribuzzjoni ta' Applikazzjonijiet Liċenzjati permezz tal-App Store jew tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati skont it-**Taqsimiet 7.1** u **7.2**, id-distribuzzjoni ta' Applikazzjonijiet għall-użu fuq Apparati Reġistrati kif stabbilit fit-**Taqsima 7.3** (Distribuzzjoni Ad Hoc), id-distribuzzjoni ta' Applikazzjonijiet għall-ittestjar beta permezz ta' TestFlight kif stipulat fit-**Taqsima 7.4**, id-distribuzzjoni tal-Libreriji skont it-**Taqsima 7.5**, id-distribuzzjoni ta' Passes skont l-Anness 5, it-twassil ta' Notifiki Push ta' Safari fuq macOS, id-distribuzzjoni ta' Estensjonijiet ta' Safari fuq macOS, id-distribuzzjoni ta' Applikazzjonijiet u libreriji żviluppati għal macOS, u/jew kif permess mod ieħor hawnhekk, l-ebda distribuzzjoni oħra ta' programmi jew applikazzjonijiet żviluppati bl-użu tas-Software ta' Apple ma hija awtorizzata jew permessa hawn taħt. Fin-nuqqas ta' ftehim separat ma' Apple, Inti taqbel li ma tiddistribwixxix l-Applikazzjoni tiegħek għal iOS, iPadOS, tvOS, visionOS, jew watchOS lil partijiet terzi permezz ta' metodi oħra ta' distribuzzjoni jew li tiffaċilita jew tippermetti lil ħaddieħor jagħmel dan. Inti taqbel li tiddistribwixxi l-Prodotti Koperti tiegħek biss skont it-termini ta' dan il-Ftehim.

## 7.7 Personalizzazzjoni tal-Ikoni u l-Widgets

Inti taqbel li l-utenti aħħarin jistgħu jimmodifikaw il-kulur u t-trasparenza tal-ikoni u l-widgets assoċjati mal-Applikazzjonijiet tiegħek u juruhom (inkluż bil-modifiki) fuq l-apparat tagħhom. Barra minn hekk, Inti taqbel li Apple tista' timmodifika l-kulur, it-trasparenza, u d-dehra u s-sensazzjoni tal-ikoni u l-widgets assoċjati mal-Applikazzjonijiet tiegħek; u sakemm Inti ma tinformax lil Apple mod ieħor bil-miktub, Apple tista' tuża jew turi (inkluż bil-modifiki) tali ikoni u widgets f'materjali tal-marketing ta' Apple, fid-dokumentazzjoni tal-iżviluppatur, u f'avvenimenti tal-Iżviluppaturi ta' Apple (eż. WWDC, Meet with Apple Experts).

## 7.8 L-App Apple Games

Fuq iOS u/jew iPadOS, jekk l-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek distribwita permezz tal-App Store tistabbilixxi l-kategorija primarja tal-app tagħha bħala Logħob, u/jew tuża s-servizz ta' Game Center, Inti taqbel li l-Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata tagħha tista' tintuża biex l-App Liċenzjata tiegħek tintwera fl-app Apple Games, u biex tinfetaħ mill-app Apple Games. Irrispettivament minn

kwalunkwe terminu ieħor f'dan il-Ftehim (inkluż kwalunkwe addenda), din id-dispożizzjoni tapplika biss għal Applikazzjonijiet Liċenzjati distribwiti permezz tal-App Store.

Fuq macOS, jekk l-Applikazzjoni tiegħek hija notarizzata skont it-**Taqsima 5.3** u hija logħba, Inti taqbel li l-ikona tal-Applikazzjoni tiegħek tista' tintuża biex l-Applikazzjoni tiegħek tintwera fl-app Apple Games, u biex tinfetaħ mill-app Apple Games.

Fuq iOS, iPadOS, u/jew macOS, jekk l-Applikazzjoni tiegħek hija distribwita permezz ta' TestFlight jew distribuzzjoni Ad Hoc u tuża s-servizz ta' Game Center, Inti taqbel li l-ikona tal-Applikazzjoni tiegħek tista' tintuża biex l-Applikazzjoni tiegħek tintwera fl-app Apple Games, u biex tinfetaħ mill-app Apple Games.

## 8. Tariffi tal-Programm

Bħala konsiderazzjoni għad-drittijiet u l-liċenzji mogħtija lilek taħt dan il-Ftehim u l-parteċipazzjoni tiegħek fil-Programm, Inti taqbel li tħallas lil Apple t-tariffa annwali tal-Programm stipulata fuq is-sit elettroniku tal-Programm, sakemm ma tkunx irċevejt eżenzjoni mill-ħlas valida minn Apple. Tali ħlas mhuwiex rimborsabbli, u kwalunkwe taxxa li tista' tiġi imposta fuq is-Software ta' Apple, fuq is-Servizzi ta' Apple jew fuq l-użu tiegħek tal-Programm għandha tkun ir-responsabbiltà tiegħek. It-tariffi tal-Programm tiegħek għandhom jitħallsu u mhux f'arretrati fil-ħin li Inti tissottometti (jew terġa' tissottometti) l-Applikazzjonijiet lil Apple taħt dan il-Ftehim, u l-użu kontinwu tiegħek tal-portal tal-web tal-Programm u tas-Servizzi huwa soġġett għall-ħlas tiegħek ta' tali tariffi, fejn applikabbli. Jekk tagħżel li tħallas it-tariffi annwali tal-Programm tiegħek fuq bażi ta' tiġdid awtomatiku, allura taqbel li Apple tista' tiċċarġja l-karta ta' kreditu li għandek fil-fajl ma' Apple għal tali tariffi, soġġett għat-termini li taqbel magħhom fuq il-portal tal-web tal-Programm meta Inti tagħżel li tirreġistra sħubija li tiġġedded awtomatikament.

Jekk Inti tħallas għat-tariffi tal-Programm tiegħek permezz tal-app tal-Iżviluppaturi ta' Apple (Apple Developer), japplikaw ukoll it-termini tal-Anness 9 (Termini Addizzjonali għal Abbonamenti Mixtrija Permezz tal-App tal-Iżviluppaturi ta' Apple).

## 9. Kunfidenzjalità

### 9.1 Informazzjoni Meqjusa Kunfidenzjali għal Apple

Inti taqbel li l-verżjonijiet kollha li għadhom ma ħarġux tas-Software ta' Apple u tas-Servizzi ta' Apple (inkluża Dokumentazzjoni ta' qabel ir-rilaxx), il-verżjonijiet ta' qabel ir-rilaxx tal-hardware ta' Apple, u l-Pakkett ta' Skjerament tal-FPS se jitqiesu bħala "Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple"; dment li madankollu mar-rilaxx kummerċjali tas-Software ta' Apple, it-termini u l-kundizzjonijiet li jiżvelaw karatteristiċi li għadhom ma ħarġux tas-Software jew is-servizzi ta' Apple ma jibqgħux aktar kunfidenzjali. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, l-Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple mhux se tinkludi: (i) informazzjoni li hija ġeneralment u leġittimament disponibbli għall-pubbliku mingħajr ebda tort jew ksur min-naħa tiegħek, (ii) informazzjoni li ġeneralment tkun disponibbli għall-pubbliku minn Apple, (iii) informazzjoni li tkun żviluppata b'mod indipendenti minnek mingħajr l-użu ta' kwalunkwe Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple, (iv) informazzjoni li nkisbet bi dritt mingħand parti terza li kellha d-dritt li tittrasferixxiha jew tiżvelaha lilek mingħajr limitazzjoni, jew (v) kwalunkwe FOSS inkluża fis-Software ta' Apple u akkumpanjata minn termini ta' liċenzjar li ma jkunux jimponu obbligi ta' kunfidenzjalità fuq l-użu jew fuq l-iżvelar ta' tali FOSS. Barra minn hekk, Apple taqbel li Inti mhux se tkun marbut bit-termini ta' kunfidenzjalità ta' hawn fuq fir-rigward ta' informazzjoni teknika dwar is-Software u s-servizzi ta' Apple ta' qabel ir-rilaxx żvelati minn Apple fil-WWDC (il-Worldwide Developers Conference ta' Apple), ħlief li Inti ma tistax tpoġġi screenshots ta', tikteb reċensjonijiet pubbliċi ta', jew tiddistribwixxi mill-ġdid kwalunkwe Software ta' Apple, Servizz ta' Apple jew hardware li għadu ma ħariġx.

### 9.2 Obbligi Rigward Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple

Inti taqbel li tipproteġi l-Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple billi tuża mill-inqas l-istess grad ta' kura li tuża biex tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali tiegħek ta' importanza simili, iżda mhux inqas minn grad raġonevoli ta' kura. Inti taqbel li tuża l-Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple biss għall-iskop li teżerċita d-drittijiet tiegħek u twettaq l-obbligi tiegħek taħt dan il-Ftehim u taqbel li ma tużax Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple għal xi skop ieħor, għall-benefiċċju tiegħek jew ta' xi parti terza, mingħajr il-kunsens minn qabel bil-miktub ta' Apple. Barra minn hekk, taqbel li ma tiżvelax jew ixxerred Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple lil xi ħadd għajr: (i) dawk tal-impjegati u l-kuntratturi tiegħek, jew dawk tal-fakultà u l-persunal tiegħek jekk Inti istituzzjoni edukattiva, li għandhom bżonn ikunu jafu u li huma marbuta bi ftehim bil-miktub li jipprojbixxi l-użu jew l-iżvelar mhux awtorizzat tal-Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple; jew (ii) ħlief kif miftiehem jew permess mod ieħor bil-miktub minn Apple. Tista' tiżvela Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple sal-punt meħtieġ mil-liġi, sakemm Inti tieħu passi raġonevoli biex tinnotifika lil Apple b'tali rekwiżit qabel ma tiżvela l-Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple u biex tikseb trattament protettiv tal-Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple. Inti tirrikonoxxi li d-danni minħabba l-iżvelar mhux xieraq tal-Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple jistgħu jkunu irreparabbli; għalhekk, Apple hija intitolata li tfittex rimedju ġust, inkluż inġunzjoni u inġunzjoni preliminari, flimkien mar-rimedji l-oħra kollha.

### 9.3 Informazzjoni Mibgħuta lil Apple Mhux Meqjusa Kunfidenzjali

Apple taħdem ma' ħafna żviluppaturi ta' applikazzjonijiet u software u xi wħud mill-prodotti tagħhom jistgħu jkunu simili għal jew jikkompetu mal-Applikazzjonijiet tiegħek. Apple tista' wkoll tkun qed tiżviluppa l-applikazzjonijiet u l-prodotti simili jew li jikkompetu tagħha stess jew tista' tiddeċiedi li tagħmel hekk fil-futur. Biex tevita nuqqas ta' ftehim potenzjali u, ħlief kif stipulat mod ieħor espressament hawnhekk, Apple ma tistax taqbel, u tiċħad espressament, kwalunkwe obbligu ta' kunfidenzjalità jew restrizzjonijiet ta' użu, espressi jew impliċiti, fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni li Inti tista' tipprovdi b'rabta ma' dan il-Ftehim jew ma' dan il-Programm, inkluż iżda mhux limitat għal informazzjoni dwar l-Applikazzjoni tiegħek, Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata, u metadata (tali żvelar se jissejjaħ "**Żvelar mid-Detentur tal-Liċenzja**"). Inti taqbel li kwalunkwe tali Żvelar mid-Detentur tal-Liċenzja **mhux se jkun kunfidenzjali**. Ħlief kif stipulat espressament hawnhekk, Apple se tkun ħielsa li tuża u tiżvela kwalunkwe Żvelar mid-Detentur tal-Liċenzja fuq bażi mhux ristretta mingħajr ma tinnotifikak jew tikkumpensak. Inti teħles lil Apple mir-responsabbiltà u mill-obbligi kollha li jistgħu jinqalgħu mill-irċevuta, mir-rieżami, mill-użu, jew mill-iżvelar ta' kwalunkwe porzjon ta' kwalunkwe Żvelar mid-Detentur tal-Liċenzja. Kwalunkwe materjal fiżiku li tissottometti lil Apple se jsir proprjetà ta' Apple u Apple ma jkollha l-ebda obbligu li tirritorna dawk il-materjali lilek jew li tiċċertifika l-qerda tagħhom.

### 9.4 Stqarrijiet għall-Istampa u Pubbliċità Oħra

Inti ma tistax toħroġ xi stqarrijiet għall-istampa jew tagħmel xi stqarrijiet pubbliċi oħra dwar dan il-Ftehim, it-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu, jew ir-relazzjoni tal-partijiet, mingħajr l-approvazzjoni espressa minn qabel bil-miktub ta' Apple, li tista' tinżamm fid-diskrezzjoni ta' Apple.

## 10. Indennifikazzjoni

Sal-limitu permess mil-liġi applikabbli, Inti taqbel li tindennizza u żżomm bla ħsara, u fuq talba ta' Apple, tiddefendi lil Apple, id-diretturi, l-uffiċjali, l-impjegati, il-kuntratturi u l-aġenti indipendenti tagħha (kull wieħed "Parti Indennizzata ta' Apple") minn kwalunkwe u kull talba, telf, obbligazzjoni, dannu, taxxa, nefqa u spiża, inklużi mingħajr limitazzjoni, miżati tal-avukati u spejjeż tal-qorti (kollettivament, "Telf"), imġarrba minn tali Parti Indennizzata ta' Apple u li jirriżultaw minn jew li huma relatati ma' xi wieħed minn dawn li ġejjin (iżda eskluża għall-finijiet ta' din it-Taqsima, kwalunkwe Applikazzjoni għal macOS li hija ddistribwita barra mill-App Store u li ma tuża l-ebda Servizz jew Ċertifikat ta' Apple): (i) Il-ksur minnek ta' kwalunkwe ċertifikazzjoni, patt, obbligu, rappreżentazzjoni jew garanzija f'dan il-Ftehim, inkluż l-Iskeda 2 u l-Iskeda 3 (jekk applikabbli); (ii) kwalunkwe klejm li l-Prodott Kopert Tiegħek, jew il-Prodott Korrispondenti jew id-distribuzzjoni, il-bejgħ, l-offerta

għall-bejgħ, l-użu jew l-importazzjoni tal-Prodott Kopert Tiegħek jew il-Prodott Korrispondenti (kemm waħdu kif ukoll bħala parti essenzjali minn kombinament), l-Informazzjoni tal-Applikazzjoni Liċenzjata, il-metadata, jew l-Informazzjoni tal-Pass jiksru jew ikunu bi vjolazzjoni ta' kwalunkwe Dritt tal-PI jew dritt proprjetarju ta' partijiet terzi; (iii) Il-ksur minnek ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi Tiegħek taħt l-EULA (kif definiti fl-Iskeda 1 jew l-Iskeda 2 jew l-Iskeda 3 (jekk applikabbli)) għall-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek; (iv) l-użu permess, il-promozzjoni jew il-forniment minn Apple tal-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek, l-Informazzjoni tal-Applikazzjoni Liċenzjata, in-Notifika Push ta' Safari, l-Estensjoni ta' Safari (jekk applikabbli), il-Pass, l-Informazzjoni tal-Pass, il-metadata, it-trademarks u l-logos relatati, jew l-immaġnijiet u materjali oħra li Inti tipprovdi lil Apple taħt dan il-Ftehim, inkluż l-Iskeda 2 jew l-Iskeda 3 (jekk applikabbli); (v) kwalunkwe klejm, inkluż iżda mhux biss kwalunkwe klejm ta' utent finali, rigward il-Prodotti Koperti Tiegħek, il-Prodotti Korrispondenti Tiegħek, l-Informazzjoni tal-Applikazzjoni Liċenzjata, l-Informazzjoni tal-Pass, jew logos, trademarks, kontenut jew immaġni relatati; (vi) l-użu minnek (inkluż l-użu mill-Iżviluppaturi Awtorizzati Tiegħek) tas-Software jew is-Servizzi ta' Apple, l-Informazzjoni tal-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek, l-Informazzjoni tal-Pass, il-metadata, l-Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati Tiegħek, l-Apparati Reġistrati Tiegħek, il-Prodotti Koperti Tiegħek, il-Prodotti Korrispondenti Tiegħek, il-Profili tal-Konfigurazzjoni, jew l-iżvilupp u d-distribuzzjoni minnek ta' kwalunkwe wieħed minn dawn; jew (vii) kwalunkwe klejm ta' Klijent tal-MDM dwar il-Prodotti Kompatibbli mal-MDM Tiegħek, kif ukoll kwalunkwe klejm li l-Prodotti Kompatibbli mal-MDM Tiegħek jiksru jew huma bi vjolazzjoni ta' kwalunkwe Dritt tal-PI jew dritt proprjetarju ta' partijiet terzi.

Inti tirrikonoxxi li la s-Software ta' Apple u lanqas xi Servizzi ma huma maħsuba għall-użu fl-iżvilupp ta' Prodotti Koperti jew Prodotti Korrispondenti li fihom żbalji jew ineżattezzi fil-kontenut, fil-funzjonalità, fis-servizzi, fid-dejta jew fl-informazzjoni pprovduti minn xi wieħed minn dawk ta' hawn fuq jew in-nuqqas ta' xi wieħed minn dawk ta' hawn fuq, jista' jwassal għall-mewt, korriment personali, jew ħsara fiżika jew ambjentali severa, u, sal-limitu permess mil-liġi, Inti b'dan taqbel li tindennizza, tiddefendi u żżomm bla ħsara lil kull Parti Indennizzata ta' Apple minn kwalunkwe Telf imġarrab minn tali Parti Indennizzata ta' Apple minħabba raġuni ta' xi tali użu.

Fl-ebda każ ma tista' tidħol f'xi ftehim jew ftehim simili ma' parti terza li jaffettwa d-drittijiet ta' Apple jew li jorbot lil Apple b'xi mod, mingħajr il-kunsens minn qabel bil-miktub ta' Apple.

## 11. Terminu u Terminazzjoni

### 11.1 Terminu

It-Terminu ta' dan il-Ftehim għandu jestendi sal-anniversarju ta' sena (1) mid-data oriġinali tal-attivazzjoni tal-kont tal-Programm tiegħek. Minn hemm 'il quddiem, soġġett għall-ħlas min-naħa tiegħek tat-tariffi ta' tiġdid annwali u l-konformità tiegħek mat-termini ta' dan il-Ftehim, it-Terminu se jiġġedded awtomatikament għal termini suċċessivi ta' sena (1), sakemm ma jintemmx qabel skont dan il-Ftehim.

### 11.2 Terminazzjoni

Dan il-Ftehim u d-drittijiet u l-liċenzji kollha mogħtija minn Apple hawn taħt u kwalunkwe servizz ipprovdut hawn taħt se jintemmu, b'mod effettiv immedjatament ma' avviż minn Apple:
(a) jekk Inti jew xi wieħed mill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek tonqsu milli tikkonformaw ma' xi terminu ta' dan il-Ftehim minbarra dawk stabbiliti hawn taħt f'din it-**Taqsima 11.2** u tonqsu milli tagħmlu tajjeb għal dak il-ksur fi żmien 30 jum wara li ssir taf dwar jew tirċievi avviż ta' tali ksur;
(b) jekk Inti jew xi wieħed mill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek tonqsu milli tikkonformaw mat-termini tat-**Taqsima 9 (Kunfidenzjalità)**;
(c) fil-każ taċ-ċirkostanzi deskritti fis-sottotaqsima intitolata "Severabbiltà" hawn taħt;
(d) jekk Inti, fi kwalunkwe mument matul it-Terminu, tressaq rikors għal ksur ta' privattiva kontra Apple;

(e) jekk Inti ssir insolventi, tonqos milli tħallas id-djun tiegħek meta dovuti, ixxolji n-negozju jew tieqaf milli tagħmel negozju, tiddikjara stat ta' falliment, jew ikun hemm petizzjoni miftuħa kontrik fir-rigward ta' stat ta' falliment finanzjarju;
(f) jekk Inti jew kwalunkwe entità jew persuna li direttament jew indirettament tikkontrollak, tkun taħt kontroll komuni miegħek (fejn "kontroll" għandha t-tifsira definita fit-Taqsima 14.8), jew li Inti tiżviluppa apps biex tiffaċilita n-negozjati ma', tkun jew issir soġġetta għal sanzjonijiet jew restrizzjonijiet oħra fil-pajjiżi jew reġjuni disponibbli fl-App Store Connect; jew
(g) jekk Inti timpenja ruħek fi, jew tinkoraġġixxi lil oħrajn biex jidħlu, fi kwalunkwe att qarrieqi, frodulenti, mhux xieraq, illegali jew diżonest relatat ma' dan il-Ftehim, inkluż, iżda mhux limitat għal, li tirrappreżenta ħażin in-natura tal-Applikazzjoni tiegħek (eż., ħabi jew tipprova taħbi l-funzjonalità mir-rieżami ta' Apple, iffalsifikar ta' evalwazzjonijiet mill-konsumatur għall-Applikazzjoni Tiegħek, involviment fi frodi ta' ħlas, eċċ.).

Apple tista' wkoll ittemm dan il-Ftehim, jew tissospendi d-drittijiet tiegħek li tuża s-Software jew is-servizzi ta' Apple, jekk Inti tonqos milli taċċetta xi Rekwiżiti ġodda tal-Programm jew termini tal-Ftehim kif deskritt f'**Taqsima 4**. Kwalunkwe parti tista' ttemm dan il-Ftehim għall-konvenjenza tagħha, għal kwalunkwe raġuni jew l-ebda raġuni, b'mod effettiv 30 jum wara li tipprovdi lill-parti l-oħra b'avviż bil-miktub tal-intenzjoni tagħha li ttemm.

### 11.3 Effett tat-Terminazzjoni

Mat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim għal kwalunkwe raġuni, Inti taqbel li twaqqaf immedjatament kull użu tas-Software u tas-servizzi ta' Apple u tħassar u teqred il-kopji kollha, sħaħ jew parzjali, tas-Software ta' Apple u kwalunkwe informazzjoni li għandha x'taqsam mas-servizzi (inkluża l-ID tal-Applikazzjoni Push tiegħek) u l-kopji kollha tal-Informazzjoni Kunfidenzjali ta' Apple fil-pussess jew fil-kontroll tiegħek u tal-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek. Fuq talba ta' Apple, Inti taqbel li tipprovdi lil Apple ċertifikazzjoni bil-miktub ta' tali qerda. Malli jiskadi l-Perjodu ta' Kunsinna definit u stabbilit fl-Iskeda 1, l-Applikazzjonijiet kollha Liċenzjati u l-Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata fil-pussess jew fil-kontroll ta' Apple għandhom jitħassru jew jinqerdu fi żmien raġonevoli minn hemm 'il quddiem, minbarra kwalunkwe kopja ta' arkivji miżmuma skont il-prattiki kummerċjali standard ta' Apple jew dawk meħtieġa li jinżammu bil-liġi, b'regola jew regolament applikabbli. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom jibqgħu fis-seħħ wara kull terminazzjoni ta' dan il-Ftehim: It-Taqsimiet 1, 2.3, 2.5, 2.6, 3.1(d), 3.1(e), 3.1(f), 3.2, u 3.3, it-tieni paragrafu tat-Taqsima 5.1 (esklużi l-aħħar żewġ sentenzi għajr ir-restrizzjonijiet, li għandhom jibqgħu fis-seħħ), it-tielet paragrafu tat-Taqsima 5.1, l-aħħar sentenza tal-ewwel paragrafu tat-Taqsima 5.3 u l-limitazzjonijiet u r-restrizzjonijiet tat-Taqsima 5.3, it-Taqsima 5.4, l-ewwel sentenza ta' u r-restrizzjonijiet tat-Taqsima 6.6, ir-restrizzjonijiet tat-Taqsima 6.7, it-tieni paragrafu tat-Taqsima 6.9, Taqsima 7.1 (Skeda 1 għall-Perjodu ta' Kunsinna), ir-restrizzjonijiet tat-Taqsima 7.3, 7.4, u 7.5, Taqsima 7.6, Taqsima 9 sa 14 inklużi; fi ħdan l-Anness 1, l-aħħar sentenza tat-Taqsima 1.1, it-Taqsima 2, it-Taqsima 3.2 (iżda biss għall-promozzjonijiet eżistenti), it-tieni u t-tielet sentenzi tat-Taqsima 4, it-Taqsima 5, u t-Taqsima 6; fi ħdan l-Anness 2, it-Taqsimiet 1.3, 2, 3, 4, 5, 6, u 7; fi ħdan l-Anness 3, it-Taqsimiet 1, 2 (ħlief it-tieni sentenza tat-Taqsima 2.1), 3 u 4; fi ħdan l-Anness 4, it-Taqsimiet 1.2, 1.5, 1.6, 2, 3, u 4; fi ħdan l-Anness 5, it-Taqsimiet 2.2, 2.3, 2.4 (iżda biss għall-promozzjonijiet eżistenti), 3.3, u 5; fi ħdan l-Anness 6, it-Taqsimiet 1.2, 1.3, 2, 3, u 4; fi ħdan l-Anness 7, it-Taqsima 1.1 u t-Taqsima 1.2; u l-Anness 8. Apple mhux se tkun responsabbli għal kumpens, indennizz, jew danni ta' kwalunkwe tip bħala riżultat tat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim skont it-termini tiegħu, u t-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim se tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt jew rimedju ieħor li Apple jista' jkollha, issa jew fil-futur.

## 12. L-EBDA GARANZIJA

Is-Software jew is-Servizzi ta' Apple jista' jkun fihom ineżattezzi jew żbalji li jistgħu jikkawżaw fallimenti jew telf ta' dejta u jistgħu jkunu inkompleti. Apple u l-liċenzjaturi tagħha jirriżervaw id-dritt li jibdlu, jissospendu, ineħħu, jew jiddiżattivaw l-aċċess għal kwalunkwe Servizz

(jew kwalunkwe parti minnu) fi kwalunkwe mument mingħajr avviż. Fl-ebda każ Apple jew il-liċenzjaturi tagħha ma jkunu responsabbli għat-tneħħija jew għad-diżattivazzjoni tal-aċċess għal tali Servizzi. Apple jew il-liċenzjaturi tagħha jistgħu jimponu wkoll limiti fuq l-użu ta' jew l-aċċess għal ċerti Servizzi, jew jistgħu jneħħu s-Servizzi għal perjodi ta' żmien indefiniti, jew jikkanċellaw is-Servizzi fi kwalunkwe mument, u fi kwalunkwe każ u mingħajr avviż jew responsabbiltà. SAL-LIMITU MASSIMU PERMISSIBBLI MIL-LIĠI APPLIKABBLI, INTI ESPRESSAMENT TIRRIKONOXXI U TAQBEL LI L-UŻU TAS-SOFTWARE TA' APPLE, TAS-SOLUZZJONI TA' SIGURTÀ, U KWALUNKWE SERVIZZ HUWA GĦAR-RISKJU UNIKU TIEGĦEK U LI R-RISKJU KOLLU GĦALL-KWALITÀ, GĦALL-PRESTAZZJONI, GĦALL-EŻATTEZZA U GĦALL-IMPENN SODISFAĊENTI HUWA TIEGĦEK. IS-SOFTWARE, IS-SOLUZZJONI TA' SIGURTÀ, U KULL SERVIZZ TA' APPLE HUMA PPROVDUTI "KIF INHUMA" U "KIF DISPONIBBLI", BID-DIFETTI KOLLHA U MINGĦAJR GARANZIJA TA' KULL TIP, U APPLE, L-AĠENTI TA' APPLE U L-LIĊENZJATURI TA' APPLE (**IMSEJĦA KOLLETTTIVAMENT BĦALA "APPLE" GĦALL-GĦANIJIET TAT-TAQSIMIET 12 U 13**) B'DAN JIĊĦDU R-RESPONSABBILTÀ GĦALL-GARANZIJI U L-KUNDIZZJONIJIET KOLLHA FIR-RIGWARD TAS-SOFTWARE TA' APPLE, IS-SOLUZZJONI TA' SIGURTÀ, U S-SERVIZZI TA' APPLE, KEMM ESPLIĊITI, IMPLICITI JEW STATUTORJI, INKLUŻI MINGĦAJR LIMITAZZJONI L-GARANZIJI U L-KUNDIZZJONIJIET IMPLIĊITI TA' KUMMERĊJABILITÀ, KWALITÀ SODISFAĊENTI, IDONEITÀ GĦAL SKOP PARTIKOLARI, PREĊIŻJONI, PUNTWALITÀ, U NUQQAS TA' KSUR TA' DRITTIJIET TA' PARTIJIET TERZI. APPLE MA TIGGARANTIXXIX LI MA JKUNX HEMM INTERFERENZA MAT-TGAWDIJA TIEGĦEK TAS-SOFTWARE, TAS-SOLUZZJONI TA' SIGURTÀ, JEW TAS-SERVIZZI TA' APPLE, LI S-SOFTWARE, IS-SOLUZZJONI TA' SIGURTÀ, JEW IS-SERVIZZI TA' APPLE SE JISSODISFAW IL-ĦTIĠIJIET TIEGĦEK, LI T-TĦADDIM TAS-SOFTWARE, TAS-SOLUZZJONI TA' SIGURTÀ JEW IL-FORNIMENT TAS-SERVIZZI TA' APPLE MHUX SER IKUNU INTERROTTI, LI JKUNU F'WAQTHOM, SIGURI JEW MINGĦAJR ŻBALJI, LI DIFETTI JEW ŻBALJI FIS-SOFTWARE, FIS-SOLUZZJONI TA' SIGURTÀ, JEW FIS-SERVIZZI TA' APPLE SE JIĠU KKOREĠUTI, JEW LI S-SOFTWARE, IS-SOLUZZJONI TA' SIGURTÀ, JEW IS-SERVIZZI TA' APPLE SER IKUNU KOMPATIBBLI MA' PRODOTTI, SERVIZZI JEW SOFTWARES FUTURI TA' APPLE, JEW LI KWALUNKWE SOFTWARE, APPLIKAZZJONI JEW SERVIZZ TA' PARTI TERZA, JEW LI KWALUNKWE INFORMAZZJONI PROĊESSATA, MAĦŻUNA, JEW TRAŻMESSA PERMEZZ TA' KWALUNKWE SOFTWARE JEW SERVIZZ TA' APPLE MA JIĠUX MITLUFA, KORROTTI JEW LI MA SSIRILHOMX IL-ĦSARA. INTI TIRRIKONOXXI LI S-SOFTWARE U S-SERVIZZI TA' APPLE MHUMIEX INTENZJONATI JEW ADATTATI GĦALL-UŻU F'SITWAZZJONIJIET JEW F'AMBJENTI FEJN ŻBALJI, DEWMIEN, NUQQASIJIET JEW INEŻATTEZZI FL-IPPROĊESSAR, FIT-TRAŻMISSJONI JEW FIL-ĦAŻNA TA' DEJTA JEW TA' INFORMAZZJONI MINN JEW PERMEZZ TAS-SOFTWARE JEW IS-SERVIZZI TA' APPLE JISTGĦU JWASSLU GĦAL MEWT, KORRIMENT PERSONALI, JEW GĦAL ĦSARA FINANZJARJA, FIŻIKA, FIL-PROPRJETÀ JEW AMBJENTALI, INKLUŻI MINGĦAJR LIMITAZZJONI T-TĦADDIM TA' FAĊILITAJIET NUKLEARI, SISTEMI TA' NAVIGAZZJONI JEW TA' KOMUNIKAZZJONI TA' INĠENJI TAL-AJRU, KONTROLL TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU, APPOĠĠ TAL-ĦAJJA JEW SISTEMI TA' ARMI. L-EBDA INFORMAZZJONI JEW PARIR MOGĦTIJA B'MOD ORALI JEW BIL-MIKTUB MINN APPLE JEW MINN RAPPREŻENTANT AWTORIZZAT TA' APPLE MHU SER JOĦLOQ GARANZIJA MHUX ESPRESSAMENT IMSEMMIJA F'DAN IL-FTEHIM. JEKK IS-SOFTWARE, IS-SOLUZZJONI TA' SIGURTÀ, JEW IS-SERVIZZI TA' APPLE IKUNU DIFETTUŻI, INTI SER TASSUMI L-ISPIŻA KOLLHA TAS-SERVISJAR, TAT-TISWIJA JEW TAL-KORREZZJONI KOLLHA MEĦTIEĠA. Id-dejta dwar il-post, kif ukoll kwalunkwe dejta tal-mapep ipprovduta minn kwalunkwe Servizz jew software hija għal skopijiet ta' navigazzjoni bażika biss u mhix maħsuba biex wieħed joqgħod fuqha f'sitwazzjonijiet fejn tkun meħtieġa informazzjoni preċiża dwar il-post jew fejn dejta tal-post żbaljata, mhux preċiża jew mhux kompluta tista' twassal għall-mewt, korriment personali, ħsara fil-proprjetà jew ħsara ambjentali. La Apple u lanqas l-ebda wieħed mil-liċenzjaturi tagħha ma jiggarantixxu d-disponibbiltà, l-eżattezza, il-kompletezza, l-affidabbiltà, jew il-puntwalità tad-dejta tal-post jew ta' kwalunkwe dejta jew informazzjoni oħra murija minn kwalunkwe Servizz jew software.

## 13. LIMITAZZJONI TAR-RESPONSABBILTÀ

SAL-LIMITU MHUX PROJBIT MIL-LIĠI APPLIKABBLI, APPLE FL-EBDA KAŻ MHI SER TKUN RESPONSABBLI GĦAL KORRIMENT PERSONALI, JEW GĦAL KWALUNKWE DANNU INĊIDENTALI, SPEĊJALI, INDIRETT, KONSEGWENZJALI JEW PUNITTIV, INKLUŻI, MINGĦAJR LIMITATAZZJONI, DANNI GĦAT-TELF TA' PROFITTI, TELF TA' DEJTA, INTERRUZZJONI TAN-NEGOZJU JEW TA' KWALUNKWE DANNU KUMMERĊJALI JEW TELF IEĦOR LI JKUN KONSEGWENZA TA' JEW RELATAT MA' DAN IL-FTEHIM, L-UŻU JEW L-INABILITÀ TIEGĦEK LI TUŻA S-SOFTWARE TA' APPLE, IS-SOLUZZJONI TA' SIGURTÀ, IS-SERVIZZI, IĊ-ĊERTIFIKATI TA' APPLE, JEW L-ISFORZI TIEGĦEK TA' ŻVILUPP JEW TAL-PARTEĊIPAZZJONI TIEGĦEK FIL-PROGRAMM, IKKAWŻATI KIF IKKAWŻATI, KEMM JEKK TAĦT TEORIJA TA' KUNTRATT, GARANZIJA, TORT (INKLUŻA NEGLIĠENZA), RESPONSABBILTÀ GĦALL-PRODOTTI, JEW MOD IEĦOR, ANKE JEKK APPLE ĠIET AVŻATA DWAR IL-POSSIBILITÀ TA' TALI DANNI, U MINKEJJA N-NUQQAS TA' GĦAN ESSENZJALI GĦAL KWALUNKWE RIMEDJU. Ir-responsabbiltà totali ta' Apple lejk għad-danni kollha taħt dan il-Ftehim fl-ebda każ ma taqbeż l-ammont ta' ħamsin dollaru ($50.00) (minbarra kif jista' jkun meħtieġ mil-liġi applikabbli f'każijiet li jinvolvu korriment personali).

## 14. Termini Legali Ġenerali

### 14.1 Avviżi ta' Partijiet Terzi

Xi porzjonijiet tas-Software jew tas-Servizzi ta' Apple jistgħu jużaw jew jinkludu software ta' parti terza u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur. Rikonoxximenti, termini ta' liċenzjar u ċaħdiet ta' responsabbiltà għal tali materjal jinsabu fid-dokumentazzjoni elettronika għas-Software u għas-Servizzi ta' Apple, u l-użu tiegħek ta' tali materjal huwa rregolat mit-termini rispettivi tagħhom.

### 14.2 Kunsens għall-Ġbir u għall-Użu tad-Dejta

**A. Verżjonijiet li għadhom ma ħarġux ta' iOS, watchOS, tvOS, visionOS, iPadOS, u macOS**

Sabiex tipprovdi, tittestja u tgħin lil Apple, lill-imsieħba tagħha u lill-iżviluppaturi terzi jtejbu l-prodotti u s-servizzi tagħhom, u sakemm Inti jew l-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek ma tagħżlux li ma tiħdux il-verżjonijiet li għadhom ma ħarġux ta' iOS, watchOS, tvOS, iPadOS, visionOS, jew macOS, kif applikabbli, Inti tirrikonoxxi li Apple u s-sussidjarji u l-aġenti tagħha se jkunu qed jiġbru, jużaw, jaħżnu, jittrażmettu, jipproċessaw u janalizzaw (kollettivament, "**Ġbir**") reġistri dijanjostiċi, tekniċi u dwar l-użu u informazzjoni mill-Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati Tiegħek (li qed iħaddmu verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tas-Software u tas-servizzi ta' Apple) bħala parti mill-proċess ta' seeding tal-iżviluppatur. Din l-informazzjoni se tinġabar f'forma li ma tidentifikax lilek jew lill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek b'mod personali u tista' tinġabar mill-Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati tiegħek fi kwalunkwe mument. L-informazzjoni li tkun miġbura tinkludi, iżda mhix limitata għal, dejta dijanjostika u dejta ta' użu ġenerali, diversi identifikaturi uniċi tal-apparat, diversi identifikaturi uniċi tas-sistema jew tal-hardware, dettalji dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-hardware u tas-sistema operattiva, statistika tal-prestazzjoni, u dejta dwar kif tuża l-Unità tal-Ittestjar Awtorizzata tiegħek, is-sistema u s-software tal-applikazzjoni, u aċċessorji periferali, u, jekk is-Servizzi tal-Post jkunu attivati, ċerta informazzjoni dwar il-post. Inti taqbel li Apple tista' taqsam dawn ir-reġistri dijanjostiċi, tekniċi u dwar l-użu kif ukoll informazzjoni dijanjostika, teknika u dwar l-użu ma' msieħba u ma' żviluppaturi ta' partijiet terzi għal skopijiet li jippermettulhom itejbu l-prodotti u s-servizzi tagħhom li joperaw fuq jew b'konnessjoni ma' prodotti tad-ditta Apple. **Meta tinstalla jew tuża verżjonijiet li għadhom ma ħarġux ta' iOS, watchOS, tvOS, iPadOS, visionOS, jew macOS fuq l-Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati Tiegħek, Inti tirrikonoxxi u taqbel li Apple u s-sussidjarji u l-aġenti tagħha għandhom il-permess tiegħek biex jiġbru din l-informazzjoni kollha u jużawha kif stabbilit hawn fuq f'din it-Taqsima.**

**B. Software u Servizzi Oħra ta' Apple li Għadhom Ma Ħarġux**

Sabiex tittestja, tipprovdi u ttejjeb il-prodotti u s-servizzi ta' Apple, u biss jekk tagħżel li tinstalla jew tuża Software jew Servizzi ta' Apple oħra li għadhom ma ħarġux ipprovduti bħala parti mill-proċess ta' seeding tal-iżviluppatur jew bħala parti mill-Programm, Inti tirrikonoxxi

li Apple u s-sussidjarji u l-aġenti tagħha jistgħu jkunu qed jiġbru informazzjoni dijanjostika, teknika, informazzjoni dwar l-użu u informazzjoni relatata minn Software u Servizzi oħra ta' Apple li għadhom ma ħarġux. Apple tinnotifikak dwar il-ġbir ta' tali informazzjoni fuq il-portal tal-web tal-Programm, u għandek tirrevedi bir-reqqa n-noti ta' rilaxx u informazzjoni oħra żvelata minn Apple f'tali post qabel ma tagħżel jekk tinstallax jew tużax kwalunkwe tali Software jew Servizz ta' Apple li għadu ma ħariġx. **Meta tinstalla jew tuża tali Software u Servizzi ta' Apple li għadhom ma ħarġux, Inti tirrikonoxxi u taqbel li Apple u s-sussidjarji u l-aġenti tagħha għandhom il-permess tiegħek biex jiġbru kwalunkwe informazzjoni bħal din u jużawha kif stipulat hawn fuq.**

### C. Servizzi ta' Skjerament ta' Apparat

Sabiex twaqqaf u tuża l-karatteristiċi tal-forniment tal-apparat, l-awtentikazzjoni tal-kont, u l-iskjerament tas-Software u tas-Servizzi ta' Apple, ċerti identifikaturi uniċi jistgħu jkunu meħtieġa għall-prodotti tad-ditta Apple u għall-informazzjoni dwar il-kont. Dawn l-identifikaturi uniċi jistgħu jinkludu l-indirizz tal-email tiegħek, il-Kont ta' Apple tiegħek, l-identifikatur tal-hardware għall-kompjuter tiegħek, u identifikaturi tal-apparat imdaħħla minnek fis-Software jew fis-Servizzi ta' Apple għal tali prodotti tad-ditta Apple. Identifikaturi bħal dawn jistgħu jiġu lloggjati b'assoċjazzjoni mal-interazzjoni tiegħek mas-Servizz u l-użu tiegħek ta' dawn il-karatteristiċi u s-Software u s-Servizzi ta' Apple. **Meta tuża dawn il-karatteristiċi, Inti taqbel li Apple u s-sussidjarji u l-aġenti tagħha jistgħu jiġbru din l-informazzjoni għall-iskop li jipprovdu s-Software u s-Servizzi ta' Apple, inkluż l-użu ta' tali identifikaturi għall-verifika tal-kont u miżuri kontra l-frodi.** Jekk ma tridx tipprovdi din l-informazzjoni, tużax il-karatteristiċi ta' forniment, skjerament jew awtentikazzjoni tas-Software jew tas-Servizzi ta' Apple.

### D. Servizzi ta' Apple

Sabiex tittestja, tipprovdi u ttejjeb il-prodotti u s-servizzi ta' Apple, u jekk tagħżel biss li tuża s-Servizzi pprovduti hawn taħt (u ħlief kif ipprovdut mod ieħor hawnhekk), Inti tirrikonoxxi li Apple u s-sussidjarji u l-aġenti tagħha jistgħu jkunu qed jiġbru informazzoni dijanjostika, teknika, informazzjoni dwar l-użu u dik relatata mis-Servizzi ta' Apple. Xi wħud minn din l-informazzjoni se tinġabar f'forma li ma tidentifikakx personalment. Madankollu, f'ċerti każijiet, Apple jista' jkollha bżonn tiġbor informazzjoni li tidentifikak personalment, iżda biss jekk Apple temmen in bona fede li tali ġbir huwa raġonevolment meħtieġ biex: (a) tipprovdi s-Servizzi ta' Apple; (b) tikkonforma mal-proċess jew ma' talba legali; (c) tivverifika l-konformità mat-termini ta' dan il-Ftehim; (d) tipprevjeni l-frodi, inkluż l-investigazzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni teknika jew ksur potenzjali; jew (e) tipproteġi d-drittijiet, il-proprjetà, is-sigurtà jew is-sikurezza ta' Apple, tal-iżviluppaturi tagħha, tal-klijenti jew tal-pubbliku kif meħtieġ jew kif permess mil-liġi. **Meta tinstalla jew tuża tali Servizzi ta' Apple, int tagħraf u taqbel li Apple u s-sussidjarji u l-aġenti tagħha għandhom il-permess tiegħek biex jiġbru kull informazzjoni bħal din u jużawha kif stipulat f'din it-Taqsima.** Barra minn hekk, taqbel li Apple tista' taqsam ir-reġistri u l-informazzjoni dijanjostiċi, tekniċi u dwar l-użu (eskluża informazzjoni identifikabbli personalment) mal-imsieħba u mal-iżviluppaturi ta' partijiet terzi għal skopijiet li jippermettulhom itejbu l-prodotti u s-servizzi tagħhom li joperaw fuq jew b'konnessjoni mal-prodotti tad-ditta Apple.

### E. Politika ta' Privatezza

Dejta miġbura skont din it-**Taqsima 14.2** se tiġi ttrattata skont il-Politika ta' Privatezza ta' Apple li tista' tara fuq https://www.apple.com/legal/privacy.

## 14.3 Assenjament; Relazzjoni tal-Partijiet

Dan il-Ftehim ma jistax jiġi assenjat, u lanqas ma jista' jiġi delegat minnek xi wieħed mill-obbligi tiegħek taħt dan il-Ftehim, kollu jew parzjalment, permezz ta' tħaddim ta' liġi, merger, jew kwalunkwe mezz ieħor mingħajr il-kunsens espress minn qabel bil-miktub ta' Apple, u kwalunkwe attentat ta' assenjazzjoni mingħajr tali kunsens ikun null u bla effett. Biex tissottometti talba għall-kunsens ta' Apple għall-assenjazzjoni, jekk jogħġbok idħol fil-kont tiegħek fuq https://developer.apple.com u segwi l-passi taħt Sħubija. Ħlief għall-ħatra ta' aġenzija kif stipulata speċifikament fl-Iskeda 1 (jekk applikabbli), dan il-Ftehim mhux se jiġi interpretat bħala li joħloq xi relazzjoni oħra ta' aġenzija, jew sħubija, impriża bi sħab, dmir

fiduċjarju, jew kwalunkwe forma oħra ta' assoċjazzjoni legali bejnek u bejn Apple, u Inti mhux se tirrappreżenta fil-kuntrarju, kemm jekk espressament, b'implikazzjoni, b'dehra jew b'mod ieħor. Dan il-Ftehim mhuwiex għall-benefiċċju ta' xi partijiet terzi.

### 14.4 Żvilupp Indipendenti

Xejn f'dan il-Ftehim mhu se jfixkel id-dritt ta' Apple li tiżviluppa, takkwista, tilliċenzja, tikkummerċjalizza, tippromwovi, jew tiddistribwixxi prodotti jew teknoloġiji li jwettqu l-istess funzjonijiet jew funzjonijiet simili bħal, jew inkella li jikkompetu ma', Applikazzjonijiet Liċenzjati, Prodotti Koperti, Prodotti Korrispondenti jew kwalunkwe prodott jew teknoloġija oħra li Inti tista' tiżviluppa, tipproduċi, tikkummerċjalizza, jew tiddistribwixxi.

### 14.5 Avviżi

Kwalunkwe avviż relatat ma' dan il-Ftehim għandu jsir bil-miktub, ħlief kif stipulat mod ieħor fit-**Taqsima 14.3**. L-avviżi jitqiesu mogħtija minn Apple meta mibgħuta lilek fl-indirizz tal-email jew fl-indirizz postali li pprovdejt waqt il-proċess ta' reġistrazzjoni. Ħlief kif stipulat fit-**Taqsima 14.3**, l-avviżi kollha lil Apple relatati ma' dan il-Ftehim jitqiesu mogħtija (a) meta kkonsenjati personalment, (b) tlett ijiem ta' xogħol wara li jkunu ntbagħtu minn trasportatur kummerċjali matul il-lejl bi prova bil-miktub tal-kunsinna, u (c) ħamest ijiem ta' xogħol wara li jkunu ġew mibgħuta b'posta tal-ewwel klassi jew b'posta ċertifikata, b'posta mħallsa minn qabel, lil dan l-indirizz ta' Apple: Developer Relations Legal, Apple Inc., One Apple Park Way, 37-2ISM, Cupertino, California, 95014 l-Istati Uniti tal-Amerka. Inti tagħti l-kunsens tiegħek li tirċievi avviżi bl-email u taqbel li kwalunkwe avviż bħal dan li Apple tibgħatlek elettronikament se jissodisfa kwalunkwe rekwiżit ta' komunikazzjoni legali. Parti tista' tbiddel l-email jew l-indirizz postali tagħha billi tagħti avviż bil-miktub lill-parti l-oħra kif deskritt hawn fuq.

### 14.6 Severabilità

Jekk qorti ta' ġuriżdizzjoni kompetenti ssib xi klawżola ta' dan il-Ftehim li ma tistax tiġi infurzata għal kwalunkwe raġuni, dik il-klawżola ta' dan il-Ftehim għandha tiġi infurzata sal-limitu massimu permissibbli sabiex tiġi effettwata l-intenzjoni tal-partijiet, u l-bqija ta' dan il-Ftehim għandu jkompli jseħħ u jkun effettiv bis-sħiħ. Madankollu, jekk il-liġi applikabbli tipprojbixxi jew tirrestrinġik milli tikkonforma bis-sħiħ u speċifikament ma', jew milli taħtar lill-Apple u lis-Sussidjarji ta' Apple l-aġent tiegħek taħt Skeda 1 jew it-Taqsimiet ta' dan il-Ftehim intitolati "Liċenzja u Restrizzjonijiet għall-Użu Intern", "L-Obbligi Tiegħek" jew "Iċ-Ċertifikati ta' Apple"; Ir-Revoka", jew tipprevjeni l-infurzabbiltà ta' xi waħda minn dawk it-Taqsimiet jew Skeda 1, dan il-Ftehim se jintemm immedjatament u Inti trid twaqqaf immedjatament kwalunkwe użu tas-Software ta' Apple kif deskritt fit-Taqsima intitolata "Terminu u Terminazzjoni."

### 14.7 Rinunzja u Kostruzzjoni

In-nuqqas ta' Apple li tinforza xi dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim m'għandux jitqies bħala rinunzja ta' infurzar fil-futur ta' dik id-dispożizzjoni jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra. Kwalunkwe liġi jew regolament li jipprovdu li l-lingwa ta' kuntratt se tinftiehem kontra min abbozza ma tapplikax għal dan il-Ftehim. L-intestaturi tat-taqsima huma għall-konvenjenza biss u m'għandhomx jitqiesu fil-fehim jew fl-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim.

### 14.8 Kontroll tal-Esportazzjoni

A. Ma tistax tuża, tesporta, tesporta mill-ġdid, timporta, tbigħ, tirrilaxxa, jew tittrasferixxi s-Software, is-Servizzi jew id-Dokumentazzjoni ta' Apple ħlief kif awtorizzat mil-liġi tal-Istati Uniti, mil-liġijiet tal-ġuriżdizzjoni li fiha Inti ksibt is-Software ta' Apple, u minn kwalunkwe liġi u regolament ieħor applikabbli. B'mod partikolari, iżda mingħajr limitazzjoni, is-Software, is-Servizzi, il-kodiċi tas-sors, it-teknoloġija u d-Dokumentazzjoni ta' Apple (imsejħa kollettivament bħala "Teknoloġija ta' Apple" għall-finijiet ta' din it-Taqsima 14.8) ma jistgħux jiġu esportati, jew esportati mill-ġdid, trasferiti jew rilaxxati (a) fi kwalunkwe pajjiż jew reġjun taħt embargo tal-Istati Uniti jew (b) lil, jew biex jiġu ffaċilitati n-negozjati ma', xi ħadd fil-lista ta' Ċittadini Ddeżinjati b'Mod Speċjali tad-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti jew fil-Lista ta' Persuni Miċħuda tad-

Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti jew fuq kwalunkwe listi oħra ta' partijiet ristretti. Meta tuża t-Teknoloġija ta' Apple, Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li Inti ma tinsab f'ebda pajjiż jew reġjun bħal dan jew f'xi lista bħal din. Taqbel ukoll li m'intix se tuża t-Teknoloġija ta' Apple, inkluż kwalunkwe verżjoni tagħha li għadha ma ħarġitx, għal kwalunkwe skop ipprojbit mil-liġi tal-Istati Uniti, inkluż, mingħajr limitazzjoni, l-iżvilupp, id-disinn, il-manifattura jew il-produzzjoni ta' armi nukleari, missili, armi kimiċi jew bijoloġiċi jew kwalunkwe użu aħħari militari ieħor kif definit f'15 C.F.R. § 744. Inti tiċċertifika li l-verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tat-Teknoloġija ta' Apple se jintużaw biss għal skopijiet ta' żvilupp u ta' ttestjar, u mhux se jiġu mikrija, mibjugħa, sottoliċenzjati, assenjati, jew trasferiti b'xi mod ieħor. Barra minn hekk, Inti tiċċertifika li Inti mhux se tbigħ, tittrasferixxi jew tesporta xi prodott, proċess jew servizz li huwa prodott dirett ta' tali Teknoloġija ta' Apple li għadha ma ħarġitx.

B. Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li Inti u kwalunkwe entità jew persuna li direttament jew indirettament tikkontrollak, jew li tkun taħt kontroll komuni miegħek, m'intomx: (a) fuq kwalunkwe lista ta' sanzjonijiet fil-pajjiżi jew reġjuni disponibbli fl-App Store Connect, (b) tagħmlu negozju fi kwalunkwe pajjiż jew reġjuni taħt embargo tal-Istati Uniti, u (c) utent aħħari militari kif definit fi u mogħti fl-ambitu ta' 15 C.F.R § 744. Kif użat f'din it-Taqsima 14.8, "kontroll" tfisser li entità jew persuna tippossjedi, direttament jew indirettament, is-setgħa li tidderieġi jew tikkawża d-direzzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tal-entità l-oħra, kemm jekk permezz ta' sjieda ta' titoli b'vot, interess f'kapital reġistrat, b'kuntratt, jew b'mod ieħor.

### 14.9 Utenti Aħħarin tal-Gvern

Is-Software u d-Dokumentazzjoni ta' Apple huma "Prodotti Kummerċjali", kif dak it-terminu huwa definit fi 48 C.F.R. §2.101, li jikkonsisti minn "Software tal-Kompjuter Kummerċjali" u "Dokumentazzjoni tas-Software tal-Kompjuter Kummerċjali", peress li tali termini huma użati f'48 C.F.R. §12.212 jew 48 C.F.R. §227.7202, kif applikabbli. B'konsistenza ma' 48 C.F.R. §12.212 jew 48 C.F.R. §227.7202-1 sa 227.7202-4, kif applikabbli, is-Software tal-Kompjuter Kummerċjali u d-Dokumentazzjoni tas-Software tal-Kompjuter Kummerċjali qed jiġu liċenzjati lill-utenti aħħarin tal-Gvern tal-Istati Uniti (a) bħala Prodotti Kummerċjali biss u (b) b'dawk id-drittijiet biss li jingħataw lill-utenti aħħarin l-oħra kollha skont it-termini u l-kundizzjonijiet t'hawnhekk. Drittijiet mhux ippubblikati riżervati taħt il-liġijiet tad-drittijiet tal-awtur tal-Istati Uniti.

### 14.10 Riżoluzzjoni ta' Tilwim; Liġi Governattiva

Kwalunkwe litigazzjoni jew riżoluzzjoni oħra ta' tilwim bejnek u bejn Apple (minbarra sfida għal dritt ta' privattiva quddiem uffiċċju tal-privattivi) li tirriżulta minn, jew li għandha x'taqsam ma' dan il-Ftehim, mas-Software ta' Apple, jew mar-relazzjoni tiegħek ma' Apple, se ssir fid-Distrett tat-Tramuntana ta' Kalifornja, u b'dan Inti u Apple tagħtu l-kunsens għall-ġuriżdizzjoni personali ta' u għall-post esklussiv fil-qrati statali u federali f'dak id-Distrett fir-rigward ta' kwalunkwe litigazzjoni jew riżoluzzjoni ta' tilwim ta' dan it-tip. Dan il-Ftehim se jkun irregolat minn u interpretat skont il-liġijiet tal-Istati Uniti u tal-Istat ta' Kalifornja, ħlief dak tal-korp tal-liġi ta' Kalifornja li jikkonċerna l-kunflitti tal-liġi. Minkejja dak li ntqal hawn fuq:

(a) Jekk Inti aġenzija, istrumentalità jew dipartiment tal-gvern federali tal-Istati Uniti, allura dan il-Ftehim għandu jkun irregolat skont il-liġijiet tal-Istati Uniti tal-Amerika, u fin-nuqqas ta' liġi federali applikabbli, il-liġijiet tal-Istat ta' Kalifornja se japplikaw. Barra minn hekk, u minkejja kull ħaġa kuntrarja f'dan il-Ftehim (inkluż iżda mhux limitat għal **Taqsima 10 (Indennifikazzjoni)**, il-klejms, it-talbiet, l-ilmenti u t-tilwim kollha se jkunu soġġetti għall-Att dwar it-Tilwim f'Kuntratt (41 U.S.C. §§601-613), l-Att Tucker (28 U.S.C. § 1346(a) u § 1491), jew l-Att Federali dwar Klejms Illeċiti (28 U.S.C. §§ 1346(b), 2401-2402, 2671-2672, 2674-2680), kif applikabbli, jew awtorità governattiva applikabbli oħra. Biex jiġi evitat kull dubju, jekk Inti aġenzija, istrumentalità, jew dipartiment tal-gvern federali, statali jew lokali tal-Istati Uniti jew istituzzjoni edukattiva pubblika u akkreditata tal-Istati Uniti, allura l-obbligi ta' indennifikazzjoni tiegħek huma applikabbli biss sal-punt li ma jikkawżawlekx li tikser xi liġi applikabbli (eż., l-Att Kontra d-Defiċjenza), u għandek xi awtorizzazzjoni jew statut ta' awtorizzazzjoni legalment meħtieġa;

(b) Jekk Inti (bħala entità li qed tidħol f'dan il-Ftehim) istituzzjoni edukattiva pubblika u akkreditata tal-Istati Uniti jew aġenzija, strumentalità, jew dipartiment ta' stat jew gvern lokali fl-Istati Uniti, (a) dan il-Ftehim se jkun irregolat u interpretat skont il-liġijiet tal-istat (fl-Istati Uniti) li fih l-entità tiegħek hija domiċiljata, ħlief dak il-korp tal-liġi tal-istat li jikkonċerna l-kunflitti tal-liġi; u (b) kwalunkwe litigazzjoni jew riżoluzzjoni oħra ta' tilwim bejnek u bejn Apple li tirriżulta minn, jew li għandha x'taqsam ma' dan il-Ftehim, mas-Software ta' Apple, jew mar-relazzjoni tiegħek ma' Apple, se ssir fil-qorti federali fid-Distrett tat-Tramuntana ta' Kalifornja, u b'dan Inti u Apple tagħtu l-kunsens għall-ġuriżdizzjoni personali ta' u għall-post esklussiv ta' tali Distrett sakemm tali kunsens ma jkunx ipprojbit espressament mil-liġijiet tal-istat li fih l-entità tiegħek hija domiċiljata;
(c) Jekk Inti organizzazzjoni internazzjonali, intergovernattiva li ngħatat immunità mill-ġuriżdizzjoni tal-qrati nazzjonali permezz tal-karta jew tal-ftehim intergovernattiv tiegħek, kwalunkwe kontroversja jew klejm li tirriżulta minn jew li għandha x'taqsam ma' dan il-Ftehim, jew il-ksur tiegħu, għandha tiġi determinata permezz ta' arbitraġġ taħt ir-Regoli ta' Arbitraġġ tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ (ir-"Regoli tal-ICC") fis-seħħ fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-arbitraġġ minn tliet arbitri maħtura skont dawn ir-regoli, u se ssir skont ir-Regoli tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Kamra tal-Avukati (IBA, International Bar Association) dwar it-Teħid tal-Evidenza fl-Arbitraġġ Internazzjonali. Il-post tal-arbitraġġ għandu jkun Londra, l-Ingilterra. L-arbitraġġ għandu jkun immexxi bl-Ingliż. Fuq talba ta' Apple, Inti taqbel li tipprovdi evidenza tal-istatus tiegħek bħala organizzazzjoni intergovernattiva b'tali privileġġi u immunitajiet; u
(d) Jekk għandek Relazzjoni Ewropea ma' Apple u/jew ma' Apple Distribution International Ltd., kwalunkwe Klejm tar-Relazzjoni Ewropea bejnek u bejn Apple u/jew Apple Distribution International Ltd. għandha tkun soġġetta għall-ġuriżdizzjoni esklussiva tal-qrati tal-Irlanda. Din it-**Taqsima 14.10(d)**, u kwalunkwe obbligu mhux kuntrattwali li jirriżulta minn jew b'rabta mar-Relazzjoni Ewropea għandu jkun irregolat minn u interpretat skont il-liġi Irlandiża. Fil-każ ta' xi kunflitt, din it-**Taqsima 14.10(d)** għandha tieħu preċedenza fuq kwalunkwe ġuriżdizzjoni u/jew ftehim ta' liġi li tirregola oħrajn bejnek u bejn Apple u/jew Apple Distribution International Ltd. Xejn f'din it-**Taqsima 14.10(d)** m'għandu jaffettwa d-drittijiet ta' Apple jew ta' Apple Distribution International Ltd. li jressqu xi klejm jew proċediment fi kwalunkwe ġuriżdizzjoni taħt il-liġi applikabbli f'dik il-ġuriżdizzjoni fir-rigward tal-ksur, tal-miżappropriijazzjoni jew tal-ksur ta' kwalunkwe Dritt tal-PI.

Dan il-Ftehim m'għandux ikun irregolat mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kuntratti ta' Bejgħ Internazzjonali ta' Merkanzija, li l-applikazzjoni tagħha hija espressament eskluża.

### 14.11 Ftehim Sħiħ; Lingwa Suprema

Dan il-Ftehim jikkostitwixxi l-ftehim kollu bejn il-partijiet fir-rigward tal-użu tas-Software ta' Apple, tas-Servizzi ta' Apple u taċ-Ċertifikati ta' Apple li huma liċenzjati hawn taħt u, ħlief kif stipulat mod ieħor hawnhekk, jissostitwixxi l-ftehim u l-ftehimiet preċedenti kollha dwar is-suġġett tiegħu. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, sal-punt li Inti tkun ipprovdut b'materjali ta' qabel ir-rilaxx taħt il-Programm u li tali materjali ta' qabel ir-rilaxx ikunu soġġetti għal ftehim ta' liċenzja separat, Inti taqbel li l-ftehim ta' liċenzja li jakkumpanja dawn il-materjali flimkien mat-**Taqsima 9 (Kunfidenzjalità)** ta' dan il-Ftehim għandu jirregola wkoll l-użu tiegħek ta' tali materjali. Jekk dħalt jew aktar tard se tidħol fil-Ftehim dwar Xcode u Apple SDKs, dan il-Ftehim tal-Liċenzja tal-Apple Developer Program se jirregola f'każ ta' xi inkonsistenzi bejn it-tnejn li huma fir-rigward tal-istess suġġett; sakemm, madankollu, dan il-Ftehim tal-Liċenzja tal-Apple Developer Program mhuwiex maħsub biex jipprevenik milli teżerċita kwalunkwe dritt mogħti lilek fil-Ftehim dwar Xcode u Apple SDKs skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fih. Jekk tkun dħalt jew aktar tard tidħol fil-Ftehim dwar Swift Playgrounds, dan il-Ftehim tal-Liċenzja tal-Apple Developer Program se jirregola f'każ ta' xi inkonsistenzi bejn it-tnejn li huma fir-rigward tal-istess suġġett; sakemm, madankollu, dan il-Ftehim tal-Liċenzja tal-Apple Developer Program mhuwiex maħsub biex jipprevjeni lilek milli teżerċita kwalunkwe dritt mogħti lilek fil-Ftehim dwar Swift Playgrounds skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fih. Dan il-Ftehim jista' jiġi modifikat biss: (a) b'emenda bil-miktub iffirmata miż-żewġ partijiet, jew (b) sal-punt espressament permess minn dan il-Ftehim (pereżempju, minn Apple b'avviż bil-miktub jew b'email lilek). Kwalunkwe traduzzjoni

hija pprovduta lilek bħala kortesija, u fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-Ingliż u kwalunkwe verżjoni mhux Ingliża, il-verżjoni Ingliża ta' dan il-Ftehim għandha tirregola, sal-punt mhux ipprojbit mil-liġi lokali fil-ġuriżdizzjoni tiegħek. Jekk Inti tinsab fil-provinċja ta' Quebec, il-Kanada jew Inti organizzazzjoni tal-gvern fi Franza, allura l-klawżola li ġejja tapplika għalik: Il-partijiet b'dan jikkonfermaw li talbu li dan il-Ftehim u d-dokumenti kollha relatati jiġu abbozzati bl-Ingliż. *Les parties ont exigé que le présent contrat et tous les documents connexes sont rédigés en anglais*.

# Anness 1
### (tal-Ftehim)
## Termini Addizzjonali għas-Servizz tan-Notifiki Push ta' Apple u Notifiki Lokali

It-termini li ġejjin huma addizzjonali għat-termini tal-Ftehim u japplikaw għal kwalunkwe użu tal-APN (Servizz tan-Notifiki Push ta' Apple):

**1. Użu tal-APN u tan-Notifiki Lokali**

**1.1** Tista' tuża l-APN biss fl-Applikazzjonijiet tiegħek, fil-Passes tiegħek, u/jew meta tibgħat Notifiki Push ta' Safari lill-utenti tad-desktop tal-macOS tas-Sit tiegħek li għażlu li jirċievu Notifiki permezz ta' Safari fuq macOS. Inti, l-Applikazzjoni tiegħek u/jew il-Pass tiegħek tista' taċċessa l-APN biss permezz tal-APN API u biss jekk ġejt assenjat ID tal-Applikazzjoni Push minn Apple. Ħlief għal Service Provider li qed jgħinek bl-użu tal-APN, Inti taqbel li ma taqsamx l-ID tal-Applikazzjoni Push tiegħek ma' xi parti terza. Inti tifhem li mhux se titħalla taċċessa jew tuża l-APN wara li jiskadi jew wara li jintemm il-Ftehim tiegħek.

**1.2** Inti għandek permess li tuża l-APN u l-APN APIs biss għall-iskop li tibgħat Notifiki Push lill-Applikazzjoni tiegħek, lill-Pass tiegħek, u/jew lill-utenti tad-desktop tal-macOS tas-Sit tiegħek li għażlu li jirċievu Notifiki permezz ta' Safari fuq macOS kif permess speċifikament mill-Ftehim, mid-Dokumentazzjoni tal-APN u mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha (inklużi l-liġijiet kollha tal-proprjetà intellettwali). Inti taqbel ukoll li trid tiżvela lil Apple kwalunkwe użu tal-APN bħala parti mill-proċess ta' sottomissjoni għall-Applikazzjoni tiegħek.

**1.3** Inti tifhem li qabel ma tibgħat kwalunkwe Notifika Push permezz tal-APN lil utent aħħari, l-utent aħħari jrid jagħti l-kunsens tiegħu li jirċievi tali Notifiki. Inti taqbel li ma tiddiżattivax, tegħleb jew tinterferixxi b'xi mod ieħor ma' kwalunkwe pannell ta' kunsens implimentat minn Apple jew kwalunkwe preferenza tas-sistema ta' Apple għall-attivazzjoni jew għad-diżattivazzjoni tal-funzjonalità tan-Notifiki. Jekk il-kunsens mill-utent aħħari biex jirċievi Notifiki Push jiġi rrifjutat jew irtirat aktar tard, Inti ma tistax tibgħat Notifiki Push lill-utent aħħari.

**2. Rekwiżiti Addizzjonali**

**2.1** Ma tistax tuża l-APN jew Notifiki Lokali għall-iskop li tibgħat messaġġi mhux mitluba lill-utenti aħħarin jew għall-iskop ta' phishing jew spamming, inkluż iżda mhux limitat għal, involviment fi kwalunkwe tip ta' attivitajiet li jiksru liġijiet u regolamenti kontra l-ispamming, jew li huma ħżiena, mhux xierqa jew illegali b'xi mod ieħor. L-APN u n-Notifiki Lokali għandhom jintużaw biex jintbagħtu messaġġi rilevanti lil utent li jipprovdu benefiċċju (eż. tweġiba għal talba għal informazzjoni minn utent aħħari, forniment ta' informazzjoni pertinenti rilevanti għall-Applikazzjoni).

**2.2** Ma tistax tuża l-APN jew in-Notifiki Lokali għall-finijiet ta' reklamar, promozzjoni tal-prodott, jew marketing dirett ta' kwalunkwe tip (eż., up-selling, cross-selling, eċċ.), inkluż, iżda mhux limitat għal, li tibgħat xi messaġġ biex tippromwovi l-użu tal-Applikazzjoni tiegħek jew li tirreklama d-disponibbiltà ta' karatteristiċi jew verżjonijiet ġodda, sakemm l-utent aħħari ma jkunx għażel espliċitament li jirċevihom permezz tal-lingwa tal-kunsens murija fl-interfaċċja tal-utent tal-Applikazzjoni tiegħek, u sakemm Inti ma tipprovdix metodu fl-Applikazzjoni tiegħek biex l-utent aħħari jiddeċiedi li ma jibqax jirċievi tali messaġġi. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, tista' tuża l-APN jew in-Notifiki Lokali għal skopijiet promozzjonali b'rabta mal-Pass tiegħek sakemm tali użu jkun direttament relatat mal-Pass, eż. jista' jintbagħat kupun tal-istore lil Pass tiegħek fil-Wallet.

**2.3** Inti ma tistax tuża b'mod eċċessiv il-kapaċità tan-network ġenerali jew il-bandwidth tal-APN, jew tikkawża piż żejjed bla bżonn fuq prodott tad-ditta Apple jew utent aħħari b'ammont eċċessiv ta' Notifiki Push jew Notifiki Lokali, kif jista' jiġi determinat minn Apple fid-diskrezzjoni raġonevoli tagħha.

Barra minn hekk, Inti taqbel li ma tagħmilx ħsara jew tinterferixxi man-networks jew mas-servers ta' Apple, jew ma' kwalunkwe server jew network ta' partijiet terzi konness mal-APN, jew inkella li tfixkel l-użu tal-APN minn żviluppaturi oħra.

**2.4** Inti ma tistax tuża l-APN jew in-Notifiki Lokali biex tibgħat materjal li jkun fih xi kontenut jew materjali oxxen, pornografiku, offensiv jew malafamanti ta' kwalunkwe tip (test, grafika, stampi, ritratti, ħsejjes, eċċ.), jew kontenut jew materjali oħra li fil-ġudizzju raġonevoli ta' Apple jista' jinstab oġġezzjonabbli mill-utent aħħari tal-Applikazzjoni, tal-Pass jew tas-Sit tiegħek.

**2.5** Inti ma tistax tittrażmetti, taħżen jew tagħmel disponibbli b'xi mod ieħor xi materjal li jkun fih viruses jew kwalunkwe kodiċi tal-kompjuter, fajl jew programm ieħor li jista' jagħmel ħsara, ifixkel jew jillimita l-operat normali tal-APN jew tal-prodott tad-ditta Apple, u Inti taqbel li ma tiddiżattivax, tispufja, tiħħekkja jew b'xi mod ieħor tinterferixxi ma' xi mekkaniżmi ta' sigurtà, iffirmar diġitali, verifika jew awtentikazzjoni li huma inkorporati jew użati mill-APN, jew li jippermettu lil oħrajn jagħmlu dan.

**3. Termini Addizzjonali għal IDs Push tas-Sit Elettroniku**

**3.1** Soġġett għat-termini ta' dan il-Ftehim, Inti tifhem u taqbel li n-Notifiki Push ta' Safari li Inti tibgħat bl-użu tal-ID Push tas-Sit Elettroniku tiegħek għandhom jintbagħtu taħt ismek, taħt it-trademark jew taħt id-ditta tiegħek (eż., utent għandu jkun jaf li l-komunikazzjoni tkun ġejja mis-Sit tiegħek) u għandhom ikunu jinkludu ikona, trademark, logo jew marka oħra ta' identifikazzjoni għas-Sit tiegħek. Inti taqbel li ma tirrappreżentax ħażin jew timpersonifika Sit jew entità oħra, jew li inkella tqarraq bl-utenti dwar l-oriġinatur tan-Notifika Push ta' Safari. Sal-punt li Inti tirreferi għal trademark jew ditta ta' parti terza fin-Notifika Push ta' Safari tiegħek, Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li għandek kwalunkwe dritt meħtieġ.

**3.2** Billi tattiva l-APN u tibgħat Notifiki Push ta' Safari għas-Sit tiegħek kif permess f'dan il-Ftehim, Inti b'dan tkun qed tippermetti lil Apple li tuża (i) screenshots tan-Notifiki Push ta' Safari tiegħek fuq macOS; u (ii) trademarks u logos assoċjati ma' tali Notifiki, għal skopijiet promozzjonali fil-materjali tal-marketing ta' Apple, minbarra dawk il-partijiet li Inti m'għandekx id-dritt li tuża għal skopijiet promozzjonali u li Inti tidentifika bil-miktub lil Apple. Inti tippermetti wkoll lil Apple li tuża stampi u materjali oħra li Inti tista' tipprovdi lil Apple, fuq talba raġonevoli ta' Apple, għal skopijiet promozzjonali f'materjali ta' marketing.

**4. Twassil mill-APN jew permezz ta' Notifiki Lokali.** Inti tifhem u taqbel li sabiex tipprovdi l-APN u tagħmel in-Notifiki Push tiegħek disponibbli fuq prodotti tad-ditta Apple, Apple tista' tittrażmetti n-Notifiki Push tiegħek f'diversi networks pubbliċi, f'diversi mezzi, u timmodifika jew tibdel in-Notifiki Push tiegħek biex tikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi u oħrajn għall-konnessjoni ma' networks jew apparati. Inti tirrikonoxxi u taqbel li l-APN mhuwiex, u mhuwiex maħsub li jkun, servizz ta' twassil garantit jew sigur, u m'għandekx tużah jew tistrieħ fuqu bħala tali. Barra minn hekk, bħala kundizzjoni għall-użu tal-APN jew għat-twassil ta' Notifiki Lokali, Inti taqbel li ma tittrażmettix informazzjoni personali sensittiva jew kunfidenzjali li tappartjeni lil individwu (eż., numru tas-sigurtà soċjali, kont finanzjarju jew informazzjoni tranżazzjonali, jew kwalunkwe informazzjoni fejn l-individwu jista' jkollu aspettattiva raġonevoli ta' trażmissjoni sigura) bħala parti minn kwalunkwe Notifika bħal din, u Inti taqbel li tikkonforma ma' kwalunkwe rekwiżit ta' avviż jew kunsens applikabbli fir-rigward ta' kwalunkwe ġbir, trażmissjoni, manutenzjoni, ipproċessar jew użu ta' informazzjoni personali ta' utent aħħari.

**5. Ir-Rikonoxximenti Tiegħek.** Inti tagħraf u taqbel li:

**5.1** Apple tista' fi kwalunkwe mument, u minn żmien għal żmien, b'avviż minn qabel lilek jew mingħajru (a) timmodifika l-APN, inkluż it-tibdil jew it-tneħħija ta' kwalunkwe karatteristika jew funzjonalità, jew (b) timmodifika, ma tibqax tappoġġja, toħroġ mill-ġdid jew tippubblika mill-ġdid l-APN APIs. Inti tifhem li kwalunkwe modifika bħal din tista' tkun teħtieġlek tibdel

jew taġġorna l-Applikazzjonijiet, il-Passes jew is-Siti tiegħek bi spejjeż tiegħek.
Apple m'għandha l-ebda obbligu espress jew impliċitu li tipprovdi, jew tkompli tipprovdi, l-APN u tista' tissospendi jew twaqqaf l-APN kollu jew parti minnu fi kwalunkwe mument. Apple m'għandhiex tkun responsabbli għal xi telf, danni jew spejjeż ta' kwalunkwe tip imġarrba minnek jew minn xi parti oħra li jirriżultaw minn jew li huma relatati ma' kwalunkwe tali sospensjoni jew waqfien tas-servizz jew kwalunkwe modifika bħal din tal-APN jew tal-APN APIs.

**5.2** L-APN mhuwiex disponibbli fil-lingwi kollha jew fil-pajjiżi jew fir-reġjuni kollha u Apple ma tagħmel l-ebda rappreżentazzjoni li l-APN huwa xieraq jew disponibbli għall-użu fi kwalunkwe post partikolari. Sa fejn Inti tagħżel li taċċessa u tuża l-APN, Inti tagħmel dan fuq inizjattiva tiegħek stess u tkun responsabbli għall-konformità ma' kwalunkwe liġi applikabbli, inkluż iżda mhux limitata għal kwalunkwe liġi lokali.

**5.3** Apple tipprovdilek l-APN għall-użu tiegħek mal-Applikazzjoni, mal-Pass, jew mas-Sit tiegħek, u ma tipprovdix l-APN direttament lil kwalunkwe utent aħħari. Inti tirrikonoxxi u taqbel li kwalunkwe Notifika Push tintbagħat minnek, u mhux minn Apple, lill-utent aħħari tal-Applikazzjoni, tal-Pass jew tas-Sit tiegħek, u Inti biss responsabbli għal kwalunkwe dejta jew kontenut trażmess hemmhekk kif ukoll għal kwalunkwe użu bħal dan tal-APN. Barra minn hekk, Inti tirrikonoxxi u taqbel li kwalunkwe Notifika Lokali tintbagħat minnek, mhux minn Apple, lill-utent aħħari tal-Applikazzjoni tiegħek, u Inti unikament responsabbli għal kwalunkwe dejta jew kontenut trażmess hemmhekk.

**5.4** Apple ma tagħmillekx garanziji fir-rigward tad-disponibbiltà jew l-uptime tal-APN u mhijiex obbligata li tipprovdi xi manutenzjoni, appoġġ tekniku jew appoġġ ieħor għall-APN.

**5.5** Apple tirriżerva d-dritt li tneħħi l-aċċess tiegħek għall-APN, tillimita l-użu tiegħek tal-APN, jew tirrevoka l-ID tal-Applikazzjoni Push tiegħek fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss.

**5.6** Apple tista' tissorvelja u tiġbor informazzjoni (inkluża iżda mhux limitata għal informazzjoni teknika u dijanjostika) dwar l-użu tiegħek tal-APN biex tgħin lil Apple ittejjeb l-APN u prodotti jew servizzi oħra ta' Apple u biex tivverifika l-konformità tiegħek ma' dan il-Ftehim; dment li madankollu Apple mhux se taċċessa jew tiżvela l-kontenut ta' xi Notifika Push sakemm Apple ma tkunx qed temmen in bona fede li tali aċċess jew żvelar huwa raġonevolment meħtieġ biex: (a) tikkonforma ma' proċess jew ma' talba legali; (b) tinforza t-termini ta' dan il-Ftehim, inkluża l-investigazzjoni ta' kwalunkwe vjolazzjoni potenzjali tiegħu; (c) tiskopri, tipprevjeni jew tindirizza b'xi mod ieħor kwistjonijiet ta' sigurtà, ta' frodi jew dawk tekniċi; jew biex (d) tipproteġi d-drittijiet, il-proprjetà jew is-sigurtà ta' Apple, l-iżviluppaturi tagħha, il-klijenti jew il-pubbliku, kif meħtieġ jew permess mil-liġi. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, Inti tirrikonoxxi u taqbel li iOS, iPadOS, macOS, u watchOS jistgħu jaċċessaw in-Notifiki Push lokalment fuq l-apparat tal-utent biss għall-finijiet li jwieġbu għat-talbiet tal-utent u jippersonalizzaw l-esperjenza tal-utent u s-suġġerimenti fuq l-apparat.

**6. Ċaħda ta' Responsabbiltà Addizzjonali.** APPLE MHIJIEX SER TKUN RESPONSABBLI GĦAL EBDA DANNU JEW TELF LI JIRRIŻULTA MINN KWALUNKWE UŻU TAL-APN, INKLUŻ KULL INTERRUZZJONI GĦALL-APN JEW KWALUNKWE UŻU TA' NOTIFIKI, INKLUŻI, IMMA MHUX LIMITATI GĦAL KWALUNKWE WAQFIEN TAL-FORNIMENT TAL-ENERĠIJA, FALLIMENTI TAS-SISTEMA, ATTAKKI FUQ IN-NETWORK, MANUTENZJONI SKEDATA JEW MHUX SKEDATA, JEW INTERRUZZJONIJIET OĦRA.

# Anness 2
### (tal-Ftehim)
## Termini Addizzjonali għall-Użu tal-In-App Purchase API

**1. Użu tal-In-App Purchase API**

**1.1** Inti tista' tuża l-In-App Purchase API biss biex tippermetti lill-utenti aħħarin jaċċessaw jew jirċievu kontenut, funzjonalità, jew servizzi li Inti tagħmel disponibbli għall-użu fl-Applikazzjoni tiegħek (eż., kotba diġitali, livelli ta' logħob addizzjonali, aċċess għal servizz ta' mappa dettaljata). Inti ma tistax tuża l-In-App Purchase API biex toffri prodotti jew servizzi biex jintużaw esklussivament barra mill-Applikazzjoni tiegħek.

**1.2** Int trid tissottometti l-kontenut, il-funzjonalità, jew is-servizzi kollha li Inti qed tippjana li tipprovdi permezz tal-użu tal-In-App Purchase API lil Apple għal rieżami u approvazzjoni skont dawn it-termini u l-proċessi stabbiliti fit-**Taqsima 6 (Sottomissjoni u Għażla tal-Applikazzjoni)** tal-Ftehim. Għas-sottomissjonijiet kollha, Inti trid tipprovdi l-isem, id-deskrizzjoni tat-test, il-prezz, in-numru tal-identifikatur uniku, u informazzjoni oħra li Apple titlob b'mod raġonevoli (kollettivament, id-"**Deskrizzjoni tas-Sottomissjoni**"). Apple tirriżerva d-dritt li tirrieżamina l-kontenut, il-funzjonalità jew is-servizz attwali li jkunu ġew deskritti fid-Deskrizzjonijiet tas-Sottomissjoni fi kwalunkwe mument, inkluż, iżda mhux limitat għal, fil-proċess ta' sottomissjoni u wara l-approvazzjoni tad-Deskrizzjoni tas-Sottomissjoni minn Apple. Jekk tixtieq tipprovdi kontenut, funzjonalità jew servizzi addizzjonali permezz tal-In-App Purchase API li mhumiex deskritti fid-Deskrizzjoni tas-Sottomissjoni tiegħek, allura l-ewwel trid tissottometti Deskrizzjoni tas-Sottomissjoni ġdida jew aġġornata għar-rieżami u għall-approvazzjoni minn Apple qabel ma tagħmel tali oġġetti disponibbli permezz tal-użu tal-In-App Purchase API. Apple tirriżerva d-dritt li tirtira l-approvazzjoni tagħha tal-kontenut, tal-funzjonalità, jew tas-servizzi approvati qabel, u Inti taqbel li tieqaf tagħmel kwalunkwe kontenut, funzjonalità, jew servizzi bħal dawn disponibbli għall-użu fl-Applikazzjoni tiegħek.

**1.3** Il-kontenut, il-funzjonalità u s-servizzi kollha offruti permezz tal-In-App Purchase API huma soġġetti għar-Rekwiżiti tal-Programm għall-Applikazzjonijiet, u wara li tali kontenut, servizzi jew funzjonalità jiġu miżjuda ma' Applikazzjoni Liċenzjata, jitqiesu bħala parti mill-Applikazzjoni Liċenzjata u se jkunu soġġetti għall-istess obbligi u rekwiżiti kollha. Għaċ-ċarezza, Applikazzjonijiet li jipprovdu funzjonalità ta' estensjoni tat-tastiera ma jistgħux jużaw l-In-App Purchase API fi ħdan l-estensjoni tat-tastiera nnifisha; madankollu, jistgħu jkomplu jużaw l-In-App Purchase API f'oqsma separati tal-Applikazzjoni.

**2. Restrizzjonijiet Addizzjonali**

**2.1** Inti ma tistax tuża l-In-App Purchase API biex tippermetti lil utent aħħari jikkonfigura kont imħallas minn qabel biex jintuża għal xiri sussegwenti ta' kontenut, funzjonalità jew servizzi għal użu esklussivament barra mill-Applikazzjoni tiegħek, jew inkella biex toħloq bilanċi jew krediti li utenti aħħarin jistgħu jifdu jew jużaw biex isir xiri aktar tard.

**2.2** Inti ma tistax tippermetti lill-utenti aħħarin jixtru Munita ta' kwalunkwe tip permezz tal-In-App Purchase API, inkluż iżda mhux limitat għal kwalunkwe Munita għal skambju, rigal, tifdija, trasferiment, kummerċ jew użu fix-xiri jew fil-kisba ta' xi ħaġa ġewwa jew barra mill-Applikazzjoni tiegħek. "Munita" tfisser kull forma ta' munita, punti, krediti, riżorsi, kontenut jew oġġetti jew unitajiet oħra rikonoxxuti minn grupp ta' individwi jew entitajiet bħala li jirrappreżentaw valur partikolari u li jistgħu jiġu trasferiti jew ċirkolati bħala mezz ta' skambju għal oġġetti fiżiċi jew sevizzi, jew servizzi jew azzjonarji finanzjarji.

**2.3** Il-kontenut u s-servizzi jistgħu jiġu offruti permezz tal-In-App Purchase API fuq bażi ta' abbonament (eż., abbonamenti għal gazzetti u rivisti). Minbarra kontenut speċifiku approvat li jinkera bħal films, programmi televiżivi, mużika, kotba, il-kiri ta' kontenut, servizzi jew funzjonalità

permezz tal-In-App Purchase API mhuwiex permessi (eż., l-użu ta' kontenut partikolari jista' ma jkunx ristrett għal perjodu ta' żmien predeterminat u limitat).

**2.4** Inti ma tistax tuża l-In-App Purchase API biex tibgħat xi aġġornamenti tas-software lill-Applikazzjoni tiegħek jew inkella biex iżżid xi kodiċi addizzjonali eżekuttibbli mal-Applikazzjoni tiegħek. Oġġett tax-Xiri fi Ħdan l-App irid jew ikun diġà jeżisti fl-Applikazzjoni tiegħek u qed jistenna li jiġi aċċessat, li jiġi strimjat fuq l-Applikazzjoni tiegħek wara li tkun tlestiet it-tranżazzjoni tal-In-App Purchase API, jew li jiġi mniżżel fl-Applikazzjoni tiegħek biss bħala dejta wara li din it-tranżazzjoni tkun tlestiet.

**2.5** Inti ma tistax tuża l-In-App Purchase API biex twassal xi oġġett li jkun fih kontenut jew materjali ta' kwalunkwe tip (test, grafika, stampi, ritratti, ħsejjes, eċċ.) li fil-ġudizzju raġonevoli ta' Apple jistgħu jinstabu oġġezzjonabbli jew mhux xierqa, pereżempju, materjali li jistgħu jitqiesu oxxeni, pornografiċi, jew malafamanti.

**2.6** Bl-eċċezzjoni ta' oġġetti ta' kontenut li utent aħħari jikkonsma jew juża fl-Applikazzjoni tiegħek (eż. provvisti virtwali bħal materjali tal-kostruzzjoni) ("Konsumabbli"), kwalunkwe kontenut, funzjonalità, servizzi jew abbonamenti oħra pprovduti permezz tal-użu tal-In-App Purchase API (eż. xabla għal logħba) ("Mhux Konsumabbli") għandhom ikunu disponibbli għall-utenti aħħarin f'konformità mal-istess regoli tal-użu għall-Applikazzjonijiet Liċenzjati (eż., kwalunkwe tali kontenut, servizzi jew funzjonalità jridu jkunu disponibbli għall-apparati kollha assoċjati mal-kont tal-utent aħħari). Inti se tkun responsabbli biex tidentifika oġġetti Konsumabbli lil Apple u biex tiżvela lill-utenti aħħarin li l-Konsumabbli mhux se jkunu disponibbli għall-użu fuq apparati oħra.

## 3. Ir-Responsabbiltajiet Tiegħek

**3.1** Għal kull tranżazzjoni li titlesta b'suċċess li ssir bl-użu tal-In-App Purchase API, Apple tipprovdilek irċevuta ta' tranżazzjoni. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tivverifika l-validità ta' tali irċevuta qabel it-twassil ta' kwalunkwe kontenut, funzjonalità, jew servizzi lil utent aħħari u Apple mhux se tkun responsabbli għan-nuqqas tiegħek li tivverifika li kwalunkwe rċevuta ta' tranżazzjoni bħal din ġiet minn Apple.

**3.2** Ħlief fejn Apple turi l-elementi tal-interfaċċja tal-utent tas-sistema, Inti responsabbli għall-iżvilupp tal-interfaċċja tal-utent li l-Applikazzjoni tiegħek se turi lill-utenti aħħarin għall-ordnijiet magħmula permezz tal-In-App Purchase API u biex tipprovdi l-iżvelar kollu li huwa legalment meħtieġ li jingħata lill-utent aħħari qabel il-bejgħ ta' oġġett fl-Applikazzjoni tiegħek permezz tal-In-App Purchase API. Fil-vetrina tal-App Store tal-Istati Uniti, Applikazzjonijiet li joffru tranżazzjonijiet ta' darba għal kontenut diġitali (eż., rivisti, gazzetti, kotba, awdjo, mużika, u vidjow) permezz tal-In-App Purchase API fl-App għandhom jiddikjaraw b'mod ċar u evidenti, f'lingwaġġ sempliċi u qabel ma l-utent aħħari jeżegwixxi t-tranżazzjoni, li jkunu qed jixtru liċenzja għal dak il-kontenut diġitali u jinkludu hyperlink jew metodu simili biex jiġu aċċessati d-dettalji sħaħ dwar tali liċenzji, inklużi t-Termini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizzi tal-Midja ta' Apple u jekk rilevanti, il-ftehim tal-liċenzja tal-utent aħħari personalizzat tiegħek. Inti taqbel li ma tirrappreżentax ħażin, tagħmel dikjarazzjonijiet foloz, tqarraq jew tidħol fi kwalunkwe att jew prattika inġusta jew qarrieqa fir-rigward tal-promozzjoni u l-bejgħ ta' oġġetti permezz tal-użu tiegħek tal-In-App Purchase API, inkluż, iżda mhux limitat għall-Informazzjoni tal-Applikazzjoni Liċenzjata. u kwalunkwe metadata li Inti tissottometti permezz tal-App Store Connect. Inti taqbel li tikkonforma mal-liġijiet u mar-regolamenti applikabbli kollha, inklużi dawk fi kwalunkwe ġuriżdizzjoni li fiha Inti tagħmel kontenut, funzjonalità, servizzi jew abbonamenti disponibbli permezz tal-użu tal-In-App Purchase API, inklużi iżda mhux limitati għal-liġijiet tal-konsumatur u r-regolamenti tal-esportazzjoni.

**3.3** Apple tista' tipprovdi servizzi ta' hosting għal Oġġetti Mhux Konsumabbli li Inti tixtieq tipprovdi lill-utenti aħħarin tiegħek permezz tal-użu tal-In-App Purchase API. Anki jekk Apple tospita tali Oġġetti Mhux Konsumabbli f'ismek, Inti se tkun responsabbli biex tipprovdi oġġetti ordnati permezz tal-In-App Purchase API fil-ħin opportun (jiġifieri minnufih wara li Apple toħroġ l-irċevuta tat-tranżazzjoni, ħlief f'każijiet fejn ikun żvelat lill-utent aħħari tiegħek li l-oġġett se jsir disponibbli aktar tard) u għall-konformità mal-liġijiet applikabbli kollha b'rabta magħhom, inklużi iżda mhux limitati għal liġijiet, regoli u regolamenti relatati mal-kanċellazzjoni jew mal-kunsinna ta' oġġetti ordnati. Inti responsabbli għaż-żamma tar-rekords tiegħek għat-tranżazzjonijiet kollha bħal dawn.

**3.4** M'Inti se toħroġ ebda rifużjoni lill-utenti aħħarin tal-Applikazzjoni tiegħek, u Inti taqbel li Apple tista' toħroġ rifużjonijiet lill-utenti aħħarin skont it-termini tal-Iskeda 2.

**3.5** Tista' tipprovdi informazzjoni dwar il-konsum tal-utent aħħari mill-Applikazzjoni tiegħek lil Apple, lis-sussidjarji tagħha u lill-aġenti sabiex tinforma u ttejjeb il-proċess ta' rifużjoni u l-proċess ta' tilwim dwar xirja. Għandek tavża lill-utent u/jew tikseb il-kunsens mill-utent f'konformità mad-Dokumentazzjoni u mal-liġijiet applikabbli.

## 4. Is-Servizzi ta' Apple

**4.1** Minn żmien għal żmien, Apple tista' tagħżel li toffri servizzi u funzjonalità addizzjonali relatati mat-tranżazzjonijiet tal-In-App Purchase API. Apple ma tagħmilx garanziji li l-In-App Purchase API jew ta' kwalunkwe Servizz se jkomplu jkunu disponibbli għalik jew li se jissodisfaw ir-rekwiżiti tiegħek, ikunu mingħajr interruzzjoni, f'waqthom, siguri jew ħielsa minn żball, li kwalunkwe informazzjoni li Inti tikseb mill-In-App Purchase API jew minn kwalunkwe Servizz se jkunu preċiżi jew affidabbli jew li kwalunkwe difett se jiġi kkoreġut.

**4.2** Inti tifhem li mhux se titħalla taċċessa jew tuża l-In-App Purchase API wara li jiskadi jew jintemm il-Ftehim tiegħek.

**5. Ir-Rikonoxximenti Tiegħek.** Inti tagħraf u taqbel li:
Apple tista' (a) timmodifika l-In-App Purchase API, inkluż it-tibdil jew it-tneħħija ta' kwalunkwe karatteristika jew funzjonalità, jew (b) timmodifika, ma tibqax tappoġġja, toħroġ mill-ġdid jew terġa' tippubblika l-In-App Purchase API fi kwalunkwe mument, u minn żmien għal żmien, b'avviż jew le minn qabel lilek. Inti tifhem li kwalunkwe modifika bħal din tista' teħtieġ li Inti tibdel jew taġġorna l-Applikazzjonijiet tiegħek bi spejjeż tiegħek sabiex tkompli tuża l-In-App Purchase API. Apple m'għandha l-ebda obbligu espliċitu jew impliċitu li tipprovdi, jew tkompli tipprovdi, l-In-App Purchase API jew kwalunkwe servizz relatat miegħu, u tista' tissospendi jew twaqqaf kull parti jew biċċa minnu fi kwalunkwe mument. Apple m'għandhiex tkun responsabbli għal xi telf, ħsarat jew spejjeż ta' kwalunkwe tip imġarrba minnek jew minn xi parti oħra li jirriżultaw minn, jew li huma relatati ma' kwalunkwe sospensjoni, waqfien jew modifika tal-In-App Purchase API, jew kwalunkwe servizz relatat miegħu. Apple ma tagħmillekx garanziji fir-rigward tad-disponibbiltà jew tal-uptime tal-In-App Purchase API jew ta' xi kwalunkwe servizz ieħor li Apple tista' tipprovdilek b'rabta ma' dan, u Apple mhix obbligata li tipprovdi xi manutenzjoni, appoġġ tekniku jew appoġġ ieħor relatat miegħu. Apple tipprovdilek l-In-App Purchase API għall-użu tiegħek mal-Applikazzjoni tiegħek, u tista' tipprovdilek servizzi b'rabta ma' dan (eż., servizzi ta' hosting għal oġġetti Mhux Konsumabbli). Apple mhix responsabbli biex tipprovdi jew tagħmel aċċessibbli kwalunkwe kontenut, funzjonalità, servizzi jew abbonamenti li utent aħħari jordna permezz tal-użu tiegħek tal-In-App Purchase API. Inti tirrikonoxxi u taqbel li kwalunkwe oġġett bħal dan Inti, u mhux Apple, tagħmlu disponibbli għall-utent aħħari tal-Applikazzjoni tiegħek, u Inti biss għandek ir-responsabbiltà unika u se tkun responsabbli għal tali oġġetti ordnati permezz tal-użu tal-In-App Purchase API kif ukoll għal kwalunkwe tali użu tal-In-App Purchase API fl-Applikazzjoni tiegħek jew għal kwalunkwe użu ta' servizzi b'rabta miegħu.

**6. Użu ta' Ċertifikati Diġitali għax-Xiri fi Ħdan l-App.** Meta utent aħħari jlesti tranżazzjoni billi juża l-In-App Purchase API fl-Applikazzjoni tiegħek, Apple tipprovdilek irċevuta tat-tranżazzjoni ffirmata b'Ċertifikat ta' Apple. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tivverifika li tali ċertifikat u rċevuta nħarġu minn Apple, kif stipulat fid-Dokumentazzjoni. Inti responsabbli biss għad-deċiżjoni tiegħek li tistrieħ fuq kwalunkwe ċertifikat u rċevuta bħal dawn. L-UŻU TA' JEW ID-DIPENDENZA TIEGĦEK FUQ TALI ĊERTIFIKATI U RĊEVUTI B'KONNESSJONI MAL-In-App Purchase API HUWA GĦAR-RISKJU UNIKU TIEGĦEK. APPLE MA TAGĦMEL L-EBDA GARANZIJA JEW RAPPREŻENTAZZJONI, ESPRESSA JEW IMPLIĊITA, GĦAL KUMMERĊJABILITÀ JEW GĦAL IDONEITÀ GĦAL KWALUNKWE GĦAN, EŻATTEZZA, AFFIDABILITÀ, SIGURTÀ, JEW NUQQAS TA' KSUR PARTIKOLARI TA' DRITTIJIET TA' PARTIJIET TERZI RIGWARD TALI ĊERTIFIKATI U RĊEVUTI. Inti taqbel li se tuża biss tali rċevuti u ċertifikati skont id-Dokumentazzjoni, u li Inti mhux se tinterferixxi jew tbagħbas fl-operat normali ta' tali ċertifikati jew irċevuti diġitali, inkluż iżda mhux limitat għal kwalunkwe falsifikazzjoni jew użu ħażin ieħor.

**7. Ċaħda ta' Responsabbiltà Addizzjonali.** APPLE M'GĦANDHIEX TKUN RESPONSABBLI GĦAL EBDA DANNU JEW TELF LI JIRRIŻULTA MILL-UŻU TAL-IN-APP PURCHASE API U TA' KULL SERVIZZ, INKLUŻI, IMMA MHUX LIMITATI GĦAL, (I) KWALUNKWE TELF TA' QLIGĦ (KEMM JEKK IMĠARRAB DIRETTAMENT JEW INDIRETTAMENT), KULL TELF TA' AVVJAMENT JEW TA' REPUTAZZJONI TAN-NEGOZJU, KWALUNKWE TELF TA' DEJTA MĠARRAB, JEW TELF IEĦOR INTANĠIBBLI, (II) KWALUNKWE TIBDIL LI APPLE TISTA' TAGĦMEL FL-IN-APP PURCHASE API JEW FI KWALUNKWE SERVIZZ, JEW GĦAL KWALUNKWE WAQFA PERMANENTI JEW TEMPORANJA FIL-FORNIMENT TAL-IN-APP PURCHASE API JEW KWALUNKWE SERVIZZI (JEW KWALUNKWE KARATTERISTIĊI FI ĦDAN IS-SERVIZZI) IPPROVDUTI MAGĦHOM, JEW (III) FIT-TĦASSIR TA', IL-KORRRUZZJONI TA', JEW IN-NUQQAS MILLI TIPPROVDI KWALUNKWE DEJTA TRAŻMESSA MINN JEW PERMEZZ TAL-UŻU TIEGĦEK TAL-IN-APP PURCHASE API JEW TAS-SERVIZZI. Hija r-responsabbiltà tiegħek li żżomm backup alternattiv xieraq tal-informazzjoni u tad-dejta kollha tiegħek, inklużi iżda mhux limitati għal kwalunkwe Oġġett Mhux Konsumabbli li Inti tista' tipprovdi lil Apple għal servizzi ta' hosting.

**8. Indennifikazzjoni.** Mingħajr ma tillimita d-drittijiet l-oħra ta' Apple skont dan il-Ftehim, Inti taqbel li tindennizza u żżomm bla ħsara lil kull Parti Indennizzata ta' Apple minn kwalunkwe u kull Telf imġarrab minn tali Parti Indennizzata ta' Apple li jkun jirriżulta minn jew li jkun relatat ma' kwalunkwe klejm li l-kontenut, il-funzjonalità, jew is-servizzi li Inti tipprovdi permezz tal-użu tal-In-App Purchase API fl-App ma jikkonformawx mal-liġijiet applikabbli, inklużi iżda mhux limitati għal dawk relatati mar-reklamar jew l-offerta ta' bejgħ ta' oġġetti jew servizzi diġitali, inkluż il-kontenut.

## Anness 3
### (tal-Ftehim)
## Termini Addizzjonali għas-Servizz tal-Game Center

It-termini li ġejjin huma miżjuda mat-termini tal-Ftehim u japplikaw għal kwalunkwe tas-servizz tal-Game Center minnek jew mill-Applikazzjoni tiegħek.

### 1. Użu tas-servizz tal-Game Center

**1.1** Inti u l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux taqbdu mas-servizz tal-Game Center jew tużawh b'xi mod li mhux espressament awtorizzat minn Apple. Inti taqbel li tuża biss is-servizz tal-Game Center skont dan il-Ftehim (inkluż dan l-Anness 3), id-Dokumentazzjoni tal-Game Center u skont il-liġijiet applikabbli kollha. Inti tifhem li la Inti u lanqas l-Applikazzjoni tiegħek mhu se titħallew tużaw jew taċċessaw is-servizz tal-Game Center wara li jiskadi jew jintemm il-Ftehim tiegħek.

**1.2** Apple tista' tipprovdilek identifikatur uniku li huwa assoċjat ma' alias ta' utent aħħari bħala parti mis-servizz tal-Game Center (l-"ID tal-Plejer"). Inti taqbel li ma turix l-ID tal-Plejer lill-utent aħħari jew lil kwalunkwe parti terza, u taqbel li tuża biss l-ID tal-Plejer għad-differenzjar tal-utenti aħħarin b'rabta mal-użu Tiegħek tal-Game Center. Inti taqbel li ma tagħmilx reverse lookup, tintraċċa, tirrelata, tassoċja, tagħmel mining ta', testratta b'mod illeċitu, jew inkella tisfrutta b'xi mod ieħor l-ID tal-Plejer, psewdonimi jew dejta jew informazzjoni oħra pprovduta mis-servizz tal-Game Center, ħlief sal-limitu espressament permess hawnhekk. Pereżempju, Inti m'għandekx tipprova tiddetermina l-identità reali ta' utent aħħari.

**1.3** Inti se tuża biss informazzjoni pprovduta mis-servizz tal-Game Center kif meħtieġ biex tipprovdi servizzi u funzjonalità għall-Applikazzjonijiet tiegħek. Pereżempju, m'intix se tospita jew tesporta xi informazzjoni bħal din lil servizz ta' parti terza. Barra minn hekk, Inti taqbel li ma tittrasferixxi jew tikkopja l-ebda informazzjoni jew dejta tal-utent (kemm jekk individwalment jew b'mod aggregat) li tinkiseb permezz tas-servizz tal-Game Center lil parti terza, ħlief kif meħtieġ biex tipprovdi servizzi u funzjonalità għall-Applikazzjonijiet tiegħek, u mbagħad bil-kunsens espress tal-utent biss u biss jekk mhux ipprojbit mod ieħor f'dan il-Ftehim.

**1.4** M'intix se tipprova tikseb (jew tippermetti lil oħrajn li jiksbu) użu jew aċċess mhux awtorizzat bl-ebda mod għas-servizz tal-Game Center (jew għal kwalunkwe parti minnu), inkluż iżda mhux limitat għal ksib ta' informazzjoni mis-servizz tal-Game Center bl-użu ta' kwalunkwe metodu mhux espressament permess minn Apple. Pereżempju, Inti ma tistax tuża packet sniffers biex tinterċetta kwalunkwe protokoll ta' komunikazzjoni minn sistemi jew networks konnessi mal-Game Center, testratta kwalunkwe dejta jew informazzjoni dwar l-utent mill-Game Center, jew tuża kwalunkwe software ta' parti terza biex tiġbor informazzjoni permezz tal-Game Center dwar il-plejers, dejta tal-logħob, kontijiet, jew mudelli ta' użu tas-servizz.

### 2. Restrizzjonijiet Addizzjonali

**2.1** Inti taqbel li ma tagħmilx ħsara jew li tinterferixxi man-networks jew mas-servers ta' Apple, jew ma' kwalunkwe server jew network ta' parti terza konness mas-servizz tal-Game Center, jew inkella li tfixkel l-użu tal-Game Center minn żviluppaturi jew utenti aħħarin oħra. Inti taqbel li, ħlief għal skopijiet ta' ttestjar u żvilupp, mhux se toħloq kontijiet foloz permezz tal-użu tas-servizz tal-Game Center jew inkella li tuża s-servizz tal-Game Center biex tirrappreżenta b'mod ħażin l-informazzjoni dwarek jew dwar l-Applikazzjoni tiegħek b'mod li jinterferixxi mal-użu tal-utenti aħħarin tas-servizz tal-Game Center, eż. li toħloq punteġġi għoljin ħafna permezz tal-użu ta' kodiċijiet qarrieqa jew li tiffalsifika n-numru ta' kontijiet tal-utent għall-Applikazzjoni tiegħek.

**2.2** M'intix se ddaħħal, tassisti, jew tippermetti xi tfixkil tal-Game Center, bħal pereżempju permezz ta' ċaħda ta' attakk fuq servizz, permezz tal-użu ta' proċess jew servizz awtomatizzat bħal spider, skript jew bot, jew permezz tal-isfruttament ta' xi bug fis-servizz tal-Game Center jew tas-Software ta' Apple. Inti taqbel li ma tinvestigax, tittestjax jew tiskennjax għall-vulnerabbiltajiet fis-servizz tal-Game Center. Inti taqbel ukoll li ma tiddiżattivax, tispufja, tiħħekkja, tfixkel, jew inkella tinterferixxi b'xi mod ieħor ma' kwalunkwe mekkaniżmu ta' protezzjoni tad-dejta, tas-sigurtà, tal-verifika jew ta' awtentikazzjoni li huma inkorporati fi jew użati mis-servizz tal-Game Center, jew tippermetti lil ħaddieħor jagħmel dan.

**2.3** M'intix se tittrażmetti, taħżen jew tagħmel disponibbli b'xi mod ieħor xi materjal li jkun fih viruses jew kwalunkwe kodiċi tal-kompjuter, fajl jew programm ieħor li jista' jagħmel ħsara, ifixkel jew jillimita t-tħaddim normali tal-Game Center jew ta' prodott tad-ditta Apple.

**2.4** Inti taqbel li ma tuża l-ebda parti mis-servizz tal-Game Center biex tibgħat xi messaġġi mhux mitluba, mhux denji jew mhux xierqa lill-utenti aħħarin jew għall-iskop ta' poaching, phishing jew spamming tal-utenti tal-Game Center. Inti mhux se tidderieġi (jew tipprova tidderieġi) lill-utenti tal-Game Center lejn servizz ieħor billi tuża kwalunkwe informazzjoni li tikseb permezz tal-użu tas-servizz tal-Game Center.

**2.5** M'għandek timponi ebda tariffi fuq l-utenti aħħarin għall-aċċess tas-servizz tal-Game Center jew għal kwalunkwe dejta jew informazzjoni pprovduta fih.

**2.6** Sal-punt li Apple tippermettilek timmaniġġja ċerti karatteristiċi u funzjonalità tal-Game Center għall-Applikazzjoni tiegħek permezz tal-App Store Connect (eż. il-kapaċità li timblokka utenti frodulenti jew li telimina punteġġi ta' leaderboard suspettużi mil-leaderboard tal-Applikazzjoni tiegħek), Inti taqbel li tuża tali metodi biss meta temmen b'mod raġonevoli li tali utenti jew punteġġi huma r-riżultat ta' atti qarrieqa, frodulenti, mhux xierqa, illegali jew diżonesti.

**3. Ir-Rikonoxximenti Tiegħek.** Inti tagħraf u taqbel li:

**3.1** Apple tista' fi kwalunkwe mument, u minn żmien għal żmien, b'avviż minn qabel lilek jew le (a) timmodifika s-servizz tal-Game Center, inkluż it-tibdil jew it-tneħħija ta' kwalunkwe karatteristika jew funzjonalità, jew (b) timmodifika, ma tibqax tappoġġja, toħroġ mill-ġdid jew tippubblika mill-ġdid il-Game Center APIs jew APIs oħrajn relatati. Inti tifhem li kwalunkwe modifika bħal din tista' teħtieġ li Inti tibdel jew taġġorna l-Applikazzjonijiet tiegħek bi spejjeż tiegħek. Apple m'għandha l-ebda obbligu espress jew impliċitu li tipprovdi, jew tkompli tipprovdi, is-servizz tal-Game Center u tista' tissospendi jew twaqqaf is-servizz tal-Game Center kollu jew parti minnu fi kwalunkwe mument. Apple m'għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe telf, dannu jew spiża ta' kwalunkwe tip imġarrba minnek jew minn xi parti oħra, li jirriżultaw minn jew li huma relatati ma' kwalunkwe tali sospensjoni jew waqfien ta' servizz jew kwalunkwe tali modifika tas-servizz tal-Game Center jew tal-Game Center APIs.

**3.2** Apple ma tagħmillekx garanziji fir-rigward tad-disponibbiltà jew tal-uptime tas-servizz tal-Game Center u mhix obbligata li tipprovdi xi manutenzjoni, appoġġ tekniku jew appoġġ ieħor għal tali servizz. Apple tirriżerva d-dritt li tneħħi l-aċċess tiegħek għas-servizz tal-Game Center fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss. Apple tista' tissorvelja u tiġbor informazzjoni (inkluża iżda mhux limitata għal informazzjoni teknika u dijanjostika) dwar l-użu tiegħek tas-servizz tal-Game Center biex tgħin lil Apple ittejjeb il-Game Center u prodotti jew servizzi oħra ta' Apple u biex tivverifika l-konformità tiegħek ma' dan il-Ftehim.

**4. Ċaħda ta' Responsabbiltà Addizzjonali.** APPLE M'GĦANDHIEX TKUN RESPONSABBLI GĦAL XI DANNI JEW TELF LI JIRRIŻULTAW MINN XI INTERRUZZJONI GĦAĊ-ĊENTRU TAL-LOGĦOB JEW MINN KWALUNKWE FALLIMENT TAS-SISTEMA, ATTAKK FUQ IN-NETWORK, MANUTENZJONI SKEDATA JEW MHUX SKEDATA JEW INTERRUZZJONI OĦRA.

## Anness 4
**(tal-Ftehim)**
## Termini Addizzjonali għall-użu ta' iCloud

It-termini li ġejjin għandhom jiżdiedu mat-termini tal-Ftehim u japplikaw għall-użu tiegħek tas-servizz iCloud għall-iżvilupp u għall-ittestjar tas-software b'rabta mal-Applikazzjoni tiegħek, jew mas-Software tal-Web.

### 1. Użu ta' iCloud

**1.1** L-Applikazzjonijiet u/jew is-Software tal-Web tiegħek jistgħu jaċċessaw is-servizz tal-iCloud biss jekk ġejt assenjat intitolament minn Apple. Inti taqbel li ma taċċessax is-servizz tal-iCloud, jew kwalunkwe kontenut, dejta jew informazzjoni li tinsab fih, ħlief permezz tal-iCloud Storage APIs, il-CloudKit APIs jew permezz tal-console tal-CloudKit ipprovdut bħala parti mill-Programm. Inti taqbel li ma taqsamx l-intitolament tiegħek ma' xi parti terza jew tużah għal kwalunkwe skop mhux espressament permess minn Apple. Inti taqbel li tuża s-servizz tal-iCloud, l-iCloud Storage APIs, u l-CloudKit APIs biss kif espressament permess minn dan il-Ftehim u d-Dokumentazzjoni tal-iCloud, u skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha. Barra minn hekk, is-Software tal-Web Tiegħek huwa permess biss li jaċċessa u juża s-servizz tal-iCloud (eż. biex jaħżen l-istess tip ta' dejta li tiġi rkuprata jew aġġornata f'Applikazzjoni Liċenzjata) sakemm l-użu tiegħek tas-servizz tal-iCloud f'tali Software tal-Web ikun komparabbli għall-użu tiegħek fl-Applikazzjoni Liċenzjata korrispondenti, kif determinat minn Apple kif jidhrilha xieraq hi biss. Fil-każ li s-Servizzi ta' Apple jippermettulek tuża aktar mill-allokazzjoni tiegħek ta' kontenituri tal-ħażna f'iCloud sabiex tittrasferixxi dejta għal kontenitur ieħor għal kwalunkwe raġuni, Inti taqbel li tuża biss kontenitur(i) addizzjonali bħal dawn għal żmien limitat raġonevoli biex twettaq dawn il-funzjonijiet u mhux biex iżżid il-ħażna u l-allokazzjonijiet tranżazzjonali.

**1.2** Inti tifhem li mhux se titħalla taċċessa jew tuża s-servizz tal-iCloud għall-iżvilupp jew għall-ittestjar tas-software wara l-iskadenza jew wara t-terminazzjoni tal-Ftehim tiegħek; madankollu l-utenti aħħarin li għandhom l-Applikazzjonijiet jew is-Software tal-Web tiegħek installati u li għandhom kont validu ta' utent aħħari ma' Apple biex jużaw l-iCloud jistgħu jkomplu jaċċessaw id-dokumenti ġenerati mill-utent, il-kontenituri u l-fajls privati tagħhom li Inti għażilt li taħżen f'tali kont ta' utent aħħari permezz tal-iCloud Storage APIs jew tal-CloudKit APIs skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-iCloud applikabbli kif ukoll skont dawn it-termini. Inti taqbel li ma tinterferixxix mal-kapaċità ta' utent aħħari li jaċċessa l-iCloud (jew id-dokumenti ġenerati, kontenituri privati u fajls mill-utent aħħari stess) jew li b'xi mod ieħor tfixkel l-użu tiegħu ta' iCloud bi kwalunkwe mod u fi kwalunkwe mument. Fir-rigward tad-dejta li Inti taħżen f'kontenituri pubbliċi permezz tal-CloudKit APIs (sew jekk iġġenerati minnek jew mill-utent aħħari), Apple tirriżerva d-dritt li tissospendi l-aċċess għal jew li tħassar tali dejta, kollha kemm hi jew parzjalment, malli jiskadi jew jispiċċa l-Ftehim tiegħek, jew kif speċifikat mod ieħor minn Apple fil-console tal-CloudKit.

**1.3** L-Applikazzjoni Tiegħek se titħalla tuża l-iCloud Storage APIs biss għall-iskop tal-ħażna u tal-irkupru ta' dejta ta' valur ewlieni (eż., lista ta' ishma f'App tal-finanzi, settings għal App) għall-Applikazzjonijiet u s-Software tal-Web tiegħek u għal skopijiet li tippermetti lill-utenti aħħarin tiegħek jaċċessaw dokumenti u fajls iġġenerati mill-utent permezz tas-servizz iCloud. L-Applikazzjoni tiegħek jew l-applikazzjoni tas-Software tal-Web tiegħek se titħalla tuża l-CloudKit APIs għall-ħażna ta', għall-irkupru ta', u għall-mistoqsijiet dwar dejta strutturata li Inti tagħżel li taħżen f'kontenituri pubbliċi jew privati skont id-Dokumentazzjoni tal-iCloud. Inti taqbel li ma taħżinx kontenut jew materjali konxjentement permezz tal-iCloud Storage APIs jew tal-CloudKit APIs li jwasslu biex l-Applikazzjoni tiegħek tikser xi termini u kundizzjonijiet tal-iCloud jew ir-Rekwiżiti tal-Programm għall-Applikazzjonijiet tiegħek (eż., l-Applikazzjoni Tiegħek ma tistax taħżen materjali illegali jew li jiksru l-liġi).

**1.4** Tista' tħalli utent jaċċessa d-dokumenti u l-fajls tiegħu ġġenerati mill-utent minn iCloud permezz tal-użu tal-Applikazzjonijiet tiegħek kif ukoll minn Software tal-Web. Madankollu, Inti ma tistax taqsam dejta ta' valur ewlieni mill-Applikazzjoni tiegħek ma' Applikazzjonijiet oħra jew Software tal-Web, sakemm ma tkunx qed taqsam tali dejta fost verżjonijiet differenti tal-istess titlu, jew sakemm ikollok il-kunsens tal-utent.

**1.5** Inti responsabbli għal kwalunkwe kontenut u materjali li Inti taħżen f'iCloud permezz tal-użu tal-CloudKit APIs u l-iCloud Storage APIs u trid tieħu passi raġonevoli u xierqa biex tipproteġi l-informazzjoni li taħżen permezz tas-servizz tal-iCloud. Rigward klejms ta' partijiet terzi relatati mal-kontenut u mal-materjali maħżuna mill-utenti aħħarin fl-Applikazzjonijiet tiegħek permezz tal-użu tal-iCloud Storage APIs jew tal-CloudKit APIs (eż. dokumenti ġġenerati mill-utent, posts tal-utent aħħari f'kontenituri pubbliċi), Inti taqbel li tkun responsabbli għall-immaniġġjar xieraq u għall-ipproċessar fil-pront ta' kwalunkwe tali klejm, inkluż iżda mhux limitat għall-konformità tiegħek ma' avviżi mibgħuta skont l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur tal-Millennju Diġitali (DMCA, Digital Millennium Copyright Act).

**1.6** Jekk inti rreġistrat fl-Apple Developer Program bħala organizzazzjoni bbażata fl-Unjoni Ewropea, it-termini addizzjonali għal CloudKit relatati mar-Regolament (UE) 2023/2854 huma stipulati fuq https://developer.apple.com/download/files/EU-Data-Act-Terms-CloudKit.pdf.

## 2. Rekwiżiti Addizzjonali

**2.1** Inti tifhem li hemm kapaċità ta' ħażna, trażmissjoni, u limiti tranżazzjonali għas-servizz tal-iCloud, kemm għalik bħala żviluppatur kif ukoll għall-utenti aħħarin tiegħek. Jekk Inti jew l-utent aħħari tiegħek tilħqu dawn il-limiti, allura Inti jew l-utent aħħari tiegħek tistgħu ma tkunux kapaċi tużaw is-servizz ta' iCloud sakemm Inti jew l-utent aħħari tiegħek tkunu neħħejtu biżżejjed dejta mis-servizz biex tilħqu l-limiti tal-kapaċità, tal-kapaċità tal-ħażna miżjuda jew inkella tkun immodifikajt l-użu tiegħek ta' iCloud, u Inti jew l-utent aħħari tiegħek tistgħu ma tkunux tistgħu taċċessaw jew tirkupraw dejta minn iCloud matul dan iż-żmien.

**2.2** Inti ma tistax timponi tariffi fuq l-utenti għall-aċċess jew għall-użu tas-servizz ta' iCloud permezz tal-Applikazzjonijiet jew tas-Software tal-Web tiegħek, u taqbel li ma tbigħx l-aċċess għas-servizz tal-iCloud b'xi mod ieħor, inkluż iżda mhux limitat għall-bejgħ mill-ġdid ta' kwalunkwe parti tas-servizz ta' iCloud. Inti se tuża biss is-servizz ta' iCloud fl-Applikazzjoni jew fis-Software tal-Web tiegħek biex tipprovdi ħażna għal utent aħħari li għandu kont tal-iCloud validu ma' Apple u għall-użu biss skont it-termini ta' tali kont tal-utent, ħlief li Inti tista' tuża l-CloudKit APIs biex taħżen dejta f'kontenituri pubbliċi għall-aċċess mill-utenti aħħarin, irrispettivament minn jekk tali utenti għandhomx kontijiet tal-iCloud. M'intix se twassal lill-ebda utent aħħari jikser it-termini tal-ftehim applikabbli tas-servizz tal-iCloud tiegħu ma' Apple jew jikser xi politika tal-użu ta' Apple għal dejta jew informazzjoni maħżuna fis-servizz tal-iCloud.

**2.3** Inti ma tistax tuża b'mod eċċessiv il-kapaċità tan-network ġenerali jew il-bandwidth tas-servizz tal-iCloud jew inkella tpoġġi piż żejjed fuq tali servizzi b'tagħbijiet ta' dejta jew mistoqsijiet dwar dejta mhux raġonevoli. Inti taqbel li ma tagħmilx ħsara jew tinterferixxi man-networks jew mas-servers ta' Apple, jew kwalunkwe server jew network ta' partijiet terzi konnessi mal-iCloud, jew inkella li tfixkel l-użu ta' żviluppaturi jew utenti oħra tas-servizz ta' iCloud.

**2.4** Inti mhux se tiddiżattiva jew tinterferixxi ma' xi twissijiet, settings tas-sistema, avviżi, jew notifiki li huma ppreżentati lil utent aħħari tas-servizz ta' iCloud minn Apple.

## 3. Ir-Rikonoxximenti Tiegħek

Inti tagħraf u taqbel li:

**3.1** Apple tista' (a) timmodifika l-iCloud Storage APIs jew il-CloudKit APIs, inkluż it-tibdil jew it-tneħħija ta' kwalunkwe karatteristika jew funzjonalità, jew (b) timmodifika, ma tibqax tappoġġja, toħroġ mill-ġdid jew tippubblika mill-ġdid tali APIs fi kwalunkwe mument, b'avviż minn qabel lilek jew mingħajru. Inti tifhem li kwalunkwe modifika bħal din tista' teħtieġ li Inti tibdel jew taġġorna l-Applikazzjonijiet jew lis-Software tal-Web tiegħek bi spejjeż tiegħek. Apple m'għandha l-ebda obbligu espress jew impliċitu li tipprovdi, jew tkompli tipprovdi s-servizz ta' iCloud u tista' tissospendi jew twaqqaf is-servizz ta' iCloud kollu jew parti minnu fi kwalunkwe mument. Apple m'għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe telf, dannu jew spiża ta' kwalunkwe tip imġarrba minnek jew minn xi parti oħra li jirriżultaw minn jew li huma relatati ma' kwalunkwe tali sospensjoni jew waqfien ta' servizz jew kwalunkwe modifika bħal din tas-servizz tal-iCloud, tal-iCloud Storage APIs jew tal-CloudKit APIs.

**3.2** Is-servizz tal-iCloud mhuwiex disponibbli fil-lingwi kollha jew fil-pajjiżi jew fir-reġjuni kollha u Apple ma tagħmel l-ebda rappreżentazzjoni li s-servizz tal-iCloud huwa xieraq jew disponibbli għall-użu fi kwalunkwe post partikolari. Sa fejn Inti tagħżel li tipprovdi aċċess għas-servizz tal-iCloud fl-Applikazzjonijiet jew fis-Software tal-Web tiegħek permezz tal-iCloud Storage APIs jew tal-CloudKit APIs (eż., biex taħżen dejta f'kontenitur pubbliku jew privat), Inti tagħmel dan fuq inizjattiva tiegħek stess u tkun responsabbli għall-konformità ma' kwalunkwe liġi jew regolament applikabbli.

**3.3** Apple ma tagħmilx garanziji lilek rigward id-disponibbiltà jew l-uptime tas-servizz tal-iCloud u mhix obbligata li tipprovdi xi manutenzjoni, appoġġ tekniku jew ieħor għas-servizz tal-iCloud. Apple mhix responsabbli għal xi nefqa, investimenti, jew impenji magħmula minnek b'konnessjoni mas-servizz tal-iCloud, jew għal kwalunkwe użu ta' jew aċċess għas-servizz tal-iCloud.

**3.4** Apple tirriżerva d-dritt li tissospendi jew tirrevoka l-aċċess tiegħek għas-servizz tal-iCloud jew li timponi limiti fuq l-użu tiegħek tas-servizz tal-iCloud fi kwalunkwe mument kif Apple jidhrilha xieraq hi biss. Barra minn hekk, Apple tista' timponi jew taġġusta l-limitu tat-tranżazzjonijiet li l-Applikazzjonijiet jew is-Software tal-Web tiegħek jistgħu jibagħtu jew jirċievu permezz tas-servizz tal-iCloud jew tar-riżorsi jew tal-kapaċità li jistgħu jużaw fi kwalunkwe mument kif Apple jidhrilha xieraq hi biss.

**3.5** Apple tista' tissorvelja u tiġbor informazzjoni (inkluża iżda mhux limitata għal informazzjoni teknika u dijanjostika) dwar l-użu tas-servizz tal-iCloud permezz tal-iCloud Storage APIs, il-CloudKit APIs, jew tal-console tal-CloudKit, sabiex tgħin lil Apple ittejjeb is-servizz tal-iCloud u ta' prodotti jew ta' servizzi oħra ta' Apple; dment li madankollu Apple mhux se taċċessa jew tiżvela xi dejta tal-utent aħħari maħżuna f'kontenitur privat permezz tal-CloudKit, kwalunkwe dejta tal-Applikazzjoni maħżuna f'kontenitur pubbliku permezz tal-CloudKit, jew kwalunkwe dokument, fajl jew dejta ta' valur importanti ġġenerati mill-utent, maħżuna bl-użu tal-iCloud Storage APIs u tas-servizz tal-iCloud, sakemm Apple ma temminx in bona fede li tali aċċess, użu, ħażna jew żvelar huma raġonevolment meħtieġa biex jikkonformaw ma' proċess jew talba legali jew regolatorja, jew sakemm ma jintalabx mod ieħor minn utent aħħari fir-rigward ta' dejta maħżuna permezz tal-iCloud Storage APIs fil-kont tal-iCloud ta' dak l-utent aħħari jew fil-kontenitur privat ta' dak l-utent aħħari permezz tal-CloudKit APIs.

**3.6** Barra minn hekk, sal-punt li Inti taħżen kwalunkwe informazzjoni personali relatata ma' individwu jew kwalunkwe informazzjoni li minnha individwu jista' jiġi identifikat (kollettivament, "Dejta Personali") fis-servizz tal-iCloud permezz tal-użu tal-iCloud Storage APIs jew tal-CloudKit APIs, Inti taqbel li Apple (u kwalunkwe Sussidjarja ta' Apple applikabbli għall-finijiet ta' din it-

Taqsima 3.6) se taġixxi bħala l-aġent tiegħek għall-ipproċessar, għall-ħażna u għall-immaniġġjar ta' kwalunkwe Dejta Personali bħal din. Apple taqbel li tiżgura li kwalunkwe persuna awtorizzata biex tipproċessa tali Dejta Personali tkun qablet li żżomm il-kunfidenzjalità (kemm permezz ta' termini jew taħt obbligu statutorju xieraq). Apple m'għandu jkollha l-ebda dritt, titolu jew interess f'tali Dejta Personali sempliċement bħala riżultat tal-użu tiegħek tas-servizz tal-iCloud. Inti taqbel li għandek ir-responsabbiltà unika u li tinsab responsabbli biex tiżgura l-konformità tiegħek mal-liġijiet applikabbli kollha, inklużi l-liġijiet dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, rigward l-użu jew il-ġbir ta' dejta u informazzjoni permezz tas-servizz tal-iCloud. Inti responsabbli wkoll għall-attività kollha relatata ma' tali Dejta Personali, inkluż iżda mhux limitat għal monitoraġġ ta' tali dejta u attività, il-prevenzjoni u l-indirizzar ta' dejta u attività mhux xierqa, u t-tneħħija u t-terminazzjoni tal-aċċess għad-dejta. Barra minn hekk, Inti responsabbli biex tissalvagwardja u tillimita l-aċċess għal tali Dejta Personali mill-persunal tiegħek kif ukoll għandek responsabbiltà għall-azzjonijiet tal-persunal tiegħek li għandu permess ta' aċċess biex juża s-servizz tal-iCloud f'ismek. Dejta Personali pprovduta minnek u mill-utenti tiegħek lil Apple permezz tas-servizz tal-iCloud tista' tintuża minn Apple biss kif meħtieġ biex tipprovdi u ttejjeb is-servizz tal-iCloud u biex twettaq l-azzjonijiet li ġejjin f'ismek. Apple għandha:

(a) tuża u timmaniġġja tali Dejta Personali biss skont l-istruzzjonijiet u l-permessi mingħandek stabbiliti hawnhekk, kif ukoll il-liġijiet, ir-regolamenti, il-ftehimiet jew it-trattati applikabbli. Fiż-ŻEE u fl-Iżvizzera, id-Dejta Personali se tiġi ttrattata minn Apple biss skont l-istruzzjonijiet u l-permessi mingħandek stabbiliti hawnhekk, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mil-Liġi tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istat Membru, f'liema każ Apple tinnotifikak b'tali rekwiżit legali ieħor (ħlief f'każijiet limitati fejn Apple hija pprojbita bil-liġi milli tagħmel dan);
(b) tipprovdilek mezzi raġonevoli biex timmaniġġja kwalunkwe talba għall-aċċess tal-utent, għat-tħassir jew għar-restrizzjoni kif definit fil-liġi applikabbli. F'każ ta' investigazzjoni dwarek li tirriżulta mill-użu tiegħek in bona fede tas-servizz tal-iCloud minn regolatur tal-protezzjoni tad-dejta jew minn awtorità simili rigward tali Dejta Personali, Apple għandha tipprovdilek assistenza u appoġġ raġonevoli;
(c) tinnotifikak bi kwalunkwe mezz raġonevoli li Apple tagħżel, mingħajr dewmien żejjed u b'kont meħud tar-rekwiżiti legali applikabbli li japplikaw għalik li jitolbu li tintbagħat notifika fi żmien speċifiku, jekk Apple ssir taf li d-Dejta Personali tiegħek ġiet mibdula, imħassra jew mitlufa bħala riżultat ta' kwalunkwe aċċess mhux awtorizzat għas-Servizz. Inti responsabbli li tipprovdi lil Apple l-informazzjoni ta' kuntatt aġġornata tiegħek għal tali skopijiet ta' notifika skont it-termini ta' dan il-Ftehim;
(d) tagħmillek l-informazzjoni meħtieġa disponibbli biex turi l-obbligi ta' konformità stipulati fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 (GDPR) u biex tippermetti u tikkontribwixxi għal verifiki meħtieġa taħt dawn id-dispożizzjonijiet; dment li madankollu Inti taqbel li ċ-ċertifikazzjonijiet ISO 27001 u 27018 ta' Apple għandhom jitqiesu sufficjenti għal tali skopijiet ta' verifika meħtieġa;
(e) tgħinek, bi kwalunkwe mezz raġonevoli li tagħżel Apple, biex tiżgura l-konformità mal-obbligi tagħha skont l-Artikoli 33 sa 36 tal-GDPR. Jekk Apple tirċievi talba ta' parti terza għal informazzjoni li Inti tkun ħżint fis-servizz tal-iCloud, allura sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mil-liġi jew mit-termini ta' tali talba, Apple tinnotifikak dwar ir-riċeviment tagħha tat-talba u tinnotifika lil min jagħmel it-talba dwar ir-rekwiżit li jindirizza tali talba lilek. Sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mil-liġi jew mit-talba, Inti tkun responsabbli biex tweġibha;
(f) tuża miżuri standard tal-industrija biex tissalvagwardja d-Dejta Personali waqt it-trasferiment, l-ipproċessar u l-ħażna ta' Dejta Personali. Dejta Personali Kriptata tista' tinħażen fid-diskrezzjoni ġeografika ta' Apple; u
(g) tiżgura li fejn id-Dejta Personali, li tirriżulta fil-kuntest ta' dan il-Ftehim, tiġi trasferita miż-ŻEE jew mill-Iżvizzera, din tiġi trasferita biss lejn pajjiż terz li jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni jew li juża l-Klawżoli Kuntrattwali Mudell/Ftehim Żvizzeru dwar il-Fluss Transnazzjonali tad-Dejta li se jiġu pprovduti lilek fuq talba jekk temmen li qed tiġi trasferita Dejta Personali.

**3.7** Biex tuża l-iCloud Extended Share Access APIs, l-Applikazzjoni tiegħek għandu (a) ikollha karatteristika kollaborattiva ta' xxerjar minn bosta utenti li tkun viżibbli għall-utenti aħħarin, u (b) tuża l-CloudKit APIs biex tippermetti interfaċċja personalizzata tal-utent fl-Applikazzjoni tiegħek għall-karatteristika tal-ixxerjar, li fiha l-informazzjoni tal-utent aħħari miksuba bl-użu tal-iCloud Extended Share Access APIs mill-ixxerjar tkun viżibbli għall-parteċipanti tal-ixxerjar. Inti u l-Applikazzjoni tiegħek tistgħu tużaw l-informazzjoni tal-utenti aħħarin biss b'mod temporanju biex tintwera lill-parteċipanti tal-ixxerjar. Inti u l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux taħżnu l-informazzjoni tal-utenti aħħarin.

**4. Ċaħda ta' Responsabbiltà Addizzjonali.** LA APPLE U LANQAS IS-SERVICE PROVIDERS TAGĦHA MA GĦANDHOM IKUNU RESPONSABBLI GĦAL EBDA DANNU JEW TELF LI JIRRIŻULTA MINN KWALUNKWE UŻU, UŻU ĦAŻIN, DIPENDENZA FUQ, INABILITÀ LI TUŻA, INTERRUZZJONI, SOSPENSJONI JEW TERMINAZZJONI TA' iCLOUD, TAL-iCLOUD STORAGE APIS, JEW TAL-CLOUDKIT APIS, JEW GĦAL KWALUNKWE AĊĊESS MHUX AWTORIZZAT GĦAL, ALTERAZZJONI TA', JEW TĦASSIR, QERDA, ĦSARA, TELF JEW NUQQAS LI TAĦŻEN KWALUNKWE DEJTA TIEGĦEK JEW KWALUNKWE DEJTA TAL-UTENTI AĦĦARIN JEW KWALUNKWE KLEJM LI TIRRIŻULTA MINN KWALUNKWE UŻU TA' DAWN T'HAWN FUQ MILL-UTENTI AĦĦARIN TIEGĦEK, INKLUŻA KWALUNKWE KLEJM DWAR L-IPPROĊESSAR TAD-DEJTA JEW ĦAŻNA JEW IMMANIĠĠJAR TAD-DEJTA MHUX XIERQA JEW MHUX AWTORIZZATI MINNEK BI KSUR TA' DAN IL-FTEHIM.

# Anness 5
### (tal-Ftehim)
## Termini Addizzjonali għall-Passes

It-termini li ġejjin se jiżdiedu mat-termini tal-Ftehim u japplikaw għall-iżvilupp u d-distribuzzjoni tiegħek tal-Passes:

## 1. Użu u Restrizzjonijiet tal-ID tat-Tip tal-Pass

Tista' tuża l-ID tat-Tip tal-Pass biss għal finijiet li tiffirma b'mod diġitali l-Pass tiegħek għall-użu mal-Wallet u/jew għal finijiet tal-użu tas-servizz APN mal-Pass tiegħek. Tista' tiddistribwixxi l-ID tat-Tip tal-Pass tiegħek kif inkorporat fil-Pass Tiegħek skont it-**Taqsima 2** hawn taħt biss sakemm tali distribuzzjoni tkun taħt it-trademark jew id-ditta tiegħek stess, jew jekk tirreferi għat-trademark jew id-ditta ta' parti terza fil-Pass Tiegħek (eż., kupun ta' ħanut għal oġġett partikolari), Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li għandek kull dritt meħtieġ. Inti taqbel li ma taqsamx, tipprovdi jew tittrasferixxi l-ID tat-Tip tal-Pass tiegħek lil xi parti terza (ħlief għal Service Provider u biss sal-limitu massimu permess hawnhekk), u lanqas li tuża l-ID tat-Tip tal-Pass tiegħek biex tiffirma pass ta' parti terza.

## 2. Distribuzzjoni tal-Pass; Permessi tal-Marketing

**2.1** Skont it-termini ta' dan il-Ftehim, Inti tista' tqassam il-Passes tiegħek lill-utenti aħħarin permezz tal-web, tal-email, jew ta' Applikazzjoni. Inti tifhem li l-Passes iridu jiġu aċċettati minn tali utenti qabel ma jittellgħu fil-Wallet u li l-Passes jistgħu jitneħħew jew jiġu trasferiti minn tali utenti fi kwalunkwe mument.

**2.2** Billi tqassam il-Passes tiegħek b'dan il-mod, Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi lil Apple li l-Passes tiegħek jikkonformaw mar-Rekwiżiti tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm li kienu fis-seħħ dak iż-żmien u mat-termini ta' dan l-Anness 5. Apple m'għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe spiża, infiq, dannu, telf (inklużi mingħajr limitazzjoni opportunitajiet ta' negozju mitlufa jew profitti mitlufa) jew obbligu ieħor li tista' ġġarrab bħala riżultat tat-tqassim tal-Passes tiegħek b'dan il-mod.

**2.3** Inti taqbel li tiddikjara l-isem u l-indirizz, kif ukoll l-informazzjoni ta' kuntatt (numru tat-telefon; indirizz tal-email) fuq il-Pass, li lejhom għandhom jiġu diretti kwalunkwe mistoqsija, ilment jew klejm tal-utent aħħari rigward il-Pass tiegħek. Inti tkun responsabbli biex fid-diskrezzjoni tiegħek, tehmeż jew tinkludi b'xi mod ieħor kwalunkwe terminu rilevanti għall-użu tal-utent aħħari mal-Pass tiegħek. Apple mhux se tkun responsabbli għal xi ksur tat-termini tal-użu għall-utenti aħħarin tiegħek. Inti tkun responsabbli unikament għall-assistenza u għall-garanzija kollha kif ukoll għall-appoġġ kollu tal-utent tal-Pass tiegħek. Inti ma tistax timponi xi tariffi lill-utenti aħħarin sabiex jużaw il-Wallet biex jaċċessaw il-Pass tiegħek.

**2.4** Billi tqassam il-Passes tiegħek kif permess f'dan il-Ftehim, Inti b'dan tippermetti lil Apple tuża (i) screenshots tal-Pass tiegħek; (ii) trademarks u logos assoċjati mal-Pass tiegħek; u (iii) Informazzjoni tal-Pass għal skopijiet promozzjonali f'materjali tal-marketing u kards li jissarrfu f'rigali, minbarra dawk il-porzjonijiet li Inti m'għandekx id-dritt li tuża għal skopijiet promozzjonali u li Inti tidentifika bil-miktub lil Apple. Inti tippermetti wkoll lil Apple biex tuża immaġini u materjali oħra li Inti tista' tipprovdi lil Apple, fuq talba raġonevoli ta' Apple, għal skopijiet promozzjonali f'materjali tal-marketing u kards li jissarrfu f'rigali.

## 3. Rekwiżiti ta' Pass Addizzjonali

**3.1** Apple tista' tipprovdilek mudelli biex tużahom fil-ħolqien tal-Passes tiegħek, u Inti taqbel li tagħżel il-mudell rilevanti għall-użu applikabbli tiegħek (eż., mhux se tuża l-mudell tal-biljett ta' imbarkazzjoni għal biljett ta' film). Jekk Inti tagħżel li tattiva mudell għall-Passes Tiegħek li juri

rakkomandazzjonijiet intelliġenti, taqbel li Apple tista' tuża Informazzjoni dwar il-Pass biex tippreżenta lill-utenti aħħarin rakkomandazzjonijiet fil-Wallet assoċjata mal-Passes, inklużi rakkomandazzjonijiet relatati man-navigazzjoni, it-temp u l-mużika.

**3.2** Il-passes jistgħu joperaw u jintwerew biss fil-Wallet, li hija ż-żona tal-ħażna magħżula minn Apple għall-Pass permezz tal-Wallet fuq l-iskrin tal-illokkjar ta' prodott kompatibbli tad-ditta Apple skont id-Dokumentazzjoni.

**3.3** Minkejja kull ħaġa oħra f'**Taqsima 3.3.3(B)** tal-Ftehim, bil-kunsens minn qabel tal-utent, Inti u l-Pass tiegħek tistgħu tikkondividu d-dejta tal-utent u/jew tal-apparat mal-Applikazzjoni tiegħek sakemm tali kondiviżjoni tkun għall-iskop li tipprovdi servizz jew funzjoni li huma direttament rilevanti għall-użu tal-Pass u/jew tal-Applikazzjoni, jew biex tipprovdi reklamar skont **Taqsimiet 3.3.3(E)** tal-Ftehim.

**3.4** Jekk tixtieq tuża teknoloġija inkorporata Near Field Communication (NFC) mal-Pass tiegħek, allura tista' titlob Ċertifikat ta' Apple għall-użu ta NFC b'Pass mill-portal tal-web tal-Iżviluppatur. Apple se tirrieżamina t-talba tiegħek u tista' tipprovdilek ftehim separat għall-użu ta' tali Ċertifikat ta' Apple. Apple tirriżerva d-dritt li ma tagħtikx tali Ċertifikat ta' Apple.

**4. Dritt ta' Apple li Tirrieżamina l-Pass Tiegħek; Revoka.** Inti tifhem u taqbel li Apple tirriżerva d-dritt fi kwalunkwe mument matul it-Terminu ta' dan il-Ftehim li tirrieżamina u tapprova jew tirrifjuta kwalunkwe Pass li Inti tixtieq tqassam għall-użu mill-utenti aħħarin tiegħek, jew li diġà qed jintuża mill-utenti aħħarin tiegħek. Jekk tintalab minn Apple, Inti taqbel li tipprovdi tali Pass fil-pront lil Apple. Inti taqbel li ma tipprovax taħbi, tirrappreżenta ħażin, tqarraq, jew taħbi xi karatteristiċi, kontenut, servizzi jew funzjonalità fil-Pass tiegħek mir-rieżami ta' Apple jew inkella li tfixkel lil Apple milli tkun tista' tirrevedi bis-sħiħ tali Pass, u, Inti taqbel li tikkoopera ma' Apple u twieġeb mistoqsijiet u tipprovdi informazzjoni u materjali raġonevolment mitluba minn Apple dwar tali Pass. Jekk Inti tagħmel xi tibdil fil-Pass tiegħek wara s-sottomissjoni lil Apple, Inti taqbel li tinnotifika lil Apple u, jekk mitlub minn Apple, terġa' tissottometti l-Pass tiegħek qabel kwalunkwe distribuzzjoni tal-Pass modifikat lill-utenti aħħarin tiegħek. Apple tirriżerva d-dritt li tirrevoka l-ID tat-Tip tal-Pass tiegħek u li tirrifjuta l-Pass tiegħek għad-distribuzzjoni lill-utenti aħħarin tiegħek għal kwalunkwe raġuni u fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss, anke jekk il-Pass tiegħek jissodisfa r-Rekwiżiti tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm u t-termini ta' dan l-Anness 5; u, f'dak il-każ, Inti taqbel li ma tistax tqassam tali Pass lill-utenti aħħarin tiegħek.

**5. Ċaħda ta' Responsabbiltà Addizzjonali.** APPLE M'GĦANDHIEX TKUN RESPONSABBLI GĦAL KWALUNKWE DANNU JEW TELF LI JIRRIŻULTA MINN KWALUNKWE UŻU, DISTRIBUZZJONI, UŻU ĦAŻIN, DIPENDENZA FUQ, INABILITÀ LI TUŻA, INTERRUZZJONI, SOSPENSJONI, JEW TERMINAZZJONI TA' WALLET, L-ID TAT-TIP TAL-PASS TIEGĦEK, IL-PASSES TIEGĦEK, JEW KWALUNKWE SERVIZZ LI JIĠI PPROVDUT B'KONNESSJONI MAGĦHOM, INKLUŻI IMMA MHUX LIMITATI GĦAL KWALUNKWE TELF JEW NUQQAS LI JIĠI MURI L-PASS TIEGĦEK FIL-WALLET JEW KWALUNKWE KLEJM TA' UTENT AĦĦARI LI JIRRIŻULTAW MINN KWALUNKWE UŻU TA' DAWN T'HAWN FUQ MILL-UTENTI AĦĦARIN TIEGĦEK.

# Anness 6
## (tal-Ftehim)
## Termini Addizzjonali għall-użu tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple

It-termini li ġejjin se jiżdiedu mat-termini tal-Ftehim u se japplikaw għal kwalunkwe użu tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple fl-Applikazzjoni, fis-sit elettroniku, jew fl-applikazzjoni tal-web tiegħek. Għall-finijiet ta' dan l-Anness 6, is-"Servizz tal-Mapep ta' Apple" jinkludi servizzi ta' mapep distribwiti lill-utenti aħħarin fiċ-Ċina minn Amap Software Co., Ltd. permezz ta' prodott jew servizz ta' Apple.

### 1. Użu tas-Servizz tal-Mapep

**1.1** L-Applikazzjoni tiegħek tista' taċċessa s-Servizz tal-Mapep ta' Apple biss permezz tal-MapKit API, tal-Apple Maps Server API jew permezz tal-MapKit JS, u s-sit elettroniku jew l-applikazzjoni tal-web tiegħek jistgħu jaċċessaw is-Servizz tal-Mapep ta' Apple biss permezz ta' MapKit JS jew tal-Apple Maps Server API. Inti taqbel li ma taċċessax is-Servizz tal-Mapep ta' Apple jew id-Dejta tal-Mapep ħlief permezz tal-MapKit API, tal-Apple Maps Server API jew tal-MapKit JS, kif applikabbli, u taqbel li l-użu tiegħek tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple fl-Applikazzjonijiet, fis-siti elettroniċi jew fl-applikazzjonijiet tal-web tiegħek għandhom jikkonformaw mar-Rekwiżiti tal-Programm.

**1.2** Inti se tuża s-Servizz tal-Mapep ta' Apple u d-Dejta tal-Mapep biss kif meħtieġ biex tipprovdi servizzi u funzjonalità għall-Applikazzjoni tiegħek, is-sit elettroniku jew għall-applikazzjoni tal-web tiegħek. Inti taqbel li tuża s-Servizz tal-Mapep ta' Apple, l-MapKit API, l-Apple Maps Server API, u l-MapKit JS biss kif espressament permess minn dan il-Ftehim (inkluż iżda mhux limitat għal dan l-Anness 6) u d-Dokumentazzjoni tal-MapKit, l-Apple Maps Server API, u tal-MapKit JS, u skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha. MapKit JS ma jistax jintuża fis-sit elettroniku tiegħek u/jew fl-applikazzjoni tiegħek li taħdem fuq hardware li mhux ta' Apple għall-għanijiet kummerċjali li ġejjin: ġestjoni tal-flotta (inkluż id-dispaċċ), traċċar tal-assi, ottimizzazzjoni tar-rotta tal-intrapriża, jew fejn l-iskop primarju ta' tali sit elettroniku u/jew applikazzjoni huwa biex jiġi evalwat ir-riskju tal-assigurazzjoni tal-vettura.

**1.3** Inti tirrikonoxxi u taqbel li r-riżultati li tirċievi mis-Servizz tal-Mapep ta' Apple jistgħu jvarjaw minn kundizzjonijiet attwali minħabba fatturi varjabbli li jistgħu jaffettwaw l-eżattezza tad-Dejta tal-Mapep, bħall-kundizzjonijiet tat-temp, tat-toroq u tat-traffiku, kif ukoll avvenimenti ġeopolitiċi.

### 2. Restrizzjonijiet Addizzjonali

**2.1** La Inti u lanqas l-Applikazzjoni, is-sit elettroniku jew l-applikazzjoni tal-web tiegħek ma tistgħu tneħħu, tostru jew tibdlu l-avviżi tad-drittijiet tal-awtur, it-trademarks, il-logos ta' Apple jew tal-imsieħba jew tal-liċenzjaturi tagħha, jew kwalunkwe dritt ta' proprjetà jew avviżi legali, dokument jew hyperlink oħra li jistgħu jidhru fi jew li jiġu pprovduti permezz tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple.

**2.2** M'intix se tuża s-Servizz tal-Mapep ta' Apple bi kwalunkwe mod li jiffaċilita jew jippermetti tniżżil ta' ammont sostanzjali ta' fajls f'daqqa jew feeds tad-Dejta tal-Mapep, jew kwalunkwe porzjon minnha, jew li b'xi mod tipprova testratta, tiskrejpja, jew terġa' tuża mill-ġdid xi partijiet tad-Dejta tal-Mapep. Pereżempju, la Inti u lanqas l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħu tużaw jew tagħmlu disponibbli d-Dejta tal-Mapep, jew kwalunkwe porzjon tagħha, bħala parti minn kwalunkwe bażi tad-dejta sekondarja jew derivata.

**2.3** Ħlief sal-limitu espressament permess hawnhekk, Inti taqbel li bl-ebda mod ma tikkopja, timmodifika, tittraduċi, toħloq xogħol derivattiv ta', tippubblika jew turi pubblikament id-Dejta tal-Mapep. Barra minn hekk, Inti ma tistax tuża jew tqabbel id-dejta pprovduta mis-Servizz tal-Mapep ta'

Apple għall-iskop li ttejjeb jew toħloq servizz ieħor tal-immappjar. Inti taqbel li ma toħloqx jew tipprova toħloq sostitut jew servizz simili permezz tal-użu jew tal-aċċess għas-Servizz tal-Mapep ta' Apple.

**2.4** L-Applikazzjoni, is-sit elettroniku jew l-applikazzjoni tal-web tiegħek jistgħu juru d-Dejta tal-Mapep biss kif permess hawnhekk, u meta tiġi murija fuq mappa, Inti taqbel li tintwera biss fuq mappa ta' Apple pprovduta permezz tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple. Barra minn hekk, Inti ma tistax toħroġ id-Dejta tal-Mapep fl-Applikazzjoni, fis-sit elettroniku, jew fl-applikazzjoni tal-web tiegħek mingħajr ma turi l-mappa korrispondenti ta' Apple pprovduta permezz tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple (eż., jekk Inti toħroġ riżultat ta' indirizz permezz tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple, Inti trid turi l-mappa korrispondenti bir-riżultat tal-indirizz).

**2.5** Sakemm ma jkunx permess espressament mod ieħor bil-miktub minn Apple, id-Dejta tal-Mappa ma tistax tiġi mitfugħa fil-cache, tiġi miġbura minn qabel, jew maħżuna minnek jew mill-Applikazzjoni, mis-sit elettroniku, jew mill-applikazzjoni tal-web tiegħek ħlief fuq bażi temporanja u limitata biss kif meħtieġ (a) għall-użu tiegħek tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple, kif permess hawnhekk jew fid-Dokumentazzjoni tal-MapKit jew tal-MapKit JS, u/jew (b) biex ittejjeb il-prestazzjoni tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple bl-Applikazzjoni, bis-sit elettroniku, jew bl-applikazzjoni tal-web tiegħek, u wara, inti trid tħassar kwalunkwe Dejta tal-Mappa bħal din fil-każijiet kollha.

**2.6** Inti ma tistax titlob ħlas lill-utenti aħħarin unikament għall-aċċess jew l-użu tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple permezz tal-Applikazzjoni, is-sit elettroniku, jew l-applikazzjoni tal-web tiegħek, u taqbel li ma tbigħx aċċess għas-Servizz tal-Mapep ta' Apple b'xi mod ieħor.

**2.7** Inti tirrikonoxxi u taqbel li Apple tista' timponi restrizzjonijiet fuq l-użu tiegħek tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple (eż., limitazzjoni tan-numru ta' tranżazzjonijiet li l-Applikazzjoni tiegħek tista' tagħmel permezz tal-MapKit API jew tal-Apple Maps Server API) jew tista' tirrevoka jew tneħħi l-aċċess tiegħek għas-Servizz tal-Mapep ta' Apple (jew kwalunkwe parti minnu) fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss. Barra minn hekk, Inti tirrikonoxxi u taqbel li r-riżultati li tista' tirċievi mis-Servizz tal-Mapep ta' Apple jistgħu jvarjaw minn kundizzjonijiet attwali minħabba fatturi varjabbli li jistgħu jaffettwaw l-eżattezza tad-Dejta tal-Mapepa, bħal kundizzjonijiet tat-triq jew tat-temp.

**3.** **Ir-Rikonoxximenti Tiegħek.** Inti tagħraf u taqbel li:

**3.1** Apple tista' tavżak minn qabel jew le fi kwalunkwe mument sabiex (a) timmodifika s-Servizz tal-Mapep ta' Apple u/jew tal-MapKit API, tal-Apple Maps Server API jew tal-MapKit JS, inkluż it-tibdil jew it-tneħħija ta' kwalunkwe karatteristika jew funzjonalità, jew (b) timmodifika, ma tibqax tappoġġja, toħroġ mill-ġdid jew terġa' tippubblika l-MapKit API, l-Apple Maps Server API jew il-MapKit JS. Inti tifhem li kwalunkwe modifikazzjoni bħal din tista' teħtieġ li Inti tibdel jew taġġorna l-Applikazzjonijiet, is-sit elettroniku, jew l-applikazzjonijiet tal-web tiegħek bi spejjeż tiegħek stess. Apple m'għandha l-ebda obbligu espliċitu jew impliċitu li tipprovdi, jew tkompli tipprovdi s-Servizz tal-Mapep ta' Apple u tista' tissospendi jew twaqqaf parti mis-Servizz tal-Mapep ta' Apple jew kollu fi kwalunkwe mument. Apple m'għandhiex tkun responsabbli għal xi telf, ħsarat jew spejjeż ta' kwalunkwe tip imġarrba minnek jew minn kwalunkwe parti oħra li jirriżultaw minn jew li jkunu relatati ma' kwalunkwe tali sospensjoni jew waqfien ta' servizz jew kwalunkwe modifika tas-Servizz tal-Mapep ta' Apple, tal-MapKit API, tal-Apple Maps Server API jew tal-MapKit JS.

**3.2** Is-Servizz tal-Mapep ta' Apple jista' ma jkunx disponibbli fil-pajjiżi, fir-reġjuni, jew fil-lingwi kollha, u Apple ma tagħmel l-ebda rappreżentazzjoni li s-Servizz tal-Mapep ta' Apple huwa xieraq jew disponibbli għall-użu fi kwalunkwe post partikolari. Sa fejn tagħżel li tipprovdi aċċess għas-Servizz tal-Mapep ta' Apple fl-Applikazzjonijiet, fis-sit elettroniku, jew fl-applikazzjonijiet tal-web tiegħek jew permezz tal-MapKit API, l-Apple Maps Server API jew tal-MapKit JS, Inti se

tagħmel dan fuq inizjattiva tiegħek stess u se tkun responsabbli għall-konformità ma' kwalunkwe liġi applikabbli.

**4. Id-Dritt ta' Apple li Tirrieżamina l-Implimentazzjoni tal-MapKit Tiegħek u/jew tal-MapKit JS.** Inti tifhem u taqbel li Apple tirriżerva d-dritt li tirrieżamina u tapprova jew tirrifjuta l-implimentazzjoni tiegħek tal-MapKit u/jew tal-MapKit JS fl-Applikazzjoni, fis-sit elettroniku jew fl-applikazzjonijiet tal-web tiegħek fi kwalunkwe mument matul it-Terminu ta' dan il-Ftehim. Jekk tintalab minn Apple, Inti taqbel li tipprovdi minnufih informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħek tal-MapKit u/jew tal-MapKit JS lil Apple. Inti taqbel li tikkoopera ma' Apple u li twieġeb mistoqsijiet u tipprovdi informazzjoni u materjali raġonevolment mitluba minn Apple dwar tali implimentazzjoni. Apple tirriżerva d-dritt li fi kwalunkwe mument u kif jidhrilha xieraq hi biss tirrevoka l-aċċess tiegħek għall-MapKit u/jew għall-keys tal-MapKit JS tiegħek u għal kredenzjali simili, anke jekk l-użu tiegħek ta' MapKit u/jew ta' MapKit JS jissodisfa r-Rekwiżiti tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm u t-termini ta' dan l-Anness. Bħala eżempju biss, Apple tista' tagħmel dan jekk l-implimentazzjoni tal-MapKit u/jew tal-MapKit JS tiegħek tpoġġi piż eċċessiv u bla bżonn fuq is-Servizz tal-Mapep ta' Apple, tostor jew tneħħi l-logo tal-Mapep ta' Apple jew il-links inkorporati meta turi mappa, jew meta tuża s-Servizz tal-Mapep ta' Apple b'kontenut ta' mapep offensiv jew illegali korrispondenti.

**5. Ċaħda ta' Responsabbiltà Addizzjonali.** LA APPLE U LANQAS IL-LIĊENZJATURI TAGĦHA JEW IS-SERVICE PROVIDERS TAGĦHA MA GĦANDHOM IKUNU RESPONSABBLI GĦAL EBDA DANNU JEW TELF LI JIRRIŻULTA MINN KWALUNKWE UŻU, UŻU ĦAŻIN, DIPENDENZA FUQ, INABILITÀ LI TUŻA, INTERRUZZJONI, SOSPENSJONI JEW TERMINAZZJONI TAS-SERVIZZ TAL-MAPEP TA' APPLE, INKLUŻ KWALUNKWE INTERRUZZJONI MINĦABBA FALLIMENT FIS-SISTEMA, ATTAKKI FUQ IN-NETWORK, JEW MANUTENZJONI SKEDATA JEW MHUX SKEDATA.

## Anness 7
### (tal-Ftehim)
## Termini Addizzjonali għall-Estensjonijiet ta' Safari

It-termini li ġejjin għandhom jiżdiedu mat-termini tal-Ftehim u japplikaw għall-Estensjonijiet ta' Safari ffirmati b'Ċertifikat ta' Apple:

### 1.1 Rekwiżiti għall-Estensjoni ta' Safari

Jekk tixtieq tqassam l-Estensjoni ta' Safari Tiegħek iffirmata b'Ċertifikat ta' Apple, allura taqbel li tirrispetta r-rekwiżiti li ġejjin għal tali Estensjonijiet ta' Safari, peress li jistgħu jiġu modifikati minn Apple minn żmien għal żmien:

- L-Estensjoni ta' Safari tiegħek m'għandu jkun fiha l-ebda malware, kodiċi malizzjuż jew ta' ħsara, jew komponent intern ieħor (eż., viruses tal-kompjuter, trojan horses, "backdoors"), li jistgħu jagħmlu ħsara, jeqirdu, jew jaffettwaw ħażin il-hardware, is-software jew is-servizzi ta' Apple, jew software, firmware, hardware, dejta, sistemi, servizzi jew networks ta' partijiet terzi oħrajn;

- L-Estensjonijiet ta' Safari tiegħek m'għandhomx ikunu mfassla jew ikkummerċjalizzati għall-iskop ta' fastidju, abbuż, stalking, spamming, ta' qerq, ta' frodi, ta' theddid jew b'xi mod ieħor biex jiksru d-drittijiet legali (bħad-drittijiet tal-privatezza u l-pubbliċità) ta' ħaddieħor. Barra minn hekk, Inti ma tistax toħloq Estensjoni ta' Safari li ssegwi l-imġiba ta' utent (eż., is-siti tal-ibbrawżjar tiegħu) mingħajr il-kunsens espliċitu tiegħu;

- L-Estensjoni ta' Safari tiegħek trid topera biss fiż-żona tal-ħażna magħżula għall-Estensjoni ta' Safari, u m'għandhiex tiddiżattiva, tegħleb jew tinterferixxi b'xi mod ieħor ma' xi allerti, twissijiet, pannelli tal-wiri, pannelli tal-kunsens u affarijiet simili implimentati minn Apple;

- L-Estensjoni ta' Safari tiegħek għandu jkollha skop wieħed u l-aġġornamenti m'għandhomx ibiddlu l-iskop uniku tal-Estensjoni ta' Safari tiegħek. Inti taqbel li tirrappreżenta b'mod preċiż il-karatteristiċi u l-funzjonalità tal-Estensjoni ta' Safari tiegħek lill-utent u li taġixxi skont tali rappreżentazzjonijiet. Pereżempju, m'għandekx tidderieġi t-tfittxijiet tal-utent lejn fornitur tat-tiftix differenti minn dak magħżul qabel mill-utent f'Safari mingħajr il-kunsens espliċitu tiegħu. Barra minn hekk, l-Estensjoni ta' Safari tiegħek ma tistax terġa' tidderieġi link (jew kwalunkwe link affiljat) fuq sit elettroniku sakemm dik l-imġiba ma tiġix żvelata lill-utent. Inti taqbel li ma taħbix il-karatteristiċi jew il-funzjonalità tal-Estensjoni ta' Safari tiegħek (eż., li fiha kodiċi offuskat);

- L-Estensjoni ta' Safari tiegħek m'għandhiex tkun miġbura ma' app li għandha skop differenti mill-Estensjoni ta' Safari. L-Estensjoni ta' Safari tiegħek m'għandhiex tinjetta reklami f'sit elettroniku u ma tistax turi reklami pop up. M'għandekx tikteb skript jew tagħmel awtomazzjoni biex tixgħel l-Estensjoni ta' Safari tiegħek jew tippermetti lil ħaddieħor jagħmel dan; u

- Estensjonijiet ta' Safari m'għandhomx jinterferixxu mas-sigurtà, l-interfaċċja tal-utent, l-esperjenza tal-utent, il-karatteristiċi jew il-funzjonalità ta' Safari, macOS, iOS, iPadOS, visionOS, jew prodotti oħra tad-ditta Apple.

**1.2 Konformità; Ċertifikati.** L-Estensjonijiet ta' Safari tiegħek għandhom jikkonformaw mad-Dokumentazzjoni u l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha, inklużi dawk fi kwalunkwe ġuriżdizzjoni li fiha tali Estensjonijiet ta' Safari jistgħu jiġu offruti jew magħmula disponibbli. Inti tifhem li Apple tista' tirrevoka ċ-Ċertifikati ta' Apple li jintużaw biex tiffirma l-Estensjonijiet ta' Safari tiegħek fi kwalunkwe mument, kif jidhrilha xieraq hi biss. Barra minn hekk, Inti tirrikonoxxi u taqbel li Apple tista' timblokka l-Estensjoni ta' Safari tiegħek (b'tali mod li tista' ma tkunx disponibbli jew inaċċessibbli għall-utenti ta' Safari) jekk ma tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati hawn fuq f'din it-**Taqsima 1.1** jew b'xi mod ieħor taffettwa ħażin lill-utenti ta' prodotti tad-ditta Safari jew Apple.

# Anness 8
### (tal-Ftehim)
## Termini Addizzjonali għall-użu tal-WeatherKit APIs

It-termini li ġejjin għandhom jiżdiedu mat-termini tal-Ftehim u japplikaw għal kwalunkwe użu tad-Dejta tat-Temp ta' Apple u l-WeatherKit APIs fl-Applikazzjoni tiegħek jew fil-Prodott Korrispondenti.

**1. Użu ta' Dejta tat-Temp ta' Apple u tal-WeatherKit APIs**

**1.1** Inti taqbel li l-użu tiegħek ta' Dejta tat-Temp ta' Apple u tal-WeatherKit APIs għandu jikkonforma mar-Rekwiżiti tal-Programm.

**1.2** Inti ma tistax timponi tariffi lill-utenti aħħarin għall-aċċess ta' jew għall-użu tad-Dejta tat-Temp ta' Apple ppreżentata fil-forma oriġinali tagħha permezz tal-Applikazzjoni tiegħek jew permezz tal-Prodott Korrispondenti; dment, iżda, li Inti tista' timponi tariffi lill-utenti aħħarin għal Servizzi jew Prodotti b'Valur Miżjud – jiġifieri, dejta, prodotti, u/jew servizzi, inklużi iżda mhux limitati għal, Applikazzjonijiet tiegħek jew Prodotti Korrispondenti, li Inti tiżviluppa li huma derivati mid-Dejta tat-Temp ta' Apple, u li jiġu ttrasformati sabiex ma jkunx possibbli għal xi utent aħħari jew għal xi parti terza oħra li jiskopru, jaċċessaw, jagħmlu inġinerija inversa, jew b'xi mod ieħor jaċċertaw jew jużaw id-Dejta tat-Temp ta' Apple fil-forma oriġinarjament fornuta minn Apple (kemm jekk kollha kemm hi jew parti minnha). Inti ma tistax tagħti drittijiet ta' sottoliċenzjar lill-WeatherKit APIs jew lid-Dejta tat-Temp ta' Apple fil-forma oriġinali tagħhom. Tista' tuża Dejta tat-Temp ta' Apple għal skopijiet interni jew biex toħloq, tagħmel jew turi Servizzi jew Prodotti ta' Valur Miżjud lill-utenti aħħarin tiegħek. It-termini tal-liċenzja tal-utent aħħari tiegħek m'għandhomx jippermettu lill-utenti aħħarin jew lil xi partijiet terzi oħra li jagħmlu inġinerija inversa tal-WeatherKit APIs jew tad-Dejta tat-Temp ta' Apple għal kwalunkwe skop.

**1.3** Applikazzjonijiet jew Prodotti Korrispondenti li jużaw l-WeatherKit APIs ma jistgħux jiġu mfassla jew kummerċjalizzati għal skopijiet ta' emerġenza jew ta' salvataġġ.

**1.4** L-Applikazzjoni jew il-Prodott Korrispondenti tiegħek jistgħu jaċċessaw id-Dejta tat-Temp ta' Apple biss permezz tal-WeatherKit APIs. Inti taqbel li d-displej tiegħek tad-Dejta tat-Temp ta' Apple jeħtieġ li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha ta' attribuzzjoni applikabbli u ma' kwalunkwe speċifikazzjoni oħra pprovduta fir-Rekwiżiti tal-Programm. Inti ma tista bl-ebda mod timmodifika, tibdel, tagħmel differenti, jew tostor it-Twissijiet tat-Temp.

**1.5** Inti ma tistax tuża l-WeatherKit APIs b'xi mod li jiffaċilita jew jippermetti tniżżil ta' ħafna fajls f'daqqa jew ta' feeds tad-Dejta tat-Temp ta' Apple, jew ta' kwalunkwe porzjon tagħha, jew li b'xi mod tipprova testratta jew tiskrejpja xi porzjonijiet tad-Dejta tat-Temp ta' Apple. Pereżempju, la Inti, la l-Applikazzjonijiet tiegħek, u lanqas il-Prodotti Korrispondenti tiegħek ma tistgħu tużaw jew tagħmlu disponibbli d-Dejta tat-Temp ta' Apple, jew xi porzjon minnha, bħala parti minn kwalunkwe bażi tad-dejta sekondarja jew derivata.

**1.6** Sakemm ma jkunx espressament permess fid-Dokumentazzjoni, id-Dejta tat-Temp ta' Apple ma tistax titpoġġa fil-cache, tinġabar minn qabel, jew tinħażen minnek, mill-Applikazzjoni tiegħek, jew mill-Prodott Korrispondenti tiegħek ħlief fuq bażi temporanja u limitata biss, sabiex ittejjeb il-prestazzjoni tal-WeatherKit APIs bl-Applikazzjoni tiegħek jew bil-Prodott Korrispondenti tiegħek.

## 2. Ir-Rikonoxximenti Tiegħek

Inti tagħraf u taqbel li:

**2.1** L-WeatherKit APIs jistgħu ma jkunux disponibbli fil-pajjiżi jew fil-lingwi kollha, u Apple ma tagħmel l-ebda rappreżentazzjoni li l-WeatherKit APIs huma xierqa jew disponibbli għall-użu fi kwalunkwe post partikolari. Sa fejn Inti tagħżel li tipprovdi aċċess għad-Dejta tat-Temp ta' Apple fl-Applikazzjoni tiegħek jew fil-Prodott Korrispondenti tiegħek permezz tal-WeatherKit APIs, Inti tagħmel dan fuq inizjattiva tiegħek stess u tkun responsabbli għall-konformità ma' kwalunkwe liġi applikabbli. L-użu tiegħek tal-WeatherKit APIs huwa għar-riskju uniku tiegħek u Inti tassumi r-responsabbiltà kollha li tirriżulta mill-użu tiegħek tal-WeatherKit APIs fi kwalunkwe parti tad-dinja, inkluż il-wiri tad-Dejta tat-Temp ta' Apple f'territorji kkontestati.

**2.2** Għal Applikazzjonijiet jew Prodotti Korrispondenti li jużaw il-WeatherKit APIs għal gwida dwar it-temp f'ħin reali, jeħtieġ li jkollok ftehim ta' liċenzja għall-utent aħħari li jinkludi l-avviż li ġej: L-UŻU TIEGĦEK TA' DIN L-APPLIKAZZJONI TA' GWIDA TAT-TEMP F'ĦIN REALI JEW TAS-SIT ELETTRONIKU HUWA GĦAR-RISKJU UNIKU TIEGĦEK. ID-DEJTA TAT-TEMP TISTA' MA TKUNX PREĊIŻA. Id-Dejta tat-Temp ta' Apple tista' tvarja minn kundizzjonijiet attwali minħabba fatturi varjabbli, bħal kwistjonijiet ta' sinjali u avvenimenti ġeopolitiċi, li jistgħu jaffettwaw l-preċiżjoni tad-Dejta tat-Temp ta' Apple.

## 3. Konformità

**3.1** Jekk tintalab minn Apple, Inti taqbel li tipprovdi minnufih informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħek tal-WeatherKit APIs lil Apple, kif meħtieġ biex tiġi ddeterminata l-konformità tiegħek ma' dawn ir-rekwiżiti.

**3.2** Filwaqt li bl-ebda mod ma tillimita d-drittijiet l-oħra ta' Apple taħt dan il-Ftehim, Apple tirriżerva d-dritt li tieħu azzjoni jekk Apple tiddetermina jew ikollha raġuni biex temmen, fil-fehma tagħha biss, li Inti ksirt terminu ta' dan il-Ftehim. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu l-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-aċċess tiegħek għad-Dejta tat-Temp ta' Apple u għall-WeatherKit APIs.

**4. Ċaħda ta' Responsabbiltà Addizzjonali.** LA APPLE U LANQAS IL-LIĊENZJATURI TAGĦHA JEW IS-SERVICE PROVIDERS TAGĦHA MA GĦANDHOM IKUNU RESPONSABBLI GĦAL EBDA DANNU JEW TELF LI JIRRIŻULTA MINN KWALUNKWE UŻU, UŻU ĦAŻIN, DIPENDENZA FUQ, INABILITÀ LI TUŻA, INTERRUZZJONI, SOSPENSJONI JEW TERMINAZZJONI TAL-WEATHERKIT APIS, INKLUŻ KWALUNKWE INTERRUZZJONI MINĦABBA FALLIMENTI FIS-SISTEMA, ATTAKKI FUQ IN-NETWORK, JEW MANUTENZJONI SKEDATA JEW MHUX SKEDATA.

**5. Indennifikazzjoni.** Mingħajr ma tillimita d-drittijiet l-oħra ta' Apple skont dan il-Ftehim, Inti taqbel li tindennizza u żżomm bla ħsara lil kull Parti Indennizzata ta' Apple minn kwalunkwe u kull Telf imġarrab minn tali Parti Indennizzata ta' Apple li jkun jirriżulta minn jew li jkun relatat ma' kwalunkwe klejm li l-użu Tiegħek tal-WeatherKit APIs ma jikkonformax mal-liġijiet lokali tal-immappjar jew liġijiet oħra applikabbli.

## Anness 9
### (tal-Ftehim)
### Termini Addizzjonali għal Abbonamenti Mixtrija Permezz tal-App tal-Iżviluppaturi ta' Apple

Permezz tal-app tal-Iżviluppaturi ta' Apple, Inti tkun tista' tħallas it-tariffi tal-Programm, u, bħala membru tal-Programm, tixtri u tuża abbonamenti oħra. Għal dan l-Anness 9 biss, "Apple" tfisser:

- Apple Inc., li tinsab f'One Apple Park Way, Cupertino, California, jekk Inti tinsab fl-Istati Uniti, inkluż Puerto Rico;
- Apple Canada Inc., li tinsab fi 120 Bremner Blvd., Suite 1600, Toronto ON M5J 0A8, il-Kanada, jekk Inti tinsab fil-Kanada;
- Apple Services LATAM LLC, li tinsab f'1 Alhambra Plaza, Ste 700 Coral Gables, Florida, jekk Inti tinsab fil-Messiku, fl-Amerika Ċentrali jew t'Isfel, jew fi kwalunkwe pajjiż jew territorju tal-Karibew (eskluż Puerto Rico);
- iTunes K.K., li jinsab f'Roppongi Hills, 6-10-1 Roppongi, Minato-ku, Tokyo 106-6140, Tokyo, jekk Inti tinsab fil-Ġappun;
- Apple Pty Limited, li tinsab f'Level 3, 20 Martin Place, Sydney NSW 2000, l-Awstralja, jekk Inti tinsab fl-Awstralja jew fi New Zealand, inkluż fi kwalunkwe mit-territorji tagħhom jew ġuriżdizzjonijiet affiljati; u
- Apple Distribution International Ltd., li tinsab f'Hollyhill Industrial Estate, Hollyhill, Cork, ir-Repubblika tal-Irlanda, jekk Inti tinsab xi mkien ieħor.

L-abbonamenti jiġu mġedda awtomatikament sakemm jiġu kkanċellati fis-settings tal-kont tad-detentur tal-kont tiegħek. It-tariffi jiġu imposti mhux aktar minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel id-data tat-tiġdid. Biex issir taf aktar dwar kif tikkanċella l-abbonamenti, żur https://support.apple.com/HT202039.

Apple se tiċċarġja l-metodu ta' ħlas magħżul mid-detentur tal-kont tiegħek għal kwalunkwe abbonament, inkluż kwalunkwe taxxa. Jekk id-detentur tal-kont tiegħek żiedu wkoll mal-Wallet ta' Apple tiegħu, Apple tista' tiċċarġja l-metodu ta' ħlas magħżul tagħha fil-Wallet ta' Apple billi tuża Apple Pay. Id-detentur tal-kont tiegħek jista' jassoċja diversi metodi ta' ħlas mal-Kont ta' Apple tiegħu, u inti taqbel li Apple tista' taħżinhom u tiċċarġjahom. Il-metodu ta' ħlas primarju jidher fin-naħa ta' fuq tal-paġna tal-pagamenti tas-settings tal-kont.

Jekk il-metodu ta' ħlas primarju ma jistax jiġi ċċarġjat għal xi raġuni, Inti tawtorizza lil Apple biex tipprova tiċċarġja l-metodi l-oħra ta' ħlas eliġibbli tad-detentur tal-kont tiegħek minn fuq għal isfel kif jidhru fil-paġna tal-pagamenti tas-settings tal-kont. Jekk Apple ma tistax tiċċarġja lid-detentur tal-kont tiegħek, Inti tibqa' responsabbli għal kwalunkwe ammont mhux miġbur, u Apple tista' tipprova terġa' tiċċarġja jew titlob metodu ta' ħlas ieħor. Dan jista' jibdel id-data li fiha jseħħ it-talba għall-ħlas. Kif permess mil-liġi, Apple tista' awtomatikament taġġorna l-informazzjoni tal-ħlas jekk tkun ipprovduta min-networks tal-ħlas jew mill-istituzzjonijiet finanzjarji.

Is-sħubija fil-programm tinkludi sa 500,000 komunikazzjoni mal-WeatherKit API kull xahar. Jekk tixtri abbonament għal komunikazzjonijiet tal-WeatherKit API, għat-tul tal-abbonament dan jissostitwixxi l-komunikazzjonijiet mal-WeatherKit API inklużi mas-sħubija fil-Programm.

Il-membri tal-Programm huma wkoll eliġibbli biex jużaw sa ħamsa u għoxrin (25) siegħa ta' komputazzjoni ta' Xcode Cloud fix-xahar. Jekk tixtri abbonament għal sigħat ta' komputazzjoni ta' Xcode Cloud, dan se jissostitwixxi l-ħamsa u għoxrin (25) siegħa ta' komputazzjoni ta' Xcode Cloud fix-xahar li Inti eliġibbli biex tuża bħala membru tal-Programm għal sakemm idum l-abbonament. Apple tirriżerva d-dritt li tintegrak f'Xcode Cloud, jew li tagħtik l-opportunità li tixtri

abbonament għal sigħat ta' komputazzjoni ta' Xcode Cloud, kif tippermetti l-kapaċità. Jekk tikkanċella u tagħżel li ma tużax Xcode Cloud immedjatament, id-detentur tal-kont tiegħek jista' jikkuntattja lill-Appoġġ ta' Apple biex jitlob rifużjoni.

L-aġġornamenti tal-abbonamenti jidħlu fis-seħħ immedjatament u se tiġi pprovduta rifużjoni bbażata fuq iż-żmien li jkun fadal fix-xahar għall-abbonament oriġinali. Degradazzjonijiet jew kanċellazzjonijiet ta' abbonament jidħlu fis-seħħ fid-data meta jintbagħtu l-kontijiet li jmiss. Apple tirriżerva d-dritt li tikkalkula jew tiċħad talbiet għal rifużjonijiet ibbażati fuq l-użu tal-komunikazzjonijiet mal-WeatherKit API jew tas-sigħat tal-komputazzjoni tal-Xcode Cloud.

# Anness 10
### (tal-Ftehim)
## Termini Addizzjonali għall-użu tal-MDM

**1. L-użu tal-MDM u l-Profili tal-Konfigurazzjoni**

**1.1** Inti tista' taċċessa jew tuża l-MDM biss għall-immaniġġjar intern tal-apparati tad-ditta Apple tal-impjegati tiegħek li huma proprjetà tiegħek jew ikkontrollati minnek, jew tal-Unitajiet tal-Ittestjar Awtorizzati tal-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek; jew, jekk Inti ntgħażilt minn Apple bħala żviluppatur terz tal-MDM, biss biex tipprovdi aċċess għall-MDM lill-Klijenti tal-MDM tiegħek bħala parti minn Prodott Kompatibbli tal-MDM. Għandu jiġi installat Profil tal-Konfigurazzjoni fuq kull apparat qabel l-użu tal-MDM jew tal-konfigurazzjonijiet tal-apparat ma' tali Prodott. Int jew il-Klijenti tal-MDM tiegħek tistgħu tużaw l-MDM biss b'Ċertifikat u Profil tal-Konfigurazzjoni kkonfigurat biex jirrispondi għaċ-Ċertifikat assenjat lilek jew lil tali Klijent tal-MDM għall-Prodotti Kompatibbli tal-MDM tiegħek. L-użu tal-MDM huwa permess biss kif espressament awtorizzat f'dan il-Ftehim, fil-Protokoll tal-MDM u fid-Dokumentazzjoni, u skont il-liġijiet applikabbli.

**1.2** Biex tuża l-MDM, Inti trid iżżomm server sigur għall-interazzjoni mal-APN ta' Apple u/jew ma' servizzi oħra tal-web ta' Apple. Inti ma tistax tuża b'mod eċċessiv il-kapaċità globali tan-network jew il-bandwidth ta' tali servers jew servizzi, jew tagħmel ħsara, tinterferixxi ma', jew tfixkel in-networks jew is-servers ta' Apple, kwalunkwe network jew server ta' partijiet terzi konnessi mal-APN, servizzi oħra tal-web ta' Apple, jew l-MDM.

**1.3** Ħlief kif espressament stabbilit hawnhekk, Inti mhux se taqsam materjali jew dokumentazzjoni pprovduti minn Apple bħala parti mill-MDM ma' xi parti terza. Ħlief kif espressament awtorizzat hawnhekk, Inti taqbel li ma tbigħx, ma tbigħx mill-ġdid, ma tikrix, jew b'xi mod ieħor tipprovdi aċċess għall-MDM jew l-użu tagħha, kompletament jew parzjalment, lil parti terza jew tipprova toħloq sostitut jew servizz simili permezz tal-użu tal-MDM, jew l-aċċess għaliha, jew li tuża l-MDM ma' prodotti oħra għajr il-prodotti kompatibbli tad-ditta Apple.

**2. Rekwiżiti Addizzjonali għall-Implimentazzjoni Interna**

**2.1** Jekk Inti tuża l-MDM għall-implimentazzjoni interna tiegħek stess, Inti taqbel li tinforma lill-impjegati u/jew lill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek qabel ma jiġu installati l-Profili tal-Konfigurazzjoni, li int se tkun tista' tinteraġixxi mal-apparati tagħhom mill-bogħod, inkluż iżda mhux limitat għal li tispezzjona, tinstalla jew tneħħi profili, tara liema applikazzjonijiet huma installati, tuża funzjonijiet ta' tħassir sigur, u tinforza l-passcodes tal-apparat. Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi lil Apple li għandek id-drittijiet u l-kunsensi kollha meħtieġa biex tiġbor, tuża u timmaniġġja kwalunkwe informazzjoni li tikseb permezz tal-użu tal-Protokoll tal-MDM b'dan il-mod.

**2.2** Inti ma tistax tuża l-MDM għall-finijiet tas-sorveljanza tal-impjegati tiegħek, tal-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek, jew ta' kwalunkwe apparat b'mod mhux divulgat jew għall-phishing, il-ħsad jew il-ġbir b'xi mod ieħor ta' informazzjoni mhux awtorizzata, inkluż, iżda mhux limitat għal, l-involviment f'xi attività li tikser il-privatezza tal-utent, jew li mhix xierqa jew hija illegali.

**2.3** L-informazzjoni kollha li Inti tikseb permezz tal-użu tal-MDM għall-implimentazzjoni interna tista' tintuża biss għall-finijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni interna u għall-ġestjoni tal-apparati, u skont il-liġijiet applikabbli.

**3. Rekwiżiti Addizzjonali għall-Prodotti Kompatibbli tal-MDM**

**3.1** Ħlief kif stabbilit fit-**Taqsima 2**, Inti tista' tuża l-MDM biss għal skopijiet ta' żvilupp u distribuzzjoni ta' Prodotti Kompatibbli tal-MDM lill-Klijenti tal-MDM Tiegħek jekk Intgħażilt minn

Apple bħala żviluppatur terz għal tali Prodotti Kompatibbli tal-MDM. Inti ma tistax tuża l-MDM, kompletament jew parzjalment, biex tipprovdi Prodotti Kompatibbli tal-MDM għal użu mhux kummerċjali u personali, sakemm ma jkunx espressament permess mod ieħor bil-miktub minn Apple. Barra minn hekk, Inti ma tistax tilliċenzja, tbigħ jew tipprovdi b'xi mod ieħor, kompletament jew parzjalment, l-MDM, minbarra l-użu tagħha fi Prodott Kompatibbli.

**3.2** Il-Prodotti Kompatibbli tal-MDM tiegħek li jużaw l-MDM ma jistgħux jiġu ddisinjati jew ikkummerċjalizzati għal skopijiet ta' sorveljanza tal-utenti aħħarin jew ta' prodotti kompatibbli tad-ditta Apple bi kwalunkwe mod mhux awtorizzat, eż., phishing, ħsad jew involviment f'attivitajiet li jiksru l-privatezza tal-utent, jew li b'xi mod ieħor mhumiex xierqa jew huma illegali.

**3.3** Ħlief kif stabbilit hawnhekk, l-informazzjoni kollha li Inti tikseb permezz tal-użu tal-MDM tista' tintuża biss biex tiżviluppa jew tuża Prodotti Kompatibbli tal-MDM għall-Klijenti tal-MDM tiegħek, u f'konformità mal-liġijiet applikabbli.

**4. Użu ta' Ċertifikati għall-Prodotti Kompatibbli tal-MDM**

**4.1** Il-Klijenti tal-MDM tiegħek iridu jiksbu Ċertifikat tal-MDM mingħand Apple biex jużaw l-MDM mal-Prodotti Kompatibbli tal-MDM tiegħek, u jistgħu japplikaw għal dan iċ-Ċertifikat jekk Inti tkun iffirmajt it-talba tagħhom għall-iffirmar taċ-ċertifikat (CSR, certificate-signing request). Inti tista' tiffirma CSRs biss għall-Klijenti tal-MDM tiegħek li Inti tkun ivverifikajt l-isem tal-intrapriża tagħhom u l-informazzjoni ta' kuntatt individwali tagħhom. Fuq talba, Inti taqbel li tipprovdi tali informazzjoni lil Apple u li tikkoopera ma' Apple rigward l-użu tagħhom tal-MDM – eż., billi tikkuntattja lil tali entità jekk ikun hemm problema bl-użu tagħhom tal-MDM jew tal-applikazzjoni taċ-Ċertifikat.

**4.2** Inti ma tistax tipprovdi, taqsam, jew tittrasferixxi ċ-Ċertifikat tiegħek għall-awtentikazzjoni tal-Klijenti tal-MDM lil xi entità oħra, inklużi l-Klijenti tal-MDM tiegħek jew xi wieħed mill-bejjiegħa li jerġgħu jbigħu tiegħek. Inti taqbel li tieħu miżuri xierqa biex tħares is-sigurtà u l-privatezza ta' tali Ċertifikat, u ma tistax tinkludih fil-Prodott Kompatibbli tiegħek. Għall-finijiet taċ-ċarezza, Inti tista' tuża l-Protokoll tal-MDM biex tiżviluppa l-Prodott Kompatibbli tiegħek ħalli tgħin lill-Klijenti tal-MDM tiegħek jiġġeneraw keys u jibagħtulek CSR. Inti ma tistax tiġġenera jew b'xi mod ieħor taċċessa l-key privata tal-Klijent tal-MDM tiegħek, u lanqas ma tista' tinterferixxi mal-proċessi ta' Apple għall-għoti taċ-Ċertifikati. Barra minn hekk, Inti mhux se tħeġġeġ lil oħrajn jiksru t-termini tal-ftehim tas-servizz taċ-Ċertifikat tal-MDM ma' Apple jew kwalunkwe politika ta' Apple għall-użu tal-MDM, Profili ta' Konfigurazzjoni, jew Ċertifikati.

**4.3** Inti unikament responsabbli biex tipprovdi lill-Klijenti tal-MDM tiegħek b'appoġġ u assistenza, inkluż iżda mhux limitat għal kwalunkwe dokumentazzjoni u appoġġ u garanziji għall-utenti aħħarin.

**5. Ir-Rikonoxximenti Tiegħek:** Inti tagħraf u taqbel li:

**5.1** Kwalunkwe Profil ta' Konfigurazzjoni mibgħut permezz tal-MDM jew ta' mekkaniżmi approvati jintbagħat minnek, u mhux minn Apple, u Inti unikament responsabbli għall-użu tal-MDM u tal-Profili ta' Konfigurazzjoni minnek, mill-impjegati tiegħek, mill-Iżviluppaturi Awtorizzati tiegħek, jew mill-Klijenti tal-MDM tiegħek.

**5.2** Apple tista' (a) timmodifika, tissospendi, jew twaqqaf kull jew kwalunkwe parti mill-MDM, inkluż it-tibdil jew it-tneħħija ta' kwalunkwe karatteristika jew funzjonalità, jew (b) timmodifika, toħroġ mill-ġdid jew tippubblika mill-ġdid il-Protokoll tal-MDM, fi kwalunkwe mument, b'avviż minn qabel lilek jew mingħajru. Apple ma tagħti l-ebda garanzija dwar id-disponibbiltà, l-affidabbiltà jew il-prestazzjoni tal-MDM. Apple mhix obbligata li tipprovdi xi manutenzjoni, appoġġ tekniku jew appoġġ ieħor għall-MDM.

**5.3** Apple tirriżerva d-dritt li tneħħi l-aċċess tiegħek għall-MDM fi kwalunkwe mument kif jidhrilha xieraq hi biss. Apple tirriżerva wkoll id-dritt li tirrevoka jew tiddiżattiva ċ-Ċertifikati tiegħek, jew iċ-Ċertifikati tal-Klijenti tal-MDM tiegħek għall-MDM, kif jidhrilha xieraq hi biss.

**6. Ċaħda ta' Responsabbiltà Addizzjonali.** APPLE MHIX SE TKUN RESPONSABBLI GĦALL-EBDA KOST, SPIŻA, DANNU, JEW TELF LI JIRRIŻULTA MILL-UŻU TIEGĦEK TAL-MDM JEW TAL-PROFILI TA' KONFIGURAZZJONI, INKLUŻI IŻDA MHUX LIMITATI GĦAL MANUTENZJONI SKEDATA JEW MHUX SKEDATA, INTERRUZZJONIJIET FIS-SERVIZZ, DEJTA MITLUFA JEW MISRUQA, KWALUNKWE RESPONSABBILTÀ LI TIRRIŻULTA MILL-AĊĊESS TIEGĦEK GĦAL APPARATI PERMEZZ TAL-UŻU TAL-MDM JEW TAL-PROFILI TA' KONFIGURAZZJONI (INKLUŻ KWALUNKWE KSUR TAL-PRIVATEZZA) JEW GĦALL-PRESTAZZJONI JEW IN-NUQQAS TA' PRESTAZZJONI TA' APPLE TAĦT DAN IL-FTEHIM.

# Anness 11
### (tal-Ftehim)
## Termini Addizzjonali għall-użu ta' EnergyKit

**1.** Biex tuża EnergyKit, Inti trid tkun (a) manifattur tal-karozzi li jimmanifattura vetturi tal-passiġġieri elettriċi tas-suq tal-massa, ħfief, u b'erba' roti li jinbiegħu fl-Istati Uniti kontigwi, u l-Applikazzjoni Tiegħek trid tkun primarjament iddisinjata biex tiffaċilita l-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi (EV), jew (b) fabbrikant tat-tagħmir oriġinali ta' termostat, u l-Applikazzjoni Tiegħek trid tkun iddisinjata primarjament biex tħaddem termostati intelliġenti. Il-funzjonalità tal-Applikazzjoni tiegħek biex tiffaċilita l-iċċarġjar tal-EVs jew tħaddem termostati intelliġenti għandha tkun ċara fl-interfaċċa tal-utent u l-materjali tal-marketing tal-Applikazzjoni tiegħek. Inti u l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux tużaw l-EnergyKit APIs jew kwalunkwe dejta ta' EnergyKit għal kwalunkwe skop għajr it-tibdil ta' kif jew meta l-apparat taħt il-kontroll tal-Applikazzjoni jikkonsma l-enerġija u l-provvista ta' tali dejta lill-utent aħħari.

**2.** Inti jew l-Applikazzjoni tiegħek ma tistgħux tużaw l-EnergyKit APIs għal kwalunkwe skop illegali u/jew dannuż, inkluża kwalunkwe attività li hija materjalment avversa għall-interessi ta' kumpanija tal-utilitajiet (inklużi l-affiljati jew il-kuntratturi tagħha), l-affidabbiltà tal-grilja tal-enerġija, jew is-sigurtà tal-grilja tal-enerġija. Inti ma tistax tuża l-EnergyKit APIs biex tiffaċilita jew tippermetti tniżżil ta' ħafna fajls f'daqqa jew ta' feeds tad-dejta tal-EnergyKit, jew ta' kwalunkwe porzjon tagħha, jew biex tipprova testratta jew tiskrejpja xi porzjonijiet tad-dejta ta' EnergyKit. Pereżempju, la Inti u lanqas l-Applikazzjonijiet tiegħek ma tistgħu tużaw jew tagħmlu disponibbli d-dejta tal-EnergyKit, jew kwalunkwe porzjon tagħha, bħala parti minn kwalunkwe bażi tad-dejta sekondarja jew derivata, jew għat-taħriġ ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali. L-Applikazzjoni tiegħek tista' taċċessa d-dejta tal-EnergyKit biss permezz tal-EnergyKit APIs.

**3.** Biex tuża EnergyKit, Inti trid tipprovdi lil EnergyKit Feedback dwar l-Użu tal-Enerġija li jiġi rrappurtat mill-apparati tal-utenti aħħarin lill-Applikazzjoni Tiegħek. Kif tintuża f'dan l-Anness 11, "Feedback dwar l-Użu tal-Enerġija" tfisser dejta dwar l-enerġija rrapportata mill-apparat u li tintbagħat lil EnergyKit permezz tal-Applikazzjoni tiegħek.

**4.** L-iżviluppaturi għandhom isegwu l-Gwida tal-Istil u l-Linji Gwida tal-Marketing ta' EnergyKit meta jirreferu għall-karatteristiċi mħaddma minn EnergyKit. Jekk kwalunkwe dejta li Inti tiġbor mingħand l-utenti aħħarin se tintuża għall-marketing, inklużi rakkomandazzjonijiet personalizzati, l-ewwel trid tikseb kunsens validu mingħand l-utenti aħħarin.

**5.** MINBARRA L-LIMITAZZJONI TA' RESPONSABBILTÀ F'TAQSIMA 13, LA APPLE U LANQAS IL-LIĊENZJATURI TAGĦHA JEW IS-SERVICE PROVIDERS TAGĦHA MA GĦANDHOM IKUNU RESPONSABBLI GĦAL XI DANNU JEW TELF LI JIRRIŻULTA MINN KWALUNKWE UŻU, UŻU ĦAŻIN, DIPENDENZA FUQ, INABILITÀ LI TUŻA, INTERRUZZJONI, SOSPENSJONI JEW TERMINAZZJONI TAL-ENERGYKIT APIS, INKLUŻ KWALUNKWE INTERRUZZJONI MINĦABBA FALLIMENTI FIS-SISTEMA, ATTAKKI FUQ IN-NETWORK, JEW MANUTENZJONI SKEDATA JEW MHUX SKEDATA.

# Anness 12
## (tal-Ftehim)
## Termini Addizzjonali għall-Apps tal-iOS fil-Ġappun

### 1. Definizzjonijiet

"**Marketplace Alternattiv tal-Apps (Il-Ġappun)**" tfisser li l-għan primarju tal-Applikazzjoni Tiegħek huwa li jiġu skoperti u distribwiti Applikazzjonijiet oħra, u din tkun kisbet il-profil ta' intitolament rilevanti biex tagħmel dan. Għall-għanijiet ta' dan l-Anness, "**Applikazzjonijiet**" tinkludi l-Applikazzjonijiet Tiegħek kif ukoll Applikazzjonijiet minn żviluppaturi oħrajn ħlief jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor.

"**Ipproċessar tal-Pagamenti Alternattiv**" ifisser li tipprovdi sistema tal-pagamenti ("**Sistema tal-Pagamenti Alternattiva**") li mhijiex is-sistema tax-xiri fl-apps ta' Apple għall-bejgħ ta' prodotti u servizzi diġitali fi ħdan l-Applikazzjoni Tiegħek li hija ddistribwita fuq l-App Store, skont ir-rekwiżiti tat-**Taqsima 3** ta' dan l-Anness.

"**Entità ta' Apple**" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: Apple Inc., li tinsab One Apple Park Way, Cupertino, California; Apple Canada Inc., li tinsab 120 Bremner Blvd., Suite 1600, Toronto ON M5J0A8, il-Kanada; Apple Services LATAM LLC, li tinsab 2811 Ponce de Leon Boulevard, Floor 12, Coral Gables, Florida 33134; jew iTunes K.K., li tinsab Roppongi Hills, 6-10-1 Roppongi, Minato-ku, Tokyo 106-6140, Tokyo.

"**Materjali ta' Apple**" tfisser id-Dokumentazzjoni, il-profili ta' intitolament, u materjali oħra pprovduti Lilek minn Apple, u li huma inkorporati b'referenza fir-rekwiżiti tat-**Taqsima 3** ta' dan l-Anness.

"**Applikazzjoni Liċenzjata**" tfisser Applikazzjoni li (a) tissodisfa u tikkonforma mar-Rekwiżiti kollha tad-Dokumentazzjoni u tal-Programm, u (b) ġiet magħżula u ffirmata b'mod diġitali minn Apple għad-distribuzzjoni, inkluż permezz ta' Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), jew bħala Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), u tinkludi kwalunkwe funzjonalità, kontenut jew servizz addizzjonali pprovduti Minnek minn ġewwa tali Applikazzjoni bl-użu tal-In-App Purchase API jew b'mod ieħor.

"**Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata**" tfisser screenshots, stampi, xogħol artistiku, previżjonijiet, ikoni u/jew kwalunkwe test, deskrizzjoni, rappreżentazzjoni jew informazzjoni oħra relatata ma' Applikazzjoni Liċenzjata li Inti tipprovdi lil Apple għall-użu skont dan l-Anness, Skeda 2 jew Skeda 3 tal-Ftehim ("**Ftehim dwar Applikazzjonijiet Imħallsa**"), u/jew Skeda 1 tal-Ftehim.

"**Sit Elettroniku ta' Marketplace (il-Ġappun)**" ifisser sit elettroniku li Inti għandek, topera, u għandek irreġistrat ma' Apple, li minnu Inti tiddistribwixxi l-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun). Rekwiżiti tas-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun) japplikaw biss għall-aspetti tas-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun) użat b'rabta mal-marketing, il-bejgħ, jew id-distribuzzjoni tal-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun).

"**Offerti Barra l-App**" tfisser li tibgħat lill-utenti aħħarin minn fuq l-Applikazzjoni Tiegħek, li hija ddistribwita fuq l-App Store, lejn sit elettroniku biex jixtru prodotti u servizzi diġitali skont ir-rekwiżiti tat-**Taqsima 3** ta' dan l-Anness. Tista' tagħżel li tagħmel dan billi tuża link azzjonabbli (jiġifieri, link li tista' tiġi magħfusa jew skennjata) li tiftaħ fl-app tal-brawżer tal-web default.

## 2. Distribuzzjoni Alternattiva fuq l-iOS fil-Ġappun

### 2.1 Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun)

**A.** Trid tikseb profil ta' intitolament għall-Applikazzjoni Tiegħek sabiex din tkun Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun); il-profil tal-intitolament huwa kompatibbli biss ma' apparati fil-Ġappun fuq iOS 26.2, jew verżjoni aktar riċenti. Inti trid titlob aċċess fuq il-web portal tal-Apple Developer Program sabiex tiddistribwixxi l-Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun) permezz tas-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun); id-distribuzzjoni permezz tas-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun) hija kompatibbli biss ma' apparati fil-Ġappun fuq iOS 26.2, jew verżjoni aktar riċenti.

Minbarra r-rekwiżiti fil-Ftehim u l-Materjali ta' Apple, iridu jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin għal Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun):

- Inti trid tkun irreġistrat fl-Apple Developer Program bħala organizzazzjoni.

- Trid tissodisfa mill-inqas waħda mill-kriterji li ġejjin, kif muri minnek meta tipprovdi l-informazzjoni rilevanti lil Apple kif speċifikat fil-Materjali ta' Apple:

    - Tkun membru ta' reputazzjoni tajba fl-Apple Developer Program għal sentejn (2) kontinwi jew aktar, u jkollok Applikazzjoni li kellha aktar minn miljun (1) Installazzjoni għall-Ewwel Darba f'Sena fuq iOS u/jew iPadOS mad-dinja kollha fis-sena kalendarja preċedenti. "**Installazzjoni għall-Ewwel Darba f'Sena**" tkun l-ewwel darba f'perjodu ta' tnax-il xahar li kont ta' Apple (Kont ta' Apple jew Kont ta' Apple Mmaniġġjat) jinstalla l-Applikazzjoni tiegħek fuq iOS u/jew iPadOS. Din l-installazzjoni tista' sseħħ wara tniżżil, tniżżil mill-ġdid, jew aġġornament ta' Applikazzjoni ddistribwita permezz tal-App Store, TestFlight, bħala Applikazzjoni Personalizzata, jew permezz ta' distribuzzjoni alternattiva.

    - Tipprovdi lil Apple b'ittra ta' kreditu pendenti mingħand istituzzjoni finanzjarja BBB jew bi klassifikazzjoni aħjar (jew ekwivalenti għal S&P, Fitch, jew Moody's) b'ammont ta' mill-inqas USD 1 miljun (jew l-ammont ekwivalenti fil-munita lokali) skont l-istruzzjonijiet speċifikati fil-Materjali ta' Apple, u żżomm dik l-ittra ta' kreditu pendenti għal mill-inqas 6 xhur wara li l-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) jibda jiddistribwixxi l-apps lill-klijenti.

- L-Applikazzjoni Tiegħek trid:

    - Tkun binarju ġdid li jiġi ddistribwit biss fuq iOS fil-Ġappun (ħlief għal kwalunkwe ġuriżdizzjoni oħra jew pjattaforma ta' Apple espressament permessa minn Apple skont il-Ftehim (inkluż kwalunkwe addenda) li għaliha Inti tkun ukoll ksibt profil ta' intitolament korrispondenti); u

    - Ikollha bħala l-għan primarju tagħha l-iskoperta u d-distribuzzjoni tal-Applikazzjonijiet; u

    - Tiġi ddistribwita biss mis-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun).

- Inti trid:

    - Tipprovdi u tippubblika t-termini, inklużi dawk li jappartjenu għall-kontenut u għall-mudell tan-negozju, għall-Applikazzjonijiet li Inti se tiddistribwixxi, u taċċetta Applikazzjonijiet li jissodisfaw dawk it-termini, inklużi Applikazzjonijiet minn żviluppaturi oħrajn; jew

    - Tiddistribwixxi biss l-Applikazzjonijiet Tiegħek stess, fuq iOS fil-Ġappun.

- Inti trid tippubblika l-politiki tal-ġbir tad-dejta trasparenti u toffri kontroll lill-utenti fuq kif tinġabar u tintuża d-dejta tagħhom;

- Inti trid tirrikonoxxi li Inti se tikkonforma mal-liġijiet applikabbli tal-ġuriżdizzjonijiet li fihom topera, inklużi, eż., liġijiet dwar il-forniment ta' prodotti jew servizzi diġitali, jew marketplaces, protezzjoni tad-dejta u protezzjoni tal-konsumatur;

- Inti trid tipprovdi mekkaniżmu għall-utenti aħħarin, għal Apple, għall-iżviluppaturi tal-Applikazzjonijiet fuq il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun), u partijiet oħra sabiex ikunu jistgħu jinnotifikawk dwar tilwim dwar il-proprjetà intellettwali marbut mal-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun), is-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun), u/jew l-Applikazzjonijiet iddistribwiti fuq il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun), u tindirizzahom b'mod xieraq. Jekk issir konxju li l-kontenut fil-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun), is-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun), jew Applikazzjoni fuq il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) jiksru l-proprjetà intellettwali ta' Apple jew ta' oħrajn, jew jippermettu lil persuni oħrajn biex jagħmlu dan, Inti trid taġixxi malajr kemm jista' jkun biex tneħħi jew tiddiżattiva l-aċċess għal dak il-kontenut. Inti se tneħħi, wara li tkun ħriġt twissija minn qabel, lil żviluppaturi tal-Applikazzjonijiet minn fuq il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) li spiss jipprovdu kontenut li jmur kontra r-regoli;

- Inti trid tkun responsabbli biex tindirizza talbiet mill-gvern jew talbiet oħra biex tneħħi l-avviżi għal Applikazzjoni ddistribwita fuq il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) fuq bażi li hija illegali, tikser id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali ta' Apple jew ta' oħrajn, u/jew tmur kontra t-termini Tiegħek għall-Applikazzjonijiet;

- Inti trid kontinwament timmonitorja u tagħmel mezz biex tidentifika attività frawdolenti, malizzjuża, jew illegali fuq is-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun) jew l-Applikazzjonijiet Tiegħek (inkluż il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun)), jew żviluppaturi jew Applikazzjonijiet frawdolenti, malizzjużi, jew illegali fil-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun), u tieħu azzjoni xierqa meta tidentifika tali attività, Applikazzjonijiet, jew żviluppaturi;

- Inti trid tirrispondi għal komunikazzjonijiet mingħand Apple rigward il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun), is-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun), jew Applikazzjonijiet iddistribwiti fuq il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun), partikolarment rigward kwalunkwe mġiba frawdolenti, malizzjuża, jew illegali, jew kwalunkwe ħaġa oħra li Apple temmen li jkollha impatt fuq is-sikurezza, is-sigurtà, jew il-privatezza tal-utenti aħħarin;

- Inti ma tridx tikser il-proprjetà intellettwali ta' Apple jew ta' oħrajn, u Inti ma tridx tiddistribwixxi permezz tal-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) kwalunkwe Applikazzjoni li tikser il-proprjetà intellettwali ta' Apple jew ta' oħrajn. Intri trid timplimenta mekkaniżmu biex tirrevedi l-Applikazzjonijiet ta' żviluppaturi oħrajn għal ksur ta' proprjetà intellettwali qabel ma tiddistribwihom permezz tal-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun);

- Ma tistax tagħmel scraping, mining, irkupru, caching, analizzar, jew indiċjar tal-metadata, inkluża l-metadata tal-iżviluppatur jew tal-app, mill-App Store għall-użu mill-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) jew mis-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun). Għall-finijiet ta' ċarezza, dan ma jipprojbixxix l-użu Tiegħek ta' kwalunkwe metadata li żviluppatur jissottometti direttament Lilek, tal-metadata Tiegħek stess, jew ta' metadata direttament akkwistata Minnek skont il-liġi applikabbli. Barra minn hekk, ma tistax tuża jew tuża mill-ġdid għal skopijiet differenti klassifikazzjonijiet jew reċensjonijiet tal-utenti aħħarin maħluqa għall-App Store b'mod li jissuġġerixxi li r-reċensjoni nkitbet jew ġiet maħluqa għal xi ħaġa oħra għajr l-App Store; u;

- Ir-restawr (jiġifieri, permezz tal-backups tal-iOS għall-iCloud jew kompjuter) u t-tniżżil mill-ġdid tal-Applikazzjonijiet iddistribwiti permezz tal-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) jew tal-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) irid ikun mingħajr ħlas.

**B.** Barra minn hekk, biex tgħin tivverifika li l-installazzjonijiet tal-Applikazzjonijiet mill-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) jew tal-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) huma validi, il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) irid:

- Jipprovdi t-token tal-verifika tal-installazzjoni bħala parti mill-URLs li jibda bl-iskema kif definita mill-MarketplaceKit għal kull installazzjoni (inklużi l-installazzjoni inizjali, it-tniżżil mill-ġdid, l-aġġornamenti, u kwalunkwe forma oħra ta' installazzjoni) tal-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun); u

- Jipprovdi t-token tal-verifika tal-installazzjoni bħala parti mill-URLs li jibda bl-iskema kif definita mill-MarketplaceKit għal kull installazzjoni (inklużi l-installazzjoni inizjali, it-tniżżil mill-ġdid, l-aġġornamenti, u kwalunkwe forma oħra ta' installazzjoni) ta' Applikazzjoni mill-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun).

## 2.2 Applikazzjonijiet iddistribwiti fuq Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun)

**A.** Profili ta' intitolament li Inti titolob li huma disponibbli għall-Applikazzjonijiet meta jkunu ddistribwiti fuq l-App Store fuq l-iOS fil-Ġappun jistgħu jintużaw għall-Applikazzjonijiet meta jkunu ddistribwiti fuq Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun) fuq l-iOS fil-Ġappun, sakemm ma jkunx innotat mod ieħor minn Apple. Il-profili ta' intitolament li jappartjenu għall-kummerċ diġitali fl-apps tal-App Store jistgħu jintużaw biss mill-Applikazzjonijiet meta jkunu ddistribwiti fuq l-App Store. Dan jinkludi l-profil ta' intitolament għal Offerti Barra mill-App jew li joffri lpproċessar tal-Pagamenti Alternattiv skont dan l-Anness.

**B.** Apple tirriżerva d-dritt li tikkomunika ma' kwalunkwe Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun) li permezz tiegħu tiġi ddistribwita l-Applikazzjoni Tiegħek dwar l-istatus tal-Applikazzjoni Tiegħek, kwalunkwe mġiba frawdolenti, malizzjuża, jew illegali assoċjata mal-Applikazzjoni Tiegħek, u kwalunkwe ħaġa oħra li Apple temmen li jkollha impatt fuq is-sikurezza, is-sigurtà, jew il-privatezza tal-utenti aħħarin.

**C.** L-Applikazzjoni Tiegħek ma tridx tmur kontra l-proprjetà intellettwali ta' Apple jew ta' oħrajn. Jekk issir konxju li l-kontenut fl-Applikazzjoni Tiegħek imur kontra l-proprjetà intellettwali ta' Apple jew ta' oħrajn, Inti trid taġixxi malajr kemm jista' jkun biex tneħħi jew tiddiżattiva l-aċċess għal dak il-kontenut.

## 2.3 Termini Ġenerali għad-Distribuzzjoni Alternattiva

**A.** It-termini ta' din it-**Taqsima 2.3** japplikaw għall-Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun), is-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun), u l-Applikazzjonijiet distribwiti fuq il-Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun).

**B.** Sabiex ikunu disponibbli għall-installazzjoni fuq l-iOS, il-Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun) u l-Applikazzjonijiet iddistribwiti fuq il-Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun) iridu jsegwu t-termini tal-Ftehim, inklużi l-Linji Gwidi tar-Reviżjoni tan-Notarizzazzjoni.

**C.** It-Termini tal-Ftehim (**Taqsimiet 1-14**, u **l-Annessi, l-Iskedi, u d-Dokumenti Mehmużin** kollha) li japplikaw għall-Applikazzjonijiet jew l-Applikazzjonijiet Liċenzjati (inklużi meta jkunu ddistribwiti fuq l-App Store), japplikaw ukoll għall-Applikazzjonijiet u l-Applikazzjonijiet Liċenzjati meta jkunu ddistribwiti fuq il-Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun), kif ukoll għall-Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun), ħlief kif ġej:

- **Taqsima 3.3.4(A)(iii)**;

- Minkejja **Taqsima 3.3.9(C)** tal-Ftehim, l-użu tal-Apple Pay APIs għax-xiri (inkluż xiri diġitali jew fiżiku) mill-Applikazzjonijiet meta jiġu ddistribwiti fuq il-Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun), kif ukoll mill-Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun), huwa permess, dment li Inti ssegwi l-Linji Gwida dwar l-Użu Aċċettabbli għal Apple Pay fuq il-Web u tkun aċċettajt t-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Web għall-Pjattaforma ta' Apple Pay applikabbli u l-ftehimiet relatati. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, meta Inti tuża l-Apple Pay APIs b'dan il-mod, it-tifsira ta' "sit elettroniku" fil-Linji Gwida dwar l-Użu Aċċettabbli għal Apple Pay fuq il-Web u "Sit Elettroniku" fit-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Web għall-Pjattaforma ta' Apple Pay u ftehimiet relatati, tinkludi l-Applikazzjonijiet Tiegħek li jagħmlu użu mill-Pjattaforma ta' Apple Pay biex jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet;

- **Taqsima 6.3**

- **Taqsima 7.1** u **Taqsima 7.2**

- **Anness 2**, u

- **Skedi 1, 2**, u **3** tal-Ftehim ma japplikawx.

Din it-**Taqsima 2.3(C)** m'għandha l-ebda effett fuq it-termini tal-Ftehim li japplikaw għall-Applikazzjonijiet u l-Applikazzjonijiet Liċenzjati meta jiġu ddistribwiti fuq l-App Store, anke jekk l-ID tal-grupp ikun l-istess.

**D.** Il-metadata li tipprovdi lil Apple permezz ta' App Store Connect jew il-Marketplace Search API għall-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun), jew l-Applikazzjonijiet Tiegħek jew ta' żviluppaturi oħrajn iddistribwiti fuq il-Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun) trid tkun adegwata għall-udjenzi kollha (età 4+).

**E.** Minkejja t-termini tal-Ftehim, Inti tagħti permess lil Apple biex tuża l-Informazzjoni tal-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek sottomessa permezz tal-App Store Connect, u kwalunkwe metadata bħal din ipprovduta minn Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun) li jiddistribwixxi l-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek u jintegra mal-Marketplace Search API, għat-tfittxija u l-iskoperta ta' kontenut permezz tal-iOS fuq apparati bl-iOS. Barra minn hekk, Inti taqbel li sakemm ma tinfurmax lil Apple mod ieħor bil-miktub, Apple tista' tuża l-metadata sottomessa Tiegħek f'avvenimenti ta' Apple Developer (eż., Konferenza għall-Iżviluppaturi Globali, vidjows online) u fid-dokumentazzjoni tal-iżviluppaturi.

**F.** Inti tiċċertifika li kull waħda mill-Applikazzjonijiet li Inti twassal lil Apple li għaliha turi l-intenzjoni li trid tiddistribwixxiha bħala Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), jew li għandek l-intenzjoni li tiddistribwixxiha permezz ta' Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), hija awtorizzata għall-esportazzjoni mill-Istati Uniti għal kwalunkwe post fil-Ġappun fejn Inti tiddistribwixxi, skont ir-rekwiżiti tal-liġijiet applikabbli kollha, inklużi, iżda mhux limitati għal, ir-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Esportazzjoni tal-Istati Uniti, 15 C.F.R. Partijiet 730-774 u l-liġijiet lokali applikabbli. Barra minn hekk, Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li l-verżjonijiet kollha tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati li twassal lil Apple mhumiex soġġetti għar-Regolamenti dwar it-Traffiku Internazzjonali tal-Armi 22 C.F.R. Partijiet 120-130 u mhumiex iddiżinjati, magħmula, modifikati jew konfigurati għal kwalunkwe utent aħħari militari jew użu aħħari kif definiti fi u mogħtija fl-ambitu ta' 15 C.F.R. § 744. Mingħajr ma tillimita l-ġeneralità ta' din it-**Taqsima 2.3(F)**, Inti tiċċertifika li: (i) l-ebda waħda mill-Applikazzjonijiet ma fiha, tuża jew tappoġġa xi kriptaġġ tad-dejta jew funzjonijiet kriptografiċi; jew (ii) f'każ li kwalunkwe Applikazzjoni fiha, tuża jew tappoġġa xi kriptaġġ tad-dejta jew funzjonalità kriptografika bħal din, Inti tiċċertifika li Inti

kkonformajt mar-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Esportazzjoni tal-Istati Uniti, kif ukoll mal-liġijiet lokali applikabbli, u għandek kopji PDF tad-deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-esportazzjoni ("CCATS") maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti, l-Uffiċċju tal-Industrija u s-Sigurtà (Bureau of Industry and Security – "BIS") jew kwalunkwe rapport ta' awtoklassifikazzjoni ppreżentat lill-BIS, u awtorizzazzjonijiet xierqa minn reġjuni oħra li jagħtu l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni għal dik l-Applikazzjoni, kif meħtieġ, u li meta tintalab se tipprovdihom lil Apple. Għall-finijiet ta' ċarezza, jekk Inti tqabbad Fornitur tas-Servizz biex jassistik fl-użu ta' Software u Servizzi ta' Apple dment li b'mod konformi ma' dan l-Anness, u mar-rekwiżiti l-oħra addizzjonali stipulati fil-Ftehim, tali Fornitur tas-Servizz irid jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fit-**Taqsima 14.8** tal-Ftehim.

**G.** Il-Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), is-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun), jew Applikazzjoni ddistribwita fuq Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), ma jridux imorru kontra l-proprjetà intellettwali ta' Apple jew jidhru simili għall-App Store jew għal xi prodott, servizz, interfaċċja, applikazzjoni tas-software tal-kompjuter, jew tema tar-reklamar ta' Apple (inkluż, iżda mhux limitat għal, l-użu ta' App Store, TestFlight, App Store Connect, l-ikona ta' App Store, l-ikona ta' TestFlight, u l-ikona ta' App Store Connect). M'għandekx tapplika għal jew tirreġistra trademark, marka tas-servizz, jew dritt tal-awtur għal trademark ta' Apple, marka tas-servizz, simbolu grafiku, logo, ikona, trade dress, slogan, jew varjazzjoni simili bħala isem ta' kumpanija, ta' prodott, jew ta' servizz (inkluż l-isem tal-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) jew is-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun), jew tinkorporahom. M'għandekx, direttament jew indirettament, tissuġġerixxi jew timplika li Apple tirrakkomanda, tapprova, jew tisponsorja Lilek, il-Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), is-Sit Elettroniku ta' Marketplace Tiegħek (il-Ġappun), jew kwalunkwe Applikazzjoni. Sakemm ma jkollokx liċenzja espliċita bil-miktub, l-użu ta' trademark, marka tas-servizz, trade dress, slogan, simbolu grafiku, logo, ikona, jew varjazzjoni simili ta' Apple f'tali manjiera li tissuġġerixxi jew timplika affiljazzjoni, approvazzjoni, jew sponsorizzazzjoni minn Apple jikser it-termini ta' dan il-Ftehim.

**H.** Il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun), jew Applikazzjoni ddistribwita fuq Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), ma jistgħux jiġbru u juru links li jieħdu lill-utenti aħħarin lejn l-App Store (pereżempju, bħala storefront jew marketplace).

**I.** Il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) jew Applikazzjoni ddistribwita fuq Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun) iridu:

- Jadottaw MarketplaceKit b'konformità mal-Materjali ta' Apple; u

- Jiddikjaraw fl-Info.plist jekk il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun), jew l-Applikazzjoni ddistribwita fuq Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun) joffrux prodotti u servizzi diġitali għall-bejgħ, b'konformità mal-Materjali ta' Apple.

### 3. Termini tan-Negozju tal-App Store fuq l-iOS għall-Ġappun

### 3.1 Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà u tal-Programm għall-Ipproċessar tal-Pagamenti Alternattiv u Offerti Barra mill-App

**A.** Biex tuża l-Ipproċessar tal-Pagamenti Alternattiv jew l-Offerti Barra mill-App, l-Applikazzjoni Tiegħek trid tkun:

1. Iddistribwita fuq l-iOS fl-istorefront tal-App Store tal-Ġappun; u

2. Ġiet issottomessa mal-intitolament deskritt fil-Materjali ta' Apple.

**B.** Inti trid tiżgura li fl-istorefront tal-Ġappun, l-Applikazzjoni Tiegħek ma toffrix:

- Offerti Barra mill-App lil kwalunkwe utent aħħari, jekk l-Applikazzjoni Tiegħek tkun fil-kategorija tat-Tfal tal-App Store;

- Offerti Barra mill-App lil utenti aħħarin li jkollhom inqas minn 13-il sena; jew

- Ipproċessar tal-Pagamenti Alternattiv lil utenti aħħarin taħt it-18-il sena, jew Offerti Barra mill-App lil utenti aħħarin li jkollhom minn 13 sa inqas minn 18-il sena, sakemm ma tkunx ipprovdejt dawn l-għażliet permezz ta' sistema ta' protezzjoni mill-ġenituri ("parental gate").

**C.** L-Applikazzjoni Tiegħek ma tistax tuża lingwaġġ dispreġġjattiv jew trattamenti viżivi li jiskoraġġixxu jew jinterrompu l-użu tas-sistema ta' xiri fi ħdan l-app ta' Apple.

**D.** Barra minn hekk, meta l-Applikazzjoni Tiegħek tuża Proċessar tal-Pagamenti Alternattiv u/jew Offerti Barra mill-App permezz ta' links azzjonabbli (kollettivament, "**għażliet ta' pagament**"), għal kull xiri diġitali offrut fuq kwalunkwe interfaċċja tal-utent tal-Applikazzjoni Tiegħek, inti trid:

- Toffri s-sistema ta' xiri fi ħdan l-app ta' Apple flimkien ma' kwalunkwe għażla oħra ta' pagament li tagħżel li tinkludi fuq dik l-interfaċċja tal-utent;

- Turi s-sistema ta' xiri fi ħdan l-app ta' Apple mill-inqas bl-istess prominenza u f'kull ħin li tkun qed tintwera kwalunkwe għażla oħra ta' pagament fuq tali interfaċċja tal-utent; u

- Meta tiġi ppreżentata fl-istess interfaċċja tal-utent bħala għażla oħra ta' pagament, segwi l-istruzzjonijiet fil-Materjali ta' Apple għall-preżentazzjoni tas-sistema ta' xiri fi ħdan l-app ta' Apple.

**E.** Ma tistax tinkludi informazzjoni dwar ix-xiri fuq sit elettroniku jew link għal sit elettroniku għax-xiri, jew informazzjoni dwar ix-xiri permezz tal-Ipproċessar tal-Pagamenti Alternattiv, fuq il-paġna tal-prodott tal-Applikazzjoni Tiegħek fl-App Store.

**F.** Minkejja t-**Taqsima 3.3.9(C)** tal-Ftehim, l-Apple Pay APIs jistgħu jintużaw fl-Applikazzjoni Tiegħek għal xiri diġitali offrut permezz ta' Offerti Barra mill-App jew Proċessar tal-Pagamenti Alternattiv.

**G.** Fejn l-Applikazzjoni Tiegħek tuża Proċessar tal-Pagamenti Alternattiv u/jew Offerti Barra mill-App, ma tistax tuża l-profil ta' intitolament tal-Kont b'Link Esterna ta' StoreKit għal apps qarrejja fl-Applikazzjoni Tiegħek. L-użu tal-profil ta' intitolament tal-Kont b'Link Esterna ta' StoreKit għal apps qarrejja ma jikkostitwixxix użu ta' Proċessar tal-Pagamenti Alternattiv jew Offerti Barra mill-App.

**H.** TestFlight jista' jintuża għall-finijiet ta' ttestjar beta ta' Proċessar tal-Pagamenti Alternattiv u/jew Offerti Barra mill-App, bil-kundizzjoni li kwalunkwe tranżazzjoni li sseħħ matul tali ttestjar tiġi pprovduta lit-testers mingħajr ebda spiża.

**I.** Il-profil ta' intitolament għal Proċessar tal-Pagamenti Alternattiv u/jew Offerti Barra mill-App huwa kompatibbli biss ma' apparati fil-Ġappun fuq iOS 26.2, jew verżjoni aktar riċenti.

### 3.2 Proċessar tal-Pagamenti Alternattiv: Rekwiżiti ta' Disinn u Tekniċi

**A.** Qabel kull fluss ta' pagament fejn l-utent aħħari jkun se jagħmel ix-xiri billi juża s-Sistema Alternattiva ta' Pagament Tiegħek, u qabel kull fluss biex tiddaħħal informazzjoni ta' pagament għas-Sistema Alternattiva ta' Pagament Tiegħek, anke jekk mhux għal xiri speċifiku, Inti trid tuża

l-APIs rilevanti ta' StoreKit sabiex (1) tiddetermina li Inti tista' tuża l-Ipproċessar tal-Pagamenti Alternattiv u tikkonferma l-eliġibbiltà u l-abbiltà li jsiru pagamenti; u (2) meta applikabbli, turi l-iskeda ta' divulgazzjoni tas-sistema. Għal perjodu ta' żmien, jista' jkun meħtieġ li turi l-iskeda ta' divulgazzjoni tas-sistema skont l-istruzzjonijiet fil-Materjali ta' Apple; ara l-Materjali ta' Apple għal aktar dettalji.

**B.** Il-fluss ta' pagament fi ħdan l-app li Inti tipprovdi lill-utenti aħħarin li jużaw is-Sistema Alternattiva ta' Pagament Tiegħek għandu jitlesta fl-istess Applikazzjoni Tiegħek.

**C.** Lanqas ma jista' l-fluss ta' pagament fi ħdan l-app ikun fih kwalunkwe funzjonalità jew imġiba ta' pagament moħbija, inattiva, jew mhux dokumentata.

### 3.3 Offerti Barra mill-App: Rekwiżiti ta' Disinn u Tekniċi

**A.** Qabel kull istanza ta' Offerti Barra mill-App li tuża link azzjonabbli mill-Applikazzjoni Tiegħek biex tieħu l-utent aħħari lejn sit elettroniku biex jixtri prodotti jew servizzi diġitali, Inti trid tuża l-APIs rilevanti ta' StoreKit sabiex (1) tiddetermina li tista' tuża Offerti Barra mill-App u tikkonferma l-eliġibbiltà u l-abbiltà li jsiru pagamenti; u (2) meta applikabbli, turi l-iskeda ta' divulgazzjoni tas-sistema. Għal perjodu ta' żmien, jista' jkun meħtieġ li turi l-iskeda ta' divulgazzjoni tas-sistema skont l-istruzzjonijiet fil-Materjali ta' Apple; ara l-Materjali ta' Apple għal aktar dettalji.

**B.** Minbarra r-rekwiżiti stipulati fil-Materjali ta' Apple, kull link azzjonabbli li Inti tipprovdi fl-Applikazzjoni Tiegħek għal Offerti Barra mill-App skont dan l-Anness trid:

- Tiftaħ tieqa jew tab fl-app tal-brawżer tal-web default fuq l-apparat sabiex l-utenti aħħari jtemm it-tranżazzjoni, u ma tistax tiftaħ dehra tal-web; u

- Tkun akkumpanjata minn informazzjoni preċiża dwar il-prodotti jew is-servizzi diġitali disponibbli għax-xiri fuq is-sit elettroniku.

### 3.4 Rekwiżiti Kummerċjali

**A.** Ix-xiri diġitali mibjugħ fuq sit elettroniku lill-utenti aħħarin wara Offerti Barra mill-App mill-Applikazzjoni Tiegħek, u li jiġi kkummerċjalizzat bħala għall-użu f'Applikazzjoni, għandu jkun disponibbli għall-użu f'dik l-Applikazzjoni.

**B.** Jekk l-Applikazzjoni Tiegħek tuża Proċessar tal-Pagamenti Alternattiv jew Offerti Barra mill-App biex twettaq azzjonijiet jew prattiċi qarrieqa, frawdolenti, mhux xierqa, illegali, jew diżonesti bħal reklamar ta' prodotti differenti, scams, jew frodi tal-pagament, din se titneħħa mill-App Store u Inti tista' titneħħa mill-Apple Developer Program

**C.** Inti tiċċertifika li kwalunkwe fornitur tas-servizz ta' pagament li tuża barra jew ġewwa l-Applikazzjoni Tiegħek jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Payment Card Industry (PCI) tal-Livell 1 għall-immaniġġjar tad-dejta tal-kards ta' kreditu u ta' debitu (jekk applikabbli), u jikkonforma ma' kwalunkwe liġi applikabbli dwar il-provvista tas-servizzi ta' pagament meta ma tkunx qed timmaniġġja dejta tal-kards ta' kreditu u ta' debitu.

**D.** Inti taqbel li tagħmel proċess ta' servizz għall-klijent disponibbli għall-utenti aħħarin tal-Applikazzjoni Tiegħek, inkluż proċess biex jiġu kontestati tranżazzjonijiet mhux awtorizzati, biex jiġu mmaniġġjati l-abbonamenti (jekk applikabbli), u biex jitressqu talbiet għal rifużjoni.

## 3.5 Kummissjonijiet u Pagamenti fl-Istorefront tal-App Store tal-Ġappun

**A.** It-termini f'din it-**Taqsima 3.5** japplikaw għal Applikazzjonijiet fuq l-iOS iddistribwiti fl-istorefront tal-App Store tal-Ġappun.

**B.** Għall-Ipproċessar tal-Pagamenti Alternattiv, Apple għandha d-dritt għal kummissjoni tal-App Store ta' wieħed u għoxrin fil-mija (21%) mill-bejgħ li jirriżulta minn xiri ta' prodotti jew servizzi diġitali, inkluż xiri ta' darba u abbonamenti li jiġġeddu awtomatikament. Ir-rata tal-kummissjoni hija għaxra fil-mija (10%) għal dawn it-tranżazzjonijiet (1) waqt li Inti tkun parteċipant fl-App Store Small Business Program; (2) fejn l-Applikazzjoni Tiegħek tipparteċipa fl-Apple Video Partner Program jew fil-Mini Apps Partner Program u t-tranżazzjoni tkun ikkwalifikat għar-rata tal-programm jekk kienet saret bis-sistema ta' xiri fi ħdan l-app ta' Apple; jew (3) fejn it-tranżazzjoni tiġġedded awtomatikament fit-tieni sena jew aktar tard għax huwa abbonament li jiġġedded awtomatikament. Għall-App Store Small Business Program, kwalunkwe qligħ mit-tranżazzjoni (l-ammont nett tal-kummissjoni ta' Apple u ċerti taxxi u aġġustamenti) li Inti taqla' jgħoddu għall-eliġibbiltà tal-programm. Tali kummissjoni tapplika għall-ammonti kollha pagabbli minn kull utent aħħari, soġġetta għal kwalunkwe rifużjoni, treġġigħ lura, jew chargeback, l-ammont nett tat-taxxi tat-tranżazzjoni ċċarġjat Minnek.

**C.** Għas-sistema ta' xiri fi ħdan l-apps ta' Apple, il-Ftehim tal-Applikazzjonijiet Imħallsa qed jiġi emendat u miktub mill-ġdid biex jirrifletti l-aġġornamenti għall-bejgħ li jirriżulta sabiex ir-rata tal-kummissjoni ta' Apple għall-bejgħ tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati tkun wieħed u għoxrin fil-mija (21%). U (1) waqt li Inti tkun parteċipant fl-App Store Small Business Program; (2) fejn il-bejgħ jikkwalifika għal rata ta' programm taħt l-Apple Video Partner Program jew il-Mini Apps Partner Program; jew (3) fejn ikun sar xiri ta' abbonament li jiġġedded awtomatikament li jikkwalifika għal aktar minn sena kif deskritt fil-Ftehim tal-Applikazzjonijiet Imħallsa, ir-rata tal-kummissjoni tkun għaxra fil-mija (10%). Għal kull bejgħ kopert f'din it-**Taqsima 3.5(C)**, ikun hemm miżata addizzjonali ta' ħamsa fil-mija (5%) għall-ipproċessar tal-pagamenti ta' App Store u servizzi kummerċjali relatati.

**D.** Għal Offerti Barra mill-App, Apple hija intitolata għal kummissjoni tas-servizzi ta' ħanut ta' ħmistax fil-mija (15%) fuq bejgħ ta' prodotti jew servizzi diġitali (inkluż xiri ta' darba biss u abbonamenti li jiġġeddu awtomatikament) fuq sit elettroniku, li jibdew fi żmien sebat (7) ijiem kalendarji wara li l-utent aħħari jagħfas fuq jew jiskennja link azzjonabbli biex mill-Applikazzjoni Tiegħek imur fuq is-sit elettroniku. Ir-rata tal-kummissjoni hija għaxra fil-mija (10%) għal dawn it-tranżazzjonijiet (1) waqt li Inti tkun parteċipant fl-App Store Small Business Program; (2) fejn l-Applikazzjoni Tiegħek tipparteċipa fl-Apple Video Partner Program jew fil-Mini Apps Partner Program u t-tranżazzjoni tkun ikkwalifikat għar-rata tal-programm jekk kienet saret bis-sistema ta' xiri fi ħdan l-app ta' Apple; jew (3) fejn it-tranżazzjoni tiġġedded awtomatikament fit-tieni sena jew aktar tard għax ikun abbonament li jiġġedded awtomatikament. Għall-App Store Small Business Program, kwalunkwe qligħ mit-tranżazzjoni (l-ammont nett tal-kummissjoni ta' Apple u ċerti taxxi u aġġustamenti) li Inti taqla' jgħoddu għall-eliġibbiltà tal-programm. Fejn it-tranżazzjoni tkun abbonament (inklużi provi jew offerti mingħajr ħlas), it-tiġdid awtomatiku sussegwenti jkun soġġett għal kummissjoni. Tali kummissjoni tapplika għall-ammonti kollha pagabbli minn kull utent aħħari, soġġetta għal kwalunkwe rifużjoni, treġġigħ lura, jew chargeback, l-ammont nett tat-taxxi tat-tranżazzjoni ċċarġjat Minnek.

## 4. Core Technology Commission

**A.** It-termini ta' din it-Taqsima 4 japplikaw għal Marketplaces Alternattivi tal-Apps (il-Ġappun) jew l-Applikazzjonijiet distribwiti fuq Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun).

**B.** Il-Core Technology Commission tapplika għal kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew servizzi diġitali (inkluż xiri ta' darba u abbonamenti li jiġġeddu awtomatikament) li jsir minnek fil-

Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) jew l-Applikazzjoni Tiegħek distribwita fuq Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), u tista' tintuża f'Applikazzjoni distribwita fuq pjattaforma ta' Apple.

**B.** Il-Core Technology Commission tapplika wkoll għal kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew servizzi diġitali fuq pjattaforma ta' Apple (inkluż xiri ta' darba u abbonamenti li jiġġeddu awtomatikament) li huma meħtieġa biex tniżżel jew taċċessa Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun) jew Applikazzjoni distribwita fuq Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun).

**D.** Finalment, il-Core Technology Commission tapplika għal kwalunkwe bejgħ fuq sit elettroniku ta' prodotti jew servizzi diġitali (inkluż xiri ta' darba biss u abbonamenti li jiġġeddu awtomatikament) li jistgħu jintużaw f'Applikazzjoni distribwita fuq pjattaforma ta' Apple, jekk il-bejgħ ikun beda fi żmien sebat (7) ijiem kalendarji wara li l-utent aħħari jkun għafas fuq jew skennja link azzjonabbli biex imur minn fuq il-Marketplace Alternattiv tal-Apps Tiegħek (il-Ġappun) jew Applikazzjoni distribwita fuq Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun) għas-sit elettroniku. F'każijiet bħal dawn, fejn il-bejgħ ikun abbonament (inklużi provi jew offerti mingħajr ħlas), it-tiġdid awtomatiku sussegwenti wkoll jiġi kkunsidrat bħala bejgħ kopert taħt din it-**Taqsima 4(C)**.

**E.** Il-Core Technology Commission hija ħames fil-mija (5%) tal-bejgħ kollu kopert f'din it-**Taqsima 4**. Tali kummissjoni tapplika għall-ammonti kollha pagabbli minn kull utent aħħari, soġġetta għal kwalunkwe rifużjoni, treġġigħ lura, jew chargeback, l-ammont nett tat-taxxi tat-tranżazzjoni ċċarġjat Minnek.

## 5. Termini Kummerċjali Addizzjonali

### 5.1 Ġenerali

**A.** Għall-għanijiet tat-**Taqsimiet 3.4** u **3.5**, u din it-**Taqsima 5**, "Apple" tista' tkun Entità ta' Apple, skont il-post fejn tinsab, jew l-istorefront tal-utent aħħari. Ara l-Materjali ta' Apple għal aktar dettalji. Din it-**Taqsima 5** tapplika għal kwalunkwe bejgħ soġġett għal kummissjonijiet u/jew miżati dovuti lil Apple skont it-**Taqsimiet 3** u/jew **4**.

**B.** Għall-għanijiet tal-bejgħ kopert taħt din it-**Taqsima 5** biss, Inti taġixxi bħala l-bejjiegħ f'Ismek stess u skont it-termini Tiegħek.

### 5.2 Rappurtar, Ħruġ tal-Fatturi, Pagamenti

**A.** Inti trid tipprovdi lil Apple r-rapporti tal-bejgħ, skont il-perjodi ta' żmien u r-rekwiżiti pprovduti fil-Materjali ta' Apple.

**B.** Apple se toħroġlok fattura għall-kummissjonijiet kollha u għal kwalunkwe taxxa applikappli jew ħlasijiet oħra dovuti, u se tagħmel sforzi kummerċjalment raġonevoli biex twettaq dan fi żmien ħmistax-il jum (15) kalendarju minn meta tirċievi r-rapport(i) li jkopri/jkopru xahar kalendarju. Il-fattura tista' tinħareġ minn affiljat ta' Apple. Fi żmien tletin (30) jum kalendarji minn meta tinħareġ il-fattura, Inti se tħallas il-kummissjonijiet kollha u kwalunkwe taxxa applikabbli skont l-istruzzjonijiet ta' Apple fil-Materjali ta' Apple u fil-munita ddikjarata fil-fattura, billi tuża metodu ta' pagament approvat minn Apple Għalik (u kif jista' jkun modifikat minn Apple minn żmien għal żmien).

**C.** Kwalunkwe tilwim dwar pagament irid jiġi sottomess qabel ma jkun dovut il-pagament. Jekk il-partijiet jiddeterminaw li ċerti inkorrettezzi fil-ħruġ tal-fattura huma tort ta' Apple, Apple għandha toħroġ fattura kkoreġuta sussegwenti. Jekk ir-rapporti li Inti tissottometti juru li Inti ħriġt rifużjoni, Apple se tirrimborżak għall-kummissjoni mħallsa lil Apple fuq il-bejgħ li miegħu tkun marbuta r-rifużjoni, u se tagħmel dan f'forma ta' kreditu f'fatturi futuri.

**D.** Fejn bejgħ li jkun soġġett għall-kummissjonijiet u/jew miżati dovuti lil Apple taħt it-**Taqsima 3** u/jew **4** isir minn xi ħaddieħor apparti Inti, Inti jrid ikollok ftehim ma' dik il-persuna li japplika r-rekwiżiti ta' dan l-Anness għal dak il-bejgħ, u Inti responsabbli (inkluż billi tinforza l-ftehim Tiegħek magħha jekk meħtieġ) biex tiżgura li tibgħat rapporti tal-bejgħ lil Apple u li tħallas lil Apple l-kummissjonijiet u/jew il-miżati applikabbli, skont il-perjodi ta' żmien u r-rekwiżiti fil-Materjali ta' Apple u dan l-Anness.

**E.** Din it-**Taqsima 5.2(E)** tapplika b'mod addizzjonali għad-drittijiet l-oħra ta' Apple taħt dan il-Ftehim, u kwalunkwe rimedju ieħor bil-liġi jew ekwità. Pagamenti tardivi jġarrbu l-imgħax bir-rata ta' wieħed fil-mija (1%) fix-xahar jew l-ogħla rata permessa bil-liġi, skont liema waħda tkun l-aktar baxxa. U jekk tonqos milli tħallas lil Apple kwalunkwe jew kull ammont dovut u dovut Minnek jew minn kwalunkwe wieħed mill-affiljati Tiegħek lil Apple skont jew b'rabta ma' dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim ieħor, Apple tirriżerva d-dritt, fi kwalunkwe żmien u minn żmien għal żmien, li tpaċi dawk l-ammonti (b'mod sħiħ jew parzjali) kontra kwalunkwe ammont (inklużi ammonti miġbura minn Apple f'Ismek minn utenti aħħarin) dovuti Lilek jew lill-affiljati Tiegħek mingħand Apple. Jekk kwalunkwe ammont li jrid jiġi paċut ikun espress f'muniti differenti, Apple tista' tikkonverti kwalunke ammont bħal dan għall-munita ta' rimessa maqbula bejn Apple u bejnek skont rata ta' skambju fissa għall-Perjodu ta' Kunsinna, kif rifless f'App Store Connect, kif jista' jkun aġġornat minn żmien għal żmien. Kwalunkwe eżerċizzju minn Apple tad-drittijiet tagħha skont din it-Taqsima m'għandux jillimita jew jaffettwa kwalunkwe dritt jew rimedju ieħor disponibbli lilha skont il-Ftehim jew mod ieħor.

## 5.3 Taxxi

**A.** Inti responsabbli għat-taxxi, inkluż li (iżda mhux limitat għal): (i) tiddetermina jekk bejgħ ikunx taxxabbli; (ii) timponi u tiġbor it-taxxi bir-rata applikabbli; (iii) tħallas it-taxxi lill-awtorità tat-taxxa xierqa; u (iv) tipprovdi kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa lill-utent aħħari jew lil awtorità tat-taxxa xierqa. Jekk Apple tiddetermina li hija obbligata tiġbor jew tħallas kwalunke taxxa fir-rigward ta' bejgħ, tali taxxi (u kwalunkwe informazzjoni meħtieġa minn Apple biex tiddetermina tali taxxi) se tiġi miġbura separatament mingħandek minn Apple, u Inti tħallas tali taxxi lil Apple skont it-termini ta' dan l-Anness.

**B.** Apple tista' toħroġlok fattura għal kwalunkwe taxxa, imposta, dazju, spiża, ħlas, tnaqqis, jew kwalunkwe ħlas ta' effett ekwivalenti, kif impost minn kwalunkwe awtorità tat-taxxa fuq jew fir-rigward ta' kwalunkwe kummissjoni. Apple għandha tiddetermina, tiġbor, u tgħaddi tali taxxi applikabbli lill-awtoritajiet tat-taxxa kompetenti u Inti taqbel li tħallas tali taxxi kif fatturati minn Apple. F'każ li kwalunkwe awtorità tat-taxxa timponi kwalunkwe responsabbiltà ta' konformità mar-regoli tat-taxxa fuqek inkluż, iżda mhux biss, kontabilità tar-reverse charge, awtokontabilità, u rappurtar, Inti għandek tassumi r-responsabbiltà kollha għal tali obbligi ta' konformità.

**C.** Jekk Apple hija obbligata tiġbor jew tħallas kwalunkwe taxxa li mhix koperta f'dan l-Anness fir-rigward tal-pagament li Inti tagħmel lil Apple, tali taxxi jiġu ffatturati Lilek, u Inti se tħallas tali taxxi lil Apple.

**D.** Sal-punt li taxxi miżmuma f'ras il-għajn huma meħtieġa skont il-liġi applikabbli li jiġu mnaqqsa minn jew fir-rigward ta' kwalunkwe ammont pagabbli lil Apple skont it-termini ta' dan l-Anness, Inti se: (i) tħallas tali ammonti addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiżgura li Apple tirċievi ammont nett ugwali għall-ammont sħiħ li tkun irċeviet skont it-termini ta' dan l-Anness jekk ma jkunu saru l-ebda tnaqqis jew żamma f'ras il-għajn; (ii) tagħmel tali tnaqqis; (iii) tiddepożita tali taxxi mal-awtorità tat-taxxa tal-gvern rilevanti fiż-żmien kif preskritt skont il-liġi applikabbli; u (iv) tipprovdi lil Apple d-dokumentazzjoni, li tkun raġonevolment sodisfaċenti lil Apple, ta' tali rimessa.

**E.** Inti tirrappreżenta li Inti rreġistrat b'mod xieraq fil-ġuriżdizzjoni applikabbli, li għandek identifikatur validu f'konformità mal-ġuriżdizzjoni applikabbli, u li se tinnotifika lil Apple jekk ma tibqax irreġistrat jew ma jkollokx l-identifikatur validu aktar. Barra minn hekk, Inti se tipprovdi lil Apple, fi żmien xieraq, kwalunkwe identifikatur applikabbli, evidenza tar-reġistrazzjoni, dokumentazzjoni tat-taxxa, ċertifikazzjoni, jew informazzjoni mitluba minn Apple, u n-nuqqas li tagħmel dan jista' jirriżulta fir-revoka tal-abbiltà Tiegħek jew tal-Applikazzjoni Tiegħek li toperaw Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), li tiġu ddistribwiti fuq Marketplace Alternattiv tal-Apps (il-Ġappun), jew li tużaw Ipproċessar Alternattiv tal-Pagamenti, jew Offerti Barra mill-App fost drittijiet oħra li Apple għandha skont dan l-Anness. Inti taqbel li tindennizza u żżomm bla ħsara lill-Partijiet Indennizzati ta' Apple għal kwalunkwe Telf li jirriżulta minn din il-ħtieġa.

### 5.4 Id-Dritt ta' Apple li Twettaq Verifika

Minkejja kwalunkwe terminu fil-kuntrarju, Inti għandek iżżomm u taġġorna kotba u rekords kompleti u preċiżi rigward l-ammonti pagabbli lil Apple li jirriżultaw minn bejgħ, u rifużjonijiet mitluba, inklużi taxxi, għal tliet (3) snin wara d-data tat-trażmissjoni ta' rapporti lil Apple. Apple tista' teżamina u tivverifika l-kotba u r-rekords Tiegħek li jirrelataw ma' kwalunkwe bejgħ kopert taħt din it-**Taqsima 5** u rifużjonijiet mitluba fuq tali bejgħ matul tali perjodu ta' tliet snin biex tivverifika li l-pagamenti lil Apple huma korretti. Għall-finijiet ta' ċarezza, Apple ma tistax teżamina u tivverifika d-dejta finanzjarja kollha Tiegħek, iżda biss dik id-dejta rilevanti biex tiddetermina l-korrettezza tal-kummissjoni ta' Apple, tal-pagamenti lil Apple u tar-rifużjonijiet mitluba. Biex tissodisfa talba ta' verifika, Inti trid, fi żmien tletin (30) jum mit-talba, tippermetti li ssir verifika. Apple tista' taħtar accountant pubbliku ċċertifikat indipendenti li fil-preżent ma jkunx involut f'xi verifika ta' Apple jew Tiegħek biex jivverifika l-kotba u r-rekords applikabbli Tiegħek f'ħin u post maqbul bejnietkom matul il-ħinijiet tax-xogħol normali Tiegħek.

## 6. Termini Ġenerali

### 6.1 Profili ta' Intitolament

**A.** Xi abbiltajiet f'dan l-Anness jeħtieġu profil ta' intitolament. F'tali każijiet, Inti tista' tuża l-profil ta' intitolament biss mal-Applikazzjoni li Inti tkun tlabt il-profil ta' intitolament għaliha u li Apple tkun approvat l-użu tiegħu. Inti taqbel li tissottometti informazzjoni veritiera, preċiża, u kompleta lil Apple rigward l-użu mitlub Minnek ta' tali profili ta' intitolament u APIs assoċjati, u biex taġġorna lil Apple skont l-istruzzjonijiet ipprovduti fil-Materjali ta' Apple jekk kwalunkwe ħaġa mill-informazzjoni Tiegħek tinbidel. Inti tirrikonoxxi li xi tibdil jista' jaffettwa l-eliġibbiltà kontinwa Tiegħek għal profil ta' intitolament. Apple se tirrevedi t-talba Tiegħek u tirriżerva d-dritt li ma tipprovdilekx profil ta' intitolament kif jidhrilha xieraq hi biss, f'liema każ, Inti mhux se tkun tista' tuża l-profil ta' intitolament jew l-APIs assoċjati, u li tirrevoka tali profil ta' intitolament, kif jidhrilha xieraq hi biss. Apple mhux se jkollha xi responsabbiltà Lejk talli tirrifjuta t-talba Tiegħek għal profil ta' intitolament jew għal aċċess għal APIs assoċjati anke jekk Inti tkun qbilt ma' dan l-Anness.

**B.** Inti tirrikonoxxi u taqbel li Inti mhux se tuża, jew tipprova tuża, l-APIs assoċjati jew twettaq xi attivitajiet permessi (eż., tiddistribwixxi Applikazzjonijiet, Ipproċessar tal-Pagamenti Alternattiv u/jew Offerti Barra mill-App) sakemm ma tkunx irċivejt il-profil ta' intitolament rilevanti mingħand Apple. Jekk tirċievi profil ta' intitolament, li mbagħad ikun soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan l-Anness u ta' dan il-Ftehim, hawnhekk Apple qed tagħtik liċenzja limitata, mhux esklussiva, personali, revokabbli, mhux subliċenzjabbli u mhux trasferibbli matul it-Terminu, sabiex:

(i) Tiddistribwixxi l-profil ta' intitolament lill-Iżviluppaturi Awtorizzati Tiegħek għall-ittestjar u l-iżvilupp tal-Applikazzjoni Tiegħek; u

(ii) Tuża l-profil ta’ intitolament mal-Applikazzjoni Tiegħek biss fuq Unitajiet tat-Test Awtorizzati jew Apparati Reġistrati, għas-sottomissjoni għad-distribuzzjoni skont il-Ftehim (inkluż kif permess skont dan l-Anness).

**C.** Il-profil ta’ intitolament għal Offerti Barra mill-App u Proċessar tal-Pagamenti Alternattiv huwa permess biss għall-użu meta l-Applikazzjoni Tiegħek tiġi distribwita fuq l-App Store.

**D.** Inti taqbel li tuża, permezz tal-użu tal-profil ta’ intitolament rilevanti biss, l-APIs assoċjati u l-abbiltajiet permessi biss kif espressament permess f’dan l-Anness u fil-Materjali ta’ Apple. Inti taqbel li ma tużax jew li ma tippruvax tuża tali profili ta’ intitolament fi jew ma’ kwalunkwe waħda mill-Applikazzjonijiet Tiegħek li ma jkunux ingħataw il-profil ta’ intitolament jew ma’ kwalunkwe Applikazzjoni ta’ żviluppaturi oħrajn. Inti ma tistax tuża l-profili ta’ intitolament ipprovduti taħt dan l-Anness ma’ applikazzjonijiet żviluppati jew distribwiti taħt il-Ftehim tal-Liċenzja tal-Apple Developer Enterprise Program.

## 6.2 Riżervazzjoni tad-Drittijiet

Filwaqt li bl-ebda mod ma tillimita d-drittijiet l-oħrajn ta’ Apple taħt dan il-Ftehim, jew kwalunkwe rimedju ieħor bil-liġi jew ekwità, jekk Apple ikollha raġuni biex temmen li Inti jew l-Applikazzjonijiet Tiegħek tkunu nqastu milli tikkonformaw ma’ kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti ta’ dan l-Anness jew tal-Ftehim, Apple tirriżerva d-dritt li tirrevoka l-aċċess Tiegħek għal kwalunkwe waħda mill-APIs jew l-APIs kollha assoċjati ma’ dan l-Anness immedjatament malli tibgħatlek notifika; titolbok tneħħi profil ta’ intitolament mill-Applikazzjoni Tiegħek assoċjat ma’ dan l-Anness; tibblokkja aġġornamenti ta’, taħbi, jew tneħħi l-Applikazzjonijiet Tiegħek mill-App Store; tibblokkja l-Applikazzjonijiet Tiegħek mid-distribuzzjoni jew aġġornamenti fuq il-pjattaformi ta’ Apple; u/jew tissospendik jew tneħħik mill-Apple Developer Program.

## Anness 13
### (tal-Ftehim)
### Termini Addizzjonali għal Apps tal-iOS u tal-iPadOS fiċ-Ċina Kontinentali

**1.** Mill-15 ta' Marzu, 2026, it-termini f'dan l-**Anness 13** japplikaw għall-kummissjonijiet u l-pagamenti għal Applikazzjonijiet distribwiti fl-istorefront taċ-Ċina Kontinentali tal-App Store fuq l-iOS u l-iPadOS.

**2.** Il-Ftehim tal-Applikazzjonijiet Imħallsa qed jiġi emendat u miktub mill-ġdid sabiex ir-rata tal-kummissjoni standard ta' Apple għall-bejgħ tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati tkun ħamsa u għoxrin fil-mija (25%). U l-Ftehim tal-Applikazzjonijiet Imħallsa u l-Addendum tal-Mini Apps Partner Program qed jiġu emendati u miktuba mill-ġdid sabiex (1) waqt li Inti tkun parteċipant fl-App Store Small Business Program; (2) fejn il-bejgħ jikkwalifika għal rata ta' programm taħt il-Mini Apps Partner Program; jew (3) fejn ikun sar xiri ta' abbonament li jiġġedded awtomatikament li jikkwalifika għal aktar minn sena kif deskritt fil-Ftehim tal-Applikazzjonijiet Imħallsa, ir-rata tal-kummissjoni tkun tnax fil-mija (12%).

# Skeda 1

**1. Ħatra ta' Aġent**

**1.1** Inti b'dan qed taħtar lil Apple u lis-Sussidjarji ta' Apple (kollettivament "Apple") bħala: (i) L-aġent tiegħek għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-twassil tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati lill-utenti aħħarin li jinsabu f'dawk ir-reġjuni elenkati fid-Dokument Mehmuż A, Taqsima 1 ta' din l-Iskeda 1, soġġetti għal bidla; u (ii) Il-commissionaire tiegħek għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-twassil tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati lil utenti aħħarin f'dawk ir-reġjuni elenkati fid-Dokument Mehmuż A, Taqsima 2 ta' din l-Iskeda 1, soġġetti għal tibdil, matul il-Perjodu ta' Twassil. L-aktar lista attwali tar-reġjuni tal-App Store li tista' tagħżel minnhom għandha tiġi stabbilita fl-għodda tal-App Store Connect u s-Sit tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati u tista' tiġi aġġornata minn Apple minn żmien għal żmien. Inti b'dan tirrikonoxxi li Apple se tqiegħed fis-suq u se tagħmel l-Applikazzjonijiet Liċenzjati disponibbli għalik u f'ismek biex jitniżżlu mill-utenti aħħarin, permezz ta' App Store wieħed jew aktar jew permezz tas-Sit tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati. Għall-finijiet ta' din l-Iskeda 1, japplikaw it-termini li ġejjin:

"App Personalizzata" jew "Applikazzjoni Personalizzata" tfisser Applikazzjoni Liċenzjata apposta żviluppata minnek għall-użu minn organizzazzjonijiet speċifiċi jew minn klijenti kummerċjali ta' partijiet terzi, inklużi Applikazzjonijiet Liċenzjati proprjetarji żviluppati għall-użu intern tal-organizzazzjoni tiegħek.

(a) "Inti" għandha tinkludi utenti tal-App Store Connect awtorizzati minnek biex jissottomettu Applikazzjonijiet Liċenzjati u metadata assoċjata f'ismek; u

(b) "utent aħħari" tinkludi xerrejja individwali kif ukoll utenti eliġibbli assoċjati mal-kont tagħhom permezz tal-Kondiviżjoni mal-Familja jew Kuntatti tal-Legat. Għall-klijenti istituzzjonali, "utent aħħari" għandha tfisser l-individwu awtorizzat biex juża l-Applikazzjoni Liċenzjata, l-amministratur istituzzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-installazzjonijiet fuq apparat kondiviż, kif ukoll ix-xerrejja nfushom istituzzjonali awtorizzati, inklużi l-istituzzjonijiet edukattivi approvati minn Apple, li jistgħu jakkwistaw l-Applikazzjonijiet Liċenzjati għall-użu mill-impjegati, l-aġenti, u l-affiljati tagħhom.

(c) Għall-finijiet ta' din l-Iskeda 1, it-terminu "Applikazzjoni Liċenzjata" għandu jinkludi kwalunkwe kontenut, funzjonalità, estensjonijiet, stikers, jew servizzi offruti fl-applikazzjoni tas-software.

"Servizz tal-Kontenut tal-Volum" tfisser servizz ta' Apple li joffri l-abbiltà li tikseb Applikazzjonijiet Personalizzati u tagħmel xiri ta' Applikazzjonijiet Liċenzjati bl-ingrossa soġġett għat-Termini, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-Kontenut tal-Volum.

**1.2** B'segwitu għall-ħatra ta' Apple taħt it-Taqsima 1.1 ta' din l-Iskeda 1, Inti b'dan tawtorizza u tagħti struzzjonijiet lil Apple biex:

(a) tikkummerċjalizza, titlob u tikseb ordnijiet f'ismek għal Applikazzjonijiet Liċenzjati minn utenti aħħarin li jinsabu fir-reġjuni identifikati minnek fl-għodda tal-App Store Connect;

(b) tipprovdilek servizzi ta' hosting soġġetti għat-termini tal-Ftehim, sabiex tippermetti l-ħażna ta', u l-aċċess tal-utent aħħari għall-Applikazzjonijiet Liċenzjati u biex tiffaċilita l-hosting minn parti terza ta' tali Applikazzjonijiet Liċenzjati biss, kif liċenzjati mod ieħor jew awtorizzati minn Apple;

(c) tagħmel kopji ta', tifformattja, u tipprepara b'xi mod ieħor Applikazzjonijiet Liċenzjati għall-akkwist u għat-tniżżil mill-utenti aħħarin, inkluż iż-żieda tas-Soluzzjoni tas-Sigurtà u ottimizzazzjonijiet oħra identifikati fil-Ftehim;

(d) tippermetti jew, fil-każ ta' assenjazzjonijiet transkonfinali ta' ċertu xiri, tirranġa biex l-utenti aħħarin jaċċessaw u jerġgħu jaċċessaw kopji tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati, sabiex l-utenti aħħarin ikunu jistgħu jakkwistaw mingħandek u jniżżlu b'mod elettroniku dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati, Informazzjoni dwar l-Applikazzjonijiet Liċenzjati, u metadata assoċjata permezz ta' App Store wieħed jew aktar jew is-Sit tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati. Barra minn hekk, Inti b'dan tawtorizza d-distribuzzjoni tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati tiegħek taħt din l-Iskeda 1 għall-użu minn: (i) utenti aħħarin b'kontijiet assoċjati ma' kont ta' utent aħħari ieħor permezz tal-Kondiviżjoni mal-Familja; (ii) Kuntatti tal-Legat eliġibbli ta' utent aħħari biex jaċċessa l-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek flimkien ma' informazzjoni assoċjata u metadata maħżuna f'iCloud kif deskritt f'https://support.apple.com/kb/HT212360; (iii) utenti aħħarin multipli taħt Kont ta' Apple wieħed meta l-Applikazzjoni Liċenzjata tiġi pprovduta lil dawn l-utenti aħħarin permezz ta' Apple Configurator skont il-ftehim tal-liċenzja tas-software ta' Apple Configurator; u (iv) klijent istituzzjonali wieħed permezz tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati għall-użu mill-utenti aħħarin tiegħu u/jew għall-installazzjoni fuq apparati mingħajr Kontijiet ta' Apple assoċjati li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn dak il-klijent istituzzjonali skont it-Termini, il-kundizzjonijiet tal-Kontenut tal-Volum, u r-rekwiżiti tal-programm;

(e) tuża (i) screenshots, previżjonijiet, u/jew siltiet sa 30 sekonda tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati; (ii) trademarks u logos assoċjati mal-Applikazzjonijiet Liċenzjati; u (iii) Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata għal skopijiet promozzjonali f'materjali tal-marketing u kards li jissarrfu f'rigali u b'rabta ma' wirjiet tal-vetturi, esklużi dawk il-partijiet tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati, trademarks jew logos, jew Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata li Inti m'għandekx id-dritt li tuża għal skopijiet promozzjonali, u li Inti tidentifika bil-miktub fiż-żmien li l-Applikazzjonijiet Liċenzjati jiġu mwassla minnek lil Apple taħt it-Taqsima 2.1 ta' din l-Iskeda 1, u tuża stampi u materjali oħra li Inti tista' tipprovdi lil Apple, fuq talba raġonevoli ta' Apple, għal skopijiet promozzjonali f'materjali tal-marketing u kards li jissarrfu f'rigali u b'konnessjoni ma' wirjiet ta' vetturi. Barra minn hekk, u soġġett għal-limitazzjoni stipulata hawn fuq, Inti taqbel li Apple tista' tuża screenshots, ikoni, u siltiet sa 30 sekonda tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati tiegħek għall-użu f'avvenimenti tal-Iżviluppaturi ta' Apple (eż. WWDC, Tech Talks) u fid-dokumentazzjoni tal-iżviluppaturi;

(f) b'xi mod ieħor tuża Applikazzjonijiet Liċenzjati, Informazzjoni dwar Applikazzjoni Liċenzjata u metadata assoċjata kif jista' jkun raġonevolment meħtieġ fil-kummerċjalizzazzjoni u t-twassil tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati skont din l-Iskeda 1. Inti taqbel li ebda royalties jew kumpens ieħor ma huma pagabbli għad-drittijiet deskritti hawn fuq fit-Taqsima 1.2 ta' din l-Iskeda 1; u

(g) tiffaċilita d-distribuzzjoni ta' verżjonijiet tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati Tiegħek li għadhom ma ħarġux ("Ittestjar Beta") lill-utenti aħħarin maħtura minnek skont il-Ftehim, id-disponibbiltà, u rekwiżiti oħra tal-programm kif aġġornati minn żmien għal żmien fl-għodda tal-App Store Connect. Għall-finijiet ta' tali Ttestjar Beta, Inti b'dan tirrinunzja kwalunkwe dritt li tiġbor kwalunkwe prezz tax-xiri, qligħ jew remunerazzjoni oħra għad-distribuzzjoni u t-tniżżil ta' tali verżjonijiet li għadhom ma ħarġux tal-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek. Inti taqbel ukoll li Inti se tibqa' responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe royalties jew pagamenti oħra lil partijiet terzi relatati mad-distribuzzjoni u l-użu tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati tiegħek li għadhom ma ħarġux, kif ukoll għall-konformità ma' kwalunkwe u ma' kull liġi għat-territorji li fihom iseħħ tali Ttestjar Beta. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-ebda kummissjoni m'għandha tkun dovuta lil Apple fir-rigward ta' tali distribuzzjoni.

**1.3** Il-partijiet jirrikonoxxu u jaqblu li r-relazzjoni tagħhom taħt din l-Iskeda 1 hija, u għandha tkun, dik tal-prinċipal u l-aġent, jew il-prinċipal u l-commissionaire, skont il-każ, kif deskritt fid-Dokument Mehmuż A, Taqsima 1 u fid-Dokument Mehmuż A, Taqsima 2 rispettivament, u li Inti, bħala prinċipal, tinsab u se tkun unikament responsabbli għal kwalunkwe klejm u għar-

responsabbiltà kollha li jinvolvu jew li għandhom x'jaqsmu mal-Applikazzjonijiet Liċenzjati, kif ipprovdut f'din l-Iskeda 1. Il-partijiet jirrikonoxxu u jaqblu li l-ħatra ta' Apple minnek bħala l-aġent jew il-commissionaire tiegħek, skont kif ikun il-każ, mhijiex esklussiva taħt din l-Iskeda 1. Inti b'dan tirrappreżenta u tiggarantixxi li Inti tippossjedi jew tikkontrolla d-drittijiet meħtieġa sabiex taħtar lil Apple u lis-Sussidjarji ta' Apple bħala l-aġent u/jew il-kummissarju Tiegħek madwar id-dinja għat-twassil tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati Tiegħek, u li t-twettiq ta' tali ħatra minn Apple u s-Sussidjarji ta' Apple m'għandux jikser jew imur kontra d-drittijiet ta' xi parti terza.

**1.4** Għall-finijiet ta' din l-Iskeda 1, il-"Perjodu ta' Twassil" għandu jfisser il-perjodu li jibda fid-Data Effettiva tal-Ftehim, u li jiskadi fl-aħħar jum tal-Ftehim jew kwalunkwe tiġdid tiegħu; sakemm, madankollu, il-ħatra ta' Apple bħala l-aġent tiegħek tibqa' fis-seħħ wara l-iskadenza tal-Ftehim għal perjodu raġonevoli ta' tneħħija gradwali li ma jaqbiżx tletin (30) jum u sakemm, fir-rigward biss tal-utenti aħħarin tiegħek, is-subsezzjonijiet 1.2(b), (c), u (d) ta' din l-Iskeda 1 għandhom jibqgħu validi wara t-terminazzjoni jew l-iskadenza tal-Ftehim sakemm Inti ma tindikax mod ieħor skont it-taqsimiet 4.1 u 6.2 ta' din l-Iskeda 1.

**1.5** L-Applikazzjonijiet Liċenzjati kollha mwassla minnek lil Apple taħt it-Taqsima 2.1 ta' din l-Iskeda 1 għandhom ikunu disponibbli minn Apple biex jitniżżlu mill-utenti aħħarin mingħajr ħlas. Apple m'għandu jkollha l-ebda obbligu li tiġbor xi ħlas għall-Applikazzjonijiet Liċenzjati għal xi utent aħħari u m'għandu jkollha l-ebda obbligu ta' ħlas lejk fir-rigward ta' kwalunkwe waħda minn dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati taħt din l-Iskeda 1. Fil-każ li għandek il-ħsieb li titlob ħlas lill-utenti aħħarin għal kwalunkwe Applikazzjoni Liċenzjata jew Xiri fi Ħdan l-App, Inti trid tidħol (jew tkun dħalt qabel) f'estensjoni separata ta' dan il-ftehim (Skeda 2) ma' Apple rigward dik l-Applikazzjoni Liċenzjata. Fil-każ li għandek il-ħsieb li titlob ħlas lill-utenti aħħarin għal kwalunkwe App Personalizzata, Inti trid tidħol (jew tkun dħalt qabel) f'estensjoni separata ta' dan il-ftehim (Skeda 3) ma' Apple rigward dik l-App Personalizzata.

## 2. Twassil tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati lil Apple

**2.1** Inti se twassal lil Apple, bi spiża unika tiegħek, billi tuża l-għodda App Store Connect jew mekkaniżmu ieħor ipprovdut minn Apple, l-Applikazzjonijiet Liċenzjati, l-Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata u l-metadata assoċjata, f'format u b'mod preskritt minn Apple, kif meħtieġ għat-twassil tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati lill-utenti aħħarin skont din l-Iskeda 1. Il-metadata li Inti tibgħat lil Apple taħt din l-Iskeda 1 se tinkludi: (i) it-titlu u n-numru tal-verżjoni ta' kull waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati; (ii) ir-reġjuni li Inti tagħżel, li fihom tixtieq li Apple tippermetti lill-utenti aħħarin iniżżlu dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati; (iii) l-utenti aħħarin li Inti tagħżel bħala downloaders awtorizzati tal-App Personalizzata; (iv) kwalunkwe avviż ta' drittijiet tal-awtur jew drittijiet ta' proprjetà intellettwali oħra; (v) Il-politika tal-privatezza tiegħek; (vi) Il-ftehim tal-liċenzja tal-utent aħħari tiegħek ("EULA", end-user license agreement), jekk ikun hemm, skont it-Taqsima 3.2 ta' din l-Iskeda 1; u (vii) kwalunkwe metadata addizzjonali stipulata fid-Dokumentazzjoni u/jew fl-Għodda tal-App Store Connect kif tista' tiġi aġġornata minn żmien għal żmien, inkluża metadata mfassla biex ittejjeb it-tfittxija u l-iskoperta ta' kontenut fuq hardware tad-ditta Apple.

**2.2** L-Applikazzjonijiet Liċenzjati kollha se jiġu mwassla minnek lil Apple billi tuża għodod tas-software, indirizz tas-sit FTP sikur u/jew metodi oħra ta' twassil kif preskritt minn Apple.

**2.3** Inti b'dan tiċċertifika li l-Applikazzjonijiet Liċenzjati kollha li se twassal lil Apple taħt din l-Iskeda 1 huma awtorizzati għall-esportazzjoni mill-Istati Uniti għal kull wieħed mir-reġjuni magħżula minnek taħt it-Taqsima 2.1 ta' hawn, skont ir-rekwiżiti tal-liġijiet applikabbli kollha, inkluż iżda mhux limitat għar-Regolamenti tal-Amministrazzjoni tal-Esportazzjoni tal-Istati Uniti, 15 C.F.R. Partijiet 730-774. Barra minn hekk Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li l-verżjonijiet kollha tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati li twassal lil Apple mhumiex soġġetti għar-Regolamenti dwar it-Traffiku Internazzjonali tal-Armi 22 C.F.R. Partijiet 120-130 u mhumiex iddeżinjati, magħmula,

modifikati jew konfigurati għal kwalunkwe utent aħħari militari jew użu aħħari kif definiti fi u mogħtija fl-ambitu ta' 15 C.F.R. § 744. Mingħajr ma tillimita l-ġeneralità ta' din it-Taqsima 2.3, Inti tiċċertifika li (i) l-ebda waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati ma fiha, tuża jew tappoġġja xi kriptaġġ tad-dejta jew funzjonijiet kriptografiċi; jew (ii) fil-każ li kwalunkwe Applikazzjoni Liċenzjata jkun fiha, tuża jew tappoġġja kwalunkwe tali kriptazzjoni tad-dejta jew funzjonalità kriptografika, Inti tiċċertifika li Inti kkonformajt mar-Regolamenti tal-Amministrazzjoni tal-Esportazzjoni tal-Istati Uniti, u li għandek, u li fuq talba se tipprovdi lil Apple kopji PDF tad-deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-esportazzjoni (CCATS) maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti, l-Uffiċċju tal-Industrija u s-Sigurtà ("BIS", Bureau of Industry and Security) jew kwalunkwe rapport ta' awtoklassifikazzjoni sottomess lill-BIS, u awtorizzazzjonijiet xierqa minn reġjuni oħra li jobbligaw l-awtorizzazzjonijiet tal-importazzjoni għal dik l-Applikazzjoni Liċenzjata, kif meħtieġ. Inti tirrikonoxxi li Apple qed tistrieħ fuq iċ-ċertifikazzjoni tiegħek f'din it-Taqsima 2.3 biex tippermetti lill-utenti aħħarin jaċċessaw u jniżżlu l-Applikazzjonijiet Liċenzjati taħt din l-Iskeda 1. Ħlief kif ipprovdut f'din it-Taqsima 2.3, Apple se tkun responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Amministrazzjoni tal-Esportazzjoni billi tippermetti lill-utenti aħħarin jaċċessaw u jniżżlu l-Applikazzjonijiet Liċenzjati taħt din l-Iskeda 1.

**2.4** Inti għandek tkun responsabbli biex tiddetermina u timplimenta kwalunkwe klassifikazzjoni tal-età jew twissijiet konsultattivi għall-ġenituri meħtieġa mir-regolamenti tal-gvern applikabbli, minn bord(ijiet) tal-klassifikazzjonijiet, servizz(i), jew organizzazzjonijiet oħra (kull wieħed "Bord tal-Klassazzjonijiet") għal kwalunkwe kontenut tal-vidjow, tat-televiżjoni, tal-logħob jew kontenut ieħor offrut fl-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek għal kull lokalità fit-Territorju. Fejn applikabbli, Inti tkun responsabbli wkoll biex tipprovdi kwalunkwe għodda ta' restrizzjoni tal-kontenut jew funzjonalità ta' verifika tal-età qabel ma tippermetti lill-utenti aħħarin jaċċessaw kontenut matur jew regolat mod ieħor fl-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek.

## 3. Sjieda u Liċenzjar għall-Utent Aħħari u Twassil tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati lill-Utenti Aħħarin

**3.1** Inti tirrikonoxxi u taqbel li Apple, waqt li taġixxi bħala aġent u/jew commissionaire għalik, qed tospita, jew skont it-Taqsima 1.2(b) ta' din l-Iskeda 1 tista' tippermetti lil partijiet terzi awtorizzati jospitaw, l-Applikazzjoni(jiet) Liċenzjata/i, u qed tippermetti t-tniżżil ta' dik/dawk l-Applikazzjoni(jiet) Liċenzjata/i mill-utenti aħħarin, f'ismek. Madankollu, Inti responsabbli għall-hosting u t-twassil ta' kontenut jew servizzi mibjugħa jew imwassla Minnek bl-użu tal-In-App Purchase API, ħlief għal kontenut li huwa inkluż fl-Applikazzjoni Liċenzjata nnifisha (jiġifieri, ix-Xiri fi Ħdan l-App sempliċement jiftaħ l-aċċess għall-kontenut) jew kontenut ospitat minn Apple skont it-Taqsima 3.3 tal-Anness 2 tal-Ftehim. Il-partijiet jirrikonoxxu u jaqblu li Apple m'għandha takkwista ebda interess ta' sjieda fi jew għal xi waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati jew Informazzjoni dwar l-Applikazzjonijiet Liċenzjati, u t-titolu, ir-riskju ta' telf, ir-responsabbiltà għal, u l-kontroll fuq l-Applikazzjonijiet Liċenzjati għandhom jibqgħu miegħek f'kull ħin. Apple ma tista' tuża l-ebda waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati jew Informazzjoni dwar l-Applikazzjoni Liċenzjata għal xi skop, jew b'xi mod ħlief kif awtorizzat speċifikament fil-Ftehim jew f'din l-Iskeda 1.

**3.2** Tista' tibgħat lil Apple l-EULA tiegħek għal kwalunkwe Applikazzjoni Liċenzjata fil-ħin li Inti tibgħat dik l-Applikazzjoni Liċenzjata lil Apple, skont it-Taqsima 2.1 ta' din l-Iskeda 1; dment, madankollu, li l-EULA tiegħek irid jinkludi u ma jistax ikun inkonsistenti mat-termini u l-kundizzjonijiet minimi speċifikati fuq id-Dokument Mehmuż B għal din l-Iskeda 1 u jrid jikkonforma mal-liġijiet applikabbli kollha fir-reġjuni kollha fejn Inti tixtieq li Apple tippermetti lill-utenti aħħarin iniżżlu dik l-Applikazzjoni Liċenzjata. Apple għandha tippermetti lil kull utent aħħari biex jirrieżamina l-EULA tiegħek (jekk ikun hemm) fil-ħin li Apple twassal dik l-Applikazzjoni Liċenzjata lil dak l-utent aħħari, u Apple għandha tinnotifika lil kull utent aħħari li l-użu mill-utent aħħari ta' dik l-Applikazzjoni Liċenzjata huwa soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet tal-EULA tiegħek (jekk ikun hemm). Fil-każ li Inti ma tipprovdix l-EULA tiegħek għal kwalunkwe

Applikazzjoni Liċenzjata lil Apple, Inti tagħraf u taqbel li l-użu ta' kull utent aħħari ta' dik l-Applikazzjoni Liċenzjata għandu jkun soġġett għall-EULA standard ta' Apple (li huwa parti mit-Termini tas-Servizz tal-App Store).

**3.3** Inti b'dan tagħraf li għal kull waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati, l-EULA huwa biss bejnek u bejn l-utent aħħari u jikkonforma mal-liġi applikabbli, u Apple m'għandhiex tkun responsabbli għal, u m'għandha jkollha l-ebda responsabbiltà taħt, kwalunkwe EULA jew kwalunkwe ksur minnek jew minn utent aħħari ta' kwalunkwe mit-termini u kundizzjonijiet ta' kwalunkwe EULA.

**3.4** Kif stipulat fil-Linja Gwida 3.1.3(a) Apps tal-"Qari", Applikazzjoni Liċenzjata tista' taqra jew iddoqq kontenut (speċifikament: rivisti, gazzetti, kotba, awdjo, mużika, u vidjow) li jiġi offrut barra mill-Applikazzjoni Liċenzjata (bħal, pereżempju, permezz tas-sit elettroniku Tiegħek) sakemm, ħlief fl-istorefront tal-Istati Uniti, fejn din il-projbizzjoni ma tapplikax, Inti ma tagħmilx link jew tikkummerċjalizza offerti esterni għal tali kontenut fl-Applikazzjoni Liċenzjata. Inti responsabbli għall-aċċess ta' awtentikazzjoni għall-kontenut miksub barra mill-Applikazzjoni Liċenzjata.

**3.5** Safejn Inti tippromwovi u toffri abbonamenti fl-app, Inti trid tagħmel dan f'konformità mar-rekwiżiti legali u regolatorji kollha.

**3.6** Jekk l-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek hija bbażata fuq il-kontenut perjodiku (eż., rivisti u gazzetti), Apple tista' tagħtik l-isem, l-indirizz elettroniku u l-kodiċi postali assoċjati ma' kont ta' utent aħħari meta jitolbu abbonament li jiġġedded awtomatikament permezz tal-In-App Purchase API, sakemm dan l-utent jagħti l-kunsens tiegħu għall-forniment ta' dejta lilek, u wkoll sakemm Inti tista' tuża din id-dejta biss biex tippromwovi l-prodotti tiegħek stess u tagħmel dan f'konformità stretta mal-Politika ta' Privatezza tiegħek impoġġija pubblikament, li għandu jkun hemm kopja tagħha li wieħed jista' jara faċilment u jkun ingħata l-kunsens għaliha fl-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek.

## 4. Restrizzjonijiet tal-Kontenut u Klassifikazzjoni tas-Software

**4.1** Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li: (a) Għandek id-dritt li tidħol f'dan il-Ftehim, li tirriproduċi u tiddistribwixxi kull waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati, u li tawtorizza lil Apple biex tippermetti lill-utenti aħħarin iniżżlu u jużaw kull waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati permezz ta' App Store wieħed jew aktar jew permezz tas-Sit tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati; (b) l-ebda waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati, jew l-użi permessi ta' Apple jew tal-utenti aħħarin ta' dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati, ma jiksru jew imorru kontra xi privattiva, drittijiet tal-awtur, trademark, sigriet kummerċjali jew proprjetà intellettwali jew drittijiet kuntrattwali oħra ta' kwalunkwe persuna, ditta, korporazzjoni jew entità oħra u li Inti mhux qed tissottometti l-Applikazzjonijiet Liċenzjati lil Apple f'isem parti terza waħda jew aktar; (c) l-ebda waħda mill-Apps Personalizzati, jew l-użi permessi ta' Apple jew tal-utenti aħħarin ta' dawk l-Apps Personalizzati ma jiksru jew imorru kontra xi privattiva, drittijiet tal-awtur, trademark, sigriet kummerċjali jew proprjetà intellettwali oħra jew drittijiet kuntrattwali ta' kwalunkwe persuna, ditta, korporazzjoni jew entità oħra u li Inti mhux qed tissottometti l-Apps Personalizzati lil Apple f'isem parti terza waħda jew aktar għajr taħt l-għoti ta' liċenzja minn parti terza waħda jew aktar li jkunu soġġetti għat-Termini tal-Kontenut tal-Volum ta' Apple u/jew tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati; (d) kull waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati hija awtorizzata għad-distribuzzjoni, għall-bejgħ u għall-użu fi, l-esportazzjoni lejn, u l-importazzjoni f'kull wieħed mir-reġjuni indikati minnek taħt it-Taqsima 2.1 ta' din l-Iskeda 1, skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' dawk ir-reġjuni u skont ir-regolamenti kollha applikabbli għall-esportazzjoni/importazzjoni; (e) l-ebda waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati ma jkun fiha xi materjal oxxen, offensiv jew ieħor li huwa pprojbit jew ristrett taħt il-liġijiet jew ir-regolamenti ta' xi wieħed mir-reġjuni li Inti tagħżel taħt it-Taqsima 2.1 ta' din l-Iskeda 1; (f) l-informazzjoni kollha li Inti tipprovdi billi tuża l-għodda

tal-App Store Connect, inkluż kwalunkwe informazzjoni relatata mal-Applikazzjonijiet Liċenzjati, hija preċiża u li, jekk xi informazzjoni bħal din ma tibqax preċiża, Inti se taġġornaha minnufih biex tkun preċiża billi tuża l-għodda tal-App Store Connect; u (g) fil-każ li tinqala' tilwima dwar il-kontenut tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati tiegħek jew l-użu tal-proprjetà intellettwali tiegħek fuq l-App Store jew fuq is-Sit tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, Inti taqbel li tippermetti lil Apple taqsam l-informazzjoni ta' kuntatt tiegħek mal-parti li tippreżenta tali tilwima. u li ssegwi l-proċess tat-tilwim tal-app ta' Apple fuq bażi mhux esklussiva u mingħajr ma ebda parti tirrinunzja d-drittijiet legali tagħha.

**4.2** Għandek tuża l-għodda tal-klassifikazzjoni tas-software stabbilita fuq App Store Connect biex tipprovdi informazzjoni dwar kull waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati pprovduti minnek għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-twettiq minn Apple permezz tal-App Store jew tas-Sit tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati taħt din l-Iskeda 1 sabiex tassenja klassifikazzjoni għal kull Applikazzjoni Liċenzjata bħal din. Għall-finijiet tal-assenjazzjoni ta' klassifikazzjoni għal kull waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati, għandek tuża l-almu Tiegħek biex tipprovdi informazzjoni korretta u kompleta dwar il-kontenut ta' dik l-Applikazzjoni Liċenzjata bl-għodda tal-klassifikazzjoni tas-software. Inti tirrikonoxxi u taqbel li Apple qed tiddependi fuq: (i) Il-bona fide u d-diliġenza tiegħek biex tipprovdi b'mod preċiż u sħiħ l-informazzjoni mitluba għal kull Applikazzjoni Liċenzjata; u (ii) Ir-rappreżentazzjonijiet u l-garanziji tiegħek fit-Taqsima 4.1 ta' dan, billi tagħmel dik l-Applikazzjoni Liċenzjata disponibbli biex titniżżel mill-utenti aħħarin f'kull wieħed mir-reġjuni li Inti indikajt hawn taħt. Barra minn hekk, Inti tawtorizza lil Apple biex tikkoreġi l-klassifikazzjoni ta' kwalunkwe Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek li tkun ġiet assenjata klassifikazzjoni mhux korretta; u Inti taqbel ma' kwalunkwe tali klassifikazzjoni kkoreġuta.

**4.3** Fil-każ li kwalunkwe reġjun li Inti tagħżel hawn taħt jeħtieġ l-approvazzjoni ta', jew klassifikazzjoni ta', kwalunkwe Applikazzjoni Liċenzjata minn kwalunkwe aġenzija regolatorja tal-gvern jew tal-industrija bħala kundizzjoni għad-distribuzzjoni u/jew l-użu ta' dik l-Applikazzjoni Liċenzjata, Inti tagħraf u taqbel li Apple tista' tagħżel li ma tagħmilx dik l-Applikazzjoni Liċenzjata disponibbli biex titniżżel mill-utenti aħħarin f'dak ir-reġjun minn kwalunkwe App Store jew minn Sit tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati.

## 5. Responsabbiltajiet

**5.1** Apple m'għandu jkollha l-ebda responsabbiltà għall-installazzjoni u/jew l-użu ta' kwalunkwe mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati minn kwalunkwe utent aħħari. Inti għandek tkun unikament responsabbli għal kull garanzija tal-prodott, assistenza għall-utent aħħari u appoġġ għall-prodott fir-rigward ta' kull waħda mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati.

**5.2** Inti se tkun unikament responsabbli għal, u Apple m'għandu jkollha l-ebda responsabbiltajiet ta' kwalunkwe tip fir-rigward ta' kull klejm, kawżi, obbligi, telf, danni, spejjeż u nfiq li jirriżultaw minn, jew li huma attribwibbli għall-Applikazzjonijiet Liċenzjati u/jew għall-użu ta' dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati minn kwalunkwe utent aħħari, inkluż, iżda mhux limitat għal: (i) klejms ta' ksur ta' garanzija, kemm jekk speċifikati fl-EULA jew stabbiliti taħt il-liġi applikabbli; (ii) klejms ta' responsabbiltà fir-rigward tal-prodott; u (iii) klejms li kwalunkwe mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati u/jew il-pussess jew l-użu mill-utent aħħari ta' dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati jikser id-drittijiet tal-awtur jew drittijiet oħra tal-proprjetà intellettwali ta' kwalunkwe parti terza.

## 6. Terminazzjoni

**6.1** Din l-Iskeda 1 u l-obbligi kollha ta' Apple hawn taħt għandhom jintemmu mal-iskadenza jew mat-terminazzjoni tal-Ftehim.

**6.2** Fil-każ li m'għadx għandek id-dritt legali li tiddistribwixxi l-Applikazzjonijiet Liċenzjati, jew li tawtorizza lil Apple biex tippermetti aċċess għal dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati minn utenti aħħarin, skont din l-Iskeda 1, Inti għandek tinnotifika lil Apple minnufih u tirtira dawk l-

Applikazzjonijiet Liċenzjati mill-App Store jew mis-Sit tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati bl-użu tal-għodod ipprovduti fuq is-sit tal-App Store Connect; dment li, madankollu, dan l-irtirar minnek taħt din it-Taqsima 6.2 m'għandux jeħilsek minn kwalunkwe obbligu tiegħek lejn Apple taħt din l-Iskeda 1, jew kwalunkwe responsabbiltà lejn Apple u/jew lejn kwalunkwe utent aħħari fir-rigward ta' dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati.

**6.3** Apple tirriżerva d-dritt li tieqaf tikkummerċjalizza, toffri, u tippermetti t-tniżżil mill-utenti aħħarin tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati fi kwalunkwe mument, bi jew mingħajr raġuni, billi tipprovdilek avviż ta' terminazzjoni. Mingħajr ma tillimita l-ġeneralità ta' din it-Taqsima 6.3, Inti tirrikonoxxi li Apple tista' twaqqaf il-permess għat-tniżżil mill-utenti aħħarin ta' xi wħud mill-Applikazzjonijiet Liċenzjati jew tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati kollha, jew tieħu miżuri interim oħra kif Apple jidhrilha xieraq hi biss, jekk Apple għandha raġuni għal xiex temmen, abbażi ta' stħarriġ uman u/jew sistematiku u, inkluż mingħajr limitazzjoni fuq l-avviż riċevut skont il-liġijiet applikabbli, li: (i) dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati mhumiex awtorizzati għall-esportazzjoni lejn wieħed jew aktar mir-reġjuni magħżula minnek taħt it-Taqsima 2.1 ta' dan, skont ir-Regolamenti tal-Amministrazzjoni tal-Esportazzjoni jew restrizzjonijiet oħra; (ii) dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati u/jew il-pussess u/jew l-użu minn kwalunkwe utent aħħari ta' dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati, jiksru privattiva, drittijiet tal-awtur, trademark, sigriet kummerċjali jew drittijiet oħra ta' proprjetà intellettwali ta' kwalunkwe parti terza; (iii) id-distribuzzjoni u/jew l-użu ta' dawk l-Applikazzjonijiet Liċenzjati jiksru kwalunkwe liġi applikabbli f'kull reġjun li Inti tagħżel taħt it-Taqsima 2.1 ta' din l-Iskeda 1; (iv) Inti ksirt it-termini tal-Ftehim, ta' din l-Iskeda 1, jew ta' dokumentazzjoni oħra inklużi mingħajr limitazzjoni l-Linji Gwida ta' Rieżami tal-Apps; jew (v) Inti jew xi ħadd li jirrappreżenta lilek jew lill-kumpanija tiegħek huwa soġġett għal sanzjonijiet ta' kwalunkwe reġjun li fih topera Apple. Għażla minn Apple biex tieqaf milli tippermetti t-tniżżil ta' kwalunkwe Applikazzjoni Liċenzjata, skont din it-Taqsima 6.3, m'għandhiex teħilsek mill-obbligi tiegħek taħt din l-Iskeda 1.

**6.4** Tista' tirtira kwalunkwe waħda minn jew l-Applikazzjonijiet Liċenzjati kollha mill-App Store jew mis-Sit tad-Distribuzzjoni tal-Apps Personalizzati, fi kwalunkwe mument, u għal kwalunkwe raġuni, billi tuża l-għodod ipprovduti fuq is-sit tal-App Store Connect, ħlief li, fir-rigward tal-utenti aħħarin tiegħek, Inti b'dan tawtorizza u tagħti struzzjonijiet lil Apple biex tissodisfa t-taqsimiet 1.2(b), (c), u (d) ta' din l-Iskeda 1, li għandhom jissopravvivu t-terminazzjoni jew l-iskadenza tal-Ftehim sakemm Inti ma tindikax mod ieħor skont it-taqsimiet 4.1 u 6.2 ta' din l-Iskeda 1.

## 7. Konsegwenzi Legali

Ir-relazzjoni bejnek u bejn Apple stabbilita b'din l-Iskeda 1 jista' jkollha konsegwenzi legali importanti għalik. Inti tirrikonoxxi u taqbel li hija r-responsabbiltà tiegħek li tikkonsulta mal-konsulenti legali tiegħek fir-rigward tal-obbligi legali tiegħek hawn taħt.

# DOKUMENT MEHMUŻ A
**(ma' Skeda 1)**

## 1. Apple bħala Aġent

Inti taħtar lil Apple Canada, Inc. ("Apple Canada") bħala l-aġent tiegħek għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-tniżżil mill-utenti aħħarin tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati minn utenti aħħarin li jinsabu fir-reġjun li ġej:

Il-Kanada

Inti taħtar lil Apple Pty Limited ("APL") bħala l-aġent tiegħek għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-tniżżil mill-utenti aħħarin tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati minn utenti aħħarin li jinsabu fir-reġjuni li ġejjin:

L-Awstralja
New Zealand

Inti taħtar lil Apple Inc. bħala l-aġent tiegħek skont il-Kodiċi Ċivili ta' California §§ 2295 *et seq.* għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-tniżżil mill-utenti aħħarin tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati minn utenti aħħarin li jinsabu fir-reġjuni li ġejjin:

L-Istati Uniti

Inti taħtar lil Apple Services LATAM LLC bħala l-aġent tiegħek skont il-Kodiċi Ċivili ta' California §§ 2295 *et seq.* għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-tniżżil mill-utenti aħħarin tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati minn utenti aħħarin li jinsabu fir-reġjuni li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-Arġentina* | Il-Gżejjer Cayman | Il-Gwatemala* | Saint Lucia |
| Anguilla | Iċ-Ċilì* | Il-Honduras* | St Vincent u l-Grenadini |
| Antigua u Barbuda | Il-Kolombja* | Il-Ġamajka | Is-Suriname |
| Il-Bahamas | Il-Costa Rica* | Il-Messiku* | Trinidad u Tobago |
| Barbados | Dominica | Montserrat | Turks u Caicos |
| Il-Belize | Ir-Repubblika Dominicana* | In-Nikaragwa* | L-Urugwaj |
| Bermuda | L-Ekwador* | Il-Panama* | Il-Venezwela* |
| Il-Bolivja* | El Salvador* | Il-Paragwaj* | |
| Il-Brażil* | Grenada | Il-Perù* | |
| Il-Gżejjer Verġni Brittaniċi | Il-Guyana | Saint Kitts u Nevis | |

* Applikazzjonijiet Personalizzati huma disponibbli biss f'dawn ir-reġjuni.

Inti taħtar lil iTunes KK bħala l-aġent tiegħek skont l-Artikolu 643 tal-Kodiċi Ċivili Ġappuniż għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-tniżżil mill-utenti aħħarin tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati minn utenti aħħarin li jinsabu fir-reġjun li ġej:

Il-Ġappun

## 2. Apple bħala Commissionaire

Inti taħtar lil Apple Distribution International Ltd. bħala l-commissionaire tiegħek għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-tniżżil mill-utent aħħari tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati minn utenti

aħħarin li jinsabu fir-reġjuni li ġejjin, kif aġġornat minn żmien għal żmien permezz tas-sit tal-App Store Connect. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "commissionaire" tfisser aġent li jagħti x'jifhem li qed jaġixxi f'ismu stess u jikkonkludi ftehimiet f'ismu stess iżda jaġixxi f'isem persuni oħra, kif ġeneralment rikonoxxut f'ħafna sistemi legali tal-Liġi Ċivili.

L-Afganistan
L-Albanija
L-Alġerija
L-Angola
L-Armenja
L-Awstrija
L-Ażerbajġan
Il-Bahrain*
Il-Belarus
Il-Belġju*
Il-Benin
Il-Bożnija-Ħerzegovina
Il-Botswana
Il-Bulgarija*
Il-Burkina-Faso
Il-Kamerun
Cape Verde
Iċ-Chad
Iċ-Ċina*
Il-Kongo (ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo)
Il-Kongo (ir-Repubblika tal-Kongo)
Il-Kosta tal-Avorju
Il-Kroazja
Ċipru*
Ir-Repubblika Ċeka
Id-Danimarka*
L-Eġittu*
L-Estonja*
Il-Finlandja*
Franza*
Il-Gabon
Il-Gambja
Il-Georgia
Il-Ġermanja*
Il-Ghana
Il-Greċja*
Il-Guinea-Bissau
Hong Kong*
L-Ungerija
L-Iżlanda*
L-Indja
L-Indoneżja
L-Iraq
L-Irlanda*
L-Iżrael*
L-Italja*
Il-Ġordan
Il-Każakistan
Il-Kenja
Il-Kosovo
Il-Kuwajt
Il-Kirgistan
Il-Latvja*
Il-Libanu
Il-Liberja
Il-Libja
Il-Litwanja*
Il-Lussemburgu*
Il-Maċedonja
Madagascar
Il-Malawi
Il-Malażja*
Il-Mali
Ir-Repubblika ta' Malta*
Il-Mauritania
Mauritius
Il-Moldova
Il-Montenegro
Il-Marokk
Il-Mozambique
In-Namibja
In-Netherlands*
In-Niġer
In-Niġerja
In-Norveġja*
L-Oman
Il-Pakistan
Il-Filippini*
Il-Polonja
Il-Portugall
Il-Qatar*
Ir-Rumanija*
Ir-Russja*
Ir-Rwanda
Sao Tome e Principe
L-Arabja Sawdija*
Is-Senegal
Is-Serbja
Is-Seychelles
Sierra Leone
Singapore*
Is-Slovakkja*
Is-Slovenja*
L-Afrika t'Isfel
Spanja*
Is-Swaziland
L-Iżvezja*
L-Iżvizzera*
It-Tajwan*
It-Taġikistan
It-Tanzanija
It-Tajlandja*
It-Tuneżija
It-Turkija*
It-Turkmenistan
EGħM*
L-Uganda
L-Ukrajna*
Ir-Renju Unit*
L-Użbekistan
Il-Vjetnam*
Il-Jemen
Iż-Żambja
Iż-Żimbabwe

Inti taħtar lil Apple Services Pte. Ltd. bħala l-commissionaire Tiegħek għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-tniżżil mill-utenti aħħarin tal-Applikazzjonijiet Liċenzjati u Personalizzati minn utenti aħħarin li jinsabu fir-reġjuni identifikati hawn taħt, kif aġġornati minn żmien għal żmien permezz tas-sit ta' App Store Connect:

Il-Bhutan
Il-Brunei
Il-Kambodja
Il-Laos
Il-Macau
Il-Maldivi
L-Istati Federali tal-Mikroneżja
Il-Mongolja
Il-Myanmar
In-Nepal
Palau
Is-Sri Lanka
Il-Korea*
Fiġi
Nauru
Papua New Guinea
Il-Gżejjer Solomon
Tonga
Vanuatu

*Applikazzjonijiet Personalizzati huma disponibbli biss f'dawn ir-reġjuni.

# DOKUMENT MEHMUŻ B
**(ma' Skeda 1)**
## Struzzjonijiet għal Termini Minimi ta' Ftehim Ta' Liċenzja għal Utent Aħħari ta' Żviluppatur

**1. Rikonoxximent:** Inti u l-utent aħħari tridu tirrikonoxxu li l-EULA huwa konkluż bejnek u bejn l-utent aħħari biss, u mhux ma' Apple, u li Inti biss, mhux Apple, inti responsabbli għall-Applikazzjoni Liċenzjata u l-kontenut tagħha. L-EULA jista' ma jipprovdix għal regoli ta' użu għal Applikazzjonijiet Liċenzjati li huma f'kunflitt mat-Termini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizzi tal-Media ta' Apple jew mat-Termini tal-Kontenut tal-Volum mid-Data Effettiva (li Inti tirrikonoxxi li kellek l-opportunità li tirrieżamina).

**2. Kamp ta' Applikazzjoni tal-Liċenzja:** Il-liċenzja mogħtija lill-utent aħħari għall-Applikazzjoni Liċenzjata għandha tkun limitata għal liċenzja mhux trasferibbli biex tuża l-Applikazzjoni Liċenzjata fuq kwalunkwe Prodott tad-ditta Apple li l-utent aħħari għandu fil-pussess tiegħu jew li jikkontrolla u kif permess mir-Regoli tal-Użu stabbiliti fit-Termini u Kundizzjonijiet tas-Servizzi tal-Media ta' Apple, ħlief li tali Applikazzjoni Liċenzjata tista' tiġi aċċessata, akkwistata, u użata minn kontijiet oħra assoċjati max-xerrej permezz tal-Kondiviżjoni mal-Familja, xiri ta' volum, jew Kuntatti tal-Legat.

**3. Manutenzjoni u Appoġġ:** Inti għandek tkun unikament responsabbli biex tipprovdi kwalunkwe servizz ta'manutenzjoni u appoġġ fir-rigward tal-Applikazzjoni Liċenzjata, kif speċifikat fl-EULA, jew kif meħtieġ taħt il-liġi applikabbli. Inti u l-utent aħħari tridu tagħrfu li Apple m'għandha l-ebda obbligu li tipprovdi xi servizzi ta' manutenzjoni u appoġġ fir-rigward tal-Applikazzjoni Liċenzjata.

**4. Garanzija:** Inti trid tkun unikament responsabbli għal kwalunkwe garanzija tal-prodott, kemm jekk espressa jew impliċita bil-liġi, sal-punt li ma tiġix miċħuda b'mod effettiv. Fil-każ ta' xi nuqqas tal-Applikazzjoni Liċenzjata li tikkonforma ma' kwalunkwe garanzija applikabbli, l-EULA għandha tipprovdi li l-utent aħħari jista' jinnotifika lil Apple, u Apple tirrimborża l-prezz tax-xiri għall-Applikazzjoni Liċenzjata lil dak l-utent aħħari; u li, sal-limitu massimu permess mil-liġi applikabbli, Apple ma jkollha l-ebda obbligu ieħor ta' garanzija fir-rigward tal-Applikazzjoni Liċenzjata, u kwalunkwe klejm, telf, obbligi, danni, spejjeż jew infiq oħra attribwibbli għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe garanzija. se tkun ir-responsabbiltà unika tiegħek.

**5. Klejms tal-Prodott:** Inti u l-utent aħħari tridu tirrokonoxxu li Inti, mhux Apple, tinsab responsabbli biex tindirizza kwalunkwe klejm tal-utent aħħari jew kwalunkwe parti terza relatata mal-Applikazzjoni Liċenzjata jew mal-pussess u/jew l-użu tal-utent aħħari ta' dik l-Applikazzjoni Liċenzjata, inkluż, iżda mhux limitat għal: (i) klejms ta' responsabbiltà fir-rigward tal-prodott; (ii) kwalunkwe klejm li l-Applikazzjoni Liċenzjata tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe rekwiżit legali jew regolatorju applikabbli; u (iii) klejms li jirriżultaw taħt il-protezzjoni tal-konsumatur jew leġiżlazzjoni simili, inkluż b'rabta mal-użu tal-oqfsa tal-HealthKit u tal-HomeKit mill-Applikazzjoni Liċenzjata jew Personalizzata tiegħek. L-EULA ma jistax jillimita r-responsabbiltà tiegħek lejn l-utent aħħari lil hinn minn dak li huwa permess mil-liġi applikabbli.

**6. Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali:** Fil-każ li xi parti terza tallega li l-Applikazzjoni Liċenzjata jew il-pussess u l-użu mill-utent aħħari ta' dik l-Applikazzjoni Liċenzjata jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' dik il-parti terza, Inti u l-utent aħħari tridu tirrikonoxxu li Inti biss, mhux Apple, tkun responsabbli għall-investigazzjoni, id-difiża, is-soluzzjoni u r-rilaxx ta' kwalunkwe tali klejm ta' ksur ta' proprjetà intellettwali.

**7. Konformità Legali:** L-utent aħħari għandu jirrappreżenta u jiggarantixxi li (i) l-utent aħħari ma jinsabx f'reġjun li huwa soġġett għal embargo tal-Gvern tal-Istati Uniti, jew li ġie ddeżinjat mill-Gvern tal-Istati Uniti bħala reġjun ta' "appoġġ għat-terroristi"; u (ii) l-utent aħħari ma jkunx elenkat fuq l-ebda lista tal-Gvern tal-Istati Uniti ta' partijiet ipprojbiti jew ristretti.

**8. Isem u Indirizz tal-Iżviluppatur:** Inti trid tiddikjara fl-EULA ismek u l-indirizz tiegħek, u l-informazzjoni ta' kuntatt (numru tat-telefon; indirizz tal-email) li lejhom għandhom jiġu diretti kwalunkwe mistoqsija, ilment jew klejms tal-utent aħħari fir-rigward tal-Applikazzjoni Liċenzjata.

**9. Termini tal-Ftehim tal-Partijiet Terzi:** Fl-EULA Inti trid tiddikjara li l-utent aħħari jrid jikkonforma mat-termini tal-ftehim ma' parti terza meta juża l-Applikazzjoni Tiegħek, eż., jekk Inti għandek applikazzjoni VoIP, allura l-utent aħħari ma jridx jikser il-ftehim tiegħu dwar is-servizz tad-dejta bla fili meta juża l-Applikazzjoni Tiegħek.

**10. Parti Terza Benefiċjarja:** Inti u l-utent aħħari tridu tirrikonoxxu u taqblu li Apple, u s-sussidjarji ta' Apple, huma partijiet terzi benefiċjarji tal-EULA, u li, malli l-utent aħħari jaċċetta t-termini u l-kundizzjonijiet tal-EULA, Apple se jkollha d-dritt (u se titqies li tkun aċċettat id-dritt) li tinforza l-EULA kontra l-utent aħħari bħala parti terza benefiċjarja tiegħu.

# DOKUMENT MEHMUŻ Ċ
### (ma' Skeda 1)
## Termini tal-Kodiċi tal-Promozzjoni tal-App Store

Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-Ftehim jew din l-Iskeda 1, Inti b'dan taqbel li t-termini li ġejjin għandhom japplikaw għall-Kodiċijiet Promozzjonali kollha tal-App Store ("Kodiċijiet Promozzjonali") mitluba minnek permezz tal-għodda tal-App Store Connect. Għall-finijiet ta' dan id-Dokument Mehmuż Ċ, "Inti" għandek tinkludi membri addizzjonali tat-tim tal-App Store Connect tiegħek (eż., individwi fir-rwoli ta' kummerċjalizzazzjoni u dawk tekniċi).

Ħlief kif espress mod ieħor bil-miktub hawnhekk, xejn f'dan id-Dokument Mehmuż Ċ m'għandu jiġi interpretat li jimmodifika l-Ftehim jew din l-Iskeda 1 b'xi mod, u t-termini kollha b'ittri kbar mhux definiti hawn taħt għandu jkollhom it-tifsiriet stabbiliti fil-Ftehim tal-Programm.

**1. DEFINIZZJONIJIET:**

"Detentur" tfisser individwu li jinsab f'Territorju li Inti tipprovdilu Kodiċi Promozzjonali wieħed jew aktar;

"Kodiċi Promozzjonali" tfisser kodiċi alfanumeriku uniku ġġenerat u pprovdut lilek minn Apple skont dan id-Dokument Mehmuż Ċ li tippermetti Detentur li huwa klijent tal-App Store li jniżżel jew jaċċessa b'xejn mill-App Store l-Applikazzjoni Liċenzjata li għaliha tlabt tali kodiċi permezz tal-għodda tal-App Store Connect (il-"Kontenut Promozzjonali"); u

"Perjodu Effettiv" tfisser il-perjodu bejn id-Data ta' Attivazzjoni tal-Kodiċi Promozzjonali u d-Data ta' Skadenza tal-Kodiċi Promozzjonali.

**2. AWTORIZZAZZJONI U OBBLIGI:** Inti b'dan tawtorizza u tagħti struzzjonijiet lil Apple biex tipprovdilek Kodiċijiet Promozzjonali fuq talba tiegħek, skont it-termini ta' dan id-Dokument Mehmuż Ċ, u Inti tieħu r-responsabbiltà sħiħa biex tiżgura li kwalunkwe membru tat-tim li jitlob tali kodiċijiet għandu jirrispetta t-termini ta' dan id-Dokument Mehmuż Ċ u Inti se tieħu r-responsabbiltà kollha biex tassigura l-liċenzji u l-permessi kollha meħtieġa relatati mal-użu tal-Kodiċijiet Promozzjonali u l-Applikazzjoni Liċenzjata, inkluż kwalunkwe użu minnek tal-ismijiet jew indizji oħra tal-Applikazzjoni Liċenzjata, jew ismijiet jew xebħ tal-persuna/i li jwettqu jew jidhru b'xi mod ieħor fl-Applikazzjoni Liċenzjata, fi kwalunkwe reklamar, marketing, jew materjal promozzjonali ieħor, f'kull tip ta' midja. Apple tirriżerva d-dritt li titlob u tirċievi kopji ta' tali liċenzji u permessi mingħandek, fi kwalunkwe mument, matul il-Perjodu Effettiv.

**3. L-EBDA ĦLAS:** Ħlief għall-obbligi tiegħek stipulati fit-Taqsima 10 ta' dan id-Dokument Mehmuż Ċ, m'intix obbligat li tħallas lil Apple xi kummissjoni għall-Kodiċijiet Promozzjonali.

**4. TWASSIL:** Fuq talba minnek permezz tal-għodda App Store Connect, Apple għandha tipprovdilek il-Kodiċijiet Promozzjonali elettronikament permezz tal-App Store Connect, email, jew metodu ieħor kif jista' jiġi indikat minn Apple.

**5. DATA TA' ATTIVAZZJONI TAL-KODIĊI PROMOZZJONALI:** Il-Kodiċijiet Promozzjonali se jsiru attivi għall-użu mid-Detenturi malli jaslu għandek.

**6. DATA TA' SKADENZA TAL-KODIĊI PROMOZZJONALI:** Il-Kodiċijiet Promozzjonali kollha mhux użati, kemm jekk applikati għal Kont ta' Apple jew le, jiskadu f'nofsillejl 11:59 PT fid-data li tiġi l-ewwel minn dawn li ġejjin: (a) id-data li tkun tmienja u għoxrin (28) jum wara t-twassil tal-Kodiċijiet Promozzjonali; jew (b) it-terminazzjoni tal-Ftehim.

**7. UŻU PERMESS:** Tista' tiddistribwixxi l-Kodiċijiet Promozzjonali sa dik id-data li tkun għaxart (10) ijiem kalendarji qabel id-Data ta' Skadenza tal-Kodiċi Promozzjonali għall-iskop uniku li toffri opportunitajiet tal-app għal reċensjoni mill-media jew skopijiet promozzjonali. Inti ma tistax tqassam il-Kodiċijiet Promozzjonali lid-Detenturi f'xi Territorju li fih m'intix permess li tbigħ jew tiddistribwixxi l-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek.

**8. MATERJALI ADDIZZJONALI:** Apple m'għandhiex tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' kwalunkwe materjal b'rabta mal-Kodiċijiet Promozzjonali għajr il-Kodiċijiet Promozzjonali nfushom.

**9. RAPPREŻENTAZZJONIJIET, GARANZIJI, U INDENNIFIKAZZJONI:** Inti tirrappreżenta u tiggarantixxi li: (i) Inti għandek fil-pussess tiegħek jew tikkontrolla d-drittijiet kollha meħtieġa biex tagħmel l-għoti ta' drittijiet, liċenzji u permessi elenkati fit-Taqsima 2, u li l-eżerċizzju ta' tali drittijiet, liċenzji u permessi m'għandux jikser jew imur kontra d-drittijiet ta' kwalunkwe parti terza, u (ii) kwalunkwe użu tal-Kodiċijiet Promozzjonali għandu jkun skont it-termini ta' dan id-Dokument Mehmuż Ċ u m'għandux jikser xi drittijiet ta' parti terza jew jikser xi liġijiet, direttivi, regoli u regolamenti applikabbli ta' kwalunkwe awtorità governattiva fit-Territorju jew xi mkien ieħor fid-dinja. Inti taqbel li tindennizza u żżomm lil Apple, lis-sussidjarji u l-affiljati tagħha (u d-diretturi, l-uffiċjali u l-impjegati rispettivi tagħhom) mingħajr ħsara mit-telf, l-obbligi, id-danni, jew l-ispejjeż kollha (inklużi l-miżati u l-ispejjeż raġonevoli tal-avukati) li jirriżultaw minn kwalunkwe klejm, talba, azzjonijiet, jew proċeduri oħra li jirriżultaw minn ksur tar-rappreżentazzjonijiet u garanziji stabbiliti f'din it-Taqsima, jew ksur ta' kwalunkwe terminu ieħor tal-Ftehim u din l-Iskeda 1.

**10. RINUNZJONI TAL-ĦLAS:** Inti b'dan tirrinunzja għal kwalunkwe dritt li tiġbor xi royalties, qligħ, jew rimunerazzjoni għad-distribuzzjoni u t-tniżżil tal-Applikazzjoni Liċenzjata permezz tal-Kodiċijiet Promozzjonali, irrispettivament minn jekk kwalunkwe rimunerazzjoni tkunx pagabbli taħt il-Ftehim, inkluż l-Iskeda 1 tiegħu, jekk applikabbli. Il-partijiet jirrikonoxxu li, bħal bejn Apple u bejnek, ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-partijiet għall-ħlas ta' kwalunkwe royalty jew pagameni simili ieħor lil partijiet terzi fir-rigward tad-distribuzzjoni u t-tniżżil tal-Applikazzjoni Liċenzjata permezz tal-Kodiċijiet Promozzjonali għandhom ikunu kif stipulati fil-Ftehim.

**11. TERMINI U KUNDIZZJONIJIET:** Inti taqbel ukoll mat-termini li ġejjin:

(a) M'għandekx tbigħ il-Kodiċijiet Promozzjonali jew taċċetta xi forma ta' ħlas, kummerċ bi tpartit, jew kumpens ieħor b'rabta mad-distribuzzjoni tal-Kodiċijiet Promozzjonali u Inti għandek tipprojbixxi lil partijiet terzi milli jagħmlu dan.

(b) Xejn f'dan id-Dokument Mehmuż Ċ m'għandu jġiegħel lill-partijiet isiru msieħba, imprendituri konġunti jew koproprjetarji, u lanqas kwalunkwe waħda mill-partijiet m'għandha tikkostitwixxi aġent, impjegat, jew rappreżentant tal-parti l-oħra, jew tagħti s-setgħa lill-parti l-oħra biex taġixxi għal, torbot, jew b'xi mod ieħor toħloq jew tassumi xi obbligu f'isimha, b'rabta ma' kwalunkwe tranżazzjoni taħt dan id-Dokument Mehmuż Ċ; dment li madankollu, xejn f'din it-Taqsima 11(b) m'għandu jaffettwa, ifixkel, jew jimmodifika xi waħda mid-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-Partijiet, inkluża r-relazzjoni ta' aġenzija jew ta' commissionaire bejniethom taħt Skedi 1, 2, u 3 tal-Ftehim.

(c) Għandek tiżvela b'mod prominenti kwalunkwe restrizzjoni tal-età għall-kontenut jew twissijiet meħtieġa legalment fit-Territorji u tiżgura li l-Kodiċijiet Promozzjonali huma mqassma biss lil persuni ta' età xierqa u konsistenti mal-klassifikazzjoni tal-App Store għall-Applikazzjoni Liċenzjata assoċjata.

(d) Għandek tmexxi lilek innifsek b'mod onest u etiku u m'għandek tagħmel l-ebda dikjarazzjoni, bil-fomm jew bil-miktub, jew tagħmel xi att jew tidħol f'xi attività li hija oxxena, illegali, jew

tinkoraġġixxi mġiba illegali jew perikoluża, jew li tista' tiddisprezza, tiddenigra, jew tkun ta' detriment għal Apple jew għan-negozju tagħha.

(e) Apple m'għandhiex tkun responsabbli biex tipprovdi kwalunkwe appoġġ tekniku jew appoġġ tal-klijenti lilek jew lid-Detenturi ta' livell ogħla minn dak li Apple tipprovdi lill-utenti standard jew ordinarji tal-App Store.

(f) Inti taqbel mat-Termini u l-Kundizzjonijiet addizzjonali tal-Kodiċijiet Promozzjonali mehmuża hawnhekk bħala Anness 1.

(g) GĦANDEK TINKLUDI T-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TA' DETENTUR TAR-REĠJUN KIF UKOLL ID-DATA TA' SKADENZA TAL-KODIĊI PROMOZZJONALI FUQ KWALUNKWE STRUMENT UŻAT BIEX TQASSAM IL-KODIĊI PROMOZZJONALI LID-DETENTURI (EŻ., ĊERTIFIKAT, KARD, EMAIL, EĊC). TISTA' TAĊĊESSA DIN L-INFORMAZZJONI LOKALIZZATA GĦAL KULL TERRITORJU META TITLOB IL-KODIĊIJIET PROMOZZJONALI FL-GĦODDA TAL-APP STORE CONNECT.

(h) Inti se tkun unikament responsabbli għall-użu tiegħek tal-Kodiċijiet Promozzjonali, inkluż kwalunkwe użu minn membri oħra tat-tim tiegħek tal-App Store Connect, u għal kwalunkwe telf jew responsabbiltà lejk jew lejn Apple li jirriżultaw minn hemm.

(i) Fil-każ li l-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek titneħħa mill-App Store għal kwalunkwe raġuni, Inti taqbel li twaqqaf id-distribuzzjoni tal-Kodiċijiet Promozzjonali u li Apple tista' tiddiżattiva tali Kodiċijiet Promozzjonali.

(j) Inti taqbel li Apple għandha jkollha d-dritt li tiddiżattiva l-Kodiċijiet Promozzjonali, anki jekk diġà kkonsenjati lid-Detenturi, fil-każ li Inti tikser xi wieħed mit-termini ta' dan id-Dokument Mehmuż Ċ, il-Ftehim, jew Skedi 1, 2, jew 3 tagħha.

(k) Tista' tqassam il-Kodiċijiet Promozzjonali fit-Territorji, iżda taqbel li m'għandek tesporta l-ebda Kodiċi Promozzjonali għall-użu barra mit-Territorji u lanqas tirrappreżenta li għandek id-dritt jew il-ħila li tagħmel dan. Ir-riskju ta' telf u trasferiment tat-titolu għall-Kodiċijiet Promozzjonali jgħaddi lilek meta jiġu mwassla għandek fl-App Store Connect permezz ta' email, jew metodu ieħor ipprovdut minn Apple.

**12. TRADEMARKS TA' APPLE:** L-użu tiegħek tat-trademarks ta' Apple b'konnessjoni mal-Kodiċijiet Promozzjonali huwa limitat biss għal "iTunes" u "App Store" (il-"Marki") soġġett għal dawn li ġejjin u għal kwalunkwe linji gwida addizzjonali li Apple tista' toħroġ minn żmien għal żmien:

(a) Tista' tuża l-Marki biss matul il-Perjodu Effettiv

(b) Għandek tissottometti kwalunkwe materjal ta' reklamar, marketing, promozzjonali jew ieħor, fi kwalunkwe u f'kull mezz li issa huwa magħruf jew ivvintat minn hawn 'il quddiem, li jinkorpora l-Marki lil Apple qabel l-użu għall-approvazzjoni bil-miktub. Kwalunkwe materjal bħal dan mhux espressament approvat bil-miktub minn Apple għandu jitqies bħala diżapprovat minn Apple.

(c) Tista' tuża l-Marki biss b'mod referenzjali u ma tistax tuża l-Marki bħala l-aktar element viżwali prominenti fi kwalunkwe materjal. L-isem tal-kumpanija, it-trademark(s), jew il-marka/i tas-servizz tiegħek għandhom ikunu ikbar b'mod sinifikanti minn kull referenza lejn il-Marki.

(d) Ma tistax tissuġġerixxi direttament jew indirettament l-isponsorizzazzjoni, l-affiljazzjoni jew l-approvazzjoni ta' Apple għalik, għall-Applikazzjonijiet Liċenzjati tiegħek, jew għal kwalunkwe attività promozzjonali li għaliha qed titlob il-Kodiċijiet Promozzjonali.

(e) Inti tirrikonoxxi li l-Marki huma l-proprjetà esklussiva ta' Apple u taqbel li ma tagħmel klejm għall-ebda dritt, titolu, jew interess fil-Marki jew għalihom, jew fi kwalunkwe mument tikkontesta jew tattakka d-drittijiet ta' Apple fir-rigward tal-Marki. Kwalunkwe rieda tajba li tirriżulta mill-użu tiegħek tal-Marki għandha tkun biss għall-benefiċċju ta' Apple u m'għandha toħloq ebda dritt, titolu jew interess għalik fir-rigward tal-Marki.

**13. LIĠI LI TIRREGOLA DAN:** Kwalunkwe litigazzjoni jew riżoluzzjoni oħra ta' tilwima bejnek u bejn Apple li tirriżulta minn jew li għandha x'taqsam ma' dan id-Dokument Mehmuż Ċ jew ma' fatti relatati magħha għandhom ikunu rregolati mit-Taqsima 14.10 tal-Ftehim.

# Anness 1

### (għad-Dokument Mehmuż Ċ ta' Skeda 1)

## Termini u Kundizzjonijiet tal-Kodiċijiet Promozzjonali tal-App Store

1. Il-Kodiċijiet Promozzjonali kollha mibgħuta skont dan id-Dokument Mehmuż Ċ, kemm jekk applikati għal kont tal-App Store jew le, jiskadu kif indikat f'dan id-Dokument Mehmuż Ċ.

2. Kodiċijiet Promozzjonali, u bilanċi mhux użati, ma jistgħux jinfdew għal flus kontanti u ma jistgħux jiġu rritornati għal rifużjoni fi flus kontanti, skambjati, jew użati biex jixtru xi merkanzija oħra, jew jipprovdu flus jew Rigali ta' iTunes jew tal-App Store mingħandek jew mid-Detentur. Dan jinkludi Kodiċijiet Promozzjonali li jkunu skadew bla ma ntużaw.

3. Il-Kodiċijiet Promozzjonali jistgħu jinfdew biss permezz tal-App Store fit-Territorju, miftuħ biss għal persuni fit-Territorju b'Kont ta' Apple validu. Mhux il-prodotti kollha tal-App Store jistgħu jkunu disponibbli fit-Territorji kollha. Huma meħtieġa aċċess għall-Internet (jistgħu japplikaw xi tariffi), l-aħħar verżjoni tas-software ta' Apple, u software u hardware kompatibbli.

4. Aċċess għal kif ukoll użu ta' Kodiċijiet Promozzjonali fuq, jew xiri minn, u użu ta' prodotti mixtrija minn fuq l-App Store huma soġġetti għall-aċċettazzjoni tat-Termini tas-Servizz tiegħu ppreżentati fil-ħin li qed jiġu mifdija jew li qed jinxtraw, u li wieħed jista' jsibhom fuq https://www.apple.com/legal/internet-services/itunes/ww/.

5. Kodiċijiet Promozzjonali se jitqiegħdu fil-Kont ta' Apple applikabbli tad-Detentur u mhumiex trasferibbli.

6. Jekk ordni ta' Detentur taqbeż l-ammont disponibbli fuq il-Kodiċijiet Promozzjonali, id-Detentur għandu jistabbilixxi Kont ta' Apple u jħallas għall-bilanċ b'karta ta' kreditu.

7. Ħlief kif iddikjarat mod ieħor, il-ġbir u l-użu tad-dejta huma soġġetti għall-Politika ta' Privatezza ta' Apple, li tista' tinstab fuq https://www.apple.com/legal/privacy.

8. Apple mhix responsabbli għal Kodiċijiet Promozzjonali mitlufa jew misruqa. Jekk id-Detenturi għandhom xi mistoqsijiet, jistgħu jżuru l-Għajnuna ta' Apple fuq https://support.apple.com/billing.

9. Apple tirriżerva d-dritt li tagħlaq il-kontijiet tad-Detentur u titlob forom alternattivi ta' ħlas jekk il-Kodiċijiet Promozzjonali jinkisbu jew jintużaw b'mod frodulenti fuq l-App Store.

10. APPLE U D-DETENTURI TAL-LIĊENZJI, L-AFFILJATI, U L-LICENZJATURI TAGĦHA MA JAGĦMLU L-EBDA GARANZIJI, ESPRESSI JEW IMPLICITI, FIR-RIGWARD TA' KODIĊIJIET PROMOZZJONALI JEW TAL-APP STORE, INKLUŻ MINGĦAJR LIMITAZZJONI, KWALUNKWE GARANZIJA ESPRESSA JEW IMPLIĊITA TA' KUMMERĊJABBILITÀ JEW ADEGWATEZZA GĦAL XI SKOP PARTIKOLARI. FIL-KAŻ LI KODIĊI PROMOZZJONALI MA JKUNX JAĦDEM, L-UNIKA RIMEDJU TAD-DETENTUR JEW TAL-KUMPANIJA, U L-UNIKA RESPONSABBILTÀ TA' APPLE, GĦANDHA TKUN IS-SOSTITUZZJONI TA' TALI KODIĊI PROMOZZJONALI. DAWN IL-LIMITAZZJONIJIET JISTGĦU MA JAPPLIKAWX. ĊERTI LIĠIJIET LOKALI U TERRITORJALI MA JIPPERMETTUX LIMITAZZJONIJIET FUQ GARANZIJI IMPLIĊITI JEW L-ESKLUŻJONI JEW IL-LIMITAZZJONI TA' ĊERTI DANNI. JEKK JAPPLIKAW DAWN IL-LIĠIJIET, XI WĦUD MIĊ-ĊAĦDIET, MILL-ESKLUŻJONIJIET JEW MIL-LIMITAZZJONIJIET TA' HAWN FUQ JEW KOLLHA KEMM HUMA MA JAPPLIKAWX, U INT JEW ID-DETENTUR JISTA' JKOLLKOM DRITTIJIET ADDIZZJONALI.

11. Apple tirriżerva d-dritt li tbiddel kwalunkwe mit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness 1 minn żmien għal żmien mingħajr avviż.

12. Kwalunkwe parti minn dawn it-termini u l-kundizzjonijiet tista' tkun nulla fejn projbit jew ristrett mil-liġi.

# DOKUMENT MEHMUŻ D
**(ma' Skeda 1)**
## Termini Addizzjonali ta' App Store

**1. Skoperta fuq l-App Store:** Il-possibbiltà tas-sejbien tal-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek fl-App Store tiddependi minn diversi fatturi, u Apple m'għandha l-ebda obbligu li turi, iġġib, jew tikklassifika l-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek b'xi mod jew f'xi ordni partikolari fl-App Store.

(a) Il-parametri ewlenin użati għall-klassifikazzjoni u l-iskoperta tal-app huma r-rilevanza tat-test, bħall-użu ta' titlu preċiż, iż-żieda ta' kliem ewlieni/metadata rilevanti, u l-għażla ta' kategoriji deskrittivi fl-Applikazzjoni Liċenzjata; imġiba tal-klijenti relatata man-numru u l-kwalità ta' klassifikazzjonijiet u reċensjonijiet u t-tniżżil tal-applikazzjonijiet; id-data tat-tnedija fl-App Store tista' tiġi kkunsidrata wkoll għal tfittxijiet rilevanti; u jekk Inti ksirtx xi regoli promulgati minn Apple. Dawn il-parametri ewlenin jagħtu r-riżultati l-aktar rilevanti għall-mistoqsijiet tat-tiftix tal-klijenti.

(b) Meta jikkunsidraw apps biex jidhru fl-App Store, l-edituri tagħna jfittxu apps ta' kwalità għolja fil-kategoriji kollha, b'fokus partikolari fuq apps ġodda u apps b'aġġornamenti sinifikanti. Il-parametri ewlenin li l-edituri tagħna jqisu huma d-disinn tal-UI, l-esperjenza tal-utent, l-innovazzjoni u l-uniċità, il-lokalizzazzjonijiet, l-aċċessibilità, l-iscreenshots tal-paġna tal-prodott tal-App Store, il-previżjonijiet tal-app, u d-deskrizzjonijiet; u barra minn hekk, għal-logħob, il-gameplay, il-grafika u l-prestazzjoni, l-awdjo, kemm ikunu tajbin in-narrattiva u l-istorja, il-potenzjal li wieħed jerġa' jilgħab il-logħba, u l-kontrolli tal-logħba. Dawn il-parametri ewlenin juru apps ta' kwalità għolja, imfassla tajjeb u innovattivi.

(c) Jekk tuża servizz ta' Apple għall-promozzjoni mħallsa tal-app tiegħek fuq l-App Store, l-app tiegħek tista' tiġi ppreżentata f'post promozzjonali u ddeżinjata bħala kontenut ta' reklamar.

Biex issir taf aktar dwar l-iskoperta tal-app, żur https://developer.apple.com/app-store/discoverability/.

**2. Aċċess għad-Dejta tal-App Store**

Tista' taċċessa dejta li tikkonċerna l-prestazzjoni finanzjarja tal-Applikazzjoni Liċenzjata tiegħek u l-involviment tal-utent f'App Store Connect billi tuża l-Analitika tal-App, Bejgħ u Xejriet, u Pagamenti u Rapporti Finanzjarji. Speċifikament, tista' tikseb ir-riżultati finanzjarji kollha tal-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek għal bejgħ ta' apps individwali u xiri fi ħdan l-app (inklużi abbonamenti) f'Bejgħ u Xejriet, jew tniżżel id-dejta mir-Rapporti Finanzjarji; u tista' tara l-Analitika tal-App għal dejta mhux identifikabbli personalment li tippermettilek tifhem kif il-konsumaturi jinteraġixxu mal-Applikazzjonijiet Liċenzjati Tiegħek. Tista' ssib aktar informazzjoni fuq https://developer.apple.com/app-store/measuring-app-performance/. Id-dejta tal-Analitika tal-App hija pprovduta biss bil-kunsens tal-klijenti tagħna. Għal aktar informazzjoni, ara https://developer.apple.com/app-store-connect/analytics/. Apple ma tagħtikx aċċess għal dejta personali jew dejta oħra pprovduta minn jew iġġenerata permezz tal-użu tal-App Store minn żviluppaturi oħra; Apple lanqas ma tipprovdi lill-iżviluppaturi oħra aċċess għal dejta personali jew dejta oħra pprovduta minn jew iġġenerata permezz tal-użu Tiegħek tal-App Store. Tali kondiviżjoni tad-dejta tkun f'kunflitt mal-Politika ta' Privatezza ta' Apple, u mal-aspettattivi tal-klijenti tagħna dwar kif Apple tittratta d-dejta tagħhom. Tista' tfittex li tiġbor informazzjoni mingħand il-klijenti direttament, sakemm tali informazzjoni tinġabar b'mod legali, u Inti ssegwi l-Linji Gwida ta' Rieżami tal-Apps.

Apple tittratta informazzjoni personali u mhux personali kif deskritt fil-Politika ta' Privatezza ta' Apple. Tista' ssib informazzjoni dwar l-aċċess ta' Apple għad-dejta tal-iżviluppaturi u tal-klijenti u dwar il-prattiki tagħha fir-rigward ta' dik id-dejta f'"App Store & Privacy," aċċessibbli fuq https://www.apple.com/legal/privacy/data/en/app-store/. Apple tista' tipprovdi xi informazzjoni mhux personali lil imsieħba strateġiċi li jaħdmu ma' Apple biex jipprovdu l-prodotti u s-servizzi

tagħna, jgħinu lil Apple tikkummerċjalizza l-prodotti mal-klijenti, u jbigħu reklami f'isem Apple biex jintwerew fl-App Store u f'Apple News and Stocks. Imsieħba bħal dawn huma obbligati li jipproteġu dik l-informazzjoni u jistgħu jkunu jinsabu kull fejn topera Apple.

## 3. Għażliet ta' Rimedju Skont ir-Regolamenti P2B u DSA

Għall-Iżviluppaturi stabbiliti fi, u li joffru prodotti jew servizzi lil klijenti li jinsabu fl-Unjoni Ewropea u li huma soġġetti għar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jew id-DSA), aktar informazzjoni dwar għażliet ta' rimedju li huma disponibbli għalik b'rabta ma' azzjoni li Apple tkun ħadet kontrik, pereżempju t-terminazzjoni tal-kont tal-iżviluppatur Tiegħek jew it-tneħħija tal-app Tiegħek mill-App Store, hija disponibbli hawnhekk: https://www.apple.com/legal/dsa/redress-options.

Żviluppaturi stabbiliti fi, u li joffru prodotti jew servizzi lil klijenti li jinsabu f'reġjun soġġett għal regolament dwar il-pjattaformi u n-negozji ("Regolament P2B") bħar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jistgħu jissottomettu l-ilmenti skont it-tali Regolament P2B relatati mal-kwistjonijiet li ġejjin fuq https://developer.apple.com/contact/p2b/: (a) L-allegat nuqqas ta' konformità ta' Apple ma' kwalunkwe obbligu stipulat fir-Regolament P2B li jaffettwak fir-reġjun li fih tkun stabbilit; (b) problemi teknoloġiċi li jaffettwawk u li jirrelataw direttament mad-distribuzzjoni tal-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek fuq l-App Store fir-reġjun fejn Inti stabbilit; jew (c) miżuri meħuda minn jew imġiba ta' Apple li jaffettwawk u li għandhom x'jaqsmu direttament mad-distribuzzjoni tal-Applikazzjoni Liċenzjata Tiegħek fuq l-App Store fir-reġjun fejn Inti stabbilit. Apple se tikkunsidra u tipproċessa tali lmenti u tikkomunikalek ir-riżultat.

Għal Żviluppaturi stabbiliti fi, u li joffru prodotti jew servizzi lil klijenti li jinsabu fl-Unjoni Ewropea, Apple tidentifika l-bord li ġej ta' medjaturi li magħhom Apple hija lesta li tinvolvi ruħha biex tipprova tilħaq ftehim ma' żviluppaturi stabbiliti fi, u li joffru prodotti jew servizzi lil klijenti li jinsabu fl-Unjoni Ewropea, dwar is-soluzzjoni, barra mill-qorti, ta' kwalunkwe kwistjoni bejnek u bejn Apple li tinqala' b'rabta mal-proviżjoni tas-servizzi tal-App Store ikkonċernati, inkluż ilmenti li ma setgħux jiġu solvuti permezz tas-sistema tagħna għall-immaniġġjar tal-ilmenti:

Centre for Effective Dispute Resolution
P2B Panel of Mediators
70 Fleet Street
London
EC4Y 1EU
Ir-Renju Unit
https://www.cedr.com/p2bmediation/

LYL238
It-12 ta' Marzu, 2026